# Kif tinforza deċiżjoni ta’ qorti

Meta Qorti tkun involuta fir-riżoluzzjoni ta' tilwima, jeħtieġ li jittieħdu żewġ passi fl-aħħar tal-proċess. L-ewwel, il-Qorti għandha tagħti s-sentenza u mbagħad is-sentenza għandha tiġi eżegwita fil-prattika.

Sabiex iġġiegħel lill-parti l-oħra (il-konvenut jew id-debitur tiegħek) jikkonforma mas-sentenza kontriha (pereżempju biex tħallas), ikollok tirrikorri għand l-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni. Huma biss għandhom is-setgħa li jġiegħlu lid-debitur iħallas, billi jirrikorru għand il-forzi tal-liġi u tal-ordni jekk dan ikun meħtieġ.

Skont ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) li jirrigwarda r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet transkonfinali, jekk għandek sentenza eżekutorja mogħtija fl-Unjoni Ewropea, tista' tmur għand l-awtoritajiet eżekutorji fi Stat Membru ieħor fejn pereżempju d-debitur għandu l-assi mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura intermedjarja (ir-Regolament jabbolixxi l-proċedura ta' "exequatur"). Id-debitur li kontrih int qed titlob l-eżekuzzjoni jista’ jitlob lill-qorti r-rifużjoni ta’ eżekuzzjoni. L-ismijiet u l-lokalità ta’ dawk il-qrati kompetenti u l-qrati għal appelli ulterjuri huma pprovduti hawnhekk.

L-għan tal-eżekuzzjoni huwa ġeneralment biex jiġu rkuprati somom ta' flus, iżda jista’ wkoll ikun biex jiġi eżegwit xi dmir ieħor (id-dmir li tagħmel jew tastjeni milli tagħmel xi ħaġa, bħalma huma l-fornitura ta' merkanzija jew it-tlestija ta’ xi xogħlijiet jew li wieħed jastjeni milli jidħol fil-proprjetà ta' ħaddieħor).

Jistgħu jintużaw proċeduri Ewropej differenti (bħalma huwa l-Ordni ta' Ħlas Ewropew, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ) fil-każijiet ċivili transkonfinali, iżda fil-każijiet kollha, sentenza għandha tiġi eżegwita f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni (is-soltu fejn id-debitur jkollu l-assi tiegħu).

Fil-prattika, jeħtieġ li jkollok dokument eżegwibbli (sentenza tal-qorti jew att) jekk tixtieq tapplika għall-eżekuzzjoni. Il-proċeduri ta' eżekuzzjoni u l-awtoritajiet li jistgħu jipproċessawhom (il-qrati, l-aġenziji tal-ġbir tad-debiti u l-bailiffs) jiġu deċiżi permezz tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru meta tiġi mitluba l-eżekuzzjoni.

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Belġju

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Jekk debitur jonqos milli jikkonforma b'mod volontarju ma' sentenza, ir-rikorrent jista' jinforza l-konformità permezz tal-qrati; dan huwa magħruf bħala eżekuzzjoni obbligatorja. Dan jeħtieġ titolu li jkun eżekwibbli (l-Artikolu 1386 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), għaliex jinvolvi l-intrużjoni fl-isfera legali personali tad-debitur. Dan it-titolu normalment ikun sentenza jew att notarili. B'rispett għall-privatezza tad-debitur, it-titolu jista' ma jkunx eżekwibbli f'ċerti żminijiet (l-Artikolu 1387 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). It-titolu jiġi eżegwit minn uffiċjal ġudizzjarju.

L-eżekuzzjoni obbligatorja normalment tintuża biex jiġu rkuprati l-flus, iżda tista' tiġi applikata biex jiġi infurzat it-twettiq ta' att, jew jibqa' lura milli jitwettaq.

Aspett importanti ieħor huwa l-ħlas tal-penali (l-Artikolu 1385a tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Dan huwa mezz kif issir pressjoni fuq il-persuna misjuba ħatja sabiex tiġi mħeġġa l-konformità ma' sentenza. Il-ħlas ta' penali ma jistax, madankollu, jiġi impost f'ċerti każijiet: meta l-persuna tkun ġiet ordnata tħallas somma flus jew tikkonforma ma' kuntratt ta' impjieg u meta jkun inkompatibbli mad-dinjità tal-bniedem. Il-ħlas ta' penali huwa infurzat fuq il-bażi tat-titolu li jipprovdi għalih u għalhekk mhuwa meħtieġ l-ebda titolu ulterjuri.

Fil-każ ta' persuna ordnata tħallas somma flus, it-talba hija infurzata kontra l-assi tad-debitur u hija magħrufa bħala ordni ta' sekwestru. Issir distinzjoni bejn it-tip ta' beni sekwestrati (mobbli jew immobbli) u n-natura tas-sekwestru (sekwestru kawtelatorju u sekwestru bħala eżekuzzjoni ta' sentenza). Is-sekwestru kawtelatorju jintuża f'każijiet ta' emerġenza biex il-beni jitqiegħdu taħt il-protezzjoni tal-qorti: is-sitwazzjoni tiġi ffriżata sabiex tissalvagwardja kwalunkwe eżekuzzjoni sussegwenti. Is-sekwestrat ma jkollux aktar kontroll fuq il-beni u ma jistax ibigħhom jew jagħtihom lil ħaddieħor. Meta l-beni tad-debitur jiġu sekwestrati f'eżekuzzjoni ta' sentenza, dawn jinbiegħu u r-rikavat jingħata lir-rikorrent. Ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt għall-beni sekwestrati nfushom, iżda biss għar-rikavat mill-bejgħ tagħhom.

Barra minn hekk, mal-applikazzjoni tal-Artikolu 1445 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju, hemm ukoll l-ordni ta' sekwestru (ara hawn taħt).

Minbarra s-sekwestru kawtelatorju normali u s-sekwestru f'eżekuzzjoni ta' proprjetà mobbli u immobbli, hemm ukoll regoli speċjali għal sekwestru ta' vapuri (l-Artikoli 1467 sa 1480 u l-Artikoli 1545 sa 1559 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), żgombru (l-Artikolu 1461 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), rkupru (l-Artikoli 1462 sa 1466 tal-Kodiċi Ġudizzjarju) u s-sekwestru ta' frott u għelejjel mhux maħsuda (l-Artikoli 1529 sa 1538 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Fil-kumplament ta' dan id-dokument, sejrin nikkonċentraw biss fuq sekwestru normali.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Uffiċjali ġudizzjarji u mħallfin ta' ordnijiet ta' sekwestru. Dawn tal-aħħar huma kompetenti biex jiddeċiedu f'tilwim relatat mal-eżekuzzjoni.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

#### 3.1 Il-proċedura

2.1.1. Sekwestru kawtelatorju

Għal sekwestru kawtelatorju, fil-prinċipju huwa meħtieġ il-permess tal-imħallef tas sekwestri kawtelatorji u jrid ikun hemm raġunijiet ta' urġenza (l-Artikolu 1413 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-awtorizzazzjoni għandha tintalab permezz ta' rikors *ex parte* (l-Artikolu 1417 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-istess rikors ma jistax jintuża simultanjament għal sekwestru kawtelatorju ta' proprjetà mobbli u immobbli. Għal sekwestru ta' proprjetà immobbli, fi kwalunkwe każ dejjem hija meħtieġa talba separata.

L-imħallef ta' sekwestru għandu jieħu deċiżjoni mhux aktar tard minn tmint ijiem mit-tressiq tar-rikors (l-Artikolu 1418 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-imħallef jista' jiddeċiedi li jirrifjuta l-permess jew li jagħtih b'mod sħiħ jew parzjalment lir-rikorrent. Id-deċiżjoni tal-imħallef ta' sekwestru trid tiġi nnotifikata lid-debitur. Id-deċiżjoni tinħareġ lill-uffiċjal ġudizzjarju, li mbagħad jieħu l-passi meħtieġa biex jinnotifikaha.

Hemm eċċezzjoni importanti waħda għal din ir-regola, fejn il-permess tal-imħallef ta' sekwestru mhux meħtieġ: kull sentenza tikkostitwixxi awtorizzazzjoni biex jiġi impost sekwestru kawtelatorju fir-rigward tas-sentenzi mogħtija (l-Artikolu 1414 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Hawnhekk, ukoll, trid tkun kwistjoni ta' urġenza. Is-sentenza sempliċiment trid tiġi mgħoddija lill-uffiċjal ġudizzjarju, li jieħu l-passi meħtieġa biex jissekwestra l-beni.

Is-sekwestru kawtelatorju jista' jinbidel f'sekwestru fl-eżekuzzjoni (l-Artikoli 1489 sa 1493 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

2.1.2. Ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza

A. Ġenerali

L-ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza tista' titwettaq biss taħt titolu li jkun infurzabbli (l-Artikolu 1494 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Is-sentenzi u l-atti jistgħu jkunu infurzabbli biss bil-preżentazzjoni ta' kopja attestata jew l-oriġinali, akkompanjata mill-formola normattiva stabbilita b'Digriet Irjali.
Is-sentenza tal-qorti tiġi nnotifikata lill-imputat minn qabel (l-Artikolu 1495 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Jekk it-titolu li jkun infurzabbli huwa sentenza, in-notifika minn qabel hija obbligatorja f'kwalunkwe każ, li jiġi nnotifikat id-debitur. Jekk it-titolu li jkun infurzabbli huwa att, madankollu, mhuwiex meħtieġ, għaliex id-debitur diġà jkun jaf bit-titolu. Il-perjodi permessi għar-reviżjoni jew għall-bidu tal-appell meta s-sentenza tiġi nnotifikata. Il-perjodi tal-appell għandhom l-effett li jissospendu l-ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza (imma mhux sekwestru kawtelatorju) f'każijiet fejn il-parti tkun ġiet ordnata tħallas somma flus. L-eżekuzzjoni provviżorja (sentenza li tkun provviżorjament infurzabbli) tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-effett sospensiv tal-proċeduri tar-reviżjoni jew tal-appell ordinarji.
It-tieni stadju fl-isforzi tar-rikorrent li jinforza l-bejgħ tal-proprjetà huwa l-ordni ta' ħlas (l-Artikolu 1499 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Dan huwa l-ewwel att ta' eżekuzzjoni u l-aħħar twissija għad-debitur, li jkun għadu jista' jevita l-ordni ta' sekwestru f'dan l-istadju. Hemm perjodu ta' stennija wara li tkun inħarġet l-ordni ta' ħlas ta' ġurnata għal ordni ta' sekwestru ta' proprjetà mobbli (l-Artikolu 1499 tal-Kodiċi Ġudizzjarju) u ta' 15-il jum għal proprjetà immobbli (l-Artikolu 1566 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-ordni trid tiġi nnotifikata lid-debitur u tikkostitwixxi avviż ta' ksur u talba għall-ħlas. L-eżekuzzjoni obbligatorja tista' sservi biss biex tirkupra l-ammonti ddikjarati fl-ordni ta' ħlas.
Fl-aħħar tal-perjodu ta' stennija, il-beni jistgħu jiġu ssekwestrati. Dan isir permezz ta' taħrika tal-uffiċjal ġudizzjarju. L-eżekuzzjoni għalhekk issir permezz tal-intermedjarju ta' uffiċjal kompetenti. Dan l-uffiċjal huwa meqjus bħala l-aġent tar-rikorrent; il-funzjoni tiegħu hija stabbilita bil-liġi u huwa jopera taħt superviżjoni ġudizzjarja. Huwa għandu responsabbiltà kuntrattwali lejn ir-rikorrent u responsabbiltà mhux kuntrattwali lejn partijiet terzi (taħt il-liġi u għal raġunijiet ta' ksur tal-obbligu ġenerali ta' diliġenza).
Fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, l-uffiċjal ġudizzjarju jibgħat avviż tal-ordni ta' sekwestru lir-Reġistru Ċentrali tal-avviżi tal-ordnijiet ta' sekwestru, delegazzjoni, ċessjoni, ħlas kollettiv ta' dejn u oġġezzjonijiet (*Centraal Bestand van berichten van beslag, delegatie, overdracht en collectieve schuldenregeling en van protest*) (l-Artikolu 1390, l-§1, tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-avviż huwa obbligatorju għal ordni ta' sekwestru kemm ta' beni mobbli kif ukoll ta' dawk immobbli. Mhux possibbli li titwettaq kwalunkwe ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza jew proċedura għall-qsim tar-rikavat mingħajr l-ewwel ma jiġu kkonsultati l-avviżi ta' ordni ta' sekwestru fir-Reġistru Ċentrali tal-Avviżi (l-Artikolu 1391, l-§2, tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din ir-regola ġiet introdotta biex jiġu evitati ordnijiet ta' sekwestru bla bżonn u biex tiġi rinfurzata d-dimensjoni kollettiva tal-ordni ta' sekwestru.
B. Sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza: beni mobbli
L-ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza fuq beni mobbli teħtieġ ordni ta' ħlas, li d-debitur għandu d-dritt li jopponi. Is-sekwestru jitwettaq permezz ta' taħrika tal-uffiċjal ġudizzjarju u fl-ewwel istanza hija miżura ta' prekawzjoni: il-beni ma jitteħdux u ma jkunx hemm tibdil fis-sjieda u l-użu tagħhom. Huwa possibbli wkoll li jiġu ssekwestrati beni f'post li mhuwiex id-dar tad-debitur u fuq il-post ta' parti terza.
Fil-każ ta' beni mobbli, l-ordni ta' sekwestru mhix limitata għal proċedura unika biss, imma virtwalment huwa inutli li titqiegħed it-tieni ordni ta' sekwestru fuq l-istess beni, meta jitqiesu l-ispejjeż involuti. Rigward id-diviżjoni proporzjonali tar-rikavat mill-bejgħ tal-beni tad-debitur, ir-rikorrenti barra minn dak li jkun wettaq l-ordni ta' sekwestru jkunu involuti (l-Artikolu 1627 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju).
Se jitfassal rapport uffiċjali tal-ordni ta' sekwestru. Il-beni ssekwestrati jinbiegħu l-aktar kmieni xahar wara li tiġi nnotifikata l-kopja tar-rapport uffiċjali tal-ordni ta' sekwestru. Dan id-dewmien huwa maħsub biex jagħti lid-debitur opportunità finali biex jevita l-bejgħ. Il-bejgħ irid jiġi reklamat lill-pubbliku permezz ta' posters u avviżi fil-gazzetti. Dan isir f'kamra tal-irkant jew f'suq pubbliku, sakemm ma ssirx talba għal post ieħor aktar xieraq. Jitwettaq minn uffiċjal ġudizzjarju, li jikteb rapport uffiċjali u jiġbor ir-rikavat mill-bejgħ. Fi żmien 15-il jum, l-uffiċjal ġudizzjarju jaqsam ir-rikavat proporzjonalment (l-Artikolu 1627 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din il-proċedura normalment issir bonarjament, iżda fin-nuqqas ta' dan, il-kwistjoni titressaq quddiem l-imħallef tal-ordnijiet ta' sekwestru.
C. L-ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza: beni immobbli (l-Artikoli 1560 sa 1626 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)
L-eżekuzzjoni tibda bin-notifika tal-ordni ta' ħlas.
L-ordni ta' sekwestru mbagħad titwettaq l-aktar kmieni 15-il jum u mhux aktar tard minn sitt xhur wara, u fin-nuqqas ta' dan l-ordni ma tibqax legalment valida. It-taħrika tal-ordni ta' sekwestru trid imbagħad tiġi traskritta fir-rekords tar-reġistru ipotekarju fi żmien 15-il jum u tiġi nnotifikata fi żmien sitt xhur. L-att tat-traskrizzjoni tat-taħrika jagħmel il-proprjetà mhux disponibbli u jkun validu għal massimu ta' sitt xhur. In-nuqqas li tiġi traskritta t-taħrika jagħmel l-ordni ta' sekwestru invalida. Fil-każ tal-proprjetà immobbli, b'differenza għall-proprjetà mobbli, japplika l-prinċipju ta' ordni ta' sekwestru unika biss (il-proprjetà li tkun ġiet sekwestrata darba ma tistax tiġi sekwestrata għat-tieni darba).
L-aħħar pass ikun rikors lill-imħallef ta' sekwestru biex jaħtar nutar biex jieħu ħsieb il-bejgħ tal-beni u t-tlaqqigħ tal-krendituri. Id-debitur jista' jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-imħallef ta' sekwestru kontra l-azzjonijiet tan-nutar maħtur. Ir-regoli dettaljati dwar il-bejgħ tal-beni huma stabbiliti b'mod ċar bil-liġi (ara l-Artikoli 1582 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Il-bejgħ huwa normalment pubbliku, iżda fuq l-inizjattiva tal-imħallef jew fuq talba tar-rikorrent li jsir is-sekwestru huwa possibbli li jsir bejgħ privat. Ir-rikavat mill-bejgħ imbagħad jinqasam bejn il-krendituri differenti skont l-ordni ta' prijorità maqbula (tlaqqigħ) (ara l-Artikoli 1639 sa 1654 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). It-tilwim dwar it-tlaqqigħ tal-krendituri jiġi mgħoddi lill-imħallef tas-sekwestru.
2.1.3. Sekwestru (Garnishment)
Garnishment huwa s-sekwestru ta' pretensjonijiet li d-debitur għandu mingħand parti terza (eż. għal qligħ mingħand l-impjegatur tiegħu). Din il-parti terza hija għalhekk id-debitur sekondarju tar-rikorrent li qed jagħmel is-sekwestru. Garnishment (*beslag onder derden*) mhuwiex l-istess bħal sekwestru ta' beni li jappartjenu għad-debitur iżda li jinsabu fuq il-post ta' parti terza (*beslag bij derden*).
It-talba li tikkostitwixxi r-raġunijiet għal sekwestru hija t-talba tal-kreditur tal-ordni ta' sekwestru fuq id-debitur sekwestrat. It-talba li hija ssekwestrata hija t-talba li s-sekwestrat għandu fuq parti terza / debitur sekondarju.
Ir-regoli dettaljati dwar il-garnishment jinsabu fl-Artikoli 1445 sa 1460 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (sekwestru kawtelatorju) u fl-Artikoli 1539 sa 1544 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza).
2.1.4. Spejjeż
Minbarra l-ispejjeż legali, ikun hemm l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju biex jitqiesu f'każijiet ta' ordni ta' sekwestru. It-tariffi għas-servizzi uffiċjali tal-uffiċjal ġudizzjarju huma stabbiliti fid-Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 1976 li jistabbilixxi r-rati għal atti ta' uffiċjali ġudizzjarji u kwistjonijiet kummerċjali u r-rata għal ċerti ħlasijiet addizzjonali (*Koninklijk Besluit van 30 november 1976 tot vaststelling van het tarief voor akten van gerechtsdeurwaarders in burgerlijke en handelszaken en van het tarief van sommige toelagen*) (ara l-Ġustizzja Federali għas-Servizz Pubbliku (*Service public fédérale Justice*/*Federale Overheidsdienst Justitie*)).
**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**
A. Sekwestru kawtelatorju
Kwalunkwe rikorrent b'talba li turi ċerti karatteristiċi jista' jeżerċita sekwestru kawtelatorju, irrispettivament mill-valur tal-beni ssekwestrati u l-ammont tat-talba (ara l-Artikolu 1413 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).
L-ewwel prekundizzjoni għal din it-tip ta' ordni ta' sekwestru hija l-urġenza: is-solvenza tad-debitur trid tkun fil-periklu, bir-riżultat li l-bejgħ sussegwenti tal-assi jkun ipperikolat. Id-deċiżjoni dwar jekk din il-kundizzjoni hijiex issodisfata tittieħed mill-qorti fuq il-bażi tal-kriterji oġġettivi. Irid ikun hemm urġenza, mhux biss

fil-ħin li ssir l-ordni ta' sekwestru, iżda wkoll meta ssir valutazzjoni tal-ħtieġa li titkompla l-ordni ta' sekwestru. Hemm ftit eċċezzjonijiet għal din il-kundizzjoni: ordni ta' sekwestru fil-każ ta' falsifikazzjoni, ordni ta' sekwestru għal dejn fuq kambjali u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti barranija.

It-tieni kundizzjoni għal sekwestru kawtelatorju hija li r-rikorrent irid ikollu talba. Jekk tkun meħtieġa talba, din trid tissodisfa ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 1415 tal-Kodiċi Ġudizzjarju): trid tkun definittiva (mhux kundizzjonali), pagabbli (tapplika wkoll għal garanziji għal talbiet futuri) u fissa (l-ammont ikun ġie ddeterminat jew jista' jiġi ddeterminat). In-natura u l-ammont tat-talba, min-naħa l-oħra, huma immaterjali. L-imħallef ta' sekwestru jiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġewx issodisfati, iżda l-qorti li sussegwentement tkun qed tisma' l-każ ma tkunx marbuta b'din id-deċiżjoni.

It-tielet, ir-rikorrent li qed jitlob sekwestru kawtelatorju jrid ikun kompetenti biex jagħmel dan. Dan huwa att ta' kontroll (mhux użu) li jista', jekk meħtieġ, jitwettaq minn rappreżentant legali.

Il-permess tal-imħallef tas-sekwestru huwa meħtieġ sakemm ir-rikorrent ma jkunx diġà kiseb sentenza (ara hawn fuq). Madankollu, dan mhuwiex meħtieġ għal garnishment jew sekwestru kawtelatorju jew għal rikorrenti li jkunu diġà kisbu sentenza (l-Artikolu 1414 tal-Kodiċi Ġudizzjarju: kwalunkwe sentenza tikkostitwixxi titolu li jkun infurzabbli). L-atti notarili jipprovdu wkoll titolu li jkun infurzabbli.

B. Sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza

Anke għal ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza huwa meħtieġ titolu li jkun infurzabbli (l-Artikolu 1494 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din tista' tkun deċiżjoni ġudizzjarja, strument awtentiku, mandat ta' eżekuzzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa, sentenza ta' qorti barranija bl-exequatur, eċċ.

It-talba trid tkun stabbilita f'att li jissodisfa ċerti kriterji. Bħal fis-sekwestru kawtelatorju, it-talba trid tkun ċerta, fissa u pagabbli. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1494 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jgħid li l-ordni ta' sekwestru li tkun saret sabiex jinkiseb il-ħlas ta' introjtu dovut f'pagamenti akkont tapplika wkoll għal pagamenti akkont futuri, meta dawn isiru dovuti.

It-titolu jrid ikun attwali wkoll. L-imħallef tas-sekwestri ma jikkunsidrax it-titolu bħala attwali jekk il-kreditur li jkun għamel is-sekwestru ma jkunx aktar rikorrent jew jekk it-talba kollha jew parti minnha ma tkunx baqgħet attiva (għaliex hija preskritta jew tkun tħallset jew inkella ġiet issodisfata).

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

A. Ġenerali

Il-beni mobbli u immobbli biss li huma proprjetà tad-debitur jistgħu jiġu ssekwestrati. Il-beni li jappartjenu għal parti terza ma jistgħux jiġu ssekwestrati għalkemm huwa irrilevanti fil-pussess ta' min ikunu f'dak iż-żmien il-beni tad-debitur. Għalhekk huwa possibbli li jiġu ssekwestrati beni fuq il-post ta' parti terza, soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-qorti (l-Artikolu 1503 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Ir-rikorrent jista' fil-prinċipju jirkupra d-dejn biss mill-assi attwali tad-debitur. Huwa biss jekk id-debitur b'mod diżonest irendi lilu nnifsu insolventi jkun possibbli wkoll li jiġu ssekwestrati l-assi ta' qabel tiegħu. Is-sekwestru ta' assi futuri huwa wkoll normalment eskluż, bl-eċċezzjoni ta' talbiet futuri.

Id-dħul mill-beni ssekwestrati fil-prinċipju jibqa' mas-sekwestrat fil-każ ta' sekwestru kawtelatorju. Fil-każ ta' ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza, madankollu, id-dħul huwa wkoll soġġett għal ordni ta' sekwestru u għalhekk imur għand il-kreditur tal-ordni ta' sekwestru.

Huwa possibbli li jiġi ssekwestrat il-patrimonju indiviż, imma l-bejgħ furzat tal-proprjetà jiġi mbagħad sospiż sakemm il-patrimonju jkun ġie diviż (ara, pereżempju, l-Artikolu 1561 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Regoli speċjali japplikaw għall-konjuġi.

B. Beni eliġibbli għal ordni ta' sekwestru

Il-beni jridu jkunu eliġibbli għal ordni ta' sekwestru. Ċerti beni ma jistgħux jiġu ssekwestrati. L-eżenzjoni tagħhom mill-ordni ta' sekwestru trid tkun minħabba dispożizzjoni statutorja, jew minħabba n-natura tal-beni jew il-fatt li għandhom assoċjazzjoni personali stretta mad-debitur. Mhuwiex possibbli, pereżempju, li jiġu eżentati beni mill-ordni ta' sekwestru fuq il-bażi tal-iskop tagħhom. Il-beni li ġejjin għalhekk mhumiex eliġibbli għal ordni ta' sekwestru:

Il-beni elenkati fl-Artikolu 1408 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Din ir-restrizzjoni ġiet introdotta sabiex tiggarantixxi kundizzjonijiet tal-għajxien raġjonevoli għad-debitur u għall-familja tiegħu.

Il-beni li m'għandhomx valur tal-bejgħ u għalhekk mhuma tal-ebda użu għar-rikorrent.

Il-beni li huma inaljenabbli għaliex huma tant assoċjati mill-qrib mad-debitur personalment.

Il-beni esklużi mis-sekwestru permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika (pereż. id-dħul u l-pagi ta' minorenni, kotba u mużika mhux ippubblikati, l-introjtu tal-priġunieri mix-xogħlijiet fil-ħabs).

Il-pagi (ordni ta' sekwestru tal-qligħ) u talbiet simili huma normalment eliġibbli għal ordni ta' sekwestru sa ċertu punt biss (ara l-Artikoli 1409, 1409a u 1410, l-§ 1 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Dan jinkludi, pereżempju, pagamenti ta' manteniment mogħtija mill-qorti lill-konjuġi mhux ħatja. Ċerti pagamenti, bħad-dħul minimu għall-għajxien, madankollu, huma kompletament esklużi mill-ordni ta' sekwestru (ara l-Artikolu 1410, l-§ 2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Madankollu, ir-restrizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà għal sekwestru ma japplikawx għar-rikorrenti li jkunu qed ifittxu li jirkupraw il-manteniment dovut, liema talbiet jieħdu preċedenza (ara l-Artikolu 1412 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Fil-passat il-gvern kien igawdi mill-immunità minn azzjonijiet infurzabbli, bir-riżultat li ma kienx possibbli li tiġi ssekwestrata proprjetà tal-gvern. Dan issa ġie mmodifikat xi ftit bl-Artikolu 1412a tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

Hemm regoli speċjali li jirregolaw is-sekwestru ta' vapuri u inġenji tal-ajru (għal sekwestru kawtelatorju: ara l-Artikoli 1467 sa 1480 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u għal sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza: ara l-Artikoli 1545 sa 1559 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

C. *Kantonnement*

Meta oġġett huwa ssekwestrat, is-sekwestru normalment japplika għall-oġġett fl-intier tiegħu, anke jekk il-valur tiegħu jaqbeż l-ammont tat-talba. Dan huwa ta' żvantaġġ kbir għad-debitur, għaliex l-oġġett isir kompletament mhux disponibbli għalih. Il-leġiżlatur Belġjan għalhekk ipprovda għal arranġament ta' depożitu ġudizzjarju (*kantonnement)*: Id-debitur jiddepożita ċertu somma u jkun jista' jerġa' jikseb l-użu tal-proprjetà tiegħu (ara l-Artikoli 1403 sa 1407a tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

A. Ordni ta' sekwestru

Mill-mument li l-beni jiġu ssekwestrati, id-debitur jitlef id-dritt li jiddisponi minnhom. L-ordni ta' sekwestru, madankollu, ma tagħtix pretensjoni preferenzjali lill-kreditur tal-ordni ta' sekwestru. L-iskwalifika tfisser li d-debitur ma jkollux aktar permess jaljenahom jew jipotekahom. Madankollu, il-beni jibqgħu fil-pussess tad-debitur. F'termini prattiċi, m'hemmx tibdil fis-sitwazzjoni; is-sitwazzjoni legali hija, madankollu, differenti.

Il-penali għall-kontravvenzjoni ta' din l-iskwalifika hija li l-azzjonijiet meħuda mis-sekwestrat ma jkunux vinkolanti fuq il-kreditur tal-ordni ta' sekwestru.

Din l-iskwalifika hija, madankollu, relattiva biss, fis-sens li tapplika biss għall-vantaġġ tal-kreditur li għamel is-sekwestru. Rikorrenti oħra xorta jkollhom jittolleraw il-fluttwazzjonijiet fl-assi tad-debitur. Madankollu, din hija kwistjoni sempliċi għalihom li jassoċjaw ruħhom mal-ordni ta' sekwestru li tkun diġà ngħatat.

L-iskwalifika hija l-ewwel stadju fil-proċess tal-bejgħ tal-assi. Il-beni jaqgħu taħt il-kontroll tal-qorti. L-ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza għalhekk ukoll għandha funzjoni ta' prekawzjoni fl-ewwel istanza.

B. Garnishment

Din il-forma ta' ordni ta' sekwestru tneħħi l-kontroll minn fuq it-talba ssekwestrata kollha, irrispettivament mill-valur tat-talba li kienet il-bażi tar-raġunijiet għall-ordni ta' sekwestru. Il-garnishee jista' jagħmel pagament parzjali (*kantonneren*). L-azzjonijiet li jimminaw it-talba ma jkunux infurzabbli kontra l-kreditur tal-ordni ta' sekwestru. Meta l-garnishment ikun ġie nnotifikat, ma jistax ikun hemm aktar ħlasijiet bejn is-sekwestrat u l-garnishee.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

A. Sekwestru kawtelatorju

Is-sekwestru kawtelatorju huwa validu sa tliet snin. Fil-każ ta' ordni ta' sekwestru ta' proprjetà mobbli u ta' garnishment, il-perjodu ta' tliet snin jibda mid-data tal-ordni jew tal-mandat (l-Artikoli 1425 u 1458 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Fil-każ ta' ordni ta' sekwestru ta' proprjetà immobbli, id-data tat-transkrizzjoni fir-rekords tar-reġistru ipotekarju timmarka l-bidu tal-perjodu ta' tliet snin (l-Artikolu 1436 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Il-perjodu jista' jiġi estiż jekk ikun hemm raġunijiet fuq bażi soda biex dan isir (l-Artikoli 1426,1459 u 1437 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

B. Ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza

Fil-każ ta' ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza, l-ordni biss li tippreċedi l-ordni ta' sekwestru hija soġġetta għal perjodu massimu ta' validità. Għal din it-tip ta' ordni ta' sekwestru, il-perjodu huwa għaxar snin fil-każ ta' proprjetà mobbli (il-limitu ta' żmien normali, għaliex ma tapplika l-ebda dispożizzjoni speċjali) u sitt xhur fil-każ ta' proprjetà immobbli (l-Artikolu 1567 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Fil-każ ta' ordni ta' sekwestru ta' vapuri, il-perjodu huwa ta' sena (l-Artikolu 1549 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

A. Sekwestru kawtelatorju

Jekk l-imħallef ta' sekwestri jirrifjuta permess għal sekwestru kawtelatorju, il-kwerelant (jiġifieri r-rikorrent) jista' jippreżenta appell kontra d-deċiżjoni lill-Qorti tal-Appell fi żmien xahar. Din hija proċedura *ex parte*. Jekk l-ordni ta' sekwestru titħalla mal-appell, id-debitur ikollu d-dritt li jistitwixxi proċeduri ta' parti terza kontra d-deċiżjoni (ara l-Artikolu 1419 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Jekk l-imħallef tas-sekwestru jawtorizza ordni ta' sekwestru kawtelatorju, id-debitur jew kwalunkwe parti interessata oħra jista' jibda proċedimenti ta' parti terza kontra d-deċiżjoni. L-iskadenza biex isir dan hija ta' xahar u l-proċedimenti jinbdew fil-qorti li tat id-deċiżjoni. Il-qorti mbagħad tiddeċiedi fi proċedura kontenzjuża. Il-proċeduri ta' parti terza normalment ma jkollhomx effett sospensiv (ara l-Artikoli 1419 u 1033 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Meta s-sekwestru kawtelatorju jkun jista' jiġi impost mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja, id-debitur jista' jappella kontrih billi jitlob lill-imħallef tas-sekwestru biex jitneħħa s-sekwestru (l-Artikolu 1420 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din hija l-proċedura li topponi s-sekwestru u tiġi trattata bħal fi proċedimenti proviżorji, jekk meħtieġ flimkien mal-impożizzjoni tal-pagament ta' penali. Ir-raġunijiet għat-talba jistgħu jkunu n-nuqqas ta' urġenza (Cass. 14 ta' Settembru 1984, Arr. Cass. 1984-85, 87).

Jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi, is-sekwestrat (billi jħarrek il-partijiet kollha biex jidhru quddiem l-imħallef ta' sekwestru) jew il-kreditur tal-ordni ta' sekwestru jew intermedjarju (permezz ta' rikors) jista' japplika mal-imħallef ta' sekwestru biex jemenda jew jirtira l-ordni ta' sekwestru.

B. Ordni ta' sekwestru fl-eżekuzzjoni ta' sentenza

Id-debitur jista' jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għall-ordni ta' ħlas, biex b'hekk jikkontesta l-validità legali tagħha. M'hemmx limitu ta' żmien statutorju għal dan, u l-oppożizzjoni m'għandhiex effett sospensiv. Ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni jinkludu difetti proċedurali u talba għal perjodu ta' grazzja (jekk it-titolu infurzabbli huwa att notarili).

Id-debituri jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mal-imħallef ta' sekwestru kontra l-bejgħ tal-beni tagħhom, iżda din l-oppożizzjoni lanqas m'għandha effett sospensiv.

Ir-rikorrenti barra mill-kreditur li għamel is-sekwestru jistgħu jopponu l-prezz tal-bejgħ, iżda mhux il-bejgħ innifsu.

Parti terza li ssostni li hija s-sid tal-beni ssekwestrati tista' wkoll tippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mal-imħallef ta' sekwestru (l-Artikolu 1514 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din hija proċedura ta' rkupru u għandha effett sospensiv.

Il-parti li tixtieq tinforza s-sentenza tirċievi biss kopja attestata waħda. Din tinħareġ mir-reġistru bi ħlas ta' miżata (miżata tal-ħruġ).

Forma infurzabbli:

"Aħna, Filip, Re tal-Belġjani,

Lil dawk kollha preżenti u li ġejjin, ikun magħruf li:

Aħna nordnaw u nikkmandaw li l-uffiċjali ġudizzjarji kollha għandhom jeżegwixxu din is-sentenza, deċiżjoni, ordni jew att;

Li l-Prokuraturi Ġenerali u l-Prosekuturi Ġenerali tagħna fil-qrati tal-ewwel istanza għandhom jinfurzawha u li l-kmandanti u l-uffiċjali kollha tal-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu l-assistenza tagħhom jekk meħtieġ bil-liġi biex jagħmlu dan;

B'xhieda ta' dan, din is-sentenza, deċiżjoni, ordni jew att ġiet iffirmata u ssiġillata bis-siġill tal-qorti jew tan-nutar."

Għal azzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew tal-att, l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jwieġeb lill-imħallef tal-ordnijiet ta' sekwestru. Fi kwistjonijiet ta' etika, huwa għandu jwieġeb lis-servizz tal-prosekuzzjonijiet pubbliċi u lill-fergħa reġjonali tal-kamra tal-uffiċjali ġudizzjarji.

Ir-reġistru fil-post fejn jinsabu l-beni (l-Artikolu 1565 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Ir-reġistru jipprovdi informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli, eż. id-drittijiet tal-proprjetà, ipoteki maħruġa kontra l-proprjetà.

jiġifieri l-partijiet kollha jidhru fil-każ.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

Il-Kodiċi Ġudizzjarju fih diversi regoli rigward il-beni li mhumiex eliġibbli għal ordni ta' sekwestru (l-Artikoli 1408 sa 1412c tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Il-kredituri ma jistgħux isegwu talbiet kontra ċerti beni mobbli tanġibbli: li huma meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum tas-sekwestrati u tal-familji tagħhom; għas-segwitu tal-professjoni tagħhom; jew għall-kontinwazzjoni tat-taħriġ jew tal-istudji tas-sekwestrati jew tat-tfal dipendenti tagħhom li jgħixu fl-istess indirizz (ara l-Artikolu 1408 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-eżenzjoni parzjali mill-ordni ta' sekwestru u miċ-ċessjoni tapplika għad-dħul mix-xogħol u minn attivitajiet oħra, kif ukoll għal benefiċċji, pensjonijiet u dħul ieħor.

Il-livelli limitu li fuqhom hija bbażata l-eżenzjoni sħiħa jew parzjali mill-ordni ta' sekwestru huma stabbiliti fl-Artikolu 1409, l-§ 1 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u jiġu indiċjati kull sena. L-ammonti progressivi tas-segmenti ta' ammonti eliġibbli għal ordni ta' sekwestru jew ċessjoni jiżdiedu jekk id-debitur ikollu tfal dipendenti.

It-talba legali bil-għan ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti hija fil-prinċipju suġġett għall-perjodu ġenerali ta' limitazzjoni, jiġifieri 10 snin.

L-aħħar aġġornament: 03/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Bulgarija

**1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?**

L-eżekuzzjoni hija l-aħħar fażi tal-proċess ġudizzjarju. Tikkonsisti fil-possibbiltà li rikorrent li tkun inqatgħet sentenza favurih jitlob li l-korp kompetenti ta' eżekuzzjoni jieħu l-passi kollha fil-kompetenza tiegħu u preskritti fil-liġi biex jissodisfa l-pretensjoni.

Id-dritt għal eżekuzzjoni jiġi mill-eżistenza ta' pretensjoni eżekuttiva li ma tkunx ġiet issodisfata b'mod volontarju u strument li jippermetti l-eżekuzzjoni ta' dik il-pretensjoni.
Il-miżuri ta' eżekuzzjoni jinkludu:
sekwestru ta' beni mobbli;
sekwestru ta' beni immobbli;
inventarju u valutazzjoni ta' proprjetà immobbli;
bejgħ ta' beni immobbli b'subbasta;
sekwestru ta' kont tal-bank ta' debitur;
sekwestru ta' vettura;
preklużjoni ta' dritt ipotekarju;
qbid ta' beni mobbli;
eżekuzzjoni fi-rigward ta' ishma f'kumpanija;
eżekuzzjoni ta' obbligu ta' ċediment ta' minorenni;
eżekuzzjoni fir-rigward ta' proprjetà matrimonjali.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Fil-Bulgarija, hemm żewġ tipi ta' uffiċjali tal-eżekuzzjoni (uffiċjali ġudizzjarji):
1. Uffiċjali ġudizzjarji Statali
2. Uffiċjali ġudizzjarji privati.
L-istat tal-uffiċjali ġudizzjarji privati huwa rregolat mill-Att dwar l-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja Privata (Zakon za chastnoto sadebno izpalnenie (ZChSI)). L-Artikolu 2 ta' ZChSI jiddefinixxi uffiċjal ġudizzjarju privat bħala uffiċjal delegat mill-Istat biex jeżegwixxi pretensjonijiet privati.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

Skont l-Artikolu 404 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Grazhdanski protsesualen kodeks (GPK)), il-proċeduri ta' eżekuzzjoni jistgħu jitmexxew fuq dawn il-bażijiet:
1. - sentenzi u ordnijiet *res judicata*; sentenzi minn qrati tal-appell; ordnijiet eżekuttivi; saldi ġudizzjarji; sentenzi u ordnijiet eżekuttivi jew sentenzi u ordnijiet iddikjarati eżegwibbli bil-quddiem jew immedjatament; u deċiżjonijiet ta' tribunali tal-arbitraġġ u saldi sanzjonati minn dawn it-tribunali;
2. - sentenzi, atti u saldi ġudizzjarji maqtugħin minn qrati f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija, jekk eżegwibbli fil-Bulgarija mingħajr proċeduri ulterjuri;
3. - sentenzi, atti u saldi ġudizzjarji maqtugħin minn qrati f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija u s-sentenzi u s-saldi maqtugħin u sanzjonati minn tribunali tal-arbitraġġ f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija, meta jiġu ddikjarati eżegwibbli fil-Bulgarija.
Skont l-Artikolu 405 tal-GPK, jinħarġu ordnijiet ta' eżekuzzjoni abbażi ta' rikors bil-miktub, bla ebda ħtieġa li tigi notifikata kopja lid-debitur.
Skont l-Artikolu 405(2) tal-GPK, dawn il-qrati għandhom ġuriżdizzjoni fuq ir-rikorsi mressqa:
fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 404(1) tal-GPK, il-qorti ġenerali li tkun semgħet il-każ jew ħarġet l-ordni ta' eżekuzzjoni u, meta att ikun eżegwibbli immedjatament, il-qorti li tkun qatgħet is-sentenza jew ħarġet l-ordni ta' eżekuzzjoni;
fil-każijiet preveduti fl-Artikolu 404(2) u (3) tal-GPK, il-qorti kompetenti biex tagħti l-eżekuzzjoni;
fir-rigward tad-deċiżjonijiet maqtugħin minn tribunali tal-arbitraġġ domestiċi u s-saldi sanzjonati minn dawn it-tribunali fi proċeduri ta' arbitraġġ, il-Qorti tal-Belt ta' Sofija (Sofiyski Gradski Sad).
Hemm limitu ta' żmien ta' ġimagħtejn għal appelli kontra ordnijiet li jippermettu jew jirrifjutaw rikors għal ordni ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 407 tal-GPK).
Skont id-dritt Bulgaru, jista' jitressaq rikors ta' eżekuzzjoni minn parti li mhijiex avukat, inkluż il-parti li tfittex l-eżekuzzjoni jew ir-rappreżentant tagħha (li jista' jkun avukat). Ma hemm l-ebda rekwiżit speċjali għall-preżentazzjoni li jrid jiġi ssodisfat sabiex tinkiseb ordni ta' eżekuzzjoni.
L-ispejjeż ta' eżekuzzjoni huma stabbiliti fit-Tariffa tal-Miżati u tal-Ispejjeż ippreveduta fl-Att dwar l-Eżekuzzjoni Privata (il-Gazzetta tal-Istat (SG) Nru 35/2006).

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex jiġu implimentati l-proċeduri ta' eżekuzzjoni, il-parti interessata trid tapplika bil-miktub lil uffiċjal ġudizzjarju Statali jew privat, u tehmeż ordni ta' eżekuzzjoni jew strument eżekuttiv ieħor. Ir-rikors irid jispeċifika l-metodu ppreferut ta' eżekuzzjoni, li jista' jinbidel matul il-kors tal-proċeduri (l-Artikolu 426 tal-GPK).
Il-ġuriżdizzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji hija rregolata bl-Artikolu 427 tal-GPK.
L-uffiċjal ġudizzjarju jrid isejjaħ lid-debitur bil-miktub biex jissodisfa l-pretensjoni b'mod volontarju, li d-debitur irid iwettaq fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi ċ-ċitazzjoni. Iċ-ċitazzjoni tavża lid-debitur li jekk jonqos milli jissodisfa l-pretensjoni, dan jirriżulta f'azzjoni ta' eżekuzzjoni. Iċ-ċitazzjoni trid tispeċifika s-sekwestri u l-qbid imposti u tinkludi kopja tal-istrument eżekuttiv. Meta jsejjaħ lid-debitur biex jissodisfa pretensjoni b'mod volontarju, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jispeċifika wkoll id-data li fiha jiġi kkumpilat inventarju tal-beni u, meta eżekuzzjoni tikkonċerna beni immobbli, jibgħat notifika ta' qbid lir-reġistru tal-beni.
L-uffiċjal ġudizzjarju jfassal rekord ta' kull miżura li tittieħed jew titwettaq minnhom.
Meta l-metodu inizjali ta' eżekuzzjoni jinbidel, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jinnotifika lid-debitur bil-miktub bil-bidla skont l-Artikolu 428 tal-GPK.
Hekk kif jibdew il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, meta d-debitur ma jkollux indirizz permanenti jew attwali fir-reġistru, l-imħallef distrettwali, li jaġixxi fuq mozzjoni ppreżentata mill-kreditur, irid jaħtar rappreżentant *ad hoc* tad-debitur (l-Artikolu 430 tal-GPK).

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Tista' tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra dawn il-beni tad-debitur:
oġġetti mobbli;
pagi;
dħul minn beni immobbli, inkluż dħul mill-kera, eċċ.;
kontijiet tal-bank;
beni immobbli;
ishma u bonds maħruġa minn impriżi kummerċjali;
oġġetti ta' beni mobbli u immobbli, inkluż proprjetà matrimonjali.
Skont l-Artikolu 442 tal-GPK, kreditur jista' jwettaq eżekuzzjoni kontra kull ħaġa jew riċevibbli tad-debitur.
Skont l-Artikolu 444 tal-GPK, ma għandhiex tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra dawn:
oġġetti ta' kuljum użati mid-debitur u l-familja tiegħu, kif speċifikat f'lista adottata mill-Kunsill tal-Ministri (Ministerski savet);
l-ikel meħtieġ biex isostni lid-debitur u lil familtu għal xahar jew, fil-każ ta' bdiewa, sal-ħsad il-ġdid, jew l-ekwivalenti tiegħu fi prodotti agrikoli oħrajn;
il-fjuwil meħtieġ għat-tisħin, għat-tisjir u għad-dawl għal tliet xhur;
il-makkinarju u t-tagħmir li debitur jeħtieġ sabiex ikun jista' jkompli jipprattika l-impjieg jew il-professjoni tiegħu;

parti mill-art li hija sjieda tad-debitur (sa massimu ta’ 0.5 ettaru għal vinji u raba’ oħra u sa massimu ta’ 3 ettari għal għelieqi ta’ skop ġenerali, flimkien mal-makkinarju u l-implimenti, il-fertilizzanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ż-żrieragħ intiżi li jinżergħu għal perjodu ta’ sena);
għal bdiewa li jrabbu l-bhejjem, l-ifrat meħtieġa għax-xogħol fl-għelieqi, partikolarment żewġt irjus ifrat li jiġbdu, baqra, ħamest irjus ngħaġ u mogħoż, għaxar doqqajs u tajr domestiku, flimkien mal-għalf meħtieġ biex jieklu sal-ħsad li jkun imiss jew sakemm jinħarġu biex jirgħu;
l-abitazzjoni li hija s-sjieda tad-debitur, jekk id-debitur u l-membri tal-familja tiegħu ma jkollhom l-ebda abtazzjoni oħra, irrispettivament minn jekk id-debitur jgħixx hemm. Jekk l-abitazzjoni taqbeż il-ħtiġijiet ta’ akkomodazzjoni tad-debitur u l-familja tiegħu, kif speċifikat f’Regolament iddedikat adottat mill-Kunsill tal-Ministri, sehem minnha jinbiegħ, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(2) tal-Att dwar il-Beni (Zakon za sobstvenostta);
oġġetti u riċevibbli oħrajn protetti bil-liġi kontra l-eżekuzzjoni.

### 4.2 X’inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Meta jsejjaħ lid-debitur biex jissodisfa pretensjoni b’mod volontarju, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jispeċifika wkoll id-data li fiha jiġi kkumpilat inventarju tal-beni u, meta eżekuzzjoni tikkonċerna beni immobbli, jibgħat notifika ta’ qbid lir-reġistru tal-beni.
Is-sekwestru ta’ beni mobbli jew pretensjoni tiġi imposta billi jiġi kkumpilat inventarju.
Is-sekwestru u l-qbid għandhom dan l-effett fil-konfront tad-debitur:
Mill-mument tal-impożizzjoni tiegħu, debitur la jista’ jiddisponi mir-riċevibbli jew beni (immobbli jew mobbli) tiegħu, u lanqas ma jista’ jbiddel, jeqred jew jagħmel ħsara fuq il-beni, b’piena ta’ prosekuzzjoni kriminali. Dawn l-effetti għandhom japplikaw mid-data taċ-ċitazzjoni biex jiġi saldat id-dejn volontarjament.
Is-sekwestru jew il-qbid għandu jkollhom dawn l-effetti fil-konfront tal-kreditur:
Skont l-Artikolu 452(1) tal-GPK, kull disponiment tal-beni mobbli jew riċevibbli sekwestrati jkun invalidu fil-konfront tal-kreditur u kull kreditur konġunt, sakemm iċ-ċessjonarju ma jkunx jista’ jinvoka l-Artikolu 78 tal-Att dwar il-Beni. Din l-aħħar dispożizzjoni tistipula li kull min jakkwista beni mobbli legalment jew titoli ta' pussess għal kunsiderazzjoni, anke jekk jakkwistahom bla ħsieb mingħand xi ħadd li mhuwiex is-sid, jakkwista s-sjieda, sakemm it-trasferiment tas-sjieda tal-beni mobbli ma tkunx teħtieġ att notarili jew attestazzjoni notarili tal-firem tal-partijiet tat-tranżazzjoni. L-istess regola tapplika għall-akkwist ta’ drittijiet *in rem* oħra għal beni mobbli.
Meta tittieħed azzjoni ta’ eżekuzzjoni kontra proprjetà immobbli, l-invalidità tieħu effett biss fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet tad-disponiment imwettqa wara d-data tar-reġistrazzjoni tas-sekwestru preventiv (l-Artikolu 452(2) tal-GPK).

### 4.3 X’inhi l-validità ta’ miżuri bħal dawn?

Il-liġi ma tistabbilixxi l-ebda limitu ta’ żmien għall-validità ta’ dawn il-miżuri. Huma intiżi li jissodisfaw il-pretensjoni tal-kreditur, allura huma validi sa ma jintemmu l-proċeduri ta’ eżekuzzjoni.

### 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Ir-rimedji disponibbli fil-proċess ta’ eżekuzzjoni huma stabbiliti fit-Taqsimiet I u II tal-Kapitolu 39 tal-GPK.
Dawn il-partijiet jistgħu jressqu appelli kontra azzjoni ta’ eżekuzzjoni, inkluż miżuri individwali ta’ eżekuzzjoni:
Kreditur jista’ jappella kontra r-rifjut ta’ uffiċjal ġudizzjarju milli jwettaq l-azzjoni ta’ eżekuzzjoni speċifikata u kontra s-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni.
Id-debitur jista’ jappella kontra ordni mingħand l-uffiċjal ġudizzjarju li timponi multa fuq id-debitur u li jfittex li jinfurzaha kontra beni li d-debitur iqis immuni, u kontra l-qbid ta’ beni mobbli jew l-espulsjoni tad-debitur minn beni immobbli fuq il-bażi li l-uffiċjal ġudizzjarju jkun naqas milli jinnotifika kif xieraq, u kontra ordnijiet għall-pagament ta’ spejjeż.
Partijiet terzi (mhux partijiet fil-proċeduri ta’ eżekuzzjoni) jistgħu jappellaw kontra azzjoni ta’ uffiċjal ġudizzjarju biss jekk l-eżekuzzjoni tkun diretta kontra oġġetti fil-pussess tagħhom fid-data tas-sekwestru, tal-qbid jew taċ-ċediment.
Parti terza tista’ tressaq appell kontra l-preklużjoni ta’ dritt ipotekarju ta’ beni immobbli biss jekk il-parti terza kellha fil-pussess tagħha dawk il-beni qabel id-data li fiha tkun tressqet il-pretensjoni li issa qed tiġi eżegwita (l-Artikolu 435 tal-GPK).
Meta ssir is-subbasta, l-ordni li jingħataw il-beni hija soġġetta għal appell mingħand parti li tkun ħallset depożitu mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-irkant, mingħand kreditur li jkun tefa’ offerta fis-subbasta mingħajr ma kellu jħallas depożitu, jew mingħand id-debitur, fuq il-bażi li s-subbasta ma tkunx twettetq legalment jew li l-beni ma jkunux ngħataw lill-ogħla offerent.
Skont l-Artikolu 436 tal-GPK, għandhom jitressqu appelli fi żmien ġimgħa mid-data tas-subbasta ikkontestata, jekk il-parti tkun preżenti fil-ħin tal-azzjoni jew tkun issejħet biex tattendi, u fil-każijiet l-oħra kollha, fi żmien ġimgħa mid-data tal-komunikazzjoni. L-appelli jitressqu permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju quddiem il-qorti provinċjali b’ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-eżekuzzjoni. Meta jitressaq appell, l-uffiċjal ġudizzjarju irid jiddikjara r-raġunijiet għall-azzjoni kkontestata.
Dawn l-appelli jiġu eżaminati f’seduta bil-bibien magħluqa, bl-eċċezzjoni ta’ dawk ippreżentati minn partijiet terzi, li jiġu eżaminati f’seduta pubblika li għaliha jissejħu l-partijiet kollha għall-proċeduri tal-eżekuzzjoni. L-appelli jiġu deċiżi fi żmien xahar.
L-appelli ma jissospendux il-proċeduri ta’ eżekuzzjoni, iżda l-qorti tista’ tiddeċiedi li tissospendi l-proċeduri sakemm tinqata’ sentenza dwar l-eċċezzjonijiet invokati stabbiliti fl-appell. Jekk il-proċeduri jiġu sospiżi, l-uffiċjal ġudizzjarju jiġi notifikat mingħajr dewmien (l-Artikolu 438 tal-GPK).

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b’mod partikolari relatati ma’ ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

L-Artikolu 432 tal-GPK jistabbilixxi x-xenarji differenti li fihom qorti tista’ legalment tissospendi l-proċeduri ta’ eżekuzzjoni fuq mozzjoni tal-kreditur.
L-aħħar aġġornament: 04/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Repubblika Ċeka

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Dan ifisser eżekuzzjoni tal-konformità fuq dazju impost permezz ta’ titolu eżekuttiv, anke kontra r-rieda tal-persuna li jkun qed jiġi impost id-dazju fuqha. Jekk il-persuna tonqos milli tikkonforma volontarjament ma’ dak li t-titolu eżekuttiv jimponi fuqha, il-kreditur jista’ jressaq rikors quddiem qorti jew uffiċjal ġudizzjarju għal eżekuzzjoni bil-qorti jew eżekuzzjoni.
Il-qorti se tordna u twettaq eżekuzzjoni bl-eċċezzjoni ta’ titoli li jitwettqu fi proċedimenti amministrattivi jew fiskali. Għaldaqstant, fi kwistjonijiet ċivili, il-kredituri jista’ dejjem imur il-qorti.
Il-kreditur tas-sentenza jista’ wkoll jmur għand uffiċjal ġudizzjarju. Uffiċjal ġudizzjarju jeżegwixxi sentenza bl-awtorizzazzjoni mill-qorti, bl-eċċezzjoni ta’ dawn is-sentenzi:
sentenzi dwar il-kura ta’ minorenni;

sentenzi f’każijiet ta’ protezzjoni kontra vjolenza domestika;
sentenzi mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
sentenzi barranin.
Madankollu, jista’ jitressaq rikors għal eżekuzzjoni jekk l-eżekuzzjoni għandha titmexxa skont sentenza dwar il-manteniment ta’ minorenni jew skont sentenza barranija, meta toħroġ dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà skont leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, trattat internazzjonali, jew deċiżjoni dwar rikonoxximent applikabbli direttament.
L-eżekuzzjoni ta’ sentenza permezz ta’ qorti hija rregolata fl-Artikoli 251-351a tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili, kif emendat. Madankollu, l-Artikoli 492-513 tal-Att Nru 292/2013, rigward proċeduri speċjali tal-qorti, kif emendat, japplikaw għall-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja.
L-eżekuzzjoni ta’ sentenza permezz ta’ uffiċjal ġudizzjarju hija rregolata fl-Artikoli 35-73 tal-Att Nru 120/2001, dwar l-uffiċjali ġudizzjarji tal-qorti u l-attivitajiet ta’ eżekuzzjoni (il-Kodiċi ta’ Eżkuzzjoni), kif emendat. Uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti jipproċedi wkoll, b’mod partikulari fir-rigward tar-regolament ta’ metodi individwali ta’ eżekuzzjoni ta’ sentenza, skont il-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

B’mod ġenerali, il-qorti ġenerali tal-konvenut għandha ġuriżdizzjoni biex tordna u twettaq **l-eżekuzzjoni ta’ sentenza** (l-Artikolu 252(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili, kif emendat). L-Artikolu 252 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili tiddetermina eċċezzjonijiet għal din ir-regola.
Għal dettalji dwar il-qorti ġenerali tal-konvenut, ara “Regoli bażiċi għal ġuridizzjoni lokali” (il-parti 3.2.1. tal-iskeda informattiva “Ġuriżdizzjoni – ir-Repubblika Ċeka”).
**L-eżekuzzjoni** tista’ titwettaq mill-qrati u mill-uffiċjali ġudizzjarji maħtura mill-qorti. Il-qorti tal-eżekuzzjoni bil-ġuriżdizzjoni *ratione materiae*, skont l-Artikolu 45 tal-Att Nru 120/2001, dwar l-uffiċjali ġudizzjarji tal-qorti u l-attivitajiet ta’ eżekuzzjoni (il-Kodiċi ta’ Eżekuzzjoni), kif emendat, hija l-qorti distrettwali. Il-qorti tal-eżekuzzjoni b’ġuriżdizzjoni lokali hija l-qorti li fid-distrett tagħha l-konvenut ikollu r-residenza għat-tul tiegħu, il-post tar-residenza fir-Repubblika Ċeka skont it-tip ta’ soġġorn għal ċittadin barrani, uffiċċju reġistrat, eċċ. Il-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni tiġi elaborata f’aktar dettall fid-dispożizzjoni msemmija tal-Kodiċi ta’ Eżekuzzjoni.
Għal aktar dettalji, ara wkoll il-mistoqsija “Xi tfisser l-eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?”

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

Eżekuzzjoni ta’ sentenza
Il-proċeduri jistgħu jinbdew biss b’rikors tal-kreditur, jekk il-konvenut jonqos milli jikkonforma volontarjament ma’ dak li t-titolu eżekuttiv jimponi fuqu. Anke mingħajr rikors, skont l-Att Nru 292/2013, dwar proċeduri speċjali tal-qorti, kif emendat, qorti tordna t-twettiq ta’ xi deċiżjonijiet preliminari, pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-vjolenza domestika.
L-eżekuzzjoni ta’ sentenza tista’ tiġi ordnata biss jekk is-sentenza tinkludi l-identifikazzjoni tal-kreditur u l-konvenut, definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-obbligu li tkun tressqet il-mozzjoni għal eżekuzzjoni għall-issodisfar tiegħu, u determinazzjoni tal-iskadenza għal konformità mal-obbligu. Jekk is-sentenza tal-qorti ma jkunx fiha determinazzjoni għall-iskadenza għal konformità mal-obbligu, huwa mifhum li jrid ikun hemm konformità mal-obbligu impost permezz tas-sentenza fi żmien tlett ijiem u, fil-każ ta’ żgumbrament, fi żmien ħmistax-il jum minn meta s-sentenza ssir finali. Jekk, skont is-sentenza, aktar minn konvenut wieħed għandu jikkonforma mal-obbligu, u jekk ikun diviżibbli, il-konvenuti kollha jridu jikkonformaw mal-obbligu – sakemm is-sentenza ma tiddeterminax mod ieħor – b’mod ugwali.
Meta jagħmel rikors għal eżekuzzjoni, il-kreditur ma għandux għalfejn ikun rappreżentat minn avukat.
Rikors għal eżekuzzjoni ta’ sentenza li timponi l-pagament ta’ somma finanzjarja jrid jiġi mmarkat bil-metodu speċifiku ta’ eżekuzzjoni u prerekwiżiti oħra ddeterminati bil-liġi. Rikors għal eżekuzzjoni jrid ikun akkumpanjat minn kopja ta’ sentenza flimkien ma’ konferma tal-eżegwibbiltà tagħha. Il-qorti li tiddeċiedi fuq il-każ bħala l-qorti ġenerali takkumpanja s-sentenza b’din il-konferma. Kopja tas-sentenza mhix meħtieġa jekk ir-rikors għal eżekuzzjoni jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tiddeċiedi dwar il-każ bħala l-qorti ġenerali.
Id-deċiżjonijiet dejjem isiru fil-forma ta’ riżoluzzjonijiet fi proċeduri ta’ eżekuzzjoni.
Bħala regola, qorti tordna eżekuzzjoni mingħajr ma tisma lill-konvenut.
Il-proċeduri tal-qorti fir-Repubblika Ċeka huma soġġetti għal miżata tal-qorti (ara l-Att Nru 549/1991, dwar il-miżati tal-qorti, kif emendat). F’każijiet iġġustifikati, l-Att jippermetti eżenzjonijiet mill-miżati tal-qorti.
Proċedimenti ta’ eżekuzzjoni
L-eżekuzzjoni titwettaq mill-uffiċjal ġudizzjarju indikat mill-kreditur fir-rikors għall-eżekuzzjoni. Atti mingħand uffiċjal ġudizzjarju jitqiesu bħala atti ta’ qorti ta’ eżekuzzjoni.
Il-proċeduri ta’ eżekuzzjoni jinbdew fuq rikors mill-kreditur jew fuq rikors minn persuna li turi li jkun għadda jew ġie trasferit fuqha intitolament minn sentenza. Jinbdew fid-data meta dan ir-rikors jasal għand l-uffiċjal ġudizzjarju. L-uffiċjal ġudizzjarju jista’ jibda jidentifika u jassigura l-assi tal-konvenut biss wara li qorti tawtorizzah u tordna l-eżekuzzjoni.
Rikors għall-eżekuzzjoni jrid ikun fiha:
l-identifikazzjoni tal-uffiċjal ġudizzjarju li għandu jmexxi l-eżekuzzjoni, li tidentifika l-uffiċċju rreġistrat tiegħu (hemm lista ta’ uffiċjali ġudizzjarji fis-sit web tal-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tar-Repubblika Ċeka (Exekutorská komora České republiky) http://www.ekcr.cz/seznam-exekutoru.php&w; l-uffiċjali ġudizzjarji ma għandhomx ġuriżdizzjoni definita lokalment – kull uffiċjal ġudizzjarju jista’ jopera fir-Repubblika Ċeka kollha kemm hi);
l-identifikazzjoni tal-każ li għalih japplika r-rikors u l-għan tiegħu;
l-identifikazzjoni tal-parteċipanti, jiġifieri l-kreditur, jew il-persuna li għandha l-intitolament mis-sentenza, u l-konvenut; għall-persuni fiżiċi dan ifisser l-isem, il-kunjom, ir-residenza għat-tul tal-parteċipanti, jew il-post tar-residenza fir-Repubblika Ċeka skont it-tip ta’ soġġorn għal ċittadin barrani, u fejn applikabbli n-numru tal-karta tal-identità jew id-data tat-twelid tal-parteċipanti, jew għall-entitajiet ġuridiċi l-isem korporattiv jew kummerċjali, l-uffiċċju rreġistrat u n-numru ta’ identifikazzjoni;
l-identifikazzjoni eżatta tat-titolu eżekuttiv;
l-obbligu li għandu jiġi eżegwit bl-eżekuzzjoni, u l-informazzjoni dwar jekk il-konvenut ikkonformax mal-obbligu eżegwit u, jekk applikabbli, sa liema limitu;
fejn applikabbli, l-identifikazzjoni tal-evidenza li l-kreditur ibbaża l-intitolament tiegħu fuqha;
il-firma;
L-oriġinal jew kopja ċċertifikata tat-titolu eżekuttiv irid jinhemeż mal-eżekuzzjoni tar-rikors, flimkien mal-konferma tal-eżegwibbiltà tagħha jew kopja ta’ rekord notarili bil-permess tal-eżekuzzjoni, sakemm it-titolu eżekuttiv ma jkunx inħareġ mill-qorti tal-eżekuzzjoni. L-awtorità li tkun ħarġet it-titolu eżekuttiv jikkonferma l-eżegwibbiltà, filwaqt li saldi u ftehimiet jiġu kkonfermati mill-awtorità li tapprovahom.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

L-eżekuzzjoni ta’ sentenza tista’ tiġi ordnata abbażi ta’ titolu eżekuttiv, jekk ma jkunx hemm konferma volontarja ma’ obbligu impost.
Titolu eżekuttiv huwa:

deċiżjoni eżekuttiva ta' qorti jew uffiċjal ġudizzjarju, jekk tirrikonoxxi intitolament, timponi obbligu jew taffettwa l-assi;
sentenza eżekuttiva ta' qorti jew korp investigattiv, ta' prosekuzzjoni jew ġudikanti, jekk tirrikonoxxi intitolament jew taffettwa assi;
deċiżjoni eżekuttiva ta' arbitraġġ;
rekord notarili b'permess ta' eżekuzzjoni skont leġiżlazzjoni speċjali;
sentenza eżekuttiva u titoli eżekuttivi oħra minn awtorità pubblika;
Deċiżjonijiet eżekuttivi oħra u saldi u dokumenti approvati li l-eżegwibbiltà tagħhom hija approvata bil-liġi.
Jekk titolu eżekuttiv ma jiddeterminax l-iskadenza għal konformità mal-obbligu, huwa mifhum li jrid ikun hemm konformità mal-obbligu impost permezz tat-titolu eżekuttiv fi żmien tlett ijiem u, fil-każ ta' żgumbrament, fi żmien ħmistax-il jum minn meta s-sentenza ssir finali.

**Eżekuzzjoni ġudizzjarja**

Il-qorti ġenerali tal-konvenut għandha ġuriżdizzjoni biex timponi u teżegwixxi sentenza, twettaq l-attività ta' qorti qabel ma tordna eżekuzzjoni u għad-dikjarazzjonijiet fuq assi, sakemm l-Artikolu 252 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat, ma tiddeterminax mod ieħor.
L-eżekuzzjoni tista' tiġi ordnata biss sa fejn applikat mill-kreditur u li, skont is-sentenza, tkun biżżejjed għas-soddisfazzjon tiegħu (l-Artikolu 263(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).
Qorti tirrifjuta rikors għal eżekuzzjoni jekk ikun diġà ċar mir-rikors li r-rikavati mir-rikors mhux se jkunu biżżejjed, lanqas biex ikopru l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 264(2) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).

**Proċeduri ta' eżekuzzjoni**

Uffiċjal ġudizzjarju jeżegwixxi permezz ta' awtorizzazzjoni minn qorti, bl-eċċezzjoni tas-sentenzi indikati hawn fuq (il-punt Nru 1).
Uffiċjal ġudizzjarju li jirċievi rikors ta' eżekuzzjoni jitlob lill-qorti ta' eżekuzzjoni - mhux aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data ta' twassil tar-rikors - għal awtorizzazzjoni u biex jordna l-eżekuzzjoni. Il-qorti toħroġ l-awtorizzazzjoni fi żmien ħmistax-il jum, jekk ikun hemm konformità mal-prerekwiżiti kollha determinati legalment. Jekk ma jkunx hemm konformità mal-prerekwiżiti kollha determinati legalment għat-twettiq tal-eżekuzzjoni, il-qorti tordna lill-uffiċċjal ġudizzjarju biex jiċħad jew jirrifjuta parzjalment jew kompletament ir-rikors għal eżekuzzjoni, jew biex iwaqqaf il-proċeduri ta' eżekuzzjoni. L-uffiċjal ġudizzjarju huwa marbut b'din l-istruzzjoni.
Il-qorti ta' eżekuzzjoni b'ġuriżdizzjoni *ratione materiae* hija l-qorti distrettwali.
Il-qorti ta' eżekuzzjoni b'ġuriżdizzjoni lokali hija l-qorti li fid-distrett tagħha l-konvenut, jekk ikun persuna fiżika, ikollu r-residenza fit-tul tiegħu, jew il-post ta' residenza fir-Repubblika Ċeka skont it-tip ta' soġġorn għal ċittadin barrani. Jekk il-konvenut ikun entità ġuridika, il-qorti b'ġuriżdizzjoni lokali tkun dik li fid-distrett tagħha l-konvenut ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu. Jekk konvenut li jkun persuna fiżika ma jkollux residenza fit-tul jew post ta' residenza fir-Repubblika Ċeka, jew jekk konvenut li jkun entità ġuridika ma jkollux uffiċċju rreġistrat fir-Repubblika Ċeka, il-qorti b'ġuriżdizzjoni lokali tkun dik li fid-distrett tagħha l-konvenut ikollu l-assi.
Hemm xi eżenzjonijiet fil-ġuriżdizzjoni lokali mill-Att Nru 292/2013, dwar proċeduri speċjali tal-qorti, kif emendat, pereżempju l-Artikolu 511.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-azzjoni ta' eżekuzzjoni tista' tittieħed kontra kemm assi mobbli kif ukoll dawk immobbli, intitolament u assi oħrajn, b'xi eċċezzjonijiet.
Ma tistax tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni partikolarment kontra dan li ġej, skont l-Artikolu 321-322 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat:
oġġetti li l-bejgħ tagħhom huwa pprojbit skont leġiżlazzjoni speċjali, jew li mhumiex soġġetti għal eżekuzzjoni skont leġiżlazzjoni speċjali;
oġġetti li jappartjenu lill-konvenut li l-konvenut jeħtieġ sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet materjali tiegħu u dawk tal-familja tiegħu, jew biex iwettaq xogħlu, kif ukoll oġġetti oħra li l-bejgħ tagħhom imur kontra regoli morali (b'mod partikolari, dan ifisser oġġetti ordinarji ta' ħwejjeġ, tagħmir tad-dar normali, ċrieket taż-żwieġ, u oġġetti oħra ta' natura simili, provvisti mediċi u oġġetti oħra li l-konvenut jeħtieġ b'riżultat ta' marda jew difett fiżiku tiegħu, flus kontanti sal-ammont tad-doppju tal-livell ta' sussistenza għal individwu skont leġiżlazzjoni speċjali, annimali mhux miżmuma prinċipalment għal skopijiet ekonomiċi u li jservu bħala kumpanija);
jekk il-konvenut ikun imprenditur, oġġetti li jeħtieġ biex iwettaq l-attivitajiet kummerċjali tiegħu (dan ma japplikax jekk huma soġġetti għal rahan u jekk ir-rahan huwa maħsub biex ikopri ammont riċevibbli mingħand kreditur);
tagħmir tekniku li fuqu, skont leġiżlazzjoni speċjali, iżomm rekord tal-istrumenti ta' investiment jew jaħżen dokumenti relatati mad-dejta f'dawn ir-rekords, kif ukoll tagħmir tekniku li jservi biex jipprovdi dejta dwar is-sidien tal-istrumenti ta' investiment skont leġiżlazzjoni speċjali;
oġġetti li l-konvenut ikun akkwista bħala assi ta' sostituzzjoni (dan ma japplikax jekk il-konvenut ikollu intitolament biex jiddisponi liberament minn dawn l-oġġetti jew jekk l-eżekuzzjoni tinvolvi l-irkupru ta' djun ta' persuna deċeduta jew djun relatati mal-kurazija ta' oġġetti akkwistati bħala assi ta' sostituzzjoni).
Il-kreditur jista' dejjem japplika wkoll għal indeboliment tal-oġġetti elenkati hawn fuq, jekk ikunu ġew akkwistati minn konvenut li - permezz ta' att kriminali - ikun ikkawża dannu permezz ta' arrikkiment indebitu permezz ta' dan ir-reat kriminali, jekk il-kreditur ikun il-parti li tbati l-ħsara f'dan ir-reat kriminali.
Dan li ġej ukoll mhuwiex soġġett għal eżekuzzjoni:
ammonti riċevibbli kontra saldu li, skont polza tal-assigurazzjoni, ikun tħallas minn kumpanija tal-assigurazzjoni, jekk is-saldu jintuża biex jinbena bini ġdid jew isewwi bini eżistenti;
benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti, benefiċċji ta' sussistenza, sostenn soċjali tal-Istat, benefiċċji tal-abitazzjoni, u sostenn soċjali tal-Istat ta' darba u benefiċċji għall-fostering;
ammonti riċevibbli li l-konvenut ikun akkwista bħala assi ta' sostituzzjoni; dan ma japplikax jekk il-konvenut ikollu intitolament biex jiddisponi liberament minn dan l-ammont riċevibbli jew jekk l-eżekuzzjoni tinvolvi l-irkupru ta' djun ta' testatur jew djun relatati mal-kurazija ta' oġġetti akkwistati bħala assi ta' sostituzzjoni;
erbgħin fil-mija biss mill-ammonti riċevibbli minn persuni fiżiċi li huma imprendituri li jinqalgħu matul l-attivitajiet kummerċjali tagħhom ikunu oġġetti għal eżekuzzjoni; jekk, madankollu, ikun hemm rikors għal eżekuzzjoni ta' kwalunkwe dejn superjuri, sittin fil-mija minnhom ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni;
erbgħin fil-mija biss tal-ammonti riċevibbli ta' royalties ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni jekk il-konvenut ikun l-awtur; jekk, madankollu, ikun hemm rikors għal eżekuzzjoni ta' kwalunkwe dejn superjuri, sittin fil-mija minnhom ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni (l-istess japplika għal ammonti riċevibbli minn drittijiet ta' artisti tal-ispettaklu u minn drittijiet tal-oriġinaturi ta' proprjetajiet industrijali).
Din il-lista tirrappreżenta l-limitazzjonijiet fundamentali li tindebolixxi l-assi permezz ta' eżekuzzjoni. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fih xi limitazzjonijiet addizzjonali, pereżempju fl-Artikolu 267b.
Il-metodu ta' indeboliment ta' beni tal-miżżewġin huwa mnaqqax fl-Artikolu 262a(1) u (2) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat, u fl-Artikolu 42 tal-Att Nru 120/2001, il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni, kif emendat. L-eżekuzzjoni ta' assi li huma parti mill-beni tal-miżżewġin tista' tiġi ordnata wkoll għall-irkupru ta' dejn imġarrab minn wieħed biss mill-konjuġi matul jew qabel iż-żwieġ. Għall-finijiet tal-ordni ta' eżekuzzjoni, l-assi li mhumiex parti mill-beni tal-

miżżewġin biss għax deċiżjoni tal-qorti ħassret il-beni tal-miżżewġin, jew naqqset l-ambitu eżistenti tagħhom, jew għax l-ambitu tal-beni tal-miżżewġin tnaqqas kuntrattwalment, jew ġie rranġat metodu separat tal-assi, jew l-oriġini tal-beni tal-miżżewġin ġiet kuntrattwalment determinata mid-data ta' tmiem iż-żwieġ ukoll jitqiesu bħala parti mill-beni tal-miżżewġin tal-konvenut u l-part konjugali tiegħu.

L-eżekuzzjoni permezz ta' tnaqqis minn pagi jew dħul ieħor tal-parti konjugali tal-konvenut, permezz ta' sekwestru tal-konvenut minn kont f'istituzzjoni finanzjarja, is-sekwestru ta' ammont monetarju riċevibbli mill-parti konjugali tal-konvenut jew is-sekwestru ta' assi oħrajn mill-parti konjugali tal-konvenut, jistgħu jiġu ordnati f'każ ta' rkupru ta' dejn li jkun parti mill-beni tal-miżżewġin.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

Eżekuzzjoni ġudizzjarja:

Il-pagament ta' somma finanzjarja jista' jitwettaq permezz ta' tnaqqis minn pagi, sekwestri, l-amministrazzjoni ta' assi immobbli, il-bejgħ ta' assi mobbli u assi immobbli, is-sekwestru ta' impjant tal-manifattura, u l-ħolqien ta' rahan ġudizzjarju fuq assi immobbli (l-Artikolu 258(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).

L-eżekuzzjoni li timponi obbligu għajr il-pagament ta' ammont finanzjarju tiddependi fuq in-natura tal-obbligu impost. Tista' titwettaq permezz ta' żgumbrament, tneħħija ta' oġġetti, qsim ta' oġġetti komuni, tlestija ta' xogħol u attivitajiet oħra (ara l-Artikolu 258(2) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).

L-eżekuzzjoni **permezz tal-bejgħ ta' rahan** tista' titwettaq għal ammont riċevibbli sekwestrat permezz tal-bejgħ ta' assi mobbli u immobbli mirhuna, oġġetti komuni u ġabriet ta' oġġetti, permezz tas-sekwestru ta' ammonti finanzjarji riċevibbli mirhuna u s-sekwestru ta' drittijiet proprjetarji oħra mirhuna (l-Artikolu 258 (3) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).

Uffiċjal ġudizzjarju, wara li l-eżekuzzjoni tiddaħħal fir-reġistru ta' eżekuzzjonijiet mibdija, jivvaluta kif l-eżekuzzjoni titwettaq, u joħroġ jew iħassar ordni ta' eżekuzzjoni relatata mal-assi li għandhom ikunu affettwati bl-eżekuzzjoni. Ordni ta' eżekuzzjoni tfisser ordni biex titwettaq eżekuzzjoni f'waħda mill-modi determinati mill-Att Nru 120/2001, il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni, kif emendat. Fl-ordni ta' eżekuzzjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jagħżel metodu ta' eżekuzzjoni li ovvjament ikun xieraq, b'mod partikolari f'termini tal-isproporzjon rigward l-ammont ta' djun tal-konvenut u l-prezz tal-oġġett li minnu għandu jiġi ssodisfat id-dejn tal-konvenut.

Eżekuzzjoni li timponi l-pagament ta' ammont finanzjarju tista' titwettaq permezz ta' tnaqqis mill-pagi u dħul ieħor, permezz ta' sekwestri, il-bejgħ ta' assi mobbli u immobbli, is-sekwestru ta' impjant tal-manifattura, u l-ħolqien ta' rahan ta' uffiċjal ġudizzjarju fuq assi immobbli, l-amministrazzjoni ta' assi immobbli, jew permezz tas-sospensjoni ta' liċenzja tas-sewqan.

Metodu ta' eżekuzzjoni li jimponi obbligu għajr il-pagament ta' ammont finanzjarju jiddependi fuq in-natura tal-obbligu impost. Jista' jitwettaq permezz ta' żgumbrament, tneħħija tal-oġġetti, qsim tal-oġġetti komuni, it-tlestija ta' xogħol u attivitajiet oħra.

L-eżekuzzjoni **permezz tal-bejgħ ta' rahan** tista' titwettaq għal ammont riċevibbli sekwestrat permezz tal-bejgħ ta' assi mobbli u immobbli mirhuna.

Projbizzjoni fuq id-disponiment ta' assi hija rregolata bl-Artikolu 44a u l-Artikolu 47(5) tal-Att Nru 120/2001, il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni, kif emendat. Sakemm l-uffiċjal ġudizzjarju ma jiddeċidix mod ieħor, wara t-twassil tan-notifika ta' bidu ta' eżekuzzjoni l-konvenut ma jistax jiddisponi mill-assi tiegħu, inkluż il-proprjetà immobbli u l-assi inklużi fil-beni tal-miżżewġin, bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet kummerċjali u operatorji normali, l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-manteniment bażiku prorju u dawk tal-persuni li għandu obbligu ta' manteniment tagħhom, u l-manteniment u l-immaniġġjar tal-assi. Kull att legali li permezz tiegħu l-konvenut jikser dan l-obbligu huwa invalidu. Madankollu, att legali jitqies validu jekk l-uffiċjal ġudizzjarju, il-kreditur, jew kreditur reġistrat ma jopponux il-validità tiegħu sabiex jiżguraw l-issodisfar ta' ammont riċevibbli eżegwit. L-effetti legali ta' oġġezzjoni kontra l-validità tagħha jibdew mill-mument li fih l-att legali jieħu effett, jekk l-ordni ta' eżekuzzjoni jew manifestazzjoni oħra tar-rieda tal-uffiċjal ġudizzjarju, tal-kreditur jew tal-kreditur reġistrat titwassal lill-parteċipanti kollha fl-att legali li l-uffiċjal ġudizzjarju, il-kreditur tas-sentenza jew il-kreditur reġistrat ikunu qajmu oġġezzjoni ta' invalidità kontrih.

Il-konvenut ma jistax jittrasferixxi assi soġġetti għal ordni ta' eżekuzzjoni lil persuna oħra, jew iġarrab jew jiddisponi minnhom bl-ebda mod. Kull att legali li permezz tiegħu l-konvenut jikser dan l-obbligu huwa invalidu.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Dawn il-miżuri jdumu sakemm titwaqqaf l-eżekuzzjoni, l-ammont riċevibbli, l-elementi anċillari tiegħu u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni jinġabru, eċċ. Il-projbizzjoni tad-disponiment tal-assi tintemm b'deċiżjoni, jekk il-konvenut jiddepożita għand l-uffiċjal ġudizzjarju ammont daqs l-ammont riċevibbli, l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni u l-ispejjeż tal-kreditur li jkunu qed jiġu rkuprati.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

**Opravné prostředky při soudním výkonu rozhodnutí**:

Matul l-eżekuzzjoni ġudizzjarja ta' sentenza, huwa possibbli li tressaq appell skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili dwar l-appelli. Il-konvenut irid iressaq dan l-appell fi żmien 15-il jum mit-twassil tal-kopja miktuba tas-sentenza fil-qorti li d-deċiżjoni tkun immirata kontriha. Jekk jitressaq minn persuna intitolata li tagħmel dan, fiż-żmien permess għall-appell, is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ sakemm qorti tal-appelli ma tiħux deċiżjoni finali fuq l-appell (ara wkoll l-Artikolu 254 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' proċedura Ċivili, kif emendat).

Għal raġunijiet statutorji, matul l-eżekuzzjoni ta' sentenza mhuwiex possibbli li tissospendi l-proċeduri u tirrinunzja l-osservanza tal-iskadenza. Lanqas ma huwa possibbli li tippreżenta azzjoni biex terġa' tibda eżekuzzjoni; madankollu, huwa possibbli li tippreżenta azzjoni għal nullità, iżda biss jekk din l-azzjoni tattakka riżoluzzjoni finali tal-qrati tal-appelli li permezz tagħha appell ikun ġie rifjutat jew ikunu ġew terminati proċeduri ta' appell, kif ukoll ir-riżoluzzjoni finali tal-qorti tal-appelli li permezz tagħha r-riżoluzzjoni ta' qorti ġenerali dwar ir-rifjut ta' appell jew ritrattazzjoni tkun ġiet konfermata jew mibdula minħabba dewmien (ara wkoll l-Artikolu 229(4) u l-Artikolu 254(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat).

Jista' jiġi eżerċitat dritt għall-assi li ma jippermettix eżekuzzjoni kontra l-kreditur permezz ta' rikors biex dawn l-assi jiġu esklużi mill-eżekuzzjoni skont l-Artikolu 267(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Jista' jiġi eżerċitat *mutatis mutandis* dritt għall-assi li jifforma parti mill-beni tal-miżżewġin jew, għall-finijiet tal-ordni ta' eżekuzzjoni, jitqiesu bħala assi li jiffurmaw parti mill-beni tal-miżżewġin tal-konvenut u l-parti konjugali tiegħu, għalkemm l-ammont riċevibbli li jkun qed jiġi rkuprat ma jistax jiġi ssodisfat minn dawn l-assi, permezz ta' rikors bħal dan (l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Ċaħda tal-awtentiċità, tal-ammont, tal-grupp jew ordni ta' kwalunkwe ammont riċevibbli reġistrat għad-distribuzzjoni tal-proċedimenti jew inkella ssodisfat matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza jridu jiġu eżerċitati wkoll kontra kreditur permezz ta' rikors, b'metodi definiti b'mod statutorju ta' assi ta' indeboliment (l-Artikolu 267a tal-Kodiċi ta' proċedura Ċivili).

Parteċipant jista' jressaq oġġezzjonijiet kontra xi riżoluzzjonijiet ġudizzjarji. Pereżempju, hemm oġġezzjonijiet mill-konvenut rigward l-inventarju tal-assi, oġġezzjonijiet kontra r-rapport dwar il-ġestjoni ta' impjant tal-manifattura, jew oġġezzjonijiet għal għotja.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, il-konvenut jista', matul il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, iressaq rikors biex jiddiferixxi jew biex jissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Id-differiment u s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza huma rregolati fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili kif ukoll fil-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (b'mod partikulari fl-Artikoli 266, 268 u 269 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat, u l-Artikoli 54, 55 u 55a tal-Att Nru 120/2001, il-Kodiċi ta' eżekuzzjoni, kif emendat).

**Appell fi proċeduri ta' eżekuzzjoni**

Huwa possibbli li tappella kontra deċiżjoni minn uffiċċjal ġudizzjarju f'każijiet permessi mill-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (ara l-Artikolu 55c).
Huwa possibbli li tagħmel rikors għall-esklużjoni ta' oġġett kontra deċiżjoni minn uffiċjal ġudizzarju dwar rikors għat-tneħħija ta' oġġett minn lista skont l-Artikolu 267 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili quddiem il-qorti ta' eżekuzzjoni fi żmien 30 jum mit-twassil tad-deċiżjoni tal-uffiċjal ġudizzjarju li permezz tagħha l-uffiċjal ġudizzjarju ma kkonformax, anke parzjalment, mar-rikors għat-tneħħija tal-oġġett mil-lista. Mhuwiex possibbli li tbigħ l-assi mobbli elenkati bejn il-preżentazzjoni tar-rikors għat-tneħħija tal-oġġett mil-lista u l-iskadenza ta' din id-data, u għad-durata tal-proċeduri dwar l-azzjoni.
Parteċipant jista' jippreżenta oġġezzjonijiet kontra ordni biex jitħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri fi żmien tmint ijiem mit-twassil tal-ordni.
Rigward rikors għad-differiment jew it-twaqqif tal-eżekuzzjoni, ara "Opravné prostředky při soudním výkonu rozhodnutí" hawn fuq.

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Wara ordni ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 44 ff. tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni) il-projbizzjoni fuq id-disponiment tal-assi ma japplikax għal attivitajiet kummerċjali u operatorji tal-konvenut, l-issodisfar tal-ħtiġijiet ta' manteniment bażiċi tiegħu u ta' dawk il-persuni li għandu obbligu ta' manteniment fir-rigward tagħhom, u l-manteniment u l-ġestjoni tal-assi. Il-konvenut jista' ulterjorment jagħmel rikors għand l-uffiċjal ġudizzjarju biex il-projbizzjoni ma tapplikax għal parti mill-assi tiegħu; f'dan ir-rikors, il-konvenut irid juri li l-assi li fadallu huma biżżejjed b'mod ċar u bla ebda dubju biex ikopru l-ammont riċevibbli li qed jiġi rkuprat, inkluż l-ispejjeż tal-kreditur u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni.
Wara talba mingħand uffiċjal ġudizzjarju, li trid tinkludi informazzjoni dwar l-iskadenza għall-pagament u l-konsegwenzi potenzjali f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, il-konvenut għandu wkoll il-possibbiltà li jħallas l-ammont riċevibbli li qed jiġi rkuprat kif ukoll id-depożitu bi spejjeż imnaqqsa. Il-projbizzjoni fuq id-disponiment tal-assi (l-Artikolu 44a(1) u l-Artikolu 46(6) tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni) tintemm mal-konformità mal-ammont riċevibbli li qed jiġi rkuprat u l-pagament tad-depożitu. Inkella, l-uffiċjal ġudizzjarju jwettaq l-eżekuzzjoni.
Il-konvenut huwa protett speċjalment f'sitwazzjoni ta' żgumbrament minn appartament jew proprjetà immobbli oħra li fiha jkun jgħix, skont l-Artikolu 64 tad-Digriet tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka Nru 37/1992, dwar ir-regoli ta' proċedura għall-qrati distrettwali u reġjonali, kif emendat, tat-23 ta' Diċembru 1991. Dan minħabba li jekk l-eżekutur, meta jwettaq l-iżgumbrament mill-proprjetà immobbli, struttura, appartament jew kamra, isib li l-persuna li tkun qed titkeċċa ma tkunx tista' tqum mis-sodda minħabba mard, jew tkun mara f'perjodu postnatali jew fi stadju avvanzat ta' tqala, u li l-evizzjoni tista' tipperikola b'mod serju s-saħħa ta' din il-persuna, din l-eżekuzzjoni mhijiex permessa; jekk ma tintbagħatx konferma mingħand tabib jew jekk ikollu dubju dwar il-korrettezza ta' din il-konferma, l-uffiċjal ġudizzjarju jfittex l-opinjoni ta' speċjalist mediku.
Xi oġġetti li jappartjenu għad-debitur huma eżenti skont il-Kodiċi ta' proċedura Ċivili, ara wkoll il-mistoqsija "Jaký druh majetku může být předmětem výkonu soudních rozhodnutí?"

L-aħħar aġġornament: 20/08/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Ġermanja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Eżekuzzjoni obbligatorja (*Zwangsvollstreckung*) hija l-proċedura użata biex tiġi eżegwita pretensjoni tad-dritt privat b'kompulsjoni pubblika. L-Istat għandu s-setgħa li jeżegwixxi, u jopera permezz tar-rappreżentanti tiegħu b'konformità mal-awtorità sovrana tiegħu.
Dawn il-miżuri ta' eżekuzzjoni huma disponibbli biex iġiegħlu lid-debitur jissodisfa obbligu impost fuqu biex jagħmel pagament, iwettaq azzjoni, eċċ.:
Ordni ta' sekwestru (*Pfändung*) ta' oġġetti
Ordni ta' sekwestru ta' ammonti riċevibbli u assi oħrajn miżmuma mid-debitur (b'mod partikulari, ordni ta' sekwestru ta' rikavati)
Dikjarazzjoni tal-assi mid-debitur (*Vermögensauskunft*)
Miżuri koerċittivi (*Zwangsmaßnahmen*) li jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom
Bejgħ furzat (*Zwangsversteigerung*)
Riċevituri (*Zwangsverwaltung*)
Eżekuzzjoni obbligatorja fil-Ġermanja hija rregolata minn §§ 704 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung* – ZPO) u mill-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevituri (*Gesetz über die Zwangsversteigerung und Zwangsverwaltung* – ZVG).
Ir-Regolament (UE) Nru 655/2014, li jirregola l-eżekuzzjoni transfruntiera ta' pretensjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE, huwa implimentat fil-Ġermanja bi §§ 946 *et seq.* ZPO.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Ara l-mistoqsija 3 hawn taħt.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

**3.1 Il-proċedura**

**Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji huma t-tnejn eżegwibbli?**

Iva. Id-deċiżjonijiet ikkonċernati jinkludu sentenzi finali li ma għadhomx miftuħa għal appell jew li huma provviżorjament eżegwibbli (§ 704 ZPO), ordni ta' sekwestru kawtelatorju (*Arrest*) u ordnijiet provviżorji (*einstweilige Verfügungen*, §§ 929, 936 ZPO), u d-dokumenti l-oħra eżegwibbli elenkati fi § 794 ZPO, li jinkludu mhux biss ordnijiet tal-qorti iżda anke saldi milħuqa quddiem tribunal tal-arbitraġġ (*Vergleiche vor Gütestellen*), saldi konklużi minn avukati ( *Anwaltsvergleiche*), u atti notarili (*notarielle Urkunden*).

**Jenħtieġ li jsir rikors għal ordni tal-qorti li tawtorizza eżekuzzjoni?**

Jenħtieġ ordni tal-qorti għall-ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijiet u assi oħrajn miżmuma mid-debitur, għal miżuri koerċittivi biex jiżguraw li azzjonijiet jittieħdu u jżommu lura minnhom, u għal eżekuzzjoni obbligatorja kontra proprjetà immobbli skont l-Att dwar Irkanti Pubbliċi u Riċevituri.

**Liema qorti hija kompetenti biex tordna eżekuzzjoni?**

Għall-ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijiet tad-debitur: il-qorti lokali (*Amtsgericht*) għall-post fejn jgħix id-debitur.
Biex miżuri koerċittivi jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom: il-qorti ġenerali xierqa.
Għal bejgħ furzat u riċevituri: il-qorti lokali għall-post fejn tinsab il-proprjetà.

**Status u setgħat tal-uffiċjal ġudizzjarju**

Uffiċjal ġudizzjarju (*Gerichtsvollzieher*) huwa uffiċjal tal-qorti f'*Land*, u huwa taħt il-funzjoni superviżorja tal-imħallef li jippresjedi l-qorti lokali. Madankollu, huwa funzjonalment indipendenti fl-eżerċizzju tal-obbligi ta' eżekuzzjoni tiegħu: din il-funzjoni amministrattiva ma tistax tintuża biex teżerċita influwenza fuqu.
Il-miżuri meħuda u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż imfassla mill-uffiċjal ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati billi titressaq oġġezzjoni (*Erinnerung*). L-istess japplika jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jirrifjuta li jeżegwixxi l-ordni. L-oġġezzjoni tinstema' mill-qorti b'ġuriżdizzjoni għall-eżekuzzjoni.
L-uffiċjal ġudizzjarju huwa responsabbli li jeżegwixxi sentenzi fi kwistjonijiet ċivili skont il-Ktieb 8 taż-ZPO. L-attenzjoni hija fuq l-eżekuzzjoni kontra l-proprjetà mobbli. Hawnhekk l-uffiċjal ġudizzjarju fil-prinċipju jippermetti li d-debitur iħallas bi ħlasijiet parzjali, u huwa responsabbli li jiżgura li l-proċedura tal-

eżekuzzjoni tiġi konkluża fil-ħin u b'mod effettiv. Wieħed mill-obbligi primarji tiegħu huwa li jieħu dikjarazzjoni tal-assi taħt ġurament mingħand id-debitur.
Oqsma oħra ta' kompetenza jinkludu:
Jirkupra proprjetà mobbli u immobbli (żgumbrament).
Jegħleb ir-reżistenza min-naħa tad-debitur għal azzjonijiet li huwa rikjest li jippermetti.
Joffri s-servizz, fuq talba ta' parti, ta' dokumenti rikjesti għall-eżekuzzjoni obbligatorja.
Jeżegwixxi l-ordnijiet għal ordni ta' sekwestru kawtelatorju u ordnijiet provviżorji (meta din ma tkunx kwistjoni għall-qorti).
Jeżegwixxi mandat ta' arrest wara rifjut ta' forniment tad-dikjarazzjoni tal-assi.
**Ir-rikors għal eżekuzzjoni jrid isir mingħand operatur fil-qasam tal-ġustizzja?**
Il-qorti b'ġuriżdizzjoni f'rikorsi għal eżekuzzjoni normalment hija l-qorti lokali, meta r-rappreżentanza legali ma tkunx obbligatorja.
Biex miżuri koerċittivi jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom, irid isir rikors quddiem il-qorti ġenerali xierqa, li f'ċerti ċirkustanzi tista' tkun qorti superjuri(il-qorti reġjonali (*Landgericht*)), meta fil-prinċipju r-rappreżentanza legali hija meħtieġa.
Spejjeż ta' miżuri ta' eżegwibbiltà
Il-liġi tipprevedi metodi differenti ta' eżegwibbiltà, skont il-pretensjoni li trid tiġi żgurata. Il-miżuri ta' eżegwibbiltà differenti għandhom spejjeż differenti:
**a. Ordni ta' sekwestru ta' oġġetti**
Meta d-dritt għal pagament ta' somma ta' flus speċifika jiġi aċċettat, il-kreditur jista' jitlob lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jeżegwixxi l-pagament. Miżata ta' EUR 26 hija pagabbli għal ordni ta' sekwestru tal-proprjetà mobbli tad-debitur mill-uffiċjal ġudizzjarju, skont il-punt 205 tal-iskeda tal-miżati (*Kostenverzeichnis* – KV) annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieherkostengesetz* – GvKostG). Għall-bejgħ tal-oġġetti sekwestrati, għal irkant pubbliku (li jista' jkun irkant lokali jew irkant fuq l-internet aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' pjattaforma tal-irkant), jew għal realizzazzjoni f'xi forma oħra, hemm miżata addizzjonali ta' EUR 52 li hija pagabbli skont il-punt 300 tal-iskeda tal-miżati . Jiġi impost ukoll ħlas addizzjonali għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjal ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn tliet sigħat. Il-ħlas addizzjonali jammonta għal EUR 20 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha. Barra minn hekk, hemm l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju, speċjalment fil-forma ta' spejjeż tal-ivvjaġġar (il-punt 711 tal-iskeda tal-miżati).
**b. Ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijietmiżmuma mid-debitur:**
Ordni biex titħallas somma ta' flus tista' tiġi żgurata wkoll permezz ta' rikors quddiem il-qorti għal ordni ta' sekwestru ta' pretensjoni miżmuma mid-debitur (pereżempju għall-pagament ta' rikavati) u ċ-ċessjoni tagħha lill-kreditur, b'pagamenti li jitnaqqsu mid-dejn (*zur Einziehung*, "għall-ġbir") jew iċ-ċessjoni sservi ta' saldu tal-pretensjoni tal-kreditur fuq id-debitur (*an Zahlungs statt*, "minflok pagament") (§§ 829, 835 ZPO). Bħala regola, ordni ta' sekwestru u ċessjoni ta' pretensjoni isir rikors għalihom b'mod konġunt u kkombinat f'deċiżjoni ta' ordni ta' sekwestru u ċessjoni. Madankollu, miżata ta' EUR 20 biss hija pagabbli għall-proċedimenti fuq ir-rikorsi, skont il-punt 2111 tal-iskeda tal-miżati (*Kostenverzeichnis* – KV) annessi mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji ( *Gerichtsvollzieherkostengesetz* – GvKostG). L-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti, jiġu imposti separatament, skont il-Parti 9 tal-istess skeda ta' miżati.
**c. Teħid ta' dikjarazzjoni ta' assi**
L-uffiċjal ġudizzjarju jimponi miżata ta' EUR 33 biex tittieħed dikjarazzjoni ta' assi, skont il-punt 260 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċċjali Ġudizzjarji.
**d. Eżekuzzjoni kontra proprjetà immobbli**
L-eżekuzzjoni obbligatorja kontra l-proprjetà immobbli tad-debitur tieħu l-forma ta' self ipotekarju mdaħħal fir-reġistru tal-artijiet, jew bejgħ furzat jew riċevituri tal-proprjetà.
Għad-dħul ta' self ipotekarju fir-reġistru tal-artijiet biex tiġi żgurata pretensjoni, miżata hija pagabbli, skont il-punt 14121 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti u tan-Nutara (*Gerichts- und Notarkostengesetz* – GNotKG), bir-rata ta'1 % tal-valur tal-pretensjoni biex tiġi żgurata (§ 53(1) tal-Att). Fl-Anness 1 hemm tabella tal-miżati għal valuri sa massimu ta' EUR 3 miljun.
Il-miżati tal-qorti għal proċeduri skont l-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevituri huma determinati mill-Parti 2, Taqsima 2, Subpartijiet 1 u 2 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti. Miżata ta' EUR 100 hija pagabbli għal deċiżjoni dwar rikors għal ordni għall-bejgħ furzat ta' art jew dwar rikjesta bħala intervenjent fil-proċeduri. Hemm ukoll miżata għall-proċeduri bħala tali, miżata biex jinżamm mill-inqas irkant wieħed bi proċedura miftuħa, miżata biex jiġi konkluż il-bejgħ, u miżata biex jitqassmu r-rikavati; kull waħda minn dawn il-miżati tammonta għal 0.5 %. Il-miżati għall-proċeduri u biex jinżamm l-irkant huma determinati b'referenza għall-valur tal-proprjetà aċċettata mill-qorti ta' eżekuzzjoni (valur tas-suq, § 54(1) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). Il-miżati biex jiġi konluż il-bejgħ u jitqassmu r-rikavati huma determinati abbażi tal-offerta rebbieħa, wara li jitnaqqas l-imgħax, inkluż il-valur ta' kwalunkwe drittijiet pendenti skont it-termini tal-irkant (§ 54(2) u (3) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). Fl-Anness 2 hemm tabella tal-miżati għal valuri sa massimu ta' EUR 500 000. Apparti l-miżati, l-ispejjeż imġarrba fil-proċeduri jiġu imposti separatament, skont il-Parti 9 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti; dawn jinkludu l-ispejjeż pagabbli għall-valwazzjoni ta' stħarriġ tal-valur tas-suq tal-proprjetà skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni Ġudizzjarja u l-Kumpens (*Justizvergütungs- und entschädigungsgesetz* – JVEG) (il-punt 9005 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).
Miżata ta' EUR 100 hija pagabbli għal deċiżjoni dwar ir-rikors għal ordni ta' riċevitura jew dwar rikjesta bħala intervenjent fil-proċeduri. Ir-riċevitura stess hija soġġetta għal miżata annwali bir-rata ta' 0.5 %, b'minimu ta' EUR 120 b'mod ġenerali u minimu ta' EUR 60 f'kull wieħed mill-ewwel u l-aħħar snin kalendarji. L-ammont tal-miżata huwa determinat b'referenza għad-dħul totali mir-riċevitura (§ 55 tal-Att dwar l-ispejjeż tal-Qorti).
**e. Rkupru u miżuri koerċittivi li jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu, jiġu permessi jew iżommu lura minnhom**
Jekk id-debitur ikun rikjest li jċedi l-proprjetà mobbli, il-proprjetà trid tiġi rkuprata mingħand id-debitur permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju u tgħaddi għand il-kreditur. Għal dan l-att uffiċjali, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi miżata ta' EUR 26, skont il-punt 221 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. Apparti din il-miżata, jiġi impost ħlas addizzjonali għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjal ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn tliet sigħat. Il-ħlas addizzjonali jammonta għal EUR 20 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha.
Jekk id-debitur ikun meħtieġ iċedi proprjetà immobbli, l-uffiċjal ġudizzjarju irid jieħu l-pussess mingħand id-debitur u jagħti l-pussess lill-kreditur (żgumbrament). Tiġi imposta miżata ta' EUR 98 skont il-punt 240 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċċjali Ġudizzjarji. Hawnhekk ukoll jiġi impost ħlas addizzjonali ta' EUR 20 għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha, jekk l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tieħu aktar minn tliet sigħat. Barra minn hekk, jiġu imposti wkoll l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju, inkluż l-ispejjeż tas-servizzi meħtieġa pprovduti minn partijiet terzi, bħall-ġarr jew is-servizzi ta' ħaddied li jagħmel u jsewwi s-serraturi.
Fil-proċeduri quddiem il-qorti biex iġiegħlu t-twettiq ta' azzjoni (jekk tista' titwettaq biss mid-debitur jew jekk tista' titwettaq minn persuna oħra f'postu), biex jippermettu azzjoni, jew biex iżommu lura minn azzjoni, hemm miżata tal-qorti pagabbli li tammonta għal EUR 20 f'kull każ, skont il-punt 2111 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti.
**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Il-kreditur irid ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' eżekuzzjoni li jistabbilixxi l-pretensjoni tiegħu. Dan jista' jkun sentenza finali li ma għadhiex miftuħa għal appell jew provviżorjament eżegwibbli (§ 704 ZPO) jew wieħed mid-dokumenti elenkati fi § 794 ZPO (pereżempju saldi ġudizzjarji (*gerichtlicher Vergleich*), ordni ta' eżekuzzjoni (*Vollstreckungsbescheid*), jew att notarili). Bħala regola ġenerali d-dokument irid ikun fih ċertifikat ta' eżegwibbiltà tal-qorti (*Vollstreckungsklausel*) u jrid ikun ġie nnotifikat lid-debitur. Ċertifikat ta' eżegwibbiltà tal-qorti huwa meħtieġ biss f'każijiet eċċezzjonali għal ordnijiet ta' eżekuzzjoni, ordnijiet ta' sekwestru provviżorji u ordnijiet provviżorji (§ 796 ZPO; §§ 929(1), 936 ZPO).

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-assi mobbli, il-pretensjonijiet u drittijiet oħra ta' proprjetà u proprjetà immobbli tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni.

§ 811 ZPO jispeċifika l-assi mobbli li ma jistgħux jiġu sekwestrati; l-għan huwa li d-debitur u l-unità domestika tiegħu jitħallew iżommu l-minimu essenzjali għal użu personali jew professjonali.

Japplikaw ukoll resrizzjonijiet fuq l-ordni ta' sekwestru għad-dħul li jkun qala' d-debitur. §§ 850 *et seq.* ZPO jipprevedu ċerti ammonti li ma jistgħux jiġu sekwestrati, billi d-debitur għandu bżonnhom biex jipprovdi għas-sussistenza tiegħu. Bilanċi ta' kreditu jistgħu jiġu protetti f'"kont eżenti mis-sekwestru" (*Pfändungsschutzkonto*, § 850k ZPO). Ċerti ammonti eżenti mis-sekwestru jinżammu f'dawn il-kontijiet irrispettivament mill-oriġini tal-bilanċ ta' kreditu.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

**Rigward id-debitur**

L-eżekuzzjoni kontra l-proprjetà mobbli tad-debitur isseħħ permezz ta' ordni ta' sekwestru u r-realizzazzjoni tal-proprjetà sekwestrata. Il-pretensjonijiet u d-drittijiet miżmuma mid-debitur kontra partijiet terzi huma sekwestrati b'inġunzjoni ta' eżekuzzjoni. Fiż-żewġ każijiet, l-ordni ta' sekwestru huwa att uffiċjali li jwassal għall-konfiska tal-oġġett issekwestrat. Fost effetti oħrajn, il-konfiska ċċaħħad lid-debitur mill-kontroll tal-oġġett.

**Rigward partijiet terzi**

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jkun issekwestra l-proprjetà immobbli li tkun tappartjeni mhux għad-debitur iżda għal parti terza, il-parti terza tista' topponi s-sekwestru tal-proprjetà tiegħu permezz ta' oġġezzjoni ta' parti terza (*Drittwiderspruchsklage*).

Meta l-pretensjonijiet miżmuma mid-debitur kontra parti terza jiġu sekwestrati u ċeduti, il-parti terza ma tibqax tħallas lid-debitur; hija tista' tħallas pretensjoni li tkun ġiet ċeduta lil kreditur għal tnaqqis mill-pretensjoni tad-debitur lill-kreditur biss, u dan jirrilaxxaha mid-dejn tagħha. Parti terza li tikser dan l-obbligu tiffaċċja r-riskju ta' azzjoni għal danni.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-pretensjonijiet li ma għadhomx miftuħa għal appell u l-pretensjonijiet taħt saldi jew atti eżegwibbli huma soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena skont § 197 tal-Kodiċi Ċivili (BGB). Il-kreditur jista' jibda proċeduri ta' eżekuzzjoni fi kwalunkwe żmien matul dak il-perjodu.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Ma hemm l-ebda proċedura skont il-liġi Ġermaniża biex tingħata eżekuzzjoni.

Id-debitur jista' joġġezzjona għall-miżuri meħuda kontrih bħala parti mill-proċeduri ta' eżekuzzjoni. Jista' joġġezzjona (*Erinnerung*) kontra l-manjiera tal-eżekuzzjoni. Jista' jressaq ilment immedjat (*Beschwerde*) kontra deċiżjoni meħuda fi proċeduri fejn ma tkun saret l-ebda seduta tas-smigħ. Dan l-ilment jista' jitressaq f'perjodu ta' ġimagħtejn quddiem il-qorti li jopponi għad-deċiżjoni tagħha, u dan jista' jreġġa' lura d-deċiżjoni tagħha stess, jew quddiem il-qorti reġjonali, bħala qorti tal-appell.

Ir-rikors ta' dan ir-rimedju ma għandu l-ebda impatt immedjat fuq il-kontinwazzjoni tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni mibdija; ma hemm l-ebda effett sospensiv.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Ara l-mistoqsija 4 hawn fuq.

Anness 1

| Valur kummerjċali sa massimu ta' EUR ... | Miżata **Tabella B** EUR … | Valur kummerjċali sa massimu ta' EUR … | Miżata **Tabella B** EUR … | Valur kummerjċali sa massimu ta' EUR ... | Miżata **Tabella B** EUR … |
|---|---|---|---|---|---|
| **500** | 15.00 | **200 000** | 435.00 | **1 550 000** | 2 615.00 |
| **1 000** | 19.00 | **230 000** | 485.00 | **1 600 000** | 2 695.00 |
| **1 500** | 23.00 | **260 000** | 535.00 | **1 650 000** | 2 775.00 |
| **2 000** | 27.00 | **290 000** | 585.00 | **1 700 000** | 2 855.00 |
| **3 000** | 33.00 | **320 000** | 635.00 | **1 750 000** | 2 935.00 |
| **4 000** | 39.00 | **350 000** | 685.00 | **1 800 000** | 3 015.00 |
| **5 000** | 45.00 | **380 000** | 735.00 | **1 850 000** | 3 095.00 |
| **6 000** | 51.00 | **410 000** | 785.00 | **1 900 000** | 3 175.00 |
| **7 000** | 57.00 | **440 000** | 835.00 | **1 950 000** | 3 255.00 |
| **8 000** | 63.00 | **470 000** | 885.00 | **2 000 000** | 3 335.00 |
| **9 000** | 69.00 | **500 000** | 935.00 | **2 050 000** | 3 415.00 |
| **10 000** | 75.00 | **550 000** | 1 015.00 | **2 100 000** | 3 495.00 |
| **13 000** | 83.00 | **600 000** | 1 095.00 | **2 150 000** | 3 575.00 |
| **16 000** | 91.00 | **650 000** | 1 175.00 | **2 200 000** | 3 655.00 |
| **19 000** | 99.00 | **700 000** | 1 255.00 | **2 250 000** | 3 735.00 |
| **22 000** | 107.00 | **750 000** | 1 335.00 | **2 300 000** | 3 815.00 |
| **25 000** | 115.00 | **800 000** | 1 415.00 | **2 350 000** | 3 895.00 |
| **30 000** | 125.00 | **850 000** | 1 495.00 | **2 400 000** | 3 975.00 |
| **35 000** | 135.00 | **900 000** | 1 575.00 | **2 450 000** | 4 055.00 |
| **40 000** | 145.00 | **950 000** | 1 655.00 | **2 500 000** | 4 135.00 |
| **45 000** | 155.00 | **1 000 000** | 1 735.00 | **2 550 000** | 4 215.00 |
| **50 000** | 165.00 | **1 050 000** | 1 815.00 | **2 600 000** | 4 295.00 |
| **65 000** | 192.00 | **1 100 000** | 1 895.00 | **2 650 000** | 4 375.00 |
| **80 000** | 219.00 | **1 150 000** | 1 975.00 | **2 700 000** | 4 455.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **95 000** | 246.00 | **1 200 000** | 2 055.00 | **2 750 000** | 4 535.00 |
| **110 000** | 273.00 | **1 250 000** | 2 135.00 | **2 800 000** | 4 615.00 |
| **125 000** | 300.00 | **1 300 000** | 2 215.00 | **2 850 000** | 4 695.00 |
| **140 000** | 327.00 | **1 350 000** | 2 295.00 | **2 900 000** | 4 775.00 |
| **155 000** | 354.00 | **1 400 000** | 2 375.00 | **2 950 000** | 4 855.00 |
| **170 000** | 381.00 | **1 450 000** | 2 455.00 | **3 000 000** | 4 935.00 |
| **185 000** | 408.00 | **1 500 000** | 2 535.00 | | |

Anness 2

| Ammont mitlub sa massimu ta' EUR ... | Miżata EUR ... | Ammont mitlub sa massimu ta' EUR ... | Miżata EUR ... |
|---|---|---|---|
| **500** | 35.00 | **50 000** | 546.00 |
| **1 000** | 53.00 | **65 000** | 666.00 |
| **1 500** | 71.00 | **80 000** | 786.00 |
| **2 000** | 89.00 | **95 000** | 906.00 |
| **3 000** | 108.00 | **110 000** | 1 026.00 |
| **4 000** | 127.00 | **125 000** | 1 146.00 |
| **5 000** | 146.00 | **140 000** | 1 266.00 |
| **6 000** | 165.00 | **155 000** | 1 386.00 |
| **7 000** | 184.00 | **170 000** | 1 506.00 |
| **8 000** | 203.00 | **185 000** | 1 626.00 |
| **9 000** | 222.00 | **200 000** | 1 746.00 |
| **10 000** | 241.00 | **230 000** | 1 925.00 |
| **13 000** | 267.00 | **260 000** | 2 104.00 |
| **16 000** | 293.00 | **290 000** | 2 283.00 |
| **19 000** | 319.00 | **320 000** | 2 462.00 |
| **22 000** | 345.00 | **350 000** | 2 641.00 |
| **25 000** | 371.00 | **380 000** | 2 820.00 |
| **30 000** | 406.00 | **410 000** | 2 999.00 |
| **35 000** | 441.00 | **440 000** | 3 178.00 |
| **40 000** | 476.00 | **470 000** | 3 357.00 |
| **45 000** | 511.00 | **500 000** | 3 536.00 |

L-aħħar aġġornament: 25/01/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Irlanda

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Ma hemm l-ebda definizzjoni preċiża ta' eżekuzzjoni fl-Irlanda. F'termini prattiċi tammonta għall-att ta' twettiq ta' sentenza jew ordni ta' qorti. Din l-azzjoni ta' eżekuzzjoni normalment hija sanzjonata mill-qorti qabel ma titwettaq.

Dawn li ġejjin huma l-aktar mezzi komuni li bihom jiġu eżegwiti sentenzi ta' natura ċivili u kummerċjali fl-Irlanda:

Eżekuzzjoni

Din it-tip ta' azzjoni tinvolvi s-sekwestru ta' oġġetti tad-debitur tas-sentenza. Il-Qorti toħroġ ordni fuq talba mingħand il-kreditur tas-sentenza li tordna lir-Reġistratur tal-Kontea (jew ix-Sheriff fil-każ ta' Dublin jew Cork) jissekwestra oġġetti sal-valur tad-dejn tas-sentenza (inkluż kull spiża legali mġarrba). Dawn l-oġġetti jistgħu imbagħad jinbiegħu sabiex jiġi ssodisfat id-dejn.

Reġistrazzjoni

L-eżistenza ta' sentenza tista' tiddaħħal fid-dominju pubbliku bir-reġistrazzjoni tagħha fir-Reġistru tas-Sentenzi fil-Qorti Superjuri. Ir-Reġistru fih kull sentenza, irrispettivament minn jekk inkisbitx fil-Qorti Distrettwali, Superjuri jew fis-Circuit Court, li l-kreditur ikun talab li tiddaħħal. L-isem u l-indirizz tad-debitur flimkien mad-dettalji tas-sentenza jiġu ppubblikati f'xi gazzetti u f'pubblikazzjonijiet kummerċjali bħal Stubbs Gazette. Apparti minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirreġistraw din l-informazzjoni u sentenza mhux imħallsa tista' taffettwa l-aċċess tad-debitur għal finanzjament.

Affidavit ta' Ipoteka Ġudizzjarja

Il-kreditur ta' sentenza jista' jagħmel affidavit ġuramentat u hekk kif is-sentenza tiġi ċċertifikata mill-qorti rilevanti din tiġi rreġistrata kontra l-proprjetà tad-debitur. Ir-rikavati mill-bejgħ tal-proprjetà, fid-dawl tal-prijorità ta' ipoteki oħra, iridu jiġu applikati biex jirrilaxxaw id-dejn qabel ma jingħataw lid-debitur. Jista' jittieħed pass ieħor u jsir rikors quddiem qorti għal ordni ta' sekwestru u ordni għall-bejgħ tal-proprjetà.

Ordnijiet ta' Ħlasijiet Parzjali / Mandati ta' Arrest

Jista' jsir rikors quddiem il-Qorti Distrettwali biex issir ordni għall-pagament ta' sentenza permezz ta' ħlasijiet parzjali skont l-Atti dwar l-Eżekuzzjoni ta' Ordnijiet tal-Qorti mill-1926 sal-2009. Mħallef jiddeċiedi, fid-dawl tal-mezzi tad-debitur, l-ammont tal-ħlasijiet parzjali li jridu jitħallsu. Mandat ta' arrest huwa disponibbli biss kontra persuni fiżiċi u mhux kontra persuni ġuridiċi, jiġifieri kumpaniji. Nuqqas ta' pagament wara ordni ta' ħlas parzjali jista' jwassal għal rikors għal mandat ta' arrest. Dan effettivament ifisser li tista' tispiċċa l-ħabs jekk taffordja tħallas imma tirrifjuta li tagħmel dan.

Sekwestru fuq id-Dħul

Kreditur ta' sentenza jista' jingħata l-ordni li jsir tnaqqis direttament mill-pagi / salarju tad-debitur. L-effett ta' dan huwa li l-pagament isir direttament mingħand l-impjegatur tad-debitur għand il-kreditur.

Ordni ta' Sekwestru

Meta kreditur ta’ sentenza jkun konxju ta’ dejn dovut mingħand parti terza għad-debitur ta’ sentenza, jista’ jsir rikors quddiem il-qorti biex tingħata ordni biex il-parti terza tħallas ċertu ammont direttament lill-kreditur. Dan huwa fuq diskrezzjoni tal-Qorti jekk tingħatax din l-ordni jew le.

Ħatra ta' amministratur mill-qorti

Din il-miżura tinvolvi l-ħatra ta’ amministratur mill-qorti, pereżempju, għal rikavati mill-bejgħ ta’ ass mid-debitur bil-ħsieb li jiġi ssodisfat id-dejn. Id-deċiżjoni li jinħatar amministratur hija fuq diskrezzjoni tal-Qorti.

Importanti li wieħed jinnota li huwa f’idejn kreditur ta’ sentenza u l-konsulenti legali biex jeżegwixxu sentenza. Is-Servizz tal-Qrati ma jissuġġerixxix x’tip ta’ azzjoni għandha tittieħed. Il-lista mhijiex maħsuba biex tkun eżawrjenti iżda sempliċiment tenfasizza l-proċeduri komuni użati.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Għal sentenza domestika, jista’ jkun meħtieġ li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-qorti li tkun qatgħet is-sentenza sabiex tiġi eżegwita s-sentenza (ara hawn fuq). F’ ċerti każijiet, bħal eżekuzzjoni u reġistrazzjoni ta’ sentenza, mhuwiex meħtieġ rikors quddiem il-qorti u jista’ jsir rikors għal eżekuzzjoni fl-uffiċċju tal-qorti kkonċernat.

Fil-każ ta’ sentenzi minn ġuriżdizzjonijiet oħra tal-UE, il-qorti kompetenti hija l-Qorti Superjuri. Madankollu, fil-każ ta’ pagamenti ta’ manteniment perjodiċi ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta’ Infurzar f’ġuriżdizzjonijiet oħra tal-UE, il-qorti kompetenti hija l-Qorti Distrettwali.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u ċerti deċiżjonijiet mhux ġudizzjarji huma eżegwibbli. Flimkien ma’ ordnijiet tal-qorti, dawn jinkludu sentenzi fi proċeduri mħaffa mdaħħla minn Reġistratur fil-Qorti Superjuri jew ir-Reġistratur fis-Circuit Court.

Ta’ spiss jeħtieġ li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-qorti li tkun qatgħet is-sentenza sabiex tiġi eżegwita s-sentenza. Madankollu, f’ċerti każijiet, bħal eżekuzzjoni u reġistrazzjoni ta’ sentenza, mhuwiex meħtieġ rikors quddiem il-qorti. Tista’ tingħata l-awtorizzazzjoni mill-uffiċċju tal-qorti kkonċernata.

Fil-każ ta’ sentenzi minn ġuriżdizzjonijiet oħra li għandhom jiġu eżegwiti skont ir-Regolamenti tal-UE, il-qorti kompetenti tkun il-Qorti Superjuri. (jew fil-każ ta’ pagamenti ta’ manteniment perjodiċi ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta’ Infurzar, il-Qorti Distrettwali). Il-funzjonijiet fir-rigward tar-Regolament (KE) 44/2001 (sostitwit bir-Regolament (UE) Nu 1215/2012 li japplika għal tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi fl-10 ta’ Jannar 2015 jew aktar tard) ġew delegati lill-Master of the High Court u jista’ jsir rikors f’seduta pubblika għal dikjarazzjoni li sentenza hija eżegwita fl-Irlanda u tingħata Ordni sussegwenti għall-eżekuzzjoni tagħha.

Sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta’ Infurzar maħruġa skont ir-Regolament (KE) 805/2004 hija rikonoxxuta u għandha l-istess effett bħal sentenza tal-Qorti Superjuri u hija eżegwibbli kif xieraq. Il-qorti kompetenti għall-eżekuzzjoni ta’ pagament ta’ manteniment perjodiku ċċertifikat bħala Ordni Ewropew ta’ Infurzar hija l-Qorti Distrettwali. Ir-regolamenti domestiċi li jirregolaw dan il-proċess jinsabu f’S.I. 274 tal-2011.

Fil-każ ta’ sentenza li tinqata’ fuq pretensjoni mhux kontestata biex tiġi eżegwita f’ġuriżdizzjoni oħra tal-UE, il-qorti li tkun qatgħet is-sentenza għandha ġuriżdizzjoni għar-rikorsi fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħha skont ir-Regolament 805/2004 rigward Ordnijiet Ewropej ta’ Infurzar.

Ir-rikors għall-eżekuzzjoni ta’ sentenza normalment isir quddiem il-qorti (jew l-uffiċċju tal-qorti) permezz ta’ prattikant fil-qasam tal-ġustizzja għalkemm mhuwiex meħtieġ li kreditur ikun rappreżentat ġuridikament. Ir-rikorsi kollha quddiem il-qorti jridu jsiru minn prattikant lokali u ma jistgħux isiru bil-posta. Ċerti rikorsi quddiem l-uffiċċju tal-qorti, bħal rikorsi għal eżekuzzjoni, reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni ta’ sentenza għall-finijiet ta’ affidavit ta’ ipoteka ġudizzjarja, jistgħu jsiru bil-posta. Wieħed jista’ jikseb konsulenza dwar il-prattika u l-proċedura involuta billi jikkuntattja t-Taqsima dwar is-Sentenzi fil-Qorti Superjuri fuq dan l-indirizz: HighCourtCentralOffice@Courts.ie.

L-ispejjeż (il-miżati) imposti mis-Servizz tal-Qorti u l-miżati attwali jinsabu fl-Ordnijiet tal-Miżatifuq is-sit web tas-Servizzi tal-Qrati. L-ispejjeż imġarrba b’ riżultat ta’ qbid ta’ avukati u konsulenti legali huma kwistjoni ta’ bejn il-kredituri u r-rappreżentanti legali tagħhom. L-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, involuti fil-proċedura ta’ eżekuzzjoni jistgħu jingħataw mill-Qorti.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

It-Taqsima 15 tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni tal-Ordnijiet tal-Qorti tal-1926 (kif sostitwita bit-Taqsima 1 tal-Att2 (Nru 2) dwar il-Qrati tal-1986) tipprevedi li meta dejn ikun dovut minħabba ordni ta’ sentenza jew digriet, il-kreditur jista’ jirrikorri quddiem il-Qorti Distrettwali għal ċitazzjoni li titlob li d-debitur jattendi għal eżaminazzjoni tal-mezzi tiegħu minn Imħallef tal-Qorti Distrettwali. Rikors għal Ordni ta’ Eżekuzzjoni irid isir fi żmien sitt snin mid-data tal-ordni tas-sentenza jew digriet. Il-kreditur irid jipprovdi evidenza tad-dejn oriġinali u d-debitur irid jimla dikjarazzjoni dwar il-mezzi. It-Taqsima 16 tal-Att tal-1926 kif emendata bit-Taqsima 9 tal-Att tal-1986 tippermetti li tiġi ppreżentata evidenza u ssir kontroeżami tad-debitur jew kreditur. Ordni ta’ eżekuzzjoni tista’ tibqa’ fis-seħħ għal perjodu ta’ tnax-il sena mid-data tal-ordni tas-sentenza jew digriet rilevanti.

## 4 L-għan u n-natura ta’ miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta’ assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

It-tipi kollha ta’ assi, bl-eċċezzjoni ta’ oġġetti li jitħassru jew oġġetti miżmuma mid-debitur fuq bażi ta’ bejgħ jew ritorn, jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni.

### 4.2 X’inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Nuqqas ta’ konformità ma’ Ordni tal-Qorti tista’ twassal biex il-kontumaċi jirċievi sanzjonijiet għal disprezz. Il-pieni li jistgħu jiġu imposti minn Qorti jinkludu multi jew priġunerija sakemm jitneħħa d-disprezz. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda limitu fuq it-tul ta’ żmien li persuna tista’ tinżamm il-ħabs. Dan japplika wkoll għal kull parti terza li tikser it-termini ta’ Ordni tal-Qorti.

Huwa importanti li wieħed jinnota li, skont it-Taqsima 20 tal-Att dwar l-eżekuzzjoni tal-Ordnijiet tal-Qorti tal-1926, il-kundanna għal ħabs ta’ debitur minħabba nuqqas ta’ konformità ma ordni ta’ ħlasijiet parzjali ma taħdimx bħala soddisfazzjon jew riżoluzzjoni tad-dejn jew xi parti minnu u ma ċċaħħadx lill-kreditur minn rimedji oħra biex jirkupra d-djun tiegħu.

Il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għandhom l-istess obbligi bħal partijiet oħra fir-rigward tal-konformità mal-Ordnijiet tal-Qorti. F’ċirkustanzi mhux speċifikament koperti minn Ordni tal-Qorti, wieħed għandu jqis il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti dwar l-informazzjoni personali miżmuma minn din l-istituzzjoni (pereżempju l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta tal-1988)).

### 4.3 X’inhi l-validità ta’ miżuri bħal dawn?

Ċerti ordnijiet dejjem jiddikjaraw it-tul ta’ żmien li fih il-parti kkonċernata jkollha biex tikkonforma mat-termini tal-ordni għalkemm dan mhux dejjem jista’ jkun il-każ. Sentenza hija valida għal perjodu ta’ tnax-il sena għalkemm uħud mill-miżuri ta’ eżekuzzjoni li jistgħu jingħataw għandhom termini preskrittivi stabbiliti fir-Regoli tal-Qorti jew fil-leġiżlazzjoni. Eżempju ta’ dan huwa Ordni ta’ Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri li hija valida għal sena mill-ħruġ tagħha. Wara dan il-perjodu tenħtieġ ordni ta’ eżekuzzjoni ġdida.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Normalment appell ma jmurx kontra l-miżura ta’ eżekuzzjoni nnifisha kif awtorizzat mill-uffiċċju tal-qorti iżda kontra s-sentenza sostantiva jew l-ordni li fuqha tkun ibbażata. Parti affettwata tista’ tirrikori quddiem il-qorti tal-appell biex tiġi rilaxxata mis-sentenza jew mill-ordni. Id-dati preskrittivi sa meta jista’ jsir rikors ivarjaw u huma kif ġej

Qorti Distrettwali għal Circuit Court: 14-il jum mis-sentenza jew l-ordni

Circuit Court għal Qorti Superjuri: 10 ijiem mid-data tal-ordni

Master’s Court għal Qorti Superjuri: sitt ijiem mid-data ta’ perfezzjoni tal-ordni jew jekk l-ordni tkun saret *ex parte*, min-notifika tal-imsemmija ordni jew jekk irrifjutata, mid-data ta’ dan ir-rifjut (xahar mis-servizz tal-ordni fil-każ ta’ eżekuzzjoni ta’ sentenza barranija skont ir-Regolament 44/2001)

Qorti Superjuri għal Qorti tal-Appell: 10 ijiem jew 28 jum mid-data tal-perfezzjoni tal-ordni, skont in-natura tal-kawża

Qorti Superjuri jew Qort tal-Appell għal Qorti Suprema: 28 jum mid-data ta’ perfezzjoni tal-ordni

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b’mod partikolari relatati ma’ ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Sentenza hija valida għal perjodu ta’ tnax-il sena u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni rigward is-sentenza wara l-iskadenza ta’ 12-il sena mid-data li fiha tkun ġiet eżegwita. Barra minn hekk, uħud mill-miżuri ta’ eżekuzzjoni li jistgħu jingħataw għandhom termini preskrittivi stabbiliti fir-Regoli tal-Qorti jew fil-leġiżlazzjoni. Eżempju ta’ dan huwa Ordni ta’ Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjeuri li hija valida għal sena mill-ħruġ tagħha. Wara dan il-perjodu tenħtieġ ordni ta’ eżekuzzjoni ġdida. Eżempju ieħor huwa li jenħtieġ permess tal-qorti biex tinħareġ ordni ta’ eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri meta jkunu għaddew aktar minn sitt snin mill-ordni ta’ eżekuzzjoni tal-qorti.

L-aħħar aġġornament: 10/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Greċja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-infurzar huwa s-sodisfar infurzat ta’ pretensjoni sostantiva inkorporata f’titolu eżegwibbli bl-assistenza tal-awtoritajiet pubbliċi. Il-mezzi segwenti huma użati għall-infurzar:

it-tneħħija ta’ beni mobbli bil-forza

l-iżgumbrament minn proprjetà immobbli bil-forza

sekwestru

priġunerija

multi

amministrazzjoni obbligatorja

obbligu li jsiru dikjarazzjonijiet b’ġurament

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Kif definit fil-Proċedura tal-Kodiċi Ċivili [l-ġdida] (l-Artikoli 927-931 CCP), l-infurzar huwa eżerċitat minn individwu intitolat li jagħmel dan, li, fuq il-kopja uffiċjali ( *Apógrafo*), jagħti l-ordni korrispondenti lil **bailiff** speċifiku u jispeċifika kif u, jekk possibbli, l-oġġetti li fuqhom l-ordni tkun se tiġi eżegwita. Fil-każ ta’ sekwestru, huma jinnominaw bħala irkantatur lil **nutar** tar-reġjun fejn ikun se jsir is-sekwestru. L-ordni trid tkun iddatata u ffirmata mill-benefiċjarju jew minn rappreżentant tagħhom. L-ordni tagħti l-awtorità li jitwettqu l-atti kollha ta’ infurzar, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fiha.

Il-bailiff li lilu tiġi kkonsenjata l-kopja uffiċjali b’ordni ta’ eżekuzzjoni tal-infurzar għandu s-setgħa li jirċievi l-ħlasijiet u jagħti rċevuta bil-miktub u wkoll li jċedi l-kopja uffiċjali jekk id-dispożizzjoni tkun ġiet imwettqa b’mod sħiħ. Il-bailiff jista’ wkoll jaċċetta ħlas parzjali, u f’dak il-każ iridu jagħtu rċevuta u jinnutaw dan fuq il-kopja uffiċjali. Ħlas parzjali ma jimpedix il-progress tal-infurzar.

Il-bailiff għandu l-awtorità, jekk meħtieġ għall-finijiet tal-infurzar, li jidħol fid-dar jew f’binjiet oħra miżmuma mid-debitur, li jiftaħ bibien u jinvestiga, u li jiftaħ għamara, utensili jew kontenituri magħluqa. Il-bailiff jista’ jitlob l-assistenza tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (normalment il-pulizija), li jridu jipprovdu assistenza.

Jekk id-debitur jirreżisti matul l-infurzar, il-bailiff jista’ juża l-forza kontra dik ir-reżistenza, u jsejjaħ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (normalment il-pulizija) għall-assistenza.

Il-bailiff ifassal rapport għal kull att tal-proċedura ta’ infurzar. Jekk l-infurzar ma jiġix effettwat, il-bailiff ifassal rapport li jiddikjara r-raġunijiet. Għal kull reat li jitwettaq matul l-infurzar, il-bailiff irid iħejji rapport u jippreżentah lill-prosekutur kompetenti.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Titolu eżegwibbli huwa dokument pubbliku li jiċċertifika pretensjoni u jippermetti lill-benefiċjarju allegat sabiex jitlob il-konformità tad-debitur mal-kontenut tiegħu permezz ta’ infurzar. Il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati huma l-eżistenza tat-titolu u l-validità tal-pretensjoni.

#### 3.1 Il-proċedura

L-infurzar huwa att ta’ ġustizzja, li l-għan tiegħu huwa li jipprovdi protezzjoni legali, u mhuwiex att amministrattiv. Ir-rikorsi indirizzati lill-uffiċjali tal-infurzar u kull att ta’ infurzar huma atti proċedurali. Il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati għall-finijiet tal-infurzar huma dawn li ġejjin:

il-ġuriżdizzjoni u l-kompetenza tal-aġenti tal-infurzar

*il-locus standi* tal-litigant

il-kompetenza li jieħu sehem fil-proċedimenti tal-qorti

il-kompetenza li jaġixxi f’isem klijent

l-eżistenza ta’ interess leġittimu

il-kapaċità li jħarrek u li jiġi mħarrek

l-eżistenza ta’ titolu eżegwibbli

l-eżistenza ta’ pretensjoni li tista’ tiġi ssodisfata permezz ta’ infurzar

Huwa possibbli li jiġu infurzati deċiżjonijiet kemm ġudizzjarji kif ukoll mhux ġudizzjarji mingħajr ma jkun dejjem neċessarju li jsir rikors għal ordni tal-qorti li tawtorizza l-infurzar. Dawn li ġejjin huma titoli eżekuttivi:

sentenzi finali mill-qrati Griegi

deċiżjonijiet mill-qrati Griegi li jkunu ddikjarati provvizorjament eżegwibbli

aġġudikamenti tal-arbitraġġ

rekords tal-qrati Griegi li jkun fihom soluzzjoni ta’ tilwim jew li jiddeterminaw l-ispejjeż tal-qorti

atti notarizzati

ordnijiet ta’ ħlas magħmula minn imħallfin Griegi

ordnijiet ta’ żgumbrament ta’ kerrejja

titoli barranin dikjarati bħala eżegwibbli

ordnijiet u atti ddikjarati mil-liġi bħala titoli eżegwibbli

L-uffiċjali tal-infurzar jinqasmu f’uffiċjali tal-infurzar diretti u indiretti. L-uffiċjali diretti huma appuntati mill-kreditur petizzjonant. Dawn huma a) bailiffs, li huma uffiċjali pubbliċi li ma jirċevux paga li għandhom is-setgħa li jieħdu azzjoni sabiex jissekwestraw beni fil-pussess tad-debitur, jissekwestraw proprjetà,

bastimenti jew inġenji tal-ajru li jkunu proprjetà tad-debitur, jeffettwaw infurzar dirett, jarrestaw debituri li jkun ġie ordnat l-arrest tagħhom u jħejju subbasta, b) nutara, jew imħallfin tal-qrati ċivili distrettwali li jissostitwixxuhom, li jkollhom is-setgħa li jwettqu s-subbasta volontarja jew sfurzata tal-assi ssekwestrati tad-debitur u li jqassmu d-dħul minnha billi jfasslu lista ta' gradazzjoni. L-uffiċjali indiretti huma l-pulizija, il-forzi armati, u x-xhieda tal-bailiff li jikkollaboraw meta tiġi offruta jew mhedda reżistenza għall-infurzar. Dawn l-uffiċjali kollha huma responsabbli għal kull ksur bi ħsieb tal-obbligi tagħhom fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

L-ordni ta' infurzar innifisha hija maħruġa mill-persuna li għandha d-dritt li twettaqha, jiġifieri r-rikorrent, jew ir-rappreżentant tiegħu, li jista' jkun, imma mhux bilfors ikun, avukat. L-ispejjeż bażiċi tal-infurzar huma kif ġej:

il-miżata tal-bailiff għas-sekwestru għal pretensjonijiet ta' mhux aktar minn EUR 590: EUR 53, għal pretensjonijiet ta' bejn EUR 591 u EUR 6 500: EUR 53 u ħlas addizzjonali ta' 2,5 % fuq l-ammont, u għal pretensjonijiet ta' EUR 6 500 jew aktar: EUR 53 u ħlas addizzjonali ta' 1 % fuq l-ammont, b'limitu massimu ta' EUR 422 għal kull proprjetà, bastiment jew inġenju tal-ajru ssekwestrati;

il-miżata tal-bailiff għat-tħejjija ta' kull programm ta' subbasta jew ta' subbasta ripetuta jew taqsira ta' rapport tas-sekwestru għal pretensjonijiet sa EUR 590 = EUR 53, għal pretensjonijiet ta' bejn EUR 591 u EUR 6 500 = 2 %, u għal pretensjonijiet ta' EUR 6 501 jew aktar = 1 %, b'massimu ta' EUR 210;

il-miżata tal-irkantatur = EUR 30;

il-miżata tal-bailiff għal kull att ta' infurzar ieħor = bejn EUR 240 u EUR 400 kif maqbul bejn il-bailiff u l-klijent tiegħu;

il-miżata tax-xhieda tal-bailiff = EUR 30 kull wieħed u EUR 60 jekk ix-xhud ikun bailiff;

jekk l-infurzar jiġi kkanċellat, il-miżati tal-bailiff jonqsu b'50 %;

EUR 0,50 għal kull kilometru li l-bailiff u x-xhieda jkunu jeħtieġu li jivvjaġġaw mill-post fejn ikunu bbażati sabiex iwettqu xi att;

miżata speċjali tal-bailiff li tiddependi fuq il-grad ta' kumplessità tal-infurzar: kif maqbul bejn il-bailiff u l-klijent tiegħu (dan qatt ma jitħallas mill-persuna li kontra tagħha jkun indirizzat l-infurzar);

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kundizzjonijiet sostantivi għall-infurzar huma:

l-eżistenza ta' interess leġittimu, jiġifieri l-ħtieġa għall-att ta' infurzar u l-protezzjoni legali li jipprovdi;

il-validità tal-pretensjoni;

L-iskop tar-regolamentazzjoni tal-liġi dwar l-infurzar huwa li jiġu bbilanċjati l-kunflitti ta' interessi bejn il-kredituri fuq naħa u d-debituri jew partijiet terzi fuq in-naħa l-oħra fiċ-ċirkostanzi. Il-kriterji li l-qrati japplikaw sabiex jagħtu miżura ta' infurzar huma:

sodisfazzjon rapidu tal-kredituri bi ftit spejjeż

protezzjoni tad-drittijiet ta' personalità u tal-interessti leġittimi in ġenerali tad-debitur

koinċidenza tal-interessi tal-kreditur u tad-debitur fir-rigward tal-ħtieġa li jinkiseb l-aħjar prezz possibbli fis-subbasta

protezzjoni tal-interessi ta' partijiet terzi

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

L-oġġett tal-miżuri ta' infurzar jista' jkun il-proprjetà tad-debitur u/jew id-debitur innifsu. Miżuri ta' infurzar huma atti materjali minn uffiċjali li jkunu ngħataw awtorità għal dan l-għan; huma jirriżultaw direttament jew indirettament fis-sodisfar ta' pretensjonijiet b'infurzar mill-Istat. Azzjoni ta' infurzar tista' tittieħed kontra l-assi li ġejjin:

proprjetà mobbli f'idejn id-debitur jew f'idejn il-kreditur jew f'idejn parti terza li tkun lesta li tittrasferihom;

id-drittijiet ta' proprjetà in rem tad-debitur fuq proprjetà mobbli ta' partijiet terzi;

flus;

pretensjonijiet ta' flus kontra partijiet terzi miżmuma mill-persuna suġġetta għall-infurzar;

proprjetà immobbli li hija proprjetà tad-debitur jew id-drittijiet ta' proprjetà tad-debitur *in rem*;

bastimenti;

inġenji tal-ajru;

drittijiet ta' proprjetà intellettwali, privattivi, drittijiet tal-films.

Azzjoni ta' infurzar ma tistax tittieħed kontra dawn li ġejjin:

l-effetti personali tad-debitur u tal-familja tiegħu;

ikel u karburant meħtieġa mid-debitur u l-familja tiegħu;

medalji, memorabilja, manuskritti, korrispondenza, rekords tal-familja u kotba tan-negozju;

kotba, strumenti mużikali, xogħlijiet tal-arti;

għodod, makkinarju, kotba jew oġġetti oħra meħtieġa minn persuni li jaħdmu għall-għajxien tagħhom;

prodotti li jitħassru;

ishma f'soċjetajiet;

benefiċċji statutorji ta' manteniment;

Salarji, pensjonijiet jew benefiċċji tal-assigurazzjoni.

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Id-debitur irid jikkonforma mad-deċiżjoni li tordna l-miżura ta' infurzar, u dan iridu jagħmluh ukoll il-partijiet terzi kollha. Jekk issir reżistenza waqt l-infurzar, il-bailiff jista' juża l-forza kontriha u, fl-istess waqt, isejjaħ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Il-bailiff jista' jqabbad żewġ xhieda adulti jew bailiff ieħor. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mid-debitur:

jekk id-debitur jonqos fl-obbligu tiegħu li jeffettwa att li jista' jkun ukoll effettwat minn terza persuna, il-kreditur huwa intitolat li jeffettwa l-att għas-spejjeż tad-debitur;

jekk id-debitur jonqos fl-obbligu tiegħu li jeffettwa att li ma jistax jitwettaq minn terza persuna u li jiddependi biss fuq jekk huwiex lest li jwettqu jew le, il-qorti tordnalu jeffettwa l-att u, jekk ma jagħmilx dan, tagħtih sentenza ta' multa għall-benefiċċju tal-kreditur, u għal priġunerija;

jekk id-debitur ikun obbligat li ma jwettaqx xi att, jew li jaċċetta li jsir xi att, il-qorti tista' tagħmel kull ksur suġġett għal multa għall-benefiċċju tal-kreditur u għal priġunerija.

L-ebda waħda mill-każijiet ta' hawn fuq ma taffettwa d-dritt tal-kreditur li jitlob il-kumpens stipulat skont il-liġi sostantiva għal telf sofrut b'riżultat tan-nuqqas ta' konformità mid-debitur. Huwa possibbli fil-prinċipju li d-debitur jiddisponi minn xi assi; madankollu, jekk l-assi jkun ġie ssekwestrat, id-disponiment tiegħu jkun null u bla effett fir-rigward tal-persuna li kkonfiskatu u fir-rigward tal-kredituri li jkunu ppreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom.

Jekk l-infurzar ikun dirett lejn il-kontijiet tal-bank tad-debitur, il-bank mhuwiex obbligat li jiddivulga d-dettalji eżatti tagħhom lill-petizzjonant; jekk, madankollu, dokument li jikkonfiska pretensjonijiet monetarji f'idejn id-debitur jiġi nnotifikat lil bank, id-disponiment tal-ammont issekwestrat huwa projbit u jkun null u bla effett fir-rigward tal-persuna li ssekwestratu, u l-bank irid jiddikjara fi żmien tmint ijiem min-notifika tal-att ta' konfiska jekk il-pretensjoni ssekwestrata (flus depożitati f'kont tal-bank) tkunx teżisti u, jekk din tkun tissodisfa l-persuna li qabditha, irid iħallashom is-somma ta' flus.

### 4.2 X’inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-prinċipju li timponi xi perjodu ta' preskrizzjoni fuq il-petizzjonant; hemm ċerti restrizzjonijiet ta’ żmien, iżda dawn huma skadenzi li qabilhom atti speċifiċi ma jistgħux jiġu effettwati validament, pjuttost milli limiti ta’ żmien vinkolanti, u ma jistipulawx direttament punt wara liema l-petizzjonant ma jkunx jista’ aktar jieħu azzjoni. Id-dispożizzjoni li biha atti individwali differenti jridu jiġu effettwati f’ċertu perjodu wara s-sekwestru jew qabel subbasta ma tibdilx il-bażi tas-sistema. Sabiex jiġi evitat li l-proċedura ddum b’mod indefinit, hemm biss limitu ta’ żmien massimu ta’ sena, wara liema ma jistax isir aktar sekwestru jew atti oħra fuq il-bażi tal-istess ordni, u ma tistax issir subbasta fuq il-bażi tas-sekwestru li, minħabba li jkun skada dan il-limitu ta’ żmien, ikun treġġa’ lura b’deċiżjoni tal-qorti.

### 4.3 X’inhi l-validità ta’ miżuri bħal dawn?

### 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

L-uniku rimedju kontra l-proċedura tal-infurzar huwa rikors biex titwarrab is-sentenza awtomatika, li jista’ jiġi ppreżentat mill-persuna li kontriha huwa dirett l-infurzar jew minn kull kreditur b’interess leġittimu fi żmien 15-il jum mill-ewwel att ta’ infurzar jekk ikun jirrigwarda l-validità tat-titolu jew il-proċedimenti ta’ qabel il-proċess; sal-aħħar att ta’ infurzar jekk tkun tirrigwarda l-validità ta’ xi wieħed mill-atti tal-infurzar, mill-ewwel att sal-aħħar wieħed; u sitt xhur wara li kien effettwat l-aħħar att ta’ infurzar jekk tirrigwarda l-validità ta’ dak l-att. Rikorsi biex titwarrab sentenza awtomatika jistgħu jiġu ppreżentati wkoll minn parti terza bi dritt għall-oġġett tal-infurzar li tkun saret oġġezzjoni għalih u li huma intitolati li jikkwotaw kontra l-persuna l-infurzar huwa dirett kontriha mingħajr skadenza speċifika. Il-qorti b’ġuriżdizzjoni hija l-qorti li fid-distrett tagħha jkun jinsab il-post tal-infurzar, speċifikament il-qorti ċivili distrettwali jekk it-titolu eżegwibbli jkun deċiżjoni mill-qorti distrettwali ċivili [*eirinodíkeio*], u l-qorti tal-ewwel istanza b’imħallef wieħed [*monomelés protodíkeio*] fil-każijiet l-oħra kollha. Il-fatt li jkun ġie ppreżentat rikors biex titwarrab sentenza awtomatika ma jissospendix l-infurzar; madankollu, is-sospensjoni tal-proċedura tal-infurzar tista’ tiġi ordnata b’deċiżjoni tal-qorti fuq talba tal-applikant, b’garanzija jew mingħajrha. Din id-deċiżjoni hija kkomunikata lill-uffiċjali tal-infurzar, li ma jistgħu jeffettwaw l-ebda att ta’ infurzar sakemm ma jkunux ingħataw speċifikament il-permess li jagħmlu dan fid-deċiżjoni.

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b’mod partikolari relatati ma’ ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Il-limitazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-infurzar, b’mod partikolari fir-rigward tal-proprjetà ssekwestrata: L-elementi ta’ proprjetà li ġejjin huma esklużi mis-sekwestru: (a) proprjetà li tkun sofriet dannu dirett, (b) ishma fi sħubiji, (c) pretensjonijiet ta’ manteniment li jirriżultaw mil-liġi jew minn dispożizzjoni testamentarja, kif ukoll pretensjonijiet għal kontribuzzjonijiet tal-konjuġi għall-ħtiġijiet tal-familja, (d) pretensjonijiet fuq pagi, pensjonijiet jew benefiċċji tal-assigurazzjoni, sakemm ma jkunx hemm pretensjoni pendenti għall-manteniment li tirriżulta mil-liġi jew dispożizzjoni testamentarja jew biex tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-familja, f’liema każ nofs l-element tal-proprjetà jista’ jiġi ssekwestrat, filwaqt li jitqiesu l-ammonti riċevuti mid-debitur, il-grad tal-obbligi maħluqa miż-żwieġ tagħhom sabiex jiġu ssodisfati ħtiġijiet tal-familja u n-numru ta’ benefiċjarji, (e) kull tip ta’ għajnuna jew sussidji tal-UE f’idejn OPEKEPE bħala parti terza, sakemm jiġu depożitati fil-kont tal-bank tal-benefiċjarji jew b’xi mod ieħor imħallsa lilhom. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 punt (d) tapplika wkoll meta l-ħlas tal-ammont isir b’depożitu f’kont tal-bank tad-debitur. L-eżenzjoni tapplika biss sal-punt li l-kont ikollu bilanċ li ma jaqbiżx, matul il-perjodu minn meta jiġi ordnat l-infurzar sal-jum tal-ħlas, l-ammont tal-pretensjoni eżentata mill-infurzar.

Minbarra dan, id-debitur għandu d-dritt li jappella kontra l-proċedura tal-infurzar b’żewġ rimedji:

(a) **Rikors għal oppożizzjoni għall-Artikolu 933 tas-CCP**, li jiddikjara li: Kull oġġezzjoni tal-persuna li kontriha huwa indirizzat l-infurzar u kull kreditur b’interess leġittimu, li tirrigwarda l-validità tat-titolu eżegwibbli, il-proċedura tal-infurzar jew il-pretensjoni, tista’ ssir biss b’avviż ta’ oppożizzjoni rreġistrat mal-qorti ċivili distrettwali jekk it-titolu eżegwibbli kien inħareġ minn dik il-qorti, u l-qorti tal-ewwel istanza b’membru wieħed fil-każijiet l-oħra kollha. Jekk jiġu ppreżentati diversi avviżi ta’ oppożizzjoni permezz ta’ dokumenti separati, ir-reġistratur irid jara li dawn kollha jiġu identifikati u mismugħa fl-istess seduta tal-qorti. Raġunijiet addizzjonali ta’ oppożizzjoni jistgħu jiġu ppreżentati biss f’rikors partikolari ppreżentat mas-segretarjat tal-qorti li lejha hija diretta l-oppożizzjoni, skont liema rapport huwa mfassal u kkomunikat lill-parti l-oħra mill-anqas tmint (8) ijiem qabel is-seduta. Id-diskussjoni tal-oppożizzjoni trid tiġi skedata fi żmien sittin (60) jum mill-preżentazzjoni u s-sejħa tiġi nnotifikata lill-konvenut għoxrin (20) jum qabel is-seduta. Il-qorti kompetenti lokali hija l-qorti distrettwali tal-post tal-infurzar jekk atti oħra tal-proċedura ta’ infurzar isegwu l-ordni notifikata, altrimenti l-qorti kompetenti hija l-qorti stabbilita fl-Artikolu 584. Jekk it-titolu eżegwibbli huwa sentenza jew ordni għall-ħlas, l-oġġezzjonijiet huma inammissibbli sal-punt applikabbli res judicata skont l-Artikoli 330 u 633(2)(c), rispettivament. Kontenzjonijiet dwar is-saldu tal-pretensjoni jridu jiġu dimostrati biss bil-miktub jew b’ammissjoni fil-qorti. Id-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien sittin (60) jum mid-diskussjoni.

(b**) Skont l-Artikolu 1000 tas-CCP**, id-debitur għandu d-dritt li jitlob is-sospensjoni tas-subbasta kontrih. B’mod partikolari, fuq talba tad-debitur, li ma tiġix aċċettata jekk mhux irreġistrata ħmistax-il (15) jum tax-xogħol qabel il-jum tas-subbasta, il-qorti msemmija fl-Artikolu 933, filwaqt li tisma’ l-każ skont il-proċedimenti skont l-Artikoli 686 et seq., tista’ tissospendi l-proċedura tas-subbasta sa massimu ta’ sitt (6) xhur mid-data oriġinali tas-subbasta jekk ma jkunx hemm ir-riskju ta’ ħsara għall-kreditur tal-infurzar u fejn jista’ jiġi mistenni raġonevolment li d-debitur se jissodisfa lill-kreditur tal-infurzar f’dan il-perjodu jew li, jekk dan il-perjodu jiskadi, id-dħul mis-subbasta jkun se jiżdied. Din is-sentenza trid tingħata sa nofsinhar tal-aħħar Tnejn qabel is-subbasta u s-sospensjoni tingħata dejjem suġġett għall-ħlas ta’: (a) l-ispejjeż kollha biex titmexxa s-subbasta, li jiġu stmati fis-sentenza, u (b) mill-anqas kwart tas-somma dovuta lill-persuna li tkun qed tmexxi s-subbasta. Is-sentenza li tissospendi s-subbasta tiġi kkomunikata lill-irkantatur fl-istess jum li tingħata. Il-ħlas irid isir sal-10.00 tal-jum tas-subbasta u, jekk dan il-ħlas ma jsirx, is-subbasta ssir b’mod normali.

L-aħħar aġġornament: 11/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna es ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Spanja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

B’mod ġenerali, l-eżekuzzjoni ċivili u dik kummerċjali jfissru li, meta l-awtur ta’ ksur jonqos milli jħares minn jeddu deċiżjoni eżekuttiva (bħal sentenza finali), il-pretendent irid jitlob għal eżekuzzjoni ġudizzjarja sabiex jiżgura li d-deċiżjoni tkun imħarsa. Għaldaqstant, sabiex jirkupra dejn li l-konvenut ikollu jħallas b’ ordni mill-qorti iżda dan ma jagħmlux, il-pretendent (il-kreditur) iressaq talba għal eżekuzzjoni ġudizzjarja u jikseb l-irkupru, pereżempju, permezz ta’ mandat ta’ sekwestru tal-kontijiet kurrenti tad-debitur jew mandat ta’ qbid tal-proprjetà tad-debitur li, ladarba tkun irkantata, il-kreditur ikun jista’ jitħallas id-dejn dovut lilu mir-rikavat tal-irkant.

L-eżekuzzjoni hija parti mir-rispons għall-mandat tal-Kostituzzjoni ta’ Spanja tal-1978, li jinkariga lill-Imħallfin u lill-Qrati bil-kompitu kemm tal-iġġudikar kif ukoll tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom (l-Artikoli 117 u 118 tal-Kostituzzjoni). Għalhekk, il-partijiet fil-proċedimenti għandhom l-obbligu li jħarsu s-sentenzi u deċiżjonijiet oħra tal-qorti kif ukoll li jipprovdu l-kooperazzjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ dak li jkun ġie deċiż. Sta għall-Imħallef li jiddeċiedi li dawn ir-rekwiżiti jkunu ssodisfati b’mod xieraq.

L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti tfisser li dak li jkun ġie ordnat mill-qorti jitħares, jiġifieri l-eżekuzzjoni tad-dritt fl-intier tiegħu akkwiżit mill-parti li s-sentenza tkun inqatgħet favuriha. Dan jista' jinvolvi lill-pretendent (minn hawn 'il quddiem "il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni" li jitlob ir-rimborż ta' somma flus, id-dritt li ssir jew ma ssirx xi ħaġa, jew li dritt rikonoxxut ikun rispettat permezz tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku Rilevanti, skont xi tkun l-ordni.
L-eżekuzzjoni tista' tkun finali jew provviżorja. Jekk tkun provviżorja u taħt ċerti ċirkostanzi, sentenza li ma tkunx għadha waħda finali tiġi eżegwita sabiex ikun evitat li l-kreditur iġarrab ħsara matul il-perjodu *interim* (jiġifieri tul l-istadji proċedurali tal-azzjoni kontra dik id-deċiżjoni u sakemm tinħareġ id-deċiżjoni finali) minħabba d-dewmien inerenti għall-proċedimenti (l-Artikoli 524-537 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili - *Ley de Enjuiciamiento Civil)*.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-leġiżlazzjoni ta' Spanja tassenja l-eżekuzzjoni tas-sentenzi lill-Imħallfin u lill-Qrati, f'konformità mal-liġijiet u mar-regola dwar il-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 117(3) tal-Kostituzzjoni ta' Spanja).
F'konformità mal-Kostituzzjoni, skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (il-Liġi 1/2000, is-7 ta' Jannar 2000, BOE Nru 7, it-8 ta' Jannar 2000, kif emendata), li jirregola l-proċedura ta' eżekuzzjoni f'materji ċivili, l-Imħallef huwa inkarigat mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni kif suppost tal-proċedura ta' eżekuzzjoni (l-Artikoli 545, 551, 552 u d-dispożizzjonijiet korrispondenti). Huwa l-Imħallef dak li, malli ssir it-talba tal-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, jagħti bidu għall-proċedura permezz tat-"titolu ta' eżekuzzjoni ġenerali" li jinħareġ malli l-ordni ta' eżekuzzjoni tkun ġiet riveduta. L-Imħallef joħroġ ukoll deċiżjoni jekk il-konvenut (minn hawn 'il quddiem "id-debitur skont is-sentenza" joġġezzjona għall-eżekuzzjoni u jibda l-proċediment ta' oppożizzjoni speċifiku stipulat hawn isfel.
Ir-Reġistraturi (*Letrados de la Administración de Justicia*, li qabel kienu jissejħu "*Secretarios judiciales*" – Skrivana tal-Qorti) huma inkarigati mill-iddeterminar u l-adozzjoni ta' miżuri ta' eżekuzzjoni speċifiċi (talbiet għal pagamenti, sekwestru tal-beni tad-debitur skont is-sentenza, tnaqqis mill-kontijiet kurrenti, salarji, eċċ.). Ladarba t-"titolu ta' eżekuzzjoni ġenerali" jinħareġ mill-Imħallef, huwa r-Reġistratur li jwettaq monitoraġġ tal-proċedura ta' eżekuzzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet korrispondenti, għalkemm f'xi każijiet jista' jitressaq appell quddiem l-Imħallef kontra dawk id-deċiżjonijiet.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

B'mod ġenerali, jeħtieġ li jkun hemm sentenza finali jew deċiżjoni tal-qorti, jew kwalunkwe titolu eżekuttiv ieħor (jeżistu eċċezzjonijiet meta deċiżjoni ma tkunx għadha waħda finali iżda tkun eżekuttiva, bħall-implimentazzjoni provviżorja tas-sentenzi kkontestati, li hija permessa f'ċerti ċirkostanzi).
F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili rigward il-proċedura ta' eżekuzzjoni u t-titoli eżekuttivi, it-talba għal eżekuzzjoni trid tkun ibbażata fuq titolu eżekuttiv. Dawn it-titoli biss huma eżekuttivi:
Sentenza finali. Deċiżjonijiet ta' arbitraġġ u ftehimiet ta' medjazzjoni. Il-ftehimiet ta' medjazzjoni jridu jkunu attestati b'att notarili f'konformità mad-Dritt dwar il-Medjazzjoni f'Materji Ċivili u Kummerċjali (*Ley de mediación en asuntos civiles y mercantiles*).
Id-deċiżjonijiet tal-qorti li japprovaw jew jikkonfermaw soluzzjonijiet u ftehimiet bil-qorti matul il-proċedimenti, akkumpanjati jekk ikun hemm bżonn, mix-xhieda korrispondenti sabiex jitħalla rekord tal-kontenut effettiv.
Atti pubbliċi awtentikati, dment li jkunu l-ewwel kopja. Jekk dawn ikunu t-tieni kopja, iridu jinħarġu permezz ta' ordni tal-qorti b'referenza għall-persuna li se ġġarrab id-dannu, jew għall-persuna li qed tikkaġuna d-dannu, jew iridu jinħarġu bil-ftehim tal-partijiet kollha.
Poloz ta' ftehimiet kummerċjali ffirmati mill-partijiet u minn sensar kummerċjali li jkun membru ta' assoċjazzjoni professjonali, li jkun spezzjonahom, dment li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li fih dan is-sensar jiċċertifika li l-kuntratt jaqbel mal-entrati fir-reġistru tiegħu u mad-data tal-entrati.
Titoli ta' pussess jew irreġistrati maħruġa b'mod legali li jirrappreżentaw l-obbligi dovuti u l-kupuni, pagabbli wkoll, fuq dawk it-titoli, dment li l-kupuni jkunu jikkorrispondu għat-titoli u li fi kwalunkwe każ, it-titoli jkunu jaqblu mal-kotba tal-irċevuti.
Eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni tat-titoli ppreżentati matul il-proċess ta' tqabbil ma jimpedix il-ħruġ tat-titolu ta' eżekuzzjoni jekk it-titoli jkunu konformi, mingħajr preġudizzju għall-oġġezzjoni sussegwenti għall-eżekuzzjoni li d-debitur jaf iressaq, billi jargumenta li t-titolu huwa ffalsifikat.
Ċertifikati mhux skaduti maħruġa mill-korpi inkarigati mir-reġistri li juru t-titoli rrappreżentati mill-entrati fil-kotba msemmija fil-Liġi dwar is-Suq Azzjonarju ( *Ley del Mercado de Valores*), dment li jkunu akkumpanjati minn kopja tal-att pubbliku li jirrappreżenta t-titoli jew, meta jkun applikabbli, il-ħruġ, meta att bħal dan ikun mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-mument.
Iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jiskadux ġaladarba tkun intalbet u ġiet ordnata l-eżekuzzjoni.
L-ordni tal-qorti li tistabbilixxi l-ammont massimu li jista' jintalab bħala kumpens, maħruġa fiċ-ċirkostanzi stipulati skont il-liġi fil-proċedimenti kriminali mibdija f' rabta ma' avvenimenti koperti minn assigurazzjoni obbligatorja għal responsabbiltà ta' parti terza ta' vetturi bil-mutur.
Atti u deċiżjonijiet ta' proċedura eżekuttivi oħra taħt din il-liġi jew taħt liġi oħra.

### 3.1 Il-proċedura

It-talba għal eżekuzzjoni trid issir lill-Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza (*Tribunal de Primera Instancia)* li jkun ħareġ is-sentenza jew id-deċiżjoni li trid tkun eżegwita. Madankollu, jekk it-titolu eżekuttiv ma jkunx sentenza, jiġifieri jekk ma jkunx frott deċiżjoni tal-qorti jew deċiżjoni maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti (bħal fil-każ ta' atti pubbliċi awtentikati b'intervent notarili li jkunu eżekuttivi), hemm regoli speċjali għall-assenjar tal-ġuriżdizzjoni lil Qorti, skont diversi konnessjonijiet mal-kawża. L-aktar kriterju komuni ta' assenjar huwa r-residenza tal-konvenut. Il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni u d-debitur skont is-sentenza jridu jingħataw parir mingħand konsulent legali u jridu jkunu rrappreżentati minn avukat, għajr fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet maħruġa fi proċedimenti li fihom l-intervent ta' tali professjonisti legali ma jkunx obbligatorju.
Għall-bqija, il-proċedura hija stabbilita fl-Artikoli 548 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; ta' min jinnota li t-titolu ta' eżekuzzjoni jinħareġ biss fuq talba ta' waħda mill-partijiet u jkun f'għamla ta' talba, kif diskuss aktar 'l isfel. Ladarba t-talba għal eżekuzzjoni tkun ġiet ippreżentata lill-Qorti, u dment li jkunu ssodisfati r-regoli u r-rekwiżiti proċedurali, il-Qorti tfassal it-"titolu ta' eżekuzzjoni ġenerali". Wara li jinħareġ it-titolu mill-Imħallef, ir-Reġistratur joħroġ digriet li jkun fih il-miżuri ta' eżekuzzjoni speċifiċi li jixirqu, kif ukoll il-miżuri ta' traċċar u ta' investigazzjoni marbuta mal-assi tad-debitur skont is-sentenza li jkunu jidhru xierqa għall-eżekuzzjoni.
It-titolu u d-digriet li jissemmew hawn fuq, flimkien ma' kopja tat-talba għal eżekuzzjoni, jiġu nnotifikati fl-istess waqt lid-debitur skont is-sentenza, għalkemm jistgħu jkunu adottati ċerti miżuri sabiex tkun evitata l-possibbiltà li l-kreditur iġarrab xi dannu.
Id-debitur skont is-sentenza jista' joġġezzjona għall-eżekuzzjoni abbażi ta' raġunijiet speċifiċi, sostantivi (pereż. pagament tad-dejn) jew inkella proċedurali (pereż. jekk ikun hemm xi żbalji fl-eżekuzzjoni), f'konformità mal-Artikolu 556 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. F'dan il-każ, tinbeda proċedura kontenzjuża, li tagħti lok għall-analiżi tal-evidenza, u li tintemm bil-ħruġ ta' titolu li jżomm it-titolu ta' eżekuzzjoni jew jannullah kollu kemm hu jew parzjalment. Din id-deċiżjoni hija soġġetta għal appell.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kif indikat aktar 'il fuq, talba ta' eżekuzzjoni trid issir fuq talba ta' waħda mill-partijiet billi titressaq il-pretensjoni li fiha jkun hemm it-talba għal eżekuzzjoni. It-talba għal eżekuzzjoni jrid ikun fiha l-att li fuqu tkun tibbaża l-eżekuzzjoni, trid tindika l-eżekuzzjoni mitluba mill-Qorti, l-assi tad-debitur skont is-sentenza li jistgħu jkunu kkonfiskati, il-miżuri ta' traċċar u ta' investigazzjoni għall-identifikar tal-assi tad-debitur, il-persuna jew il-persuni fil-konfront ta' liema trid titwettaq l-eżekuzzjoni, u tidentifika lilhom u ċ-ċirkostanzi tagħhom. Jekk it-titolu eżekuttiv jkun deċiżjoni mir-Reġistratur jew sentenza jew deċiżjoni mill-Qorti inkarigata mill-eżekuzzjoni, it-talba għal eżekuzzjoni tista' tkun limitata għat-talba għat-titolu ta' eżekuzzjoni li jrid jinħareġ, filwaqt li tidentifika s-sentenza jew id-deċiżjoni li trid tiġi eżegwita ġuridikament (l-Artikolu 549 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'każijiet oħra, it-talba għal eżekuzzjoni trid titressaq flimkien mad-

dokumenti li fuqhom tkun ibbażata l-eżekuzzjoni (elenkati fl-Artikolu 550 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk it-talba għal eżekuzzjoni tkun tissodisfa r-rekwiżiti msemmija hawn fuq u jekk it-titolu ppreżentat ikun wieħed li jippermetti li tingħata ordni ta' eżekuzzjoni, l-ordni ta' eżekuzzjoni tingħata mill-Imħallef jew permezz ta' digriet mir-Reġistratur, li jiddetermina — f'każ ta' eżekuzzjoni monetarja — l-ammont li jikkostitwixxi l-ammont prinċipali tal-eżekuzzjoni, flimkien mal-ammont stabbilit b'mod provviżorju għall-imgħax u għall-kostijiet, mingħajr preġudizzju għas-saldu u l-aġġustament sussegwenti tiegħu, u jrid dejjem jidentifika l-persuni kkonċernati u l-miżuri ta' eżekuzzjoni li jridu jiġu adottati.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għal ċerti assi li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni msemmija hawn taħt, għandu dejjem jinsaħaq li l-miżuri ta' eżekuzzjoni jridu jkunu proporzjonali mal-ammont li għalih tingħata l-eżekuzzjoni, sabiex jekk dawn ikunu eċċessivi, il-Qorti tkun tista' tordna li jitnaqqsu. Barra minn hekk, jekk ma jkunux biżżejjed, il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni tkun tista' tapplika sabiex dawn ikunu kkumplimentati billi jitwessgħu jew jiżdiedu l-miżuri li jridu jiġu adottati. Meta l-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni ma tkunx taf x'inhuma l-assi ta' proprjetà tad-debitur skont is-sentenza, il-Qorti tista' tintalab tistħarreġ permezz tar-Reġistratur li jistħarreġ b'mod dirett mill-Qorti jew inkella billi jitressqu rikjesti lill-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, hemm sensiela ta' skali jew limitazzjonijiet għas-sekwestri fuq il-pagi u s-salarji li jinsabu elenkati hawn taħt. L-eżekuzzjoni li tirriżulta minn ordni sabiex jitħallas il-manteniment (stabbilita jew fi proċediment ta' manteniment bejn il-qraba jew inkella fi proċediment familjari relatat ma' pagamenti ta' manteniment dovuti lill-ulied) hija eċċezzjoni, billi f'dawn il-każijiet l-eżekuzzjoni mhijiex soġġetta għall-iskali statutorji; minflok, il-Qorti tiddetermina l-ammont li jista' jiġi ssekwestrat.

Fir-rigward tal-assi li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni, l-Artikoli 604 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjaraw dan li ġej (ir-referenzi għall-"Iskrivan tal-Qorti" għandhom jinqraw bħala referenzi għar-Reġistratur):

L-assi li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni. Dawn l-assi li ġejjin ma għandhom ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni fl-ebda ċirkostanza:

Nru 1 Assi li jkunu ġew iddikjarati bħala inaljenabbli.

Nru 2 Drittijiet anċillari li ma jistgħux ikunu aljenati separatament mid-dritt prinċipali.

Nru 3 Assi li minnhom infushom ma għandhom l-ebda valur.

Nru 4 Assi li ġew iddikjarati espressament bħala li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni minn kwalunkwe dispożizzjoni legali.

L-assi tad-debitur skont is-sentenza li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni.. Lanqas l-oġġetti li ġejjin ma jistgħu jkunu suġġetti ta' eżekuzzjoni:

Nru 1 Għamara u oġġetti tad-dar, kif ukoll l-ilbies tal-parti li fil-konfront tagħha qed tintalab eżekuzzjoni u tal-familja tagħha li ma jistgħux jitqiesu bħala superfluwi. B'mod ġenerali, oġġetti bħal ikel, karburant u oġġetti oħrajn li skont il-fehma tal-qorti jkunu essenzjali sabiex id-debitur skont is-sentenza u d-dipendenti tiegħu jkunu jistgħu jgħixu f'dinjità raġonevoli.

Nru 2 Il-kotba u l-istrumenti li jkun jeħtieġ id-debitur skont is-sentenza sabiex jeżerċita l-professjoni, l-arti jew is-sengħa tiegħu, meta l-valur tagħhom ma jkunx proporzjonali mal-ammont tad-dejn mitlub.

Nru 3 Oġġetti sagri u oġġetti li jintużaw biex ikunu prattikati reliġjonijiet reġistrati legalment.

Nru 4 Ammonti li jkunu espressament iddikjarati skont il-liġi bħala li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni.

Nru 5 Assi u ammonti ddikjarati bħala li ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni. skont it-Trattati ratifikati minn Spanja.

Fir-rigward tas-sekwestru tal-pagi u tal-pensjonijiet, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi dawn il-prekawzjonijiet li ġejjin:

1) Salarju, paga, pensjoni, remunerazzjoni jew l-ekwivalenti li ma jaqbżux l-ammont tal-paga minima (din tkun stabbilita kull sena mill-Gvern) ma jistgħux ikunu ssekwestrati.

2) Salarji, pagi, remunerazzjoni jew pensjonijiet li jkunu ogħla mill-paga minima jistgħu jkunu sekwestrati skont din l-iskala:

Nru 1 Għall-ewwel ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għad-doppju tal-paga minima, 30 %.

Nru 2 Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għat-triplu tal-paga minima, 50 %.

Nru 3 Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għal erba' darbiet il-paga minima, 60 %.

Nru 4 Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għal ħames darbiet il-paga minima, 75 %.

Nru 5 Għal kull ammont li jaqbeż l-ammont ta' hawn fuq, 90 %.

3) Jekk il-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni tirċievi aktar minn salarju jew paga waħda, dawn kollha jingħaddu flimkien u l-parti li ma tistax tkun suġġett ta' eżekuzzjoni titnaqqas darba biss. Bl-istess mod, is-salarji, il-pagi, il-pensjonijiet, ir-remunerazzjoni jew l-ekwivalenti tal-konjuġi jingħaddu flimkien sakemm ma jkunx hemm separazzjoni tal-proprjetà tal-konjuġi u l-evidenza tagħha trid tkun provduta lill-Iskrivan tal-Qorti.

4) Jekk il-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni jkollha d-dipendenti, l-Iskrivan tal-Qorti jista' jnaqqas b'bejn 10 % sa 15 % il-persentaġġi stipulati fin-Nri 1, 2, 3 u 4 tal-Artikolu 607(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

5) Jekk is-salarji, il-pagi, il-pensjonijiet jew ir-remunerazzjoni kienu gravati bi tnaqqis permanenti jew temporanji ta' natura pubblika skont il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali jew it-taxxa, l-ammont nett riċevut mid-debitur skont is-sentenza wara dak it-tnaqqis ikun l-ammont użat bħala l-bażi għall-iddeterminar tal-ammont li jrid ikun sekwestrat.

6) Il-paragrafi ta' hawn fuq ta' dan l-Artikolu japplikaw ukoll għall-introjtu minn attivitajiet kummerċjali u professjonali ta' nies li jaħdmu għal rashom.

7) L-ammonti sekwestrati f'konformità ma' din id-dispożizzjoni jistgħu jkunu trasferiti direttament lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, f'kont li jkun ġie stabbilit minn qabel minn dik il-parti, jekk tingħata approvazzjoni mill-Iskrivan tal-Qorti inkarigat mill-eżekuzzjoni.

F'dak il-każ, kemm il-persuna jew il-korp li jkun qiegħed jeżegwixxi s-sekwestru u t-trasferiment sussegwenti, kif ukoll il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, iridu jgħarrfu lill-Iskrivan tal-Qorti kull tliet xhur bl-ammont mibgħut u riċevut, rispettivament, bl-eċċezzjoni ta' xi pretensjonijiet li jistgħu jitressqu mill-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni, jew għaliex dawn iqisu li d-dejn intradd kollu kemm hu lura, u għaldaqstant is-sekwestru jiġi invalidat jew inkella għaliex is-sekwestri u t-trasferimenti ma kinux qegħdin jiġu eżegwiti kif stipulat mill-Iskrivan tal-Qorti.

L-ordni li tinħareġ mill-Iskrivan tal-Qorti li tippermetti t-trasferiment dirett tista' tkun ikkontestata billi jitressaq appell dirett għal reviżjoni quddiem il-qorti.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Fil-każ ta' proprjetà immobbli jew assi oħra li jistgħu jkunu reġistrati, il-qorti tista', fuq it-talba tal-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, toħroġ ordni għal annotazzjoni ta' inibizzjoni li tkun trid tiddaħħal fir-reġistru pubbliku korrispondenti (normalment ir-Reġistru tal-Proprjetà, li huwa r-reġistru għall-proprjetà immobbli) sabiex tiggarantixxi l-eżekuzzjoni sussegwenti.

F'każijiet oħra, jistgħu jinħarġu dawn it-tipi ta' miżuri li ġejjin:

– Flus kontanti: qbid.

– Kontijiet kurrenti: mandat ta' sekwestru ippreżentat lill-bank.

– Pagi: mandat ta' sekwestru ppreżentat lill-pagatur.

– Imgħax, rikavat u dħul: sekwestru mill-pagatur, amministrazzjoni ġudizzjarja jew depożitu ġudizzjarju.

– Titoli jew strumenti finanzjarji: sekwestru tal-imgħax f'ras il-għajn, notifika lir-regolatur tal-borża jew tas-suq sekondarju (jekk it-titoli jkunu kkwotati f'suq pubbliku) u notifika lill-kumpanija emittenti.

Beni mobbli oħra: qbid.

Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li ssir l-eżekuzzjoni, il-persuni u l-korpi pubbliċi u privati kollha huma obbligati li jikkooperaw mal-miżuri tal-eżekuzzjoni (bi twissija li jistgħu jeħlu multa jew anki jinżammu responsabbli għal disprezz tal-qorti jekk jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżit). Dan ifisser li jridu jipprovdu l-informazzjoni mitluba lilhom jew jadottaw il-miżuri ta' garanzija inkwistjoni, u dawn iridu jgħaddu lill-Qorti kull dokument jew *data* fil-pussess tagħhom, mingħajr ebda limitu għajr għal-limiti li jirriżultaw mill-ħarsien tad-drittijiet fundamentali jew limiti li huma espressament stipulati skont il-liġi f'ċerti każijiet.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni ma għandhom l-ebda durata stabbilita; jibqgħu fis-seħħ sakemm tintemm l-eżekuzzjoni. Fir-rigward ta' dawn il-miżuri, il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni trid titlob l-eżekuzzjoni rilevanti f'kull każ individwali. Pereżempju, fil-każ ta' qbid ta' proprjetà mobbli jew immobbli, jintalab irkant. Il-pagament lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni jsir bil-flus li jinkisbu mill-irkant. F'każijiet oħra, pereżempju meta l-ordni tkun tikkonsisti minn konsenja ta' proprjetà lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni (bħal żgombru minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kera), il-miżuri ta' eżekuzzjoni jkunu jikkonsistu mill-għoti lura tal-pussess tal-proprjetà lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, hekk kif il-kerrej li jkun qiegħed jikser il-kuntratt ikun żgumbrat mill-proprjetà.

### 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Mhuwiex possibbli li jsir appell kontra t-titolu eżekuttiv. Madankollu, id-debitur skont is-sentenza jista' joġġezzjona ladarba l-eżekuzzjoni tkun ġiet innotifikata. F'dan il-każ, isir il-proċediment ta' oġġezzjoni indikat hawn fuq. L-oġġezzjoni tista' tkun għal raġunijiet sostantivi jew abbażi ta' difetti formali. Dawn ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni jvarjaw skont it-titolu eżekuttiv (kif stipulat fl-Artikolu 556 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, skont jekk hijiex deċiżjoni ta' proċedura mill-Imħallef jew mir-Reġistratur, deċiżjoni ta' arbitraġġ jew ftehim ta' medjazzjoni; strumenti ta' piena massima ordnati fi proċedimenti kriminali relatati mal-inċidenti tat-traffiku; strumenti msemmija fin-Nri 4, 5, 6 u 7 tal-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif ukoll dokumenti eżekuttivi oħra msemmija fin-Nru 9 tal-Artikolu 517(2). L-oġġezzjonijiet ibbażati fuq pretensjoni eċċessiva u l-oġġezzjonijiet ibbażati fuq difetti formali huma rregolati mill-Artikoli 558 u 559 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili rispettivament). Għandu jitqies il-fatt li l-Qorti għandha mnejn kienet preċedentement qajmet uħud minn dawn ir-raġunijiet minn jeddha (jekk il-Qorti jirriżultalha li xi waħda mill-klawsoli inkluża f'titolu ta' eżekuzzjoni li jikkonsisti f'ċertifikati, strumenti jew atti pubbliċi awtentikati tista' tkun inġusta, hija obbligata li taġixxi *ex officio* billi tisma' lill-partijiet dwar il-kwistjoni u wara dan toħroġ deċiżjoni). Il-partijiet jistgħu jappellaw kontra t-titolu maħruġ mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala reazzjoni għar-raġunijiet għall-oġġezzjoni. L-appell jinstema' mill-Qorti Provinċjali rilevanti (*Audiencia provincial).*

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Hemm il-possibbiltà li l-miżura ta' eżekuzzjoni tiskadi. Għaldaqstant, miżura ta' eżekuzzjoni bbażata fuq sentenza jew deċiżjoni tal-qorti, deċiżjoni tar-Reġistratur li tapprova soluzzjoni bil-qorti jew ftehim milħuq matul il-proċedimenti, jew deċiżjoni ta' arbitraġġ jew ftehim ta' medjazzjoni, tiskadi jekk it-talba korrispondenti ta' eżekuzzjoni ma tkunx ippreżentata fi żmien ħames snin minn mindu s-sentenza jew id-deċiżjoni ssir finali (l-Artikolu 518 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Hemm ukoll perjodu ta' stennija qabel ma tinbeda l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' proċedura (mill-Imħallef jew mir-Reġistratur) jew tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ jew inkella tal-ftehimiet ta' medjazzjoni. Dan il-perjodu huwa bil-ħsieb li jagħti l-ħin lill-konvenut biex jikkonforma volontarjament mal-ordni, u min jirbaħ il-kawża ma għandux għalfejn japplika għall-eżekuzzjoni. B'hekk, l-ebda eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' proċedura jew ta' arbitraġġ jew ta' ftehimiet ta' medjazzjoni ma tiġi ordnata fi żmien għoxrin jum mid-data li fiha l-kundanna tkun saret finali, jew li fiha d-deċiżjoni għall-approvazzjoni jew għall-iffirmar tal-ftehim tkun ġiet innotifikata lid-debitur skont is-sentenza (l-Artikolu 548 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fl-aħħar mill-aħħar, dan il-perjodu ta' stennija huwa intiż biex iħeġġeġ il-konformità volontarja min-naħa tal-konvenut.

Kif spjegat aktar 'il fuq fil-Punt 4.1, fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hemm stipulat li għall-protezzjoni tad-debitur, ċerti assi ma jistgħux ikunu suġġetti ta' eżekuzzjoni, u hemm stipulat ukoll limiti kwantitattivi proporzjonali għas-sekwestru tas-salarji, pagi, remunerazzjonijiet jew pensjonijiet.

Fl-irkant tal-proprjetà, il-bejgħ lill-offerent bl-ogħla offerta jrid isir għal ammonti minimi fi proporzjon mal-valur evalwat tal-assi jew mal-ammont tad-dejn. Dawn il-limiti għall-protezzjoni tad-debitur ikunu ogħla jekk tkun irkantata r-residenza abitwali tad-debitur (l-Artikoli 670 u 671 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi wkoll li, bħala regola ġenerali, ma tistax issir eżekuzzjoni tal-imgħax fuq l-ammont prinċipali dovut u l-ispejjeż proċedurali għal ammont li jaqbeż it-30 % tal-ammont prinċipali (l-Artikolu 575 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-eżekuzzjoni ssir kontra r-residenza abitwali, l-ispejjeż li jista' jirreklama d-debitur skont is-sentenza ma jistgħux jaqbżu l-5 % tal-ammont irreklamat fit-talba ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 575 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-preklużjonijiet tad-dritt ipotekarju, u għad-debituri li l-qagħda soċjali u finanzjarja tagħhom tkun partikolarment vulnerabbli, l-iżgombru mir-residenza abitwali jiġi pospost.

Skont l-Artikoli 55 sa 57 tal-Liġi dwar l-Insolvenza (*Ley Concursal*), ma jistgħux ikunu eżegwiti titoli ta' eżekuzzjoni individwali fil-konfront ta' kumpaniji kummerċjali li jkunu ġew iddikjarati bħala falluti, billi l-Imħallef li jkun qed jippresjedi l-proċedimenti ta' falliment ikollu kompetenza esklużiva fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-parti insolventi; dan qiegħed hemm bil-ħsieb li jkun evitat li xi kredituri jingħataw trattament aktar favorevoli minn oħrajn.

L-aħħar aġġornament: 02/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Franza

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-eżekuzzjoni (li timplika l-eżekuzzjoni obbligatorja, peress li eżekuzzjoni volontarja, tad-debitur tal-obbligi tiegħu ma tirrikjedix proċedimenti) tkopri l-proċedimenti kollha li jippermettu t-twettiq tal-obbligi eżegwibbli kontra r-rieda tad-debitur. Il-liġi Franċiża fiha tliet kategoriji ta' obbligi ċivili: tħallas, tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa u fl-aħħar nett tagħti jew trodd lura.

Id-dritt tal-eżekuzzjoni jirrigwarda l-assi tad-debitur: ma teżisti l-ebda eżekuzzjoni kontra persuni. Madankollu, ir-rifjut li wieħed jaderixxi ma' ċerti obbligi (obbligi ta' manteniment) huwa reat kriminali, li jesponi lid-debitur għal prosekuzzjoni u għal sentenza ta' ħabs. L-istess japplika għall-organizzazzjoni frawdolenti ta' insolvenza minn debitur.

Il-liġi rigward il-miżuri tal-eżekuzzjoni hija bbażata fuq tliet affarijiet (il-ħlas, l-għemil u l-għotja).

**L-obbligi ta' ħlas** huma eżegwibbli permezz ta' mandati ta' sekwestru. Jekk is-sekwestru jkun ta' somma flus, l-ammont issekwestrat jiġi assenjat lill-kreditur (pereżempju: sekwestru ta' kont bankarju). Jekk is-sekwestru jkun ta' assi tad-debitur, is-sekwestru jwassal għall-bejgħ obbligatorju tal-assi u r-rikavat mill-bejgħ jiġi assenjat lill-kreditur, sal-limitu tal-pretensjoni tiegħu.

**L-obbligi ta' għotja** jew li wieħed irodd lura jvarjaw skont in-natura tal-assi. Fil-każ ta' proprjetà mobbli, l-assi jinqabad permezz ta' mandat ta' sekwestru sabiex jingħata lura lis-sid leġittimu tiegħu. Fil-każ ta' proprjetà immobbli, il-pussess tal-proprjetà jingħata lura lis-sid billi jiġi żgumbrat l-okkupant.

**L-obbligi li wieħed jagħmel xi ħaġa jew li jonqos milli jagħmel xi ħaġa** jiġu eżegwiti permezz ta' penali pekunjarji, li tkun somma flus li d-debitur ikollu jħallas apparti l-obbligu li jkollu jeżegwixxi. Dan l-ammont, stabbilit minn imħallef, jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali għall-perjodu tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni (fil-każ ta' obbligi li wieħed jagħmel xi ħaġa) jew skont l-għadd ta' ksur tal-obbligu li wieħed jonqos milli jagħmel xi ħaġa. Peress li l-obbligi ta' ħlas, ta' għotja u li wieħed irodd lura huma wkoll interpretati bħala obbligi li wieħed jagħmel xi ħaġa, tista' tiġi imposta penali pekunjarja apparti miżuri oħra ta' eżekuzzjoni obbligatorja.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-**marixxalli tal-qorti** għandhom, fil-prinċipju, il-jedd sħiħ biex iwettqu eżekuzzjoni obbligatorja. Madankollu, żewġ proċeduri ta' eżekuzzjoni dejjem jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel mill-qrati:

is-sekwestru tar-rimunerazzjoni, awtorizzat mill-qorti distrettwali tal-post ta' residenza tad-debitur jew tas-sekwestrat, jekk id-debitur jgħix barra jew ma għandu l-ebda residenza fissa,

is-sekwestru tal-proprjetà immobbli, li jitwettaq mill-qorti tal-eżekuzzjoni tal-post li l-proprjetà tkun tinsab fih.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

L-atti eżegwibbli kollha jistgħu jkunu suġġett ta' miżuri ta' eżekuzzjoni obbligatorja jiġifieri huma suxxettibbli għal eżekuzzjoni obbligatorja; dawn huma ddefiniti mill-Artikolu L. 111-3 tal-Kodiċi tal-Proċedimenti Ċivili ta' Eżekuzzjoni:

Id-deċiżjonijiet legalment vinkolanti tal-qrati ġudizzjarji jew amministrattivi u l-ftehimiet ġuridikament eżegwibbli b'deċiżjoni ta' dawn il-qrati;

Miżuri u sentenzi barranin u deċiżjonijiet arbitrali ddikjarati eżegwibbli b'digriet mhux suġġett ta' appell li jissospendi l-eżekuzzjoni;

Estratti minn rapporti ta' konċiljazzjoni ffirmati mill-imħallef u mill-partijiet;

Atti Notarili li fihom klawżola li tagħti awtorità għall-eżekuzzjoni;

Titoli maħruġa minn marixxall tal-qorti fil-każ li ma jitħallasx ċekk;

Titoli maħruġa minn persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi pubblika u deskritti mill-liġi bħala tali, jew id-deċiżjonijiet li l-liġi tagħtihom l-istess effett ta' sentenza.

**Deċiżjonijiet tal-qorti li mhumiex suġġetti għal appell li jissospendu l-eżekuzzjoni huma eżegwibbli mingħajr sentenza oħra.** Dawn id-deċiżjonijiet, bħall-atti notarili, huma ċertifikati bħala **eżegwibbli** mill-iskrivan tal-qorti jew minn nutar, skont il-każ. Ma hemm l-ebda proċedura intermedja oħra li tippermetti li titwettaq eżekuzzjoni.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-qorti, il-kredituri kollha jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni biex jipproċedu b'**mandati ta' sekwestru jew garanziji ġudizzjarji.** Il-miżuri meħuda taħt dawn il-kundizzjonijiet jiskadu malajr jekk il-parti l-oħra ma tkunx ġiet notifikata (fi tmint ijiem) u jekk il-kreditur ma jkunx beda proċedimenti fuq il-mertu biex jikseb deċiżjoni tal-qorti li tapprova l-pretensjoni tiegħu.

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni obbligatorji dwar proprjetà mobbli u somom ta' flus, flimkien ma' l-iżgumbrament għandhom ikunu eżegwiti mill-marixxall tal-qorti, li huwa uffiċjal pubbliku u professjonali, jiġifieri uffiċjal tal-eżekuzzjoni maħtur mill-Ministru tal-Ġustizzja. Il-marixxall tal-qorti jeżerċita d-doveri tiegħu skont il-kundizzjonijiet tad-dritt privat, iżda fil-każ tal-eżekuzzjoni, igawdi minn prerogattivi ta' awtorità pubblika ddeterminata minn regolamentazzjoni preċiża u kodiċi tal-etika kkontrollata b'mod strett.

Is-sekwestru tal-proprjetà immobbli jsir permezz ta' proċedimenti speċjali, normalment quddiem l-imħallef tal-eżekuzzjoni tal-Qorti Reġjonali, li għalihom il-kreditur irid ikun rappreżentat minn avukat.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-ispejjeż tal-miżuri ta' eżekuzzjoni jiġġarrbu, fil-prinċipju, mid-debitur li għandu jħallashom b'żieda mad-dejn tiegħu.

Dawn l-ispejjeż ta' eżekuzzjoni huma suġġetti għal skala ta'tariffi li tistabbilixxi l-ħlas dovut lill-marixxalli tal-qorti għal kull miżura ta' eżekuzzjoni. Skont id-Digriet Nru 96-1080 tat-12 ta' Diċembru 1996, l-iskala ta' ħlas għall-marixxalli tal-qorti tinkludi ammont fiss espress jew kumulattivament jew alternattivament skont il-każ, f'tariffi fissi jew proporzjonali, kif ukoll, meta xieraq, tariffa għall-ftuħ tal-prosekuzzjoni.

It-tariffi fissi jridu jitħallsu mid-debitur. It-tariffi proporzjonali, ikkalkulati skont skala li tvarja applikati għall-ammonti rkuprati, jitħallsu parti mill-kreditur u parti mid-debitur.

Pereżempju, għal pretensjoni rkuprata ta' EUR 10 000, l-iskala ta' tariffi għal ċerti miżuri ta' eżekuzzjoni tkun kif ġej:

sekwestru kawtelatorju ta' kont bankarju: tariffa fissa, inklużi t-taxxi: EUR 187.53

sekwestru ta' proprjetà mobbli: tariffa fissa, inklużi t-taxxi: EUR 66.98

sekwestru ta' vettura b'dikjarazzjoni fl-uffiċċju reġjonali amministrattiv: tariffa fissa, inklużi t-taxxi: EUR 133.95

avviż formali notifikat bil-ħsieb ta' sekwestru ta' proprjetà immobbli: tariffa fissa, inklużi t-taxxi: EUR 80.37

Barra minn dawn it-tariffi fissi, hemm tariffi proporzjonali li, għal-pretensjoni kollha jammontaw għal EUR 723.44 bit-taxxi inklużi, li minnhom EUR 121.35 jitħallsu mid-debitur u EUR 602.09 mill-kreditur.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

L-ebda ordni ta' qorti mhi meħtieġa biex wieħed jipproċedi b'miżuri ta' eżekuzzjoni abbażi ta' titoli eżegwibbli.

Il-kriterji biex jiġu awtorizzati miżuri ta' sekwestru favur kreditur li għad m'għandux titolu eżegwibbli huma kif ġej: fil-prinċipju, il-pretensjoni tkun tidher li hija bbażata fuq raġunijiet tajba u l-irkupru tal-pretensjoni jkun jidher li jinsab f'riskju. L-imħallef kompetenti biex jordna mandat ta' sekwestru jkun l-imħallef tal-eżekuzzjoni (imħallef fil-Qorti Reġjonali) jew il-president tal-Qorti tal-Kummerċ fil-limiti tal-ġuriżdizzjoni ta' dik il-qorti.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Il-kreditur jista' jinforza l-pretensjoni tiegħu kontra l-proprjetà kollha tad-debitur, għaldaqstant fil-prinċipju, l-assi kollha tad-debitur jistgħu jkunu sekwestrati. Jeżistu regoli speċjali skont in-natura ta' dawn l-assi: talbiet ta' kreditu (kera, salarji, ammonti f'kont bankarju), proprjetà mobbli ta' kull xorta, proprjetà immobbli u drittijiet *in rem*, titoli u drittijiet ta' kontributuri, vetturi (tal-art, bastimenti, dgħajjes jew ajruplani), drittijiet tal-awtur, ammonti ta' flus merfugħa ġo sejf, eċċ.

Madankollu, il-liġi tista' tistipula li ċerti assi ma jistgħux ikunu sekwestrati, pereżempju:

ammonti meħtieġa għall-manteniment (b'mod partikolari proporzjon tas-salarju stabbilit skont skala li tvarja skont l-ammont ta' introjtu u d-dipendenti, rivalutata kull sena),

proprjetà mobbli meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum tad-debitur u għal xogħlu, li ma tistax tkun sekwestrata għajr biex jitħallas prezzha, jew jekk tkun ta' valur sinifikanti.

assi meħtieġa għall-morda u għall-persuni b'diżabbiltà.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni fuq il-proprjetà u l-pretensjonijiet isiru f'żewġ fażijiet. L-ewwel nett, l-aġent tal-eżekuzzjoni jeżegwixxi s-sekwestru tal-proprjetà jew ta' ammonti ta' flus. Dan is-sekwestru jfisser li wieħed ma jistax jiddisponi mill-proprjetà, iżda tibqa' fil-pussess tad-debitur u dan isir il-kustodju tagħha. Jekk iwettaq miżapproprjazzjoni ta' din il-proprjetà, jikkommetti reat. Fil-każ ta' ammonti ta' flus, dawn jiġu bblukkati fil-kont, iżda huma immedjatament għalkemm virtwalment, assenjati lill-kreditur inkwistjoni.

Id-debitur jiġi infurmat bis-sekwestru. Jekk id-debitur ma jinfurmax lill-imħallef tal-eżekuzzjoni li hu jkun qiegħed jikkontesta s-sekwestru, l-aġent tal-eżekuzzjoni jista' jipproċedi bit-tieni fażi tas-sekwestru, jiġifieri s-sekwestru tal-proprjetà biex tinbiegħ b'irkant jew billi jordna lis-sekwestrat (normalment, il-bank) biex jittrasferixxi l-ammonti sekwestrati.

Il-bank, magħruf bħala s-"sekwestrat", għandu obbligu, fil-waqt tas-sekwestru, li jinforma lill-marixxall b'kull ammont tad-debitur li għandu miżmum għandu. Jekk jonqos milli jagħmel dan jew jekk jgħaddi l-ammonti sekwestrati li jkollu f'idu lid-debitur, il-piena ġudizzjarja, fuq it-talba tal-kreditur, tkun li jkollu jħallas id-debitu minflok id-debitur.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

It-titoli eżegwibbli jiġu preskritti wara 10 snin. Għaldaqstant, il-miżuri ta' eżekuzzjoni jridu jitwettqu f'dan iż-żmien stipulat (L. 111-4 tal-Kodiċi tal-Proċedimenti Ċivili ta' Eżekuzzjoni).

Ordnijiet mill-imħallef tal-eżekuzzjoni għall-proċedimenti ta' mandati ta' sekwestru jiskadu jekk il-miżura ta' sekwestru ma titwettaqx fi żmien tliet xhur mill-ordni.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Din il-mistoqsija tirrigwarda biss l-ordnijiet rigward mandati ta' sekwestru. Fil-każ ta' titoli eżegwibbli, l-eżerċitar tal-appell huwa marbut mal-kontestazzjoni ġudizzjarja tal-pretensjoni nfisha.

Ladarba tittieħed il-miżura ta' sekwestru u d-debitur ikun ġie infurmat b'dan, dan tal-aħħar jista' jikkontesta l-kundizzjonijiet li wasslu għall-ordni quddiem l-imħallef tal-eżekuzzjoni li jkun ordna l-miżura. Kontestazzjoni tista' titressaq quddiem l-imħallef dment li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma jkunx inbidel f' mandat eżekutorju wara konferma ġudizzjarja tal-pretensjoni.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Fir-rigward ta' limiti taż-żmien, fil-prinċipju, it-titoli eżegwibbli jiġu preskritti wara 10 snin.

Barra minn hekk, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni jridu jkunu limitati għal dak li hu neċessarju għall-irkupru tal-pretensjoni u ma jridx ikun hemm abbuż fl-għażla tal-miżuri.

Fil-waqt li, fil-prinċipju, il-kreditur jista' jissekwestra l-beni kollha tad-debitur, jeżistu limiti f'għamla ta' beni li skont il-liġi ma jistgħux ikunu sekwestrati. Dan japplika għall-pagamenti ta' manteniment, proprjetà mobbli meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum tad-debitur u għal xogħlu, oġġetti indispensabbli għal persuna b' diżabbiltà, ċerti minimi soċjali u allokazzjonijiet tal-familja, li ma jistgħux ikunu sekwestrati. Apparti dan, f'kont bankarju, ma jistgħux ikunu sekwestrati s-somom li jaqbżu l-introjtu minimu (ir-"revenu de solidarité active" – l-introjtu ta' solidarjetà attiva) għal persuna waħedha. Fl-aħħar nett, fil-prinċipju, remunerazzjoni tkun eliġibbli għal sekwestru, fil-limiti stabbiliti minn digriet biss, liema digriet jistabbilixxi l-ammont għas-sekwestru skont ir-remunerazzjoni tad-debitur u tad-dipendenti tiegħu.

Is-sidien uniċi jibbenefikaw, f'ċerti każijiet, minn protezzjoni speċjali għall-patrimonju kollu tagħhom jew għal parti minnu.

Fl-aħħar nett, il-miżuri ta' eżekuzzjoni jistgħu jitwettqu biss bejn is-6.00 u d-21.00, u ma jistgħux ikunu eżegwiti l-Ħdud u l-festi pubbliċi, għajr jekk tkun ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel mill-imħallef tal-eżekuzzjoni. Kull sekwestru ta' ammonti anqas minn EUR 535 fi kwartieri residenzjali wkoll jirrikjedi l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-imħallef ta' eżekuzzjoni.

**Ħoloq relatati**

Legifrance

Is-sit web tal-Kamra Nazzjonali tal-Marixxalli tal-Qorti

L-aħħar aġġornament: 14/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - il-Kroazja

## 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Fir-Repubblika tal-Kroazja, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nru 112/12, 25/13, 93/14, 55/16 u 73/17; minn hawn 'il quddiem: OZ). Dan l-Att jirregola l-proċedura li biha l-qrati u n-nutara pubbliċi jmexxu il-ġbir b'mod involontarju ta' pretensjonijiet abbażi ta' dokumenti ta' titoli eżekuttivi u dokumenti awtentiċi (proċedura ta' eżekuzzjoni), sakemm ma jkunx iddeterminat mod ieħor minn liġi speċjali.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jitmexxew mill-qrati abbażi ta' dokumenti ta' titoli eżekuttivi, filwaqt li n-nutara pubbliċi jmexxu l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dokumenti awtentiċi.

X'jikkostitwixxi dokument ta' titolu ta' eżekutiv huwa stipulat fl-Artikolu 23 tal-OZ, filwaqt li d-dokumenti awtentiċi huma deskritti fl-Artikolu 31 tal-OZ.

L-Aġenzija Finanzjarja (*Financijska agencija*) hija wkoll parti mill-proċedura ta' eżekuzzjoni (minn hawn 'il quddiem: l-Aġenzija) - entità ġuridika li tmexxi l-eżekuzzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-OZ u l-liġi li tirregola l-eżekuzzjoni fuq il-fondi, kif ukoll l-impjegaturi, l-Istitut Kroat għall-Assigurazzjoni tal-Pensjonijiet (*Hrvatski zavod za mirovinsko osiguranje*) u awtoritajiet oħrajn previsti mil-liġi.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Il-qrati jmexxu l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dokumenti ta' titoli eżegwibbli li, skont l-OZ, huma dawn li ġejjin:

1. Deċiżjonijiet tal-qorti u soluzzjonijiet bil-qorti eżegwibbli,
2. Soluzzjonijiet eżegwibbli msemmija fl-Artikolu 186.a tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili
3. Deċiżjonijiet eżegwibbli ta' qorti tal-arbitraġġ,
4. Deċiżjonijiet eżegwibbli maħruġa fi proċediment amministrattiv u soluzzjonijiet eżegwibbli milħuqa fi proċediment amministrattiv jekk dan ikun jinvolvi l-eżekuzzjoni ta' obbligu pekunarju, sakemm ma jiġix previst mod ieħor mil-liġi,
5. Deċiżjonieżegwibbli notarili u klawżola eżegwibbli notarili,
6. Soluzzjonijiet milħuqa b'riżultat ta' proċeduri quddiem "qrati tal-unur" (*sudovi časti*) f'awli fir-Repubblika tal-Kroazja u soluzzjonijiet milħuqa fi proċeduri ta' medjazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-proċeduri ta' medjazzjoni,
7. Dokumenti oħrajn iddeterminati mil-liġi bħala eżegwibbli.

Id-dokumenti eżegwibbli huma addattati għall-eżekuzzjoni jekk jispeċifikaw il-kreditur u d-debitur, is-suġġett, it-tip, il-kamp ta' applikazzjoni u ż-żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligu pekunarju.

Jekk id-dokument eżegwibbli jkun deċiżjoni li titlob għall-irkupru tad-dejn permezz ta' ħlas jew it-twettiq ta' azzjoni, huwa jrid jinkludi wkoll skadenza għal eżekuzzjoni volontarja, u jekk l-iskadenza għal eżekuzzjoni volontarja ma ġietx speċifikata, mela t-terminu jiġi stabbilit mill-qorti fil-mandat ta' eżekuzzjoni.

### 3.1 Il-proċedura

Kreditur jibda proċedimenti ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dokument eżegwibbli billi jippreżenta rikors għal eżekuzzjoni lill-qorti. Ir-rikorsi għal eżekuzzjoni jistgħu jiġu ppreżentati mill-kreditur personalment bħala parti fil-proċedimenti, jew permezz ta' rappreżentant. Il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jistgħu jiġu istitwiti *ex officio,* meta jkunu speċifikament previsti mil-liġi.

Il-qrati muniċipali għandhom ġuriżdizzjoni *ratione materiae* fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. L-eżekuzzjoni ssir fil-limiti definiti mill-mandat ta' eżekuzzjoni.

Il-mandat ta' eżekuzzjoni jrid jispeċifika d-dokument eżekutorju, jiġifieri awtentiku, li abbażi tiegħu ssir l-eżekuzzjoni, il-kreditur u l-parti li tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni kontriha (id-debitur), il-pretensjoni li tkun qed tiġi eżegwita, il-mezzi u s-suġġett tal-eżekuzzjoni, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex issir l-eżekuzzjoni.

**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Ir-rikors għal eżekuzzjoni irid ikun fih t-talba għall-eżekuzzjoni, li tispeċifika d-dokument eżegwibbli jew awtentiku li abbażi tiegħu tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni, il-kreditur u d-debitur, in-numri tal-identifikazzjoni personali tal-kreditur u tad-debitur, il-pretensjoni li tintalab ir-realizzazzjoni tagħha, il-mezzi meħtieġa sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni u (jekk ikun meħtieġ) is-suġġett tal-eżekuzzjoni. Ir-rikors irid ikun fih informazzjoni preskritta oħra meħtieġa sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni.

Ir-rikors għal eżekuzzjoni fuq il-bażi ta' dokument awtentiku jrid ikun fih:

1. talba lill-qorti sabiex tordna lid-debitur isalda l-pretensjoni bi kwalunkwe spejjeż pertinenti fi żmien tmint ijiem u, fil-każ ta' tilwimiet li jinvolvu kambjala u ċekkijiet, fi żmien tlett ijiem,
2. ir-rikors eżegwibbli.

Għalhekk, il-kundizzjonijiet ewlenin li jridu jiġu ssodisfati għal titolu eżekutorju huma: dokument eżegwibbli jew awtentiku li l-eżekuzzjoni tiġi ordnata abbażi tiegħu u applikazzjoni eżegwibbli.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

Is-suġġett tal-eżekuzzjoni huwa oġġetti u drittijiet li, skont il-liġi, jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni biex tinġabar pretensjoni. L-eżekuzzjoni ssir biex tissodisfa l-pretensjoni ta' kreditur fuq oġġetti ta' eżekuzzjoni li jikkostitwixxu parti integrali mill-proprjetà tad-debitur.

**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

L-assi tad-debitur (flus, proprjetà immobbli, proprjetà mobbli, titoli u parteċipazzjonijiet) jew ċerti drittijiet nonproprjetarji tar-rikorrent (it-trasferiment u l-konsenja ta' proprjetà mobbli, it-tbattil u t-trasferiment ta' proprjetà immobbli, ir-ritorn għax-xogħol, eċċ.) jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni. Matul il-proċedimenti, ir-rikorrent jista' jagħżel liema suġġetti jrid eżegwit.

L-oġġetti li ma jiġux innegozjati ma jistgħux ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni, u l-istess japplika għal oġġetti oħrajn, fejn dan ikun ipprojbit minn leġiżlazzjoni speċjali. Lanqas il-pretensjonijiet ibbażati fuq it-taxxa u tariffi oħrajn ma jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni.

Oġġetti, armi u tagħmir intenzjonat għad-difiża u oġġetti u faċilitajiet intenzjonati għax-xogħol tal-gvernijiet lokali u reġjonali u tal-awtoritajiet ġudizzjarji wkoll jistgħu ma jkunux soġġetti għal eżekuzzjoni.

Jekk oġġett jew dritt partikolari jistax ikun soġġett għal eżekuzzjoni, jiġifieri jekk l-eżekuzzjoni ta' oġġett jew dritt kienx limitat, jiġi evalwat fir-rigward taċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu fil-ħin li ġie ppreżentat ir-rikors għall-eżekuzzjoni, sakemm ma jiġix espliċitament previst mod ieħor mill-OZ.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

L-effetti bażiċi tal-miżuri ta' eżekuzzjoni huma li d-drittijiet tad-debitur li jiddisponi mill-assi tiegħu huma ristretti.

Il-proċeduri ta' eżekuzzjoni għall-proprjetà immobbli u l-proprjetà mobbli jirriżultaw fil-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli sabiex tiġi ssodisfata l-pretensjoni tal-kreditur mill-ammont miksub mill-bejgħ.

Il-proċeduri ta' eżekuzzjoni fuq pretensjonijiet finanzjarji jirriżultaw fil-konfiska u t-trasferiment lill-kreditur tal-pretensjoni pekunarja, sal-ammont meħtieġ sabiex tiġi ssodisfata l-pretensjoni.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni jibqgħu validi sat-terminazzjoni tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, li sseħħ ladarba l-pretensjoni tal-kreditur tkun ġiet issodisfata għalkollox jew wara li jirtira r-rikors għall-eżekuzzjoni.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Id-debitur għandu d-dritt li:

- jippreżenta appell kontra mandat ta' eżekuzzjoni maħruġ, jew
- iressaq ilment kontra deċiżjoni ta' nutar pubbliku maħruġa fuq il-bażi ta' dokument awtentiku.

Appell ammissibbli u f'waqtu kontra mandat ta' eżekuzzjoni maħruġ fuq il-bażi ta' dokument eżegwibbli ma jissospendix il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni.

Ilment ammissibbli u f'waqtu kontra deċiżjoni ta' nutar pubbliku maħruġa fuq il-bażi ta' dokument awtentiku (ippreżentat lin-nutar pubbliku, iżda deċiż mill-qorti) jirridirezzjona l-proċedimenti għal kawża standard (*klasična parnica*) li tkompli tinstema' quddiem il-qorti u li fiha l-partijiet, issa r-rikorrent (li qabel kien il-kreditur) u l-intimat (li qabel kien id-debitur), iridu jissostanzjaw l-argumenti tagħhom sabiex jiksbu suċċess fil-proċedimenti. Jekk il-prekundizzjonijiet preskritti mill-OZ ikunu ġew issodisfati, id-debitur għandu d-dritt li jissospendi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Il-qorti tiddefinixxi l-eżekuzzjoni bil-mezzi u fuq l-oġġetti speċifikati fir-rikors għall-eżekuzzjoni. Jekk jiġu ssuġġeriti diversi mezzi u oġġetti, il-qorti, fuq suġġeriment tad-debitur, tillimita l-eżekuzzjoni għall-mezzi jew l-oġġetti magħżula, jekk dawn jitqiesu bħala suffiċjenti għall-issodisfar tal-pretensjoni.

Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-proċedura ta' eżekuzzjoni huwa li, meta jitwettqu l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni u sigurtà, il-qorti tkun obbligata tirrispetta d-dinjità tad-debitur billi tiżgura li l-eżekuzzjoni tkun kemm jista' jkun favorevoli.

Il-protezzjoni tad-debitur tiġi żgurata permezz tal-esklużjoni u l-limitazzjoni tal-oġġetti u l-mezzi li fuqhom, jew li bl-użu tagħhom, il-pretensjoni tal-kreditur tkun tista' tiġi ssodisfata bil-forza matul il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, billi d-debitur jingħata ċerti garanziji proċedurali u materjali matul l-eżekuzzjoni u b' konnessjoni magħha. Din il-protezzjoni tintwera fl-aċċettazzjoni tal-prinċipju tal-legalità fid-determinazzjoni ta' jekk l-eżekuzzjoni tkunx permessa, fid-determinazzjoni tal-oġġetti u l-mezzi ta' eżekuzzjoni u fil-proċedura użata sabiex il-pretensjoni tal-kreditur tiġi ssodisfata bil-forza.

Hemm limitazzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni ta' proprjetà immobbli relatata ma' oġġetti li jistgħu ma jkunux soġġetti għal eżekuzzjoni, kif deskritt fl-Artikolu 91 tal-OZ.

Hemm limitazzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni ta' beni mobbli relatati ma' oġġetti li jistgħu ma jkunux soġġetti għal eżekuzzjoni, kif deskritt fl-Artikolu 135 tal-OZ.

Hemm limitazzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet pekunarji li huma deskritti fl-Artikolu 173 tal-OZ, filwaqt li l-Artikolu 172 tal-OZ jispeċifika liema mill-introjtu tad-debitur huwa eżentat mill-eżekuzzjoni.

L-Artikolu 212 tal-OZ jippreskrivi regoli speċjali dwar l-eżekuzzjoni ta' mezzi finanzjarji li huma eżentati mill-eżekuzzjoni jew li l-eżekuzzjoni għalihom hija ristretta, filwaqt li l-Artikoli 241 u 242 tal-OZ jippreskrivu regoli speċjali dwar l-eżenzjoni u r-restrizzjoni tal-eżekuzzjoni għal entitajiet ġuridiċi.

Il-protezzjoni tad-debituri li huma persuni fiżiċi fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet pekunarji hija prevista fl-Artikolu 75 tal-OZ, filwaqt li l-protezzjoni tal-entitajiet ġuridiċi hija prevista fl-Artikolu 76 tal-OZ.

Id-dispożizzjonijiet tal-OZ li jiddeskrivu r-restrizzjonijiet tal-eżekuzzjoni, jiġifieri li jeskludu ċerti oġġetti mill-eżekuzzjoni, jipprovdu protezzjoni għad-debitur matul il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

L-aħħar aġġornament: 19/09/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Italja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-infurzar huwa l-fażi tal-implimentazzjoni furzata tas-sentenzi tal-qorti u titoli eżegwibbli oħra (strumenti ta' dejn, atti pubbliċi u atti privati awtentikati għal servizzi speċifiċi). F'dan l-istadju, li għadu suġġett għal proċedimenti ġudizzjarji, jistgħu jintervjenu l-forzi tal-ordni jekk id-debitur jonqos milli jikkonforma b' mod spontanju mal-obbligu tiegħu.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-qrati ordinarji huma kompetenti għall-infurzar. Huwa wkoll quddiem il-qrati ordinarji li għandu jiġi ppreżentat ir-rikors għal rifjut ta' infurzar imsemmija fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 (ir-Regolament Brussell I - riformulat).

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Il-pussess ta' titolu eżegwibbli huwa kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti biex tinbeda azzjoni ta' infurzar. It-titoli eżegwibbli huma normalment previsti mil-liġi mill-Artikolu 474 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u jinqasmu f'żewġ tipi: titoli ġudizzjarji u titoli extra-ġudizzjarji. Tal-ewwel jinkludu s-sentenza u l-atti u l-ordnijiet maħruġa minn qorti matul proċedimenti tal-qorti jew fi tmiemhom. Tat-tieni jinkludu strumenti ta' dejn, atti pubbliċi u atti privati awtentikati li l-partijiet jistgħu jagħmlu indipendentement.

#### 3.1 Il-proċedura

L-infurzar jibda meta jiġu nnotifikati lid-debitur it-titolu eżegwibbli, li jrid ikun il-kopja eżegwibbli skont l-Artikolu 476 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u l-ordni ta' infurzar (*precetto*), li hija ordni lid-debitur biex jikkonforma fi skadenza ta' mhux anqas minn għaxart ijiem u twissija li jekk dan ma jseħħx, ikun hemm eżekuzzjoni sfurzata skont l-Artikolu 480 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. It-tielet paragrafu tal-istess Artikolu jistipula li fl-ordni ta' infurzar il-kreditur għandu jagħżel id-domiċilju fil-muniċipalità li fiha tkun tinsab il-qorti b'ġurisdizzjoni fuq l-infurzar. Fin-nuqqas ta' għażla ta' domiċilju, l-oġġezzjonijiet kontra l-ordni tal-infurzar jridu jsiru quddiem l-imħallef tal-post fejn tkun ġiet innotifikat l-ordni, u n-notifiki lill-kreditur isiru fir-reġistru tal-iskrivan tal-istess qorti. Wara dawn il-formalitajiet, jistgħu jibdew il-proċedimenti ta' infurzar bis-sekwestru mill-uffiċjal ġudizzjarju, li l-ewwel irid jippreżenta d-dokumenti meħtieġa msemmija aktar 'il fuq. Is-sekwestru jrid isir fi żmien l-iskadenza ta' 90 jum mid-data tan-notifika tal-ordni ta' eżekuzzjoni u, f'kull każ, mhux qabel l-iskadenza indikata fiha; jekk dan ma jsirx, l-ordni tiskadi (Artikolu 481). F'dan l-istadju hija meħtieġa rappreżentanza legali.

Is-sekwestru isir null jekk wara t-twettiq tiegħu jgħaddu 45 jum mingħajr ma jintalbu l-assenjazzjoni jew il-bejgħ.

L-infurzar għandu l-għan li jiżgura l-eżekuzzjoni sfurzata ta' obbligi mhux rispettati permezz tal-użu tal-forzi tal-ordni. Dan jista' jintuża kemm għal djun finanzjarji kif ukoll għall-obbligi ta' konsenja ta' proprjetà mobbli, ta' rilaxx ta' proprjetà immobbli u għal obbligi pożittivi mhux funġibbli.

#### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti biex tinbeda proċedura ta' rkupru hija l-pussess ta' titolu eżegwibbli li jinkorpora dritt "ċert, ta' ammont fiss u dovut" (*certo, liquido ed esigibile* (l-Artikolu 474). Il-livell ta' "ċertezza" jvarja skont it-titolu: naturalment hemm grad akbar ta' ċertezza b'sentenza fl-ewwel istanza (eżegwibbli provviżorjament) milli bi strument tad-dejn jew tranżazzjonijiet irreġistrati f'atti pubbliċi jew atti privati awtentikati.

### 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

Hemm diversi miżuri, normalment ordnijiet (*ordinanze*), li l-imħallef tal-eżekuzzjoni joħroġ matul il-proċedura. Dawn ivarjaw minn miżuri meħtieġa biex jiġu stabbiliti r-regoli għat-twettiq kif suppost tal-proċedimenti sa miżuri li jassenjaw l-utilità, jiġifieri d-digriet (*decreto*) li jassenja l-proprjetà kkonfiskata lill-persuna li xtrata fis-subbasta jew li tefgħet l-ogħla offerta.

#### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Dawn li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għall-esproprjazzjoni: (a) proprjetà mobbli (b) proprjetà immobbli (c) il-pretensjonijiet tad-debitur u proprjetà mobbli li dan ikun qed iżomm għand terzi u (d) ishma f'kumpaniji.

Minbarra dan, jistgħu jiġu wkoll infurzati obbligi ta' kunsinna ta' proprjetà mobbli, ir-rilaxx ta' proprjetà immobbli u obbligi funġibbli pożittivi u negattivi.

#### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

L-infurzar fil-każ ta' somom ta' flus, li jibda bis-sekwestru, ifisser li l-flus sekwestrati ma jkunux disponibbli għad-debitur li fuqu tkun ġiet eżegwita l-ordni ta' infurzar. Għalhekk, l-atti kollha ta' aljenazzjoni ta' dawk il-flus ikunu bla effett u ma jistgħux jintużaw biex iwaqqfu l-infurzar.

#### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-miżuri huma miżuri ta' infurzar għall-finijiet tal-issodisfar ta' pretensjonijiet; għalhekk, ma jistgħux jintużaw bħala evidenza f'investigazzjonijiet.

### 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Is-sistema ġuridika tippermetti appelli mid-debitur (u/jew partijiet terzi suġġetti għall-infurzar) kontra l-atti u s-sentenzi relatati mal-proċeduri tal-infurzar. L-appelli jistgħu jagħtu lok għal żewġ tipi differenti ta' sentenza:

- appell kontra l-infurzar (*opposizione all'esecuzione*) skont l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; fejn huwa kkontestat id-dritt ta' infurzar (jew l-eżistenza tad-dritt tal-kreditur biex iwettaq l-infurzar);
- appell kontra atti eżegwibbli (*opposizione agli atti esecutivi*) (l-Artikoli 617 u 618 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) fejn jiġu kkontestati żbalji proċedurali (jiġifieri l-legalità tad-dokumenti involuti fil-proċedura tal-infurzar).

Appelli kontra l-infurzar jew atti eżegwibbli, ippreżentati qabel ma' tibda l-eżekuzzjoni sfurzata, huma ddefiniti bħala appelli kontra l-ordni tal-infurzar (*precetto* ) għaliex jiddependu fuq li d-dokument jagħti notifikaminn qabel tal-infurzar: l-appell jinġieb kontra l-ordni tal-infurzar billi jsir rikors quddiem il-qorti b' ġuriżdizzjoni fil-kwistjoni jew fuq l-ammont jew iż-żona, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi.

Jekk l-infurzar diġà jkun beda jew l-ordni ta' sekwestru diġà tkun ġiet notifikata, l-appell kontra l-infurzar jew kontra l-istrumenti eżegwibbli jsir billi jiġi ppreżentat appell speċifiku mal-qorti tal-infurzar.

Partijiet terzi li jkollhom pretensjoni ta' drittijiet *in rem* fuq il-proprjetà kkonfiskata jistgħu jappellaw lill-qorti tal-infurzar sakemm il-proprjetà tinbiegħ jew tiġi assenjata.

Id-dispożizzjonijiet ġuridiċi li jirregolaw il-kwistjoni huma l-Artikoli 615, 616, 617, 618 u 619 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Minbarra l-oġġetti ddikjarati li ma jistgħux jiġu ssekwestrati b'dispożizzjonijiet ġuridiċi speċjali, dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu ssekwestrati:

1) oġġetti sagri u oġġetti użati fil-prattika ta' reliġjon;

2) ċrieket tat-tieġ, ħwejjeġ, lożor tad-dar, sodod, imwejjed tal-pranzu u siġġijiet, gwardarobbi, gradenzi, friġis, kuċinieri u fran, kemm tal-gass kif ukoll tal-elettriku, magni tal-ħasil, attrezzaturi tad-dar u tal-kċina u biċċa għamara biex jinżammu fiha, biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-debitur u tal-unità domestika tiegħu; madankollu, dan ma jinkludix għamara ta' valur sinifikanti (minbarra sodod), inklużi antikitajiet prezzjużi u elementi ta' valur artistiku kkonfermat;
3) l-ikel u l-karburant neċessarji biex isostnu lid-debitur u lill-persuni l-oħra msemmija il-paragrafu preċedenti għal xahar;

L-għamara (minbarra sodod) ta' valur finanzjarju sinifikanti (inklużi antikitajiet prezzjużi u oġġetti ta' valur artistiku kkonfermat) huma wkoll esklużi.
Armi u oġġetti oħra li d-debitur irid iżomm sabiex iwettaq servizz pubbliku, dekorazzjonijiet, ittri, rekords u dokumenti tal-familja b'mod ġenerali, kif ukoll manuskritti, għajr fejn jiffurmaw parti minn kollezzjoni, ma jistgħux jiġu ssekwestrati.
Il-liġi tiddikjara wkoll bħala mhux konfiskabbli, fost l-oħrajn dawn li ġejjin: proprjetà li hi sjieda tal-Istat, assi mhux disponibbli li huma proprjetà tal-Istat jew ta' korp pubbliku ieħor, proprjetà koperta mir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali, il-proprjetà ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi u binjiet reliġjużi.
L-azzjoni tal-infurzar ma tistax tirnexxi jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-pretensjoni jkun skada għal kollox. Il-perjodi ta' preskrizzjoni ivarjaw skont id-dritt ikkonċernat. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li xi kultant il-liġi tistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni differenti skont it-tip ta' strument li jipprova l-pretensjoni li fuqha l-infurzar ikun bbażat. Pereżempju, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal pretensjoni stabbilita f'sentenza tal-qorti huwa ta' 10 snin, minkejja li għal dan it-tip ta' pretensjoni, il-liġi normalment tagħti perjodu ta' preskrizzjoni aqsar.
Il-liġi reċentement inbidlet sabiex il-qorti tal-post ta' residenza permanenti jew temporanja, id-domiċilju jew l-uffiċċju ewlieni tad-debitur tkun tista', fuq talba tal-kreditur, tawtorizza l-proprjetà għall-konfiska biex tiġi segwita b'metodi elettroniċi (l-Artikolu 492-bis tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendata minn dawn li ġejjin: id-Digriet-Liġi Nru 83 tas-27 Ġunju 2015 (ikkonvertit, b'emendi, mil-Liġi Nru 132 tas-6 ta' Awissu 2015)); forom ta' ħlasijiet bin-nifs ukoll ġew introdotti fil-każ ta' infurzar ta' oġġetti mobbli, bħala parti mill-miżuri ta' proprjetà ssekwestrata (*conversione del pignoramento*).

**Annessi relatati**

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (474 - 482) (64 Kb) it

L-aħħar aġġornament: 25/02/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Ċipru

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Eżekuzzjoni tfisser l-implimentazzjoni furzata tal-kontenut ta' sentenza jew ordni bl-assistenza tal-qorti u, f'xi każijiet, bl-assistenza addizzjonali ta' uffiċjali /servizzi oħra kompetenti (pereżempju r-Reġistru tal-Artijiet (*Ktimatológio*). Parti li tkun kisbet sentenza jew ordni mill-qorti tista' titlob li l-qorti tieħu miżuri ta' eżekuzzjoni.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Is-Servizz tal-Qrati (uffiċjali ġudizzjarji) u r-Reġistru tal-Artijiet. L-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' ordni biex tiġbor pagamenti ta' manteniment pendenti hija l-pulizija.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Sentenza jew ordni hija eżegwibbli malli tingħata. L-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' appell ma tissospendix l-eżekuzzjoni waħidha; jeħtieġ li l-appellant jippreżenta talba motivata għal din ir-raġuni.

#### 3.1 Il-proċedura

Atti mhux maħruġin minn qorti (pereżempju deċiżjoni ta' arbitraġġ) mhumiex eżegwibbli waħidhom, iżda jistgħu jsiru eżegwibbli wara li jiġu ddikjarati bħala tali minn qorti. Il-qorti b'ġuriżdizzjoni biex tinħareġ ordni għall-eżekuzzjoni ta' att mhux maħruġ minn qorti jew maħruġ minn qorti barranija hija l-qorti distrettwali taż-żona fejn tkun tgħix il-persuna li tkun saret l-eżekuzzjoni kontriha, jew il-qorti tal-familja f'każijiet ta' ordnijiet ta' manteniment. Is-sentenzi tal-qorti huma normalment eżegwiti mill-avukat li jkun tratta l-kawża quddiem il-qorti, permezz ta' wieħed mill-metodi ta' eżekuzzjoni elenkati fit-Taqsima 3.1 hawn taħt.
Għar-reġistrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija skont ftehim multilaterali jew bilaterali, il-proċedura titwettaq mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku, bħala l-awtorità ċentrali, permezz tas-Servizz Legali (*Nomikí Ypiresía*). F'każijiet oħra l-proċedura tista' titwettaq permezz ta' avukati privati.
L-ispejjeż tal-proċedura ma jistgħux jiġu determinati bil-quddiem, iżda huma kkalkulati mir-reġistratur tal-qorti abbażi tar-regolamenti dwar il-miżati u jiġu imposti fuq il-persuna li tkun inqatgħet is-sentenza kontriha.
L-eżekuzzjoni titwettaq prinċipalment permezz ta' uffiċjali ġudizzjarji (*dikastikoí epidótes*), li huma impjegati taċ-ċivil impjegati mill-qrati fuq bażi permanenti. Sabiex titħaffef il-proċedura ta' eżekuzzjoni, in-notifika tad-dokumenti fil-kawżi kollha tal-qorti ċivili ġiet fdata lil kumpaniji privati sa mill-1996, biex b'hekk l-uffiċjali ġudizzjarji jistgħu jiffukaw fuq l-eżekuzzjoni tas-sentenzi.

#### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

F'kawżi ta' eżekuzzjoni ta' sentenza bejn il-partijiet f'Ċipru, il-kriterji jvarjaw skont il-kawża. Irid ikun hemm sentenza tal-qorti, għoti tas-sentenza li toħloq obbligu, u rifjut/nuqqas min-naħa ta-konvenut li jħallas is-somma allokata.
Il-kriterji għal ordni ta' eżekuzzjoni għal sentenza minn pajjiż barrani normalment ikunu speċifikati fil-ftehim korrispondenti. F'dan il-każ hija kundizzjoni normali li l-konvenut irid ikun ġie debitament notifikat bil-proċeduri kontrih fil-pajjiż barrani.

### 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

#### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-oġġetti soġġetti għal eżekuzzjoni jistgħu jinkludu kontijiet tal-bank, ishma, vetturi reġistrati, beni immobbli u oġġetti oħrajn. Oġġetti personali ħafna li huma essenzjali għas-sopravvivenza jew biex il-konvenut ikompli bil-professjoni tiegħu huma esklużi.
Il-miżuri ta' eżekuzzjoni jinkludu:
mandat ta' qbid u bejgħ (*éntalma katáschesis kai pólisis*) ta' beni mobbli
mandat ta' ċediment (*éntalma parádosis*) ta' beni mobbli (jekk il-beni mobbli jkunu s-suġġett tal-azzjoni, pereżempju f'azzjoni għal ksur ta' kuntratt ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, l-oġġett mikri b'opzjoni ta' xiri)
mandat ta' qbid ta' assi f'idejn parti terza (*éntalma katáschesis eis cheíras trítou*)
ordni biex jitħallas dejn bi ħlasijiet ta' kull xahar
ordni biex isir tnaqqis (*diátagma apokopís*) mid-dħul mensili tad-debitur tas-sentenza (li tingħata lill-impjegatur għall-eżekuzzjoni)

ordni biex jiġi ċedut il-pussess (*éntalma parádosis katochís*) ta' beni immobbli
ordni biex jinbiegħu (*éntalma pólisis*) il-beni immobbli
ordni biex il-beni immobbli jinżammu f'kustodja (*mesengýisi*) (maħruġa fuq talba tad-debitur tas-sentenza, sakemm il-qorti tkun issodisfata li, sa massimu ta' tliet snin, id-dħul mill-beni immobbli ikopri d-dejn, l-imgħax u l-ispejjeż kollha tas-sentenza)
garanzija fuq il-beni immobbli (*epivárynsi*), bir-reġistrazzjoni tas-sentenza kontra l-beni
falliment
xoljiment tal-kumpanija
Fil-każ ta' ordni ta' manteniment, l-eżekuzzjoni tinkludi l-possibbiltà ta' ħruġ ta' mandat ta' arrest (*fylakistiríou éntalma*) kontra d-debitur.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

Id-debitur u kull parti terza huma obbligati li jikkonformaw mas-sentenza li tordna l-miżura ta' eżekuzzjoni. Jekk id-debitur jirrifjuta jew jonqos milli jwettaq l-atti /azzjonijiet speċifikati fl-ordni li timponi l-miżuri ta' eżekuzzjoni, tista' tinbeda proċedura ta' priġunerija kontrih talli ma rrispettax ordni tal-qorti.
Bank li jkun ingħata ordni ta' sekwestru huwa meħtieġ li jiffriża l-kont rilevanti, sakemm ma jkollux raġuni biex jikkontesta dan. F'dan il-każ, ikollu jidher quddiem il-qorti li tkun tat l-ordni u jagħti raġunijiet għaliex ma għandhiex tapplika.
L-ordnijiet kollha mhux ikkontestati isiru finali u għandhom is-saħħa ta' sentenza tal-qorti.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni huma validi għal sitt xhur minn meta jingħataw. Sentenza li timponi miżuri ta' eżekuzzjoni tkun valida għal sitt snin mid-data meta jingħataw. F'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni f'dak il-perjodu, is-sentenza tista' tiġġedded mill-qorti skont ir-Regola 40D.8 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Skont il-każ, huwa possibbli li jitressqu sfidi legali, pereżempju sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni jew biex titħassar entrata fir-reġistru.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

Għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-debitur, kull oġġett personali li huwa essenzjali għas-sopravvivenza jew biex persuna tkompli bil-professjoni tagħha ma jistax jiġi soġġett għal eżekuzzjoni.
Barra minn hekk, meta d-debitur ikun Stat jew servizz pubbliku, oġġetti u tagħmir intiżi għal skop li huwa essenzjali għall-pubbliku inġenerali, inkluż tagħmir li jappartjeni għall-forzi armati u għall-forzi tas-sigurtà, oġġetti ta' importanza artistika, arkeoloġika, kulturali, reliġjuża u storika u riżervi ta' muniti barranin, huma eżenti minn eżekuzzjoni.
Barra minn hekk, eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid u l-bejgħ ta' beni mobbli titwettaq minn tlugħ ix-xemx sa nżulha.
Il-beni maqbuda(għajr flus jew titoli) iridu jinbiegħu biss wara li jkunu għaddew mill-inqas tlett ijiem mill-jum wara l-qbid, sakemm ma jkunux soġġetti għal tkagħbir bl-użu jew jekk is-sid ma jitlobx dan bil-miktub; sakemm il-bejgħ jintemm il-beni iridu jitqiegħdu f'post xieraq jew jistgħu jibqgħu fil-kustodja ta' persuna xierqa.

L-aħħar aġġornament: 13/05/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Latvja

**1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?**

L-infurzar huwa stadju fi proċeduri ċivili fejn l-uffiċjali ġudizzjarji jinfurzaw sentenza mogħtija minn qrati, istituzzjonijiet oħra jew uffiċjali jekk debitur (konvenut) ma jikkonformax volontarjament ma' dik id-deċiżjoni fiż-żmien stipulat fil-leġiżlazzjoni jew mill-qorti.
Ara "Professjonijiet legali: il-Latvja" dwar il-miżuri ta' infurzar li huwa intitolat japplika uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti.

**2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?**

L-uffiċjali tal-qorti jinfurzaw id-deċiżjonijiet mill-qrati u istituzzjonijiet oħra kif ukoll iwettqu attivitajiet oħra speċifikati fil-leġiżlazzjoni.

**3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?**

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji huma infurzabbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, ħlief fejn il-leġiżlazzjoni jew sentenzi tal-qorti jipprovdu għall-infurzar immedjat tagħhom. L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati jinstigaw il-proċeduri ta' infurzar fuq il-bażi ta' dokument ta' infurzar.
Skont il-proċedura għall-infurzar ta' deċiżjoni tal-qorti, id-deċiżjonijiet li ġejjin minn qrati, mħallfin u istituzzjonijiet oħra għandhom jiġu infurzati:
sentenzi tal-qorti u deċiżjonijiet tal-qorti jew tal-imħallfin kawżi ċivili u kawżi amministrattivi;
deċiżjonijiet tal-qorti u deċiżjonijiet jew ordnijiet tal-prosekuturi pubbliċi f'kawżi kriminali relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
deċiżjonijiet tal-imħallfin jew tal-qorti f'kawżi amministrattivi ta' ksur relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-approvazzjoni ta' saldi;
deċiżjonijiet minn qrati permanenti ta' arbitraġġ;
deċiżjonijiet minn qrati barranin jew awtoritajiet kompetenti u qrati barranin ta' arbitraġġ f'każijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni;
deċiżjoni tal-qorti dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet proċedurali – multi;
deċiżjonijiet tal-kummissjoni dwar tilwim industrijali;
deċiżjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali ta' regolamentazzjoni tas-servizz pubbliku (iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolatur") dwar tilwim jew riżoluzzjoni ta' argumenti.
Ħlief fejn speċifikat mod ieħor taħt il-leġiżlazzjoni, dawn li ġejjin huma suġġetti wkoll għal proċeduri għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti:
deċiżjonijiet minn istituzzjonijiet u uffiċjali f'każijiet ta' ksur amministrattiv u ksur tal-liġi fejn speċifikat taħt il-leġiżlazzjoni;
atti amministrattivi relatati ma' pagamenti maħruġa minn awtoritajiet u uffiċjali mogħtija s-setgħa mill-Istat;
deċiżjonijiet minn membri tal-professjonijiet legali (nutara, avukati, uffiċjali ġudizzjarji) dwar remunerazzjoni professjonali, remunerazzjoni għal assistenza legali provduta u rimborż ta' spejjeż relatati ma' servizzi provduti, u taxxi tal-boll;
atti adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
Atti notarili magħmula taħt il-proċedura stabbilita fid-Diviżjoni D1 tal-Liġi dwar in-Nutara.
Dokument ta' infurzar huwa:
ordni ta' infurzar maħruġa f'kawżi ċivili jew amministrattivi fuq il-bażi ta' sentenza tal-qorti jew deċiżjoni mill-qorti jew l-imħallef, jew f'każijiet kriminali fuq il-bażi ta' sentenza tal-qorti li tapprova ftehim, deċiżjoni minn qorti permanenti ta' arbitraġġ, deċiżjoni tal-kummissjoni dwar tilwim industrijali, deċiżjoni mir-regolatur fuq tilwim jew riżoluzzjoni ta' argumenti, deċiżjoni minn qorti barranija jew qorti barranija ta' arbitraġġ, u atti adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
deċiżjoni minn istituzzjonijiet u uffiċjali f'każijiet ta' ksur amministrattiv u ksur tal-liġi;

deċiżjoni minn qorti jew imħallef f'każijiet ta' ksur amministrattiv;
estratt minn deċiżjoni jew ordni ta' prosekutur pubbliku f'kawżi kriminali relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
ordni ta' eżekuzzjoni maħruġa fuq il-bażi ta' att amministrattiv (Taqsima 539(2)2) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili);
deċiżjoni minn imħallef dwar l-infurzar mhux ikkontestat ta' obbligazzjonijiet, l-infurzar ta' obbligazzjonijiet taħt proċeduri kawtelatorji, jew il-bejgħ volontarju ta' proprjetà immobbli taħt irkant permezz ta' proċess ġudizzjarju;
deċiżjoni tal-qorti dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet proċedurali – multi;
kont maħruġ minn nutar, avukat jew uffiċjal ġudizzjarju;
Ordni ta' Infurzar Ewropea maħruġa minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003;
ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003;
ċertifikat maħruġ maħruġ minn qorti inkluż qorti barranija skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
ordni ta' ħlas maħruġa minn qorti li tinkludi qorti barranija skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
deċiżjoni tal-qorti dwar l-awtorizzazzjoni tal-kreditur garantit biex ibigħ il-proprjetà mwiegħda tad-debitur fi proċeduri ta' protezzjoni legali (Taqsima 37(2) tal-Liġi dwar l-Insolvenza);
estratt mid-deċiżjoni maħruġa minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 20(1)b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009;
estratt mill-istrument awtentiku maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009;
l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba stabbilit skont il-mudell stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2011 tat-18 ta' Novembru 2011;
atti notarili ta' infurzar maħruġa taħt il-proċedura stabbilita fid-Diviżjoni D1 tal-Liġi dwar in-Nutara;
ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 53 jew l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali;
estratt minn deċiżjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew minn Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea dwar l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva li hija relatata ma' ksur fl-istazzjonar ta' impjegaturi u li tasal fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI);
parti A ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet maħruġa minn qorti li tinkludi qorti barranija skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 655 /2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**3.1 Il-proċedura**

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u barra mill-qorti huma infurzabbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, ħlief fejn il-leġiżlazzjoni jew sentenzi tal-qorti jipprovdu għall-infurzar immedjat tagħhom. Jekk jiġi stabbilit perjodu ta' infurzar volontarju rigward l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti u d-deċiżjoni ma tkunx infurzata, il-qorti tfassal ordni ta' infurzar meta jiskadi t-terminu ta' infurzar volontarju. L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati jinstigaw il-proċeduri ta' infurzar fuq il-bażi ta' dokument ta' infurzar.

Ordni ta' infurzar tinħareġ fuq talba lill-uffiċjal tal-infurzar mill-qorti li tiddeċiedi l-każ dak iż-żmien. Għandha tinħareġ ordni ta' infurzar għal kull deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata f'postijiet differenti, id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata immedjatament fi kwalunkwe parti minnha jew jekk id-deċiżjoni ssir favur diversi pretendenti jew kontra diversi konvenuti, il-qorti għandha toħroġ diversi ordnijiet ta' infurzar fuq it-talba tal-uffiċjal tal-infurzar. Meta toħroġ bosta ordnijiet ta' infurzar, il-post eżatt tal-infurzar jew il-parti tad-deċiżjoni li għandha tiġi infurzata skont l-ordni ta' infurzar għandhom ikunu speċifikati f'kull wieħed minn dawn l-ordnijiet ta' infurzar; u, f'każ ta' obbligi solidarji, il-konvenut li kontra tiegħu l-infurzar għandu jiġi implimentat skont l-ordni ta' infurzar ikkonċernata għandu jkun indikat.

Biex jibda l-infurzar ta' deċiżjoni, l-ordni ta' infurzar mogħtija lill-uffiċjal tal-infurzar jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandha tiġi sottomessa lil uffiċjal ġudizzjarju flimkien ma' ittra ta' applikazzjoni.

**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Il-Liġi dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji u r-Regolament Nru 202 "Regolament dwar iż-żamma ta' reġistri ta' uffiċjali ġudizzjarji" adottat mill-Kabinett tal-Ministri fl-14 ta' Marzu 2006 jirregolaw il-kwistjonijiet ġenerali relatati mal-attività u ż-żamma ta' reġistri ta' uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati.

**4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi**

L-applikazzjoni tal-miżuri ta' infurzar stabbiliti fil-Liġi tal-Proċedura Ċivili fil-proċedura ta' infurzar ta' deċiżjonijiet mill-qorti u deċiżjonijiet minn istituzzjonijiet oħra hija mmirata li tirrestrinġi d-drittijiet tad-debitur bl-intenzjoni li jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn id-drittijiet tal-persuna, li l-interessi ċivili tagħha jew l-interessi tagħha protetti mil-liġi kienu involuti, u l-obbligu tad-debitur li jikkonforma mad-deċiżjoni tal-qorti (istituzzjoni oħra).

**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati li jieħdu azzjoni ta' infurzar kontra l-proprjetà mobbli tad-debitur – inkluża kwalunkwe proprjetà depożitata ma' persuni oħra – u assi intanġibbli, kontra flus dovuti lid-debitur minn persuni oħra (remunerazzjoni għax-xogħol, pagamenti ekwivalenti, dħul ieħor tad-debitur, investimenti f' istituzzjonijiet ta' kreditu), u kontra proprjetà immobbli.

Ċerti assi speċifikati fil-leġiżlazzjoni u oġġetti li jappartjenu kompletament jew parzjalment lid-debitur mhumiex suġġetti għal azzjoni ta' infurzar taħt ordnijiet ta' infurzar (pereżempju apparat u tagħmir tad-dar, ħwejjeġ, ikel, kotba, strumenti u għodda meħtieġa mid-debitur għax-xogħol ta' kuljum tiegħu li jipprovdi l-mezzi meħtieġa għas-sussistenza eċċ.).

L-oġġetti li ġejjin li jappartjenu kompletament jew parzjalment lid-debitur mhumiex suġġetti għal azzjoni ta' infurzar taħt ordnijiet ta' infurzar:
apparat u tagħmir tad-dar, ħwejjeġ meħtieġa mid-debitur, il-membri tal-familja tiegħu u persuni dipendenti fuqu:
ħwejjeġ, żraben u ħwejjeġ ta' taħt meħtieġa għall-użu ta' kuljum;
aċċessorji tal-friex, lbies tas-sodda u xugamani;
utensili tal-kċina u oġġetti tal-mejda meħtieġa għall-użu ta' kuljum;
għamara – sodda waħda u siġġu wieħed għal kull persuna, kif ukoll mejda waħda u gwardarobba waħda għal kull familja;
l-aċċessorji kollha għat-tfal.
Oġġetti tal-ikel fid-dar fl-ammont meħtieġ għall-manteniment tad-debitur u tal-membri tal-familja tiegħu għal perjodu ta' tliet xhur;
flus fl-ammont tal-paga minima ta' kull xahar għad-debitur, kull membru tal-familja tiegħu u l-persuni dipendenti fuq id-debitur, iżda f'każijiet rigward l-irkupru ta' manteniment għall-appoġġ ta' tfal minorenni jew għall-benefiċċju tal-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment - flus fl-ammont ta' 50 fil-mija tal-paga minima fix-xahar għad-debitur, kull membru tal-familja tiegħu u l-persuni dipendenti fuq id-debitur;
baqra jew mogħża waħda u majjal wieħed għal kull familja, u għalf fl-ammont meħtieġ sakemm jinħasad għalf ġdid jew sakemm il-bhejjem jittieħdu għall-mergħa;
karburant meħtieġ biex jitħejja l-ikel għall-familja u għat-tisħin tal-post li jgħixu fih waqt l-istaġun tat-tisħin;
kotba, strumenti u għodda meħtieġa għad-debitur fil-ħidma ta' kuljum tiegħu li tipprovdi l-mezzi meħtieġa għas-sussistenza;

stokk agrikolu, jiġifieri għodda agrikola, makkinarju, bhejjem u żerriegħa meħtieġa għar-razzett, flimkien mal-ammont ta' għalf meħtieġ għall-manteniment tal-bhejjem tar-razzett rilevanti sakemm isir ħsad ġdid. L-istruzzjonijiet mill-Ministru tal-Agrikoltura jiddeterminaw l-għodda agrikola, l-ammont ta' bhejjem u l-ammont ta' għalf li għandhom jitqiesu bħala meħtieġa;
proprjetà mobbli li skont il-Liġi Ċivili hija rikonoxxuta bħala aċċessorju għal proprjetà immobbli - separatament minn tali proprjetà immobbli;
djar ta' qima u oġġetti ta' ritwali.
Bl-istess mod, l-azzjoni ta' infurzar ma tistax tittieħed fuq:
ħlas dovut għal sensja, benefiċċju tal-funeral, benefiċċju ta' somma f'daqqa lill-konjuġi superstiti, benefiċċji soċjali tal-Istat, appoġġ mill-Istat lil tfal li għandhom il-marda tas-coeliac, pensjoni tas-superstiti u provvediment għas-superstiti;
kumpens għal tkagħbir bl-użu ta' għodda li jappartjenu lil impjegat u kumpens ieħor skont il-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw ir-relazzjonijiet legali tal-impjieg;
ammonti li għandhom jitħallsu lil impjegat b'konnessjoni ma' vjaġġi uffiċjali, trasferiment u assenjazzjoni biex jaħdmu f'żona oħra popolata;
benefiċċji ta' assistenza soċjali;
manteniment tat-tfal fl-ammont ta' manteniment minimu tat-tfal stipulat mill-Kabinett li fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti jew deċiżjoni meħuda mill-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment għandha titħallas minn wieħed mill-ġenituri, kif ukoll manteniment tat-tfal li għandu jitħallas minn l-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

Meta tittieħed azzjoni ta' infurzar kontra l-assi mobbli, il-proprjetà immobbli jew id-dħul ta' debitur, id-debitur ma jibqax intitolat li jiddisponi minnhom liberament.
Meta l-ħtiġijiet jew l-ordnijiet tal-uffiċjal ġudizzjarju ma jitħarsux, l-uffiċjal ġudizzjarju jħejji att u jippreżentah lill-qorti għal deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà. Il-qorti tista' timponi multa fuq il-partijiet ħatja – sa EUR 360 fil-każ ta' persuna fiżika, jew sa EUR 750 fil-każ ta' uffiċjal. Jista' jiġi sottomess ilment anċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.
F'ċerti kategoriji ta' każijiet, sanzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu stabbiliti għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-uffiċjal ġudizzjarju.
Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jsib xi reżistenza meta jieħu azzjoni ta' infurzar, il-pulizija jistgħu jissejħu biex jassistu.
Jekk id-debitur ma jidhirx quddiem uffiċjal ġudizzjarju f'konformità ma' ċitazzjoni, jew jirrifjuta li joffri spjegazzjonijiet jew informazzjoni legalment meħtieġa, l-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat li jieħu l-kwistjoni quddiem il-qorti għal deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ta' din il-persuna. Il-qorti tista' tadotta deċiżjoni biex tordna lid-debitur jidher, u biex timponi multa: sa EUR 80 fil-każ ta' persuna fiżika, jew sa EUR 360 fil-każ ta' uffiċjal. jitressaq ilment anċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.
Jekk jirriżulta li debitur intenzjonalment ipprovda informazzjoni falza, l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jibgħat applikazzjoni lill-prosekutur pubbliku.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Dokument ta' infurzar jista' jiġi sottomess għall-infurzar fi żmien 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-qorti jew tal-imħallef sakemm ma jkunux speċifikati perjodi oħra fl-atti regolatorji. Jekk sentenza tal-qorti timponi pagament bin-nifs, id-dokument ta' infurzar jibqa' fis-seħħ għall-perjodu kollu li matulu l-pagamenti jkunu dovuti u l-perjodu ta' 10 snin jibda mid-data finali ta' kull pagament.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Il-proċedura ta' infurzar tinbeda fuq il-bażi ta' ordni ta' infurzar valida maħruġa mill-qorti jew istituzzjoni oħra. Il-persuna obbligata bi dmir skont deċiżjoni mill-qorti jew minn istituzzjoni oħra tista' tappella (tikkontesta) din id-deċiżjoni skont il-proċedura ġenerali stabbilita fl-atti regolatorji għal appell (kontestazzjoni) ta' deċiżjonijiet tal-qrati jew istituzzjonijiet oħra.
Fuq applikazzjoni minn parti fil-każ u b'kunsiderazzjoni tal-istat proprjetarju jew ċirkostanzi oħra tal-partijiet involuti, il-qorti responsabbli biex tiddeċiedi każ partikolari tkun intitolata li tadotta deċiżjoni biex tipposponi l-infurzar tad-deċiżjoni, biex taqsam l-infurzar f'pagamenti, jew biex temenda l-forma jew il-proċedura li biha tiġi infurzata d-deċiżjoni. Lment anċillari li jirrigwarda deċiżjoni tal-qorti li tipposponi l-infurzar ta' deċiżjoni, taqsam l-infurzar tad-deċiżjoni f' pagamenti parzjali jew temenda l-forma jew il-proċedura li biha tiġi infurzata jista' jitressaq quddiem qorti superjuri fi żmien 10 ijiem. Meta ċ-ċirkostanzi jfixklu jew jipprevjenu l-infurzar ta' sentenza tal-qorti, l-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat ukoll li jissottometti lill-qorti responsabbli għas-sentenza proposta biex tipposponi l-infurzar ta' deċiżjoni, biex taqsam l-infurzar tad-deċiżjoni f'pagamenti parzjali jew biex temenda l-forma jew il-proċedura li permezz tagħha tiġi infurzata.
L-uffiċjal ġudizzjarju jista' jipposponi l-infurzar fuq il-bażi ta' applikazzjoni minn uffiċjal tal-infurzar jew deċiżjoni mill-qorti jew imħallef biex tipposponi azzjoni ta' infurzar jew tissospendi l-bejgħ ta' proprjetà, jew deċiżjoni tal-qorti li tipposponi infurzar jew taqsam l-infurzar tad-deċiżjoni f'pagamenti.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

Billi jissottometti lment motivat, **kreditur** jew **debitur** jista' jappella l-azzjonijiet ta' uffiċjal ġudizzjarju fl-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ir-rifjut tal-uffiċjal ġudizzjarju li jwettaq dawk l-azzjonijiet, ħlief rigward irkant invalidu, lill-qorti distrettwali (tal-belt) skont il-post uffiċjali tal-ħatra tal-uffiċjal ġudizzjarju fi żmien 10 ijiem mill-jum li fih jittieħdu l-azzjonijiet appellati jew meta l-kwerelant, li ma ġiex notifikat dwar il-ħin u l-post tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, jiġi infurmat b'dawn l-azzjonijiet.
L-ilment għandu jiġi eżaminat f'seduta tal-qorti fi żmien 15-il jum. Id-debitur u l-kreditur, kif ukoll l-uffiċjal ġudizzjarju, għandhom jiġu notifikati dwar is-seduta tal-qorti. Jekk dawn il-persuni ma jattendux, dan m'għandux ikun ta' ostakolu għall-eżami inkwistjoni.
Fuq il-bażi ta' talba motivata mill-persuna li tressaq ilment, mħallef jista' jieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-attivitajiet ta' infurzar, il-projbizzjoni ta' trasferiment ta' flus lil uffiċjal ġudizzjarju jew kreditur jew debitur jew is-sospensjoni tal-bejgħ ta' proprjetà. Id-deċiżjoni għandha tiġi implimentata malli tittieħed.
Jista' jitressaq ilment anċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.

**Links**

http://www.tm.gov.lv/ - sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja
http://www.lzti.lv/ - Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati Latvjani
http://www.tiesas.lv/ - portal tal-qrati Latvjani

L-aħħar aġġornament: 05/06/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Lussemburgu

**1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?**

Jekk debitur jonqos milli jikkonforma b'mod volontarju ma' sentenza, ir-rikorrent jista' jinforza l-konformità. Din hija l-eżekuzzjoni obbligatorja.

Sabiex sentenza tkun tista' tiġi eżegwita, hija trid tinkludi klawżola ta' eżekuzzjoni u trid tkun ġiet ikkomunikata jew innotifikata kif xieraq.

Is-saħħa eżekutorja tas-sentenza tiġi sospiża għal tmint'ijiem, li jibdew jgħoddu mid-data tas-sentenza u/jew permezz ta' mezz effettiv ta' oppożizzjoni, ħlief jekk id-deċiżjoni tista' tiġi eżegwita b'mod provviżorju.

L-eżekuzzjoni obbligatorja ġeneralment tintuża sabiex jiġu rkuprati l-flus, iżda tista' tiġi applikata sabiex jiġi eżegwit it-twettiq ta' att.

Fil-każ ta' persuna ordnata tħallas somma flus, it-talba tiġi eżegwita kontra l-assi tad-debitur u tissejjaħ mandat ta' sekwestru.

Madankollu, hemm miżuri ta' eżekuzzjoni oħrajn li huma aktar speċifiċi: mandat ta' sekwestru, sekwestru tal-għelejjel, mandat ta' sekwestru tal-introjtu, mandat ta' qbid ta' proprjetà immobbli, sekwestru fuq il-mobbli ta' kerrej li ma ħallasx il-kera (saisie-gagerie), mandat ta' sekwestru minn barra l-pajjiż (debitur ma jkunx domiċiljat fil-pajjiż tal-kreditur), mandat fuq oġġetti miżmuma minn terzi, mandat ta' sekwestru tal-qligħ, mandat ta' qbid ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u mandat ta' sekwestru fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet intellettwali.

L-aktar mandati ta' sekwestru użati fil-Lussemburgu huma l-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

**2 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?**

L-uffiċjali ġudizzjarji għandhom il-kapaċità unika li jeżegwixxu sentenzi li jkunu ġew iddikjarati eżekutorji minn qorti tal-Lussemburgu skont il-liġi tal-Lussemburgu jew minn qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni tal-UE f'materji ċivili jew kummerċjali, ftehimiet li jirriżultaw minn medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali li huma eżegwibbli u strumenti jew drittijiet eżegwibbli oħrajn.

**3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?**

**3.1 Il-proċedura**

Is-sentenzi mogħtija u l-istrumenti mfassla fil-Gran Dukat

Dawn għandhom ikunu eżegwibbli fil-Gran Dukat mingħajr ebda ħtieġa għal approvazzjoni uffiċjali jew ittra ta' *pareatis*, anki jekk ikunu qegħdin jiġu eżegwiti barra l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li tkun tat is-sentenza jew barra t-territorju fejn tfasslu l-istrumenti.

Il-konsenja tal-istrument jew tas-sentenza lill-uffiċjal ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjonijiet kollha għajr għall-mandat ta' qbid ta' proprjetà immobbli u l-priġunerija, li jenħtieġ awtorizzazzjoni speċjali għalihom.

Deċiżjonijiet barranin li huma soġġetti għal trattat jew leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tirrikjedi proċedura ta' exequatur

Is-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali mogħtija fi Stat barrani eżegwibbli f'dak l-Istat u li, skont it-termini ta'

- il-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata mill-konvenzjonijiet tal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda għal dik il-konvenzjoni,
- il-Konvenzjoni ta' Lugano tas-16 ta' Settembru 1988 dwar il-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali,
- il-Konvenzjoni tad-29 ta' Lulju 1971 bejn il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Repubblika tal-Awstrija dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f' materji ċivili u kummerċjali,
- it-Trattat tal-24 ta' Novembru 1961 bejn il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu dwar il-ġuriżdizzjoni, il-falliment u l-validità u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi, deċiżjonijiet ta' arbitraġġ u strumenti awtentiċi, sakemm ikun fis-seħħ,
- jew il-Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mal-obbligi ta' manteniment,

jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu rikonoxxuti u eżegwiti fil-Lussemburgu, għandhom isiru eżekutorji fil-forom stabbiliti fl-Artikoli 680 sa 685 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-Ġdid (*Nouveau code de procedure civile*).

Is-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali mogħtija fi Stat Membru tal-UE li huma eżegwibbli f'dak l-Istat Membru u li, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fil-Lussemburgu, għandhom isiru eżegwibbli kif stabbilit f'dak ir-regolament.

Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, magħruf bħala r-"regolament Brussell I riformulat", ħassar ir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 ikompli japplika għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-azzjonijiet legali mressqa, fl-istrumenti awtentiċi mfasslin jew irreġistrati b'mod formali u t-tranżazzjonijiet legali approvati jew konklużi qabel l-10 ta' Jannar 2015 li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-regolament.

Is-sentenzi f'materji ċivili mogħtija fi Stat Membru tal-UE li huma eżegwibbli f'dak l-Istat Membru u li, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fil-Lussemburgu, għandhom isiru eżegwibbli kif stabbilit f'dak ir-regolament.

Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 fis-sens tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fil-Lussemburgu, għandhom isiru eżegwibbli kif stabbilit f'dak ir-regolament.

Deċiżjonijiet barranin soġġetti għal leġiżlazzjoni tal-UE li tabolixxi l-exequatur

Fit-12 ta' Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, magħruf bħala r-regolament Brussell I riformulat. Skont l-Artikolu 36 ta' dak ir-regolament, sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe proċedura speċjali li tkun meħtieġa (abolizzjoni tal-exequatur). Dan ir-Regolament applika fl-Istati Membri kollha tal-UE mill-10 ta' Jannar 2015 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru li huwa marbut bil-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 fis-sens tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment għandhom jiġu rikonoxxuti fil-Lussemburgu mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali u mingħajr ebda possibbiltà li ssir oppożizzjoni għar-rikonoxximent.

**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Ma għandu jsir ebda mandat ta' sekwestru ta' proprjetà mobbli jew immobbli sakemm ma jkunx hemm titolu eżekuttiv maħruġ skont il-liġi tal-Lussemburgu u għal talba dovuta u ċerta; jekk id-dejn dovut ma jkunx somma ta' flus, huwa għandu jiġi diferit, wara l-mandat ta' sekwestru, għall-proċedimenti sussegwenti kollha, sakemm ikun ġie vvalutat.

Is-sentenzi li jirrikjedu rilaxx, tħassir ta' reġistrazzjoni ta' ipoteka, pagament jew xi ħaġa oħra li ssir minn parti terza jew f'isimha, għandhom ikunu jistgħu jiġu eżegwiti biss mill-partijiet terzi jew kontrihom, anki wara li jkunu skadew il-perjodi ta' oppożizzjoni jew appell, abbażi ta' ċertifikazzjoni mill-avukat tar-rikorrent, li tagħti d-data li fiha ġiet innotifikata s-sentenza fid-dar tal-parti li s-sentenza ngħatat kontriha, u abbażi ta' ċertifikazzjoni mill-uffiċjal ġudizzjarju li ma hemm ebda oppożizzjoni jew appell kontra s-sentenza.

Jekk iċ-ċertifikat juri li ma hemm ebda oppożizzjoni jew appell, ir-riċevituri, il-kustodji u kwalunkwe persuna oħra għandhom jintrabtu li jikkonformaw mas-sentenza.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Beni eliġibbli għal mandat ta' sekwestru

Huma biss il-beni mobbli jew immobbli li huma proprjetà tad-debitur li huma eliġibbli għal mandat ta' sekwestru, mhux il-beni li jappartjenu lil parti terza. Madankollu, ftit li xejn huwa importanti fil-pussess ta' min ikunu l-beni tad-debitur fil-mument tal-mandat ta' sekwestru, għalhekk, huwa possibbli li l-beni jiġu ssekwestrati fil-bini ta' parti terza.

Beni mhux eliġibbli għal mandat ta' sekwestru

L-Artikolu 728 tal-Kodiċi l-Ġdid tal-Proċedura Ċivili (*Nouveau code de procedure civile*) jiddikjara li, minbarra l-oġġetti ddikjarati li huma ineliġibbli għal mandat ta' qbid skont liġijiet speċifiċi, il-beni li ġejjin ma jistgħux jinqabdu:

oġġetti li l-liġi tal-Lussemburgu tiddikjara bħala immobbli skont l-iskop tagħhom;

proprjetà mobbli, bħal pereżempju post fejn torqod, ħwejjeġ, għamara fejn iżżomm il-ħwejjeġ, magna tal-ħasil u mwejjed u siġġijiet sabiex il-membri tal-familja jkunu jistgħu jieklu ikla flimkien.

Dawn l-oġġetti ma jistgħux jinqabdu, irrispettivament mill-kapaċità tal-kreditur, anki jekk dan ikun l-Istat, bl-eċċezzjoni ta' ċerti djun esklussivament elenkati fil-liġi.

Sabiex jiġi evitat li l-kreditur jissekwestra l-mezzi ta' sussistenza kollha tad-debitur, regolament Gran-Dukali jistabbilixxi r-rati għaċ-ċessjoni u l-mandat ta' sekwestru tas-salarji, il-pensjonijiet u l-annwalitajiet. Il-liġi organizzat il-mandat ta' sekwestru ta' introjtu regolari protett (salarji, annwalitajiet, pensjonijiet). Dawn it-tipi ta' introjtu regolari ma jistgħux jiġu ssekwestrati kompletament, iżda biss sa ċertu limitu, li jiġi ddeterminat skont il-parentesi ffissati minn regolament Gran-Dukali. Għalhekk, id-debituri jżommu introjtu minimu sabiex ikunu jistgħu jgħixu.

Delimitazzjoni

Id-delimitazzjoni għandha l-għan li tipproteġi lill-persuna li jkollha l-oġġetti sekwestrati kontra l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' disponibbiltà tal-assi tagħha fl-intier tagħhom. Hija tippermetti lill-imħallef jillimita l-ammonti ssekwestrati.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Mill-mument li l-beni jinqabdu, id-debitur jitlef id-dritt li jiddisponi minnhom. Madankollu, il-mandat ta' ta' qbid ma joħloq ebda dritt ta' xiri preferenzjali għall-kreditur li jordna l-qbid. L-iskwalifika tad-debitur tfisser li huwa ma jkunx jista' jbigħ, jittrasferixxi jew joħroġ ipoteka fuq il-beni maqbuda. Il-beni jistgħu jiġu maqbuda fuq il-post. Madankollu, id-debitur jibqa' sid il-beni sakemm issir is-subbasta mingħajr ma jkunu neċessarjament fil-pussess tiegħu. Is-sitwazzjoni ma tinbidilx f'termini prattiċi, iżda pjuttost f'termini legali.

Jekk din l-iskwalifika tinkiser, il-miżuri meħuda mill-persuna li nqabdula l-oġġetti ma jkunux vinkolanti fuq il-kreditur li jitlob il-qbid.

Jekk dan ikun il-każ, l-iskwalifika tkun relattiva biss, fis-sens li tapplika biss għall-benefiċċju tal-kreditur li jordna l-qbid. Il-kredituri l-oħrajn xorta jridu jittolleraw il-fluttwazzjonijiet fl-assi tad-debitur. Madankollu, huwa sempliċi għalihom li jikkondividu l-mandat ta' qbid li diġà jkun intlaħaq qbil dwaru.

L-iskwalifika hija l-ewwel fażi fil-proċess tal-bejgħ tal-assi. Il-beni jitpoġġew taħt il-kontroll tal-qorti. Għalhekk, il-mandat ta' qbid eżekuttiv għandu rwol kawtelatorju fl-ewwel istanza.

Fir-rigward ta' garnishment, irid jiġi speċifikat li din il-forma ta' mandat ta' sekwestru tneħħi l-kontroll kollu minn fuq id-dejn kollu ssekwestrat, irrispettivament mill-valur tiegħu. Madankollu, il-parti terza bl-oġġetti ssekwestrati tista' tpoġġi ammont suffiċjenti f'depożitu (delimitazzjoni).

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

L-istrumenti eżegwibbli maħruġa skont il-liġi tal-Lussemburgu ma jiskadux u ma jintilfux minħabba l-mogħdija taż-żmien.

L-awtorizzazzjonijiet mill-President tal-qorti tal-kummerċ sabiex jitwettqu l-mandati ta' sekwestru jew ta' qbid kawtelatorji jiskadu jekk il-miżura kawtelatorja ma titteħidx fil-perjodu ta' żmien stipulat fil-mandat.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Mandat maħruġ mill-imħallef li jippresiedi qorti kummerċjali, li tawtorizza mandat ta' sekwestru jew ta' qbid kawtelatorju, hija soġġetta għal oppożizzjoni jew appell.

Fi kwistjonijiet ta' mandat ta' sekwestru, id-debitur jista' jiftaħ kawża minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni jew jopponi l-bejgħ tal-oġġetti ssekwestrati.

Il-partijiet terzi jistgħu wkoll jipprovokaw inċident, jiġifieri oppożizzjoni għall-bejgħ tal-oġġetti ssekwestrati jew maqbuda, b'talba għal devjazzjoni ta' dawn l-oġġetti sabiex jibbenifikaw minnhom huma.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Skont l-Artikolu 590 tal-Kodiċi Ġdid tal-Proċedura Ċivili (*Nouveau code de procedure civile*), debitur jista' jimblokka eżekuzzjoni provviżorja jekk tkun ġiet ordnata f'każ għajr għal dawk previsti mil-liġi. Għaldaqstant, id-debitur jista' japplika mal-qorti tal-appell għal projbizzjoni ta' eżekuzzjoni provviżorja. Dan japplika biss f'materji ċivili u huwa eskluż f'materji kummerċjali mill-Artikolu 647 tal-Kodiċi Kummerċjali (*Code de commerce*).

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 703 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-Ġdid (*Nouveau code de procedure civile*) jistabbilixxi l-proċedura għad-delimitazzjoni. L-għan tad-delimitazzjoni huwa li l-persuna li jsir is-sekwestru kontriha tiġi protetta mill-konsegwenzi tan-nuqqas ta' disponibbiltà totali tal-assi. Hija tippermetti lill-imħallef jillimita l-ammonti ssekwestrati.

Sabiex jiġi evitat li l-kreditur jissekwestra l-mezzi ta' sussistenza kollha tad-debitur, regolament Gran-Dukali jistabbilixxi r-rati għaċ-ċessjoni u l-mandat ta' sekwestru tas-salarji, il-pensjonijiet u l-annwalitajiet. Il-liġi organizzat il-mandat ta' sekwestru ta' introjtu regolari protett (salarji, annwalitajiet, pensjonijiet). Dawn it-tipi ta' introjtu regolari ma jistgħux jiġu ssekwestrati kompletament, iżda biss sa ċertu limitu, li jiġi ddeterminat skont il-parentesi ffissati minn regolament Gran-Dukali. Għalhekk, id-debituri jżommu introjtu minimu sabiex ikunu jistgħu jgħixu.

**Ħoloq relatati**

http://www.legilux.lu/

L-aħħar aġġornament: 25/04/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Ungerija

## 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-infurzar huwa proċedura ta' natura ċivili li permezz tagħha l-Istat jeżerċita l-issodisfar tal-obbligi inklużi fil-qorti u deċiżjonijiet tan-nutar u dokumenti oħra ddefiniti mil-liġi bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' koerċizzjoni.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

L-infurzar huwa ordnat u eżegwit mill-qorti, in-nutar pubbliku, jew korpi oħrajn u persuni, b'mod partikolari l-entitajiet li ġejjin:
a) l-uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti indipendenti,
b) l-uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti reġjonali,
c) l-uffiċjal ġudizzjarju deputat tal-qorti indipendenti,
d) l-uffiċjal ġudizzjarju deputat tal-qorti reġjonali,
e) l-uffiċjal ġudizzjarju kandidat.
Il-proċedura tal-uffiċjal ġudizzjarju — bħala proċedura ċivili mhux kontenzjuża — hija identika għal dik tal-qorti.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Ordni ta' infurzar tista' tinħareġ jekk id-deċiżjoni eżegwibbli fiha obbligu (penali), hija finali jew ġiet ordnata l-eżekuzzjoni interim tagħha, u l-iskadenza għall-eżekuzzjoni għaddiet.  Abbażi ta' saldu approvat mill-qorti, ordni ta' infurzar tista' tinħareġ anke jekk ġie ppreżentat appell kontra digriet ta' approvazzjoni. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal ftehimiet approvati minn nutar pubbliku bl-istess effett ta' soluzzjoni bil-qorti. Ordni ta' infurzar tista' wkoll tinħareġ fuq il-bażi ta' sentenza mogħtija fi proċedura skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, anke jekk ġie ppreżentat appell kontra s-sentenza. Ordni ta' infurzar ma tistax tinħareġ fuq il-bażi ta' ordni għal pagament, jekk il-klawżola li tagħmilha finali tiddikjara li l-infurzar mhux permess dwar is-suġġett tat-talba.
Regola speċjali tapplika għall-irkupru ta' manteniment, fejn l-infurzar jista' jiġi awtorizzat għal ammonti li kienu skadew b'aktar minn sitt xhur jekk il-parti li qed tfittex l-infurzar tqis li huwa probabbli li l-manteniment dovut huwa imputabbli għal aġir malizzjuż tad-debitur jew tiġi provduta raġuni solida għan-nuqqas biex tkun validata t-talba. Meta jiġu infurzati deċiżjonijiet barranin, il-qorti teżamina wkoll jekk l-infurzar huwiex permess b'liġi, b'konvenzjoni internazzjonali, b' reċiproċità, jew bl-leġiżlazzjoni tal-UE.

### 3.1 Il-proċedura

L-infurzar jista' jiġi ordnat permezz ta' ordni ta' infurzar. F'ċerti każijiet, din mhijiex deċiżjoni formali (iżda minflok tieħu l-forma ta' karta tal-infurzar jew klawżola tal-infurzar); f'każijiet oħra, jieħu l-forma ta' ordni. Il-Qorti jew in-nutar pubbliku joħroġ l-ordni ta' infurzar fuq talba tal-parti li tkun qed titlob l-infurzar. L-applikazzjoni għall-infurzar tiġi sottomessa bl-għadd meħtieġ ta' kopji bl-użu tal-formola tal-ordni ta' infurzar. Fi proċeduri li jirrigwardaw ordnijiet għal pagament, l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa wkoll elettronikament. B'mod ġenerali, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-qorti jew lin-nutar pubbliku fil-proċedura fl-ewwel istanza. Madankollu, f'ċerti każijiet l-Att LIII tal-1994 dwar l-Infurzar Ġudizzjarju ("l-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju") jistabbilixxi regoli oħra dwar il-ġurisdizzjoni, eż. għal deċiżjonijiet barranin, jista' jiġi ordnat infurzar mill-qorti distrettwali fis-sede tal-qorti reġjonali b'kompetenza skont il-post tar-residenza tad-debitur jew il-post prinċipali tan-negozju jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post tal-assi soġġett għall-infurzar. F'Budapest dan huwa l-Qorti Ċentrali tad-Distrett ta' Budapest (*Budai Központi Kerületi Bíróság*).
L-applikazzjoni għal infurzar għandha tinkludi informazzjoni dwar il-partijiet, id-deċiżjoni eżegwibbli, it-talba li għandha tiġi infurzata, u kemm jista' jkun informazzjoni dwar l-assi tad-debitur li jistgħu jkunu soġġetti għall-infurzar.
Il-qorti jew in-nutar pubbliku minnufih — sa mhux aktar minn 15-il ġurnata wara l-wasla — jeżamina l-applikazzjoni sabiex jistabbilixxi jekk il-każ għandux jiġi riferit, miċħud mingħajr ma jiġu eżaminati l-merti, jew (bl-eċċezzjoni ta' partijiet b'rappreżentanti legali) ritornati b'talba minħabba informazzjoni nieqsa; il-miżuri meħtieġa mbagħad għandhom jiġu implimentati. Ser tittieħed deċiżjoni fi żmien 15-il ġurnata mill-wasla tagħha jew, jekk l-informazzjoni nieqsa ġiet mitluba, fi żmien 15-il ġurnata minn meta tiġi sottomessa l-informazzjoni. Jekk l-applikazzjoni hija ġġustifikata, se tinħareġ l-ordni ta' infurzar; jekk le, l-infurzar jiġi miċħud.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Ara l-punt 2.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

Miżuri ta' koerċizzjoni jillimitaw id-drittijiet personali u finanzjarji tad-debitur. Miżuri finanzjarji jistgħu jiġu applikati mill-qorti u mill-uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti; miżuri kontra l-persuna jistgħu jiġu applikati mill-pulizija fuq il-bażi ta' miżura tal-qorti jew uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti. Dawn li ġejjin huma miżuri ta' koerċizzjoni finanzjarji l-aktar importanti:
ordni ta' sekwestru ta' pagi u emolumenti oħra,
il-qbid u l-bejgħ ta' beni mobbli,
il-qbid ta' fondi ġestiti minn istituzzjoni finanzjarja u l-imblukkar ta' kontijiet bankarji,
il-qbid tat-talbiet tad-debitur kontra terzi persuni,
il-qbid u l-bejgħ ta' beni immobbli,
l-impożizzjoni ta' penali u multi.

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Dawn li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għall-infurzar:
il-pagi, il-pensjonijiet, jew emolumenti oħra tad-debitur (għalkemm ċerti eżenzjonijiet japplikaw għal dawn),
fondi ġestiti minn istituzzjoni finanzjarja (il-liġi tipprovdi eżenzjoni minn infurzar lil persuni fiżiċi sa ċertu ammont),
beni mobbli (madankollu, prodotti essenzjali li huma eżentati mill-infurzar skont il-liġi ma jistgħux jiġu sekwestrati, eż. oġġetti essenzjali ta' ħwejjeġ, għamara għall-għadd ta' persuni fl-unità domestika tad-debitur, medikament meħtieġ għall-mard tad-debitur, eċċ.),
it-talbiet tad-debitur kontra terzi persuni jew l-ishma tan-negozju tad-debitur,
ben immobbli, ikun xi jkun it-tip tiegħu, l-użu, id-drittijiet jew l-interess ta' garanzija, u l-fatti rreġistrati fir-reġistru tal-artijiet (madankollu, ben immobbli li ma jistax jitqies li jifforma parti mill-assi tad-debitur matul proċedimenti ta' likwidazzjoni li huma eżenti mill-infurzar).

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Miżuri ta' infurzar fundamentalment jirrestrinġu d-dritt tad-debitur biex jiddisponi mill-assi tiegħu.
Meta ben mobbli jew kont tal-bank huwa soġġett għall-infurzar, id-dritt tad-debitur biex jiddisponi mill-assi jiġi tterminat. Jekk ben mobbli sekwestrat hu maqbud, jitneħħa wkoll mill-pussess tad-debitur. Jekk ben immobbli jiġi maqbud, id-debitur jista' jiddisponi minnu u jbiegħ il-proprjetà, għalkemm jibqa' soġġett għad-dritt ta' infurzar.
Jekk id-debitur jew kwalunkwe persuna oħra preżenti turi reżistenza fiżika waqt it-twettiq ta' azzjoni ta' infurzar, l-uffiċjal ġudizzjarju jirrikorri għand il-pulizija, li jistgħu jagħmlu użu minn miżuri ta' koerċizzjoni kontra l-persuna sabiex titwaqqaf ir-reżistenza.
Kwalunkwe persuna li xxekkel b'mod attiv il-proċedimenti tal-uffiċjal ġudizzjarju (bil-forza) tista' tinżamm kriminalment responsabbli. Huwa wkoll reat li tneħħi oġġett sekwestrat jew tneħħi s-siġill applikat fil-kors tal-infurzar, jew biex tidħol f'kamra msakkra li tintuża għall-ħżin tal-oġġett sekwestrat, maqful jew maqbud (minħabba r-reat ta' ksur tas-siġill).
Il-qorti timponi multa fuq id-debitur jew il-persuna jew l-organizzazzjoni obbligata li tipparteċipa fil-proċedura ta' infurzar jekk dawn jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw minn infurzar kif definit mil-liġi jew jekk dawn jaġixxu b'tali mod li jimpedixxu l-miżuri ta' infurzar.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-miżuri jibqgħu validi sakemm l-infurzar hu ta' suċċess jew il-miżuri jiġu tterminati mill-uffiċjal ġudizzjarju jew mill-qorti, jew mil-liġi. Il-miżuri ta' infurzar jistgħu jiġu mwettqa skont il-perjodu ta' preskrizzjoni stipulat mil-liġi ċivili (ġeneralment 5 snin), liema terminu jibda jiddekorri meta tingħata deċiżjoni definittiva mill-qorti. L-infurzar ma jistax jiġi ordnat għal applikazzjoni sottomessa wara li jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni, u infurzar preċedenti ma jistax jerġa' jsir mill-ġdid. B'mod simili għal proċedimenti tal-qorti mibdija fl-interess għal segwitu ta' talba, il-perjodu ta' preskrizzjoni hu interrott minn kwalunkwe azzjoni ta' infurzar, u wara dan il-perjodu ta' limitazzjoni jerġa' jibda.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

a) Irtirar tal-karta tal-infurzar u t-tħassir tal-klawżola tal-infurzar. Jekk l-infurzar ġie ordnat permezz tal-ħruġ ta' karta tal-infurzar jew klawżola, il-karta tista' tiġi rtirata u l-klawżola tista' tiġi mħassra bħala rimedju legali jekk l-ordni ta' infurzar ma kellhiex tinħareġ. Id-debitur jew il-parti li tkun qed titlob l-infurzar tista' titlob l-irtirar tal-karta tal-infurzar jew it-tħassir tal-klawżola ta' infurzar, u l-qorti tista' wkoll tordna dan *ex officio*. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-qorti jew lin-nutar pubbliku li l-infurzar. Ma hemm l-ebda skadenza biex tissottometti l-applikazzjoni: dan jista' jsir f'kull ħin. Jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa, tinħareġ ordni għall-irtirar tal-karta ta' infurzar jew it-tħassir tal-klawżola tal-infurzar; l-ordni tista' tiġi appellata.

b) Appell kontra l-ordni ta' infurzar. Jista' jsir appell mid-debitur jew parti li titlob l-infurzar kontra ordni formali li tawtorizza l-infurzar. L-appell għandu jiġi sottomess lill-qorti li tordna l-infurzar iżda indirizzat lill-qorti tal-appell. Il-qorti tal-appell għandha l-kompetenza biex tevalwa l-appell. Jekk il-merti tal-ordni maħruġa mill-qorti li ordnat l-infurzar huma korretti, il-qorti tal-appell ser tirrispetta l-ordni; inkella se temenda l-ordni. Jekk hija ssib irregolarità proċedurali, il-qorti tal-appell tirrevoka l-ordni u tagħti struzzjonijiet lill-qorti li ordnat l-infurzar biex tgħaddi deċiżjoni ġdida.

c) Appell kontra ordni li tiċħad il-ħruġ ta' ordni ta' infurzar. Il-parti li tfittex l-infurzar tista' tippreżenta appell kontra ordni li tiċħad il-ħruġ ta' ordni ta' infurzar. L-appell għandu jiġi sottomess lill-qorti jew nutar pubbliku li jordna l-infurzar iżda indirizzat lill-qorti tal-appell. Il-qorti tal-appell għandha l-kompetenza biex tevalwa l-appell. Jekk il-merti tal-ordni maħruġa mill-qorti li ordnat l-infurzar huma korretti, il-qorti tal-appell ser tirrispetta l-ordni; inkella se temenda l-ordni. Jekk hija ssib irregolarità proċedurali, il-qorti tal-appell se tirrevoka l-ordni u tagħti struzzjonijiet lill-qorti jew lin-nutar pubbliku li ordna l-infurzar biex tgħaddi deċiżjoni ġdida.

d) L-uffiċjal ġudizzjarju jwettaq il-miżuri ta' koerċizzjoni tal-infurzar b'mod indipendenti wara li jiġi ordnat l-infurzar; m'hemmx bżonn ta' awtorizzazzjoni tal-qorti. Rimedju legali separat kontra miżuri mill-uffiċjal ġudizzjarju, magħruf bħala oġġezzjoni tal-infurzar huwa disponibbli. L-oġġezzjonijiet tal-infurzar jistgħu isiru mid-debitur, il-parti li titlob l-infurzar, jew parti interessata oħra. Jekk il-qorti tilqa' l-oġġezzjoni, hija tannulla l-miżuri illegali tal-uffiċjal ġudizzjarju jew, jekk l-uffiċjal ġudizzjarju naqas milli jaġixxi, il-qorti se tagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jaġixxi. Inkella, il-qorti tiċħad l-oġġezzjoni. L-oġġezzjoni għandha tiġi sottomessa lill-uffiċjal ġudizzjarju.

e) Minbarra l-possibbiltajiet ta' hawn fuq għal rimedju, l-infurzar jista' wkoll jiġi terminat. Il-Qorti se toħroġ ordni sabiex jintemm l-infurzar fuq talba tal-parti li tkun qed titlob l-infurzar sakemm it-terminazzjoni ma tiksirx id-drittijiet ta' ħaddieħor jew sakemm mhux provdut mod ieħor bil-liġi. L-infurzar se jiġi tterminat ukoll jekk id-debitur jissodisfa l-obbligu, pereżempju. Il-qorti għandha wkoll toħroġ ordni sabiex jintemm l-infurzar jekk ikun stabbilit fuq il-bażi ta' dokumenti pubbliċi li d-deċiżjoni infurzabbli ġiet mibdula permezz ta' deċiżjoni finali.

f) Fi proċedimenti ta' infurzar, huwa possibbli wkoll għal parti terza b'talba għal assi sekwestrati matul l-infurzar ibbażat fuq drittijiet ta' proprjetà jew drittijiet oħra li jipprevjenu l-bejgħ bħala parti mill-proċedura ta' infurzar li tibda l-proċeduri ta' talba għal infurzar kontra l-parti li titlob l-infurzar sabiex jiġi żgurat ir-rilaxx tal-assi. Jekk il-qorti tilqa' t-talba, għandha tirrilaxxa l-assi kkonċernati mis-sekwestru.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

**Sospensjoni tal-infurzar:**

Il-qorti li tordna l-infurzar tista' — f'każijiet eċċezzjonali — tordna s-sospensjoni tal-infurzar fuq it-talba tad-debitur, jekk id-debitur ikun kapaċi jissostanzja ċ-ċirkostanzi leġittimi li jiġġustifikaw is-sospensjoni, u jekk id-debitur ma jkunx diġà ġie immultat waqt il-proċedura ta' infurzar.

Jekk ikun meħtieġ għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar is-sospensjoni, il-qorti tista' tisma lill-partijiet.

Il-Qorti b'mod partikolari tikkunsidra dan li ġej bħala ċirkustanzi leġittimi li jiġġustifikaw is-sospensjoni: l-għadd ta' persuni huwa meħtieġ mid-debitur għall-appoġġ u l-għadd ta' persuni li jkunu sostnuti realment mid-debitur, il-mard serju jew fit-tul tad-debitur jew id-dipendenti tad-debitur, u l-katastrofi naturali li seħħew waqt il-proċedura ta' infurzar u affettwaw lid-debitur.

Jekk ben immobbli hi soġġetta għall-infurzar, is-sospensjoni tista' tiġi ordnata f'okkażjoni waħda fuq talba tad-debitur, u għal mhux aktar minn 6 xhur.

**Il-pagament bin-nifs:**

Bl-eċċezzjoni ta' dejn fiskali u dejn pubbliku infurzat bħala taxxi, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jiddetermina, fuq talba ta' debitur li huwa persuna fiżika, il-kundizzjonijiet għall-pagament ta' dejn bi ħlasijiet parzjali wara li l-uffiċjal ġudizzjarju ħa miżuri sabiex jillokalizza u jaqbad l-assi tad-debitur u d-debitur ikun diġà ħallas parti mit-talba infurzabbli. L-uffiċjal ġudizzjarju jinforma wkoll lid-debitur mingħajr assi li jista' jkun soġġett għal infurzar dwar il-possibilitajiet u l-kundizzjonijiet tal-pagament bin-nifs.

L-uffiċjal ġudizzjarju jfassal rapport dwar il-konklużjoni u l-kontenut tal-pjan ta' pagament bin-nifs u jagħti dan lill-partijiet. Fi żmien 15-il ġurnata minn meta tirċievi r-rapport, il-parti li titlob l-infurzar tista' tinforma lill-uffiċjal ġudizzjarju bil-miktub jekk ma taqbilx mal-kontenut tal-pjan ta' pagament bin-nifs, tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-kontenut ta' dan il-pjan u l-ammont ta' pagamenti bin-nifs, u tista' titlob lid-debitur tipprovdi garanzija ta' sigurtà għall-prestazzjoni. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-parti li qed titlob l-infurzar, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jimmodifika l-kundizzjonijiet tal-pjan ta' pagament bin-nifs kif imniżżla hawn taħt:

a) l-uffiċjal ġudizzjarju jirtira l-pjan ta' pagament bin-nifs jekk il-parti li qed titlob l-infurzar ma taqbilx mal-pagamenti bin-nifs għall-manutenzjoni, il-pagi, jew talbiet simili, jekk persuna privata li tfittex l-infurzar tiddikjara li l-għajxien tiegħu/tagħha huwa mhedded mill-pjan ta' pagament bin-nifs, jew jekk proċeduri ta' falliment, ta' likwidazzjoni jew eżekuzzjoni għaddejjin kontra xi assoċjazzjoni kummerċjali li qed tfittex l-infurzar,

b) f'każijiet mhux koperti mill-punt (a), il-pjan ta' pagament bin-nifs jista' jiġi stabbilit għal perjodu massimu ta' sena (1) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi u entitajiet mhux inkorporati li qed ifittxu infurzar u ta' 6 xhur fil-każ ta' persuni fiżiċi li jkunu qegħdin ifittxu l-infurzar,

ċ) l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jitlob li pagamenti parzjali jingħataw b'mod proporzjonat mal-ammont tat-talba minbarra l-pjan ta' pagamenti bin-nifs jekk din l-azzjoni kienet mitluba fir-rapport tal-parti li qed tfittex l-infurzar.

L-uffiċjal ġudizzjarju jipprovdi lid-debitur bi pjan ta' pagament ta' mhux aktar minn sitt xhur b'pagamenti ndaqs kull xahar jekk ittieħdu l-miżuri ta' infurzar kontra l-fondi tad-debitur ma' istituzzjonijiet finanzjarji, il-pagi u l-assi mobbli iżda l-ammont kollu tad-dejn li għad ma ġiex irkuprat u

a) l-ebda pjan ta' pagament ma ġie mogħti preċedentement,

b) l-infurzar għadu għaddej kontra d-debitur għal talba finanzjarja ta' mhux aktar minn HUF 500 000 jew l-infurzar għadu għaddej kontra d-debitur, għal talba finanzjarja ta' mhux aktar minn HUF 1 000 000, iżda garanzija tkun ukoll irreġistrata fir-reġistru tal-artijiet fuq proprjetà residenzjali tad-debitur bħala sigurtà għal talba oħra, u

c) il-proprjetà residenzjali tad-debitur għandu jiġu rkantat bħala rkupru għat-talba.

Il-parti li tfittex l-infurzar m'għandhiex tagħti l-kunsens tagħha għal pjan ta' pagament bin-nifs; ir-rapport dwar il-konklużjoni ta' pjan ta' ħlas bin-nifs għandu jingħata wkoll lill-parti li qed titlob l-infurzar.

L-ammonti mnaqqsa mid-debitur b'anness iridu jkunu inklużi fil-kalkolu tal-ammont li jitħallas mid-debitur.

Il-valur stmat tal-proprjetà residenzjali u l-ewwel subbasta jista' jiġi stabbilit biss jekk id-debitur ikun naqas milli jħallas il-pagamenti bin-nifs (Taqsimiet 52/A — 52/B tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

**Il-perjodu ta' preskrizzjoni għad-dritt ta' infurzar:**

Il-perjodu ta' preskrizzjoni tad-dritt għal infurzar jintemm mat-tmiem tal-perjodu ta' talba infurzabbli. Il-perjodu ta' preskrizzjoni marbut mad-dritt tal-infurzar ġeneralment jitqiesu fuq talba; jista' jittieħed inkunsiderazzjoni *ex officio* jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni tat-talba li fuqu hu bbażat għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni *ex officio*. Jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-infurzar għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-ebda infurzar ma jista' jiġi ordnat għal applikazzjoni sottomessa wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, u l-proċeduri ta' infurzar ordnati li diġà li ma jistgħux jitkomplew. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għad-dritt tal-infurzar hu interrott b'kull att ta' infurzar.

**Restrizzjonijiet:**

L-ammont li jifforma l-bażi għal tnaqqis mill-pagi bħala parti minn proċedura ta' infurzar huwa l-ammont li jibqa' wara t-taxxi (avvanzi tat-taxxi), l-assigurazzjoni tas-saħħa u l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, il-fondi ta' pensjoni privati, il-miżati ta' sħubija u l-kontribuzzjonijiet oħra jitnaqqsu kif mitlub minn leġiżlazzjoni separata. B'mod ġenerali, mhux aktar minn 33 % jew, f'każijiet eċċezzjonali, mhux iktar minn 50 % ta' dan l-ammont jista' jitnaqqas.

Il-porzjon ta' paga mensili li jikkorrispondi għall-pensjoni tax-xjuħija minima hu eżentat mill-infurzar. Madankollu, din l-eżenzjoni ma tapplikax għall-infurzar ta' manteniment għat-tfal u l-ispejjeż tat-twelid.

Mhux aktar minn 33 % jista' jitnaqqas mill-pagi mħallsa minn min iħaddem fuq il-bażi tar-relazzjoni tax-xogħol.

It-tnaqqis jista' jiżdied għal mhux aktar minn 50 % tal-pagi tal-impjegati għal talbiet li jirrigwardaw dan li ġej:

a) manteniment,

b) talbiet għall-pagi tal-impjegati kontra d-debitur,

c) pagi tal-impjegati u servizzi tas-sigurtà soċjali rċevuti illegalment (Taqsima 65(2) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Massimu ta' 33 % jista' jitnaqqas mill-benefiċċji tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, il-benefiċċji ta' rtirar kmieni, il-benefiċċji ta' tul ta' servizz, l-annwalità tal-qgħad u l-allowance tranżitorju tal-minjieri (b'mod konġunt: 'il-benefiċċji tal-pensjoni'') (Taqsima 67(1) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

It-tnaqqis jista' jiżdied għal mhux aktar minn 50 % tal-benefiċċji tal-pensjoni għal talbiet li jirrigwardaw dan li ġej:

a) sostenn tal-wild,

b) il-benefiċċji tal-pensjoni li waslu illegalment (Taqsima 67(2) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Mhux aktar minn 33 % jista' jitnaqqas mill-benefiċċji għal min ikun qed ifittex ix-xogħol (benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tal-qgħad qabel l-irtirar, benefiċċji ta' kumpens ta' attività) għal talbiet li jirrigwardaw dan li ġej:

a) manteniment,

b) benefiċċji tal-qgħad rċevuti illegalment,

c) benefiċċji fi flus ipprovduti bħala parti ta' benefiċċji tal-età tax-xogħol irċevuti illegalment.

Dawn li ġejjin huma eżenti minn dokumenti mehmuża:

- il-provvediment għal kura nazzjonali, benefiċċji fi flus għal vittmi tal-gwerra, u l-annwalità dovuta skont l-Att dwar kumpens għal dawk imċaħħda illegalment minn ħajjithom jew mil-libertà għal raġunijiet politiċi,
- l-appoġġ muniċipali, l-appoġġ muniċipali straordinarju, il-benefiċċji fi flus ipprovduti bħala parti mill-benefiċċji tal-età tax-xogħol, il-benefiċċji tax-xjuħija, il-benefiċċji kumpensatorji għat-telf ta' dħul għal persuni qiegħda, u l-provvediment għal kura,
- benefiċċji tal-maternità,
- annwalitajiet tal-invalidità u personali mħallsa lill-għomja,
- żieda mal-paga għal ħsara għas-saħħa, u suppliment temporanju tal-paga, suppliment tad-dħul, suppliment għad-dħul temporanju, u annwalità tal-estrazzjoni għal ħsara għas-saħħa,
- manteniment definit mil-liġi li jinkludi l-għajnuna għat-tfal mill-qorti, u l-benefiċċji fi flus għall-protezzjoni tat-tfal abbażi tal-Att dwar il-protezzjoni tat-tfal u l-kustodja,
- il-miżata edukattiva, appoġġ speċjali u l-benefiċċju tal-familja mħallsa lil ġenituri adottivi u mmirati li jappoġġaw lit-tfal mqiegħda b'mod temporanju jew permanenti f'faċilitajiet ta' kura jew adulti żgħażagħ fil-fażi ta' wara l-kura,
- boroż ta' studju, bl-eċċezzjoni ta' boroż ta' studju b'tip ta' paga għal edukazzjoni avvanzata xjentifika,
- spejjeż rimborżati għal stazzjonar, servizzi f'pajjiżi barranin u vjaġġar għax-xogħol,
- ammonti li jservu biex ikopru spejjeż speċifiċi,
- benefiċċji ta' diżabbiltà (Taqsima 74 tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Għal fondi mmaniġġjati minn fornitur ta' servizzi ta' pagament u dovuti minn persuna fiżika, l-ammont ta' aktar minn erba' darbiet daqs il-pensjoni għax-xjuħ minima jista' jkun soġġett għal infurzar mingħajr preskrizzjoni; tal-ammont taħt dan il-limitu, 50 % tal-ammont bejn il-prezz minimu ta' pensjoni tax-xjuħija u erba' darbiet il-pensjoni għax-xjuħ minima jista' jkun soġġett għal infurzar (it-Taqsima 79/A(2) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Anki jekk id-debitur jagħti l-kunsens tiegħu, l-assi li huma eżenti mill-infurzar skont il-liġi ma jistgħux jiġu maqbuda.

Il-beni mobbli li ġejjin huma eżenti mill-infurzar:

- assi li huma essenzjali biex id-debitur iwettaq il-kompitu tiegħu, speċjalment għodda essenzjali; strumenti; tekniċi, militari, u tagħmir ieħor; uniformijiet; armi ta' awtodifiża; u mezzi ta' trasport (bl-eċċezzjonijiet ta' vetturi),
- tagħmir essenzjali għal studji regolari, speċjalment kotba tal-iskola, provvisti tal-iskola, u strumenti mużikali,
- oġġetti essenzjali tal-ilbies: 3 ilbies ta' barra, kowt (1) tax-xitwa, kappott (1), 3 pari żraben,
- oġġetti essenzjali tas-sodda: Sett 1 b'2 liżari għal kull persuna,
- għamara għall-għadd ta' persuni fl-unità domestika tad-debitur: mhux aktar minn 3 imwejjed u 3 gwardarobbi jew għamara simili, flimkien ma' sodda (1) jew għamara ekwivalenti u siġġu (1) jew għamara oħra ekwivalenti għal kull persuna,
- tagħmir essenzjali għat-tisħin u għad-dawl,
- tagħmir essenzjali tal-kċina u għall-unità domestika tad-debitur, u friġġ jew friżer (1) u magna tal-ħasil (1),
- għotjiet (onorifiċenzi, medalji, badges, plakek) mogħtija lid-debitur, jekk jiġu ċċertifikati permezz ta' dokumenti,
- medikazzjoni u mediċinali u t-tagħmir tekniku meħtieġ għall-mard jew id-diżabbiltà fiżika tad-debitur, u l-vettura ta' debitur b'mobbiltà mnaqqsa,
- l-oġġetti użati minn minorenni fl-unità domestika tad-debitur li huma maħsuba għat-tfal,
- ikel għal xahar (1) u fjuwil għat-tisħin għal 3 xhur, kif mitlub mid-debitur u l-unità domestika tad-debitur,
- uċuħ tar-raba' weqfin, uċuħ tar-raba' mhux miġbura u frott,
- oġġetti li ma jistgħux jitqiesu li jifformaw parti mill-assi tad-debitur fi proċedimenti ta' likwidazzjoni,
- l-assi kulturali elenkati fiċ-ċertifikat speċifikati bl-Att dwar il-protezzjoni speċjali tal-assi kulturali msellfa, matul it-terminu ta' protezzjoni speċjali (it-Taqsima 90 (1) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Meta l-vettura meħtieġa minn debitur li jkun persuna fiżika li jwettaq/twettaq il-kompiti tiegħu/tagħha tiġi maqbuda — sakemm il-vettura mhijiex ikkonfiskata — huwa biżżejjed biex tiġi sekwestrata l-karta tar-reġistrazzjoni, li qed tintbagħat flimkien ma' kopja tar-rapport tal-qbid lill-awtorità tat-trasport kompetenti jew, jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jiġu determinati, lill-awtorità li tkun irreġistrat il-vettura. Sakemm il-vettura ma tkunx ġiet ikkonfiskata, id-debitur jista' juża l-vettura sakemm tinbiegħ.

Jekk il-valur stmat tal-vettura jkun inqas mill-ammont speċifikat fid-digriet maħruġ mill-Ministru għall-Ġustizzja bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-politika fiskali, il-vettura tkun eżentata mill-infurzar.

**Irtirar tal-karta tal-infurzar u t-tħassir tal-klawżola tal infurzar:**

Jekk il-qorti kienet bi ksur tal-liġi meta ħarġet il-karta ta' infurzar, din għandha tiġi rtirata.

Jekk il-qorti kienet qed tikseril-liġi meta żiedet il-klawżola għall-infurzar tal-ordni, il-klawżola trid titħassar.

Il-Qorti se tirtira l-karta tal-infurzar jew tħassar il-klawżola tal-infurzar jekk isib, fuq talba tad-debitur, li ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet għal:

a) rifjut għall-infurzar skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004,

b) rifjut għall-infurzar skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 jew l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007, jew

c) rifjut għall-infurzar skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 jew l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

**Appell kontra l-ordni ta' infurzar:**

Jekk il-qorti ħarġet ordni ta' infurzar jew, jekk l-ordni ta' infurzar hija differenti mill-applikazzjoni, ħarġet ordni li tikkonċerna din id-differenza, il-partijiet jistgħu jressqu appell kontra l-ordni. L-appell kontra l-ordni ma jissospendix l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' infurzar. Madankollu, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor mil-liġi, ma jistgħux jittieħdu passi sabiex tinbiegħ proprjetà maqbuda u l-ammont irċevut matul il-kors tal-infurzar ma jistax jitħallas lill-benefiċjarju.

**Oġġezzjoni għall-infurzar:**

Il-partijiet jew partijiet interessati oħrajn jistgħu jippreżentaw l-oġġezzjonijiet għall-infurzar lill-qorti li qed teżegwixxi l-infurzar kontra l-azzjoni jew ommissjoni mill-uffiċjal ġudizzjarju li jikkawża ksur sostantiv tar-regoli ta' proċeduri ta' infurzar jew id-drittijiet jew l-interessi legali tal-parti li qed tippreżenta l-oġġezzjoni għall-infurzar. Ksur tar-regoli sostantiv tal-proċeduri ta' infurzar tar-regoli għandhom jinftiehmu li jfissru ksur li kellu effett sostantiv fuq l-eżitu tal-proċedura ta' infurzar (Taqsima 217(1) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

Jekk il-miżura kkontestata tissodisfa r-rekwiżiti legali jew ma tikkostitwixxix ksur sostantiv, il-qorti se tiddefendi l-miżura kkontestata u tiċħad l-oġġezzjoni.

Jekk il-miżura kkontestata ma tikkostitwixxix ksur sostantiv, il-qorti se tannulla kompletament jew parzjalment il-miżura kkontestata jew — jekk permess mil-liġi u sakemm il-fatti meħtieġa għal din id-deċiżjoni jistgħu jiġu sostanzjati — temenda jew parti jew il-miżura ta' infurzar fl-intier tagħha. Jekk l-oġġezzjoni kienet tirreferi għal ommissjoni, il-qorti tidderieġi lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jimplimenta l-miżura li tħalliet barra (it-Taqsima 217/A(5) tal-Att dwar l-Infurzar Ġudizzjarju).

L-aħħar aġġornament: 16/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Malta

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Eżekuzzjoni tfisser li sentenza tiġi fis-seħħ.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Dan jiddependi fuq xi tkun it-talba li tkun saret. Bħal per eżempju, reġistrazzjoni ipotekarja issir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wara li jkun irċievi kopja awtentika tas-sentenza flimkien ma' ċertifikat mingħand ir-reġistratur li ma hemm ebda appell dwar dik is-sentenza u li ż-żmien biex isir dak l-appell skada jew li ma jistax ikun hemm appell mis-sentenza.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Skond il-liġi ġenerali, il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12. tal-Liġijiet ta' Malta), is-segwenti huma titoli esekuttivi:

ittra uffiċjali meta d-dejn ikun ċert, likwidu u li jkun għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi €23,293,73. Din hija regolata taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

sentenzi u digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta;

kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;

taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;

id-deċiżjonijiet ta' arbitri rreġistrati maċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta;

kambjali u *promissory notes*;

ftehim ta' medjazzjoni magħmulin eżegwibbli mill-partijiet għall-medjazzjoni;

deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi.

Hemm ukoll diversi titoli esekuttivi oħra li jemanu minn liġijiet speċjali, bħal pereżempju, liġijiet fiskali.

#### 3.1 Il-proċedura

L-atti illi bihom, skont ma jkun il-każ, tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi huma:

il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli;

il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli;

mandat ta' qbid ta' azjendi kummerċjali;

il-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli jew ta' jeddijiet imgħaqqdin ma' immobbli;

il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv;

il-mandat ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli;

il-mandat in factum;

il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar;

il-mandat ta' arrest ta' inġenji tal-ajru;

il-mandat in procinctu.

Jekk titolu eżekuttiv jiġi fis-seħħ permezz tal-Artikolu 166A, l-applikant għar-reġistrazzjoni ta' ittra uffiċjali li tkun tikkwalifika bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti kopja legali tal-ittra uffiċjali, inkluża l-prova tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun ġiet riċevuta għaliha jekk ikun hemm. Fir-rigward tat-titoli eżekuttivi l-oħra, il-proċedua tvarja skont in-natura tagħhom. Din tista tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili, Artikolu 252 et seq.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-kundizzjoni tvarja skont in-natura tagħhom. Din tista tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili, Artikolu 252 et seq.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Ħwejjeg mobbli huma suġġetti għall-eżekuzzjoni, inklużi wkoll:

azzjonijiet u ishma f'soċjetajiet kummerċjali;

liċenzi maħruġa minn xi awtorità kompetenti kif jista' jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

poloz ta' assigurazzjoni;

titoli ta' kreditu u kwalunkwe titolu ta' proprjetà intellettwali jew industrijali

Iżda m'humiex suġġetti għal qbid:

l-ilbies ta' kuljum, is-sodda u dawk l-affarijiet tal-kċina u l-għamara li jitqiesu raġonevolment meħtieġa għall-għajxien b'mod deċenti tad-debitur u tal-familja tiegħu;

il-karti personali u l-kotba li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni tad-debitur, tal-mara tiegħu jew tat-tfal tiegħu;

ir-reġistri u l-minutarji tan-nutara pubbliċi;

il-magni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tiegħu jew tat-tfal tiegħu;

il-bhejjem u l-għodod meħtieġa għall-biedja u xi frott kemm jekk imqaċċta jew mhux imqaċċta mill-art;

inġenji tal-ajru, approprjati b'mod esklużiv għas-servizz tal-istat, inkluż is-servizz postali, iżda eskluż servizz kummerċjali;

bastimenti mikrija għal kollox fis-servizz tal-Gvern ta' Malta;

ilbies sagru u kontenituri wżati fi knisja konsagrata jew ta' proprjetà ta' qassis, ta' ordni reliġjuża jew ta' membru tagħha;

kull proprjetà ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati ta' Malta li tkun armi, munizzjon, tagħmir, strumenti jew ilbies użati minnu fil-qadi ta' dmirijietu.

Ħwejjeġ immobbli, azjendi kummerċjali, vapuri, bastiment u inġenji ta' l-ajru huma suġġetti għall-qbid.

Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq -

salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);

benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern;

dak li wieħed jirċievi bħala karità jew bħala donazzjoni mingħand il-Gvern;

il-legati mħollija espressament għall-manteniment, meta d-debitur ma jkollux mezzi oħra biex jgħix u l-kreditu stess ma jkunx dwar manteniment;

flus li għandhom jingħataw taħt titolu ta' manteniment sew jekk officio judicis kemm jekk b'kuntratt pubbliku, meta l-kreditu stess ma jkunx għall-manteniment;

fuq flus li jkunu tqiegħdu għad-disposizzjoni tas-sekwestrat b'kuntratt ta' self għall-bini, kostruzzjoni u manteniment ta' djar intenzjonati għall-abitazzjoni tas-sekwestrat;

fuq faċilitajiet bankarji ta' overdraft esklużi l-credit cards li jkunu qed joperaw bihom azjendi kummerċjali mmexxija mis-sekwestrat;

fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

L-effett huwa li jiġu eżegwiti it-titoli eżekuttivi u li permezz tagħhom wieħed jieħu dak li hu tiegħu skont il-ligi.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Jiddependi skont il-każ izda b'mod ġenerali jingħad illi Mandati Eżekuttivi jibqgħu validi sakemm jibqa' eżekuttiv it-titolu li abbażi tiegħu jkunu nħargu. Il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, m'huwiex prorogabbli u jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi mħassar b'digriet tal-qorti.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel. Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet. Appell minn l-imsemmi digriet jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Sentenzi mogħtija mill-Qrati Superjuri jistgħu jerġgħu jiġu eżegwibbli wara għaxar (10) snin minn dak in-nhar li s-sentenza u d-digriet seta' jiġi eżegwibbli. Sentenzi tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar jistgħu jerġgħu jiġu ezegwibbli wara l-għeluq ta' ħames snin. Waqt li titolu eżekuttiv permezz ta' kuntratt dwar dejn li huwa ċert, likwidu u dovut, azzjonijiet taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kambjali u promissory notes jistgħu jiġu re-eżegwibbli wara l-għeluq ta' tlett snin.Re-eżegwibbilita tagħhom issir permezz ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti. L-applikant għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut. Magħdud ma' dan, f'dawn iċ-ċirkostanzi tapplika l-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena, iżda dan it-terminu jiġi nterott bir-rikors ġa msemmi.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Olanda

## 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

### Il-liġi tal-infurzar: ġenerali

Proċedimenti legali jikkonkludu b'sentenza mogħtija mill-qorti. F'din is-sentenza, parti (id-debitur) tista' tiġi ordnata biex twettaq l-obbligi tagħha lill-parti l-oħra (il-kreditur). Jekk id-debitur jonqos milli jagħmel dan volontarjament, il-kreditur jista' jinforza t-twettiq billi jieħdu miżuri skont il-liġi tal-infurzar. Dan il-qasam ta' liġi jirregola l-infurzar (eżekuzzjoni) ta' sentenza li fiha l-eżekuzzjoni ġiet ordnata mill-qorti. Għal dan l-għan, tistabbilixxi regoli statutorji dwar miżuri koerċittivi u kif dawn jistgħu jiġu applikati. L-uffiċjali ġudizzjarji tal-qorti (*gerechtsdeurwaarders*), li jissejħu wkoll sempliċiment uffiċjali ġudizzjarji (*deurwaarders*), huma awtorizzati biex jeżegwixxu s-sentenzi u jingħataw struzzjonijiet biex jagħmlu dan minn krendituri li jixtiequ jirċievu d-dritt tagħhom. Żewġ kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati jekk tixtieq tieħu l-miżuri koerċittivi previsti taħt il-liġi tal-infurzar: trid tkun fil-pussess ta' dokument eżekuttiv (*executoriale titel*), bħal sentenza

eżekuttiva, u din trid tkun ġiet notifikata minn qabel fuq il-parti li kontra tagħha tittieħed azzjoni ta' infurzar. Il-partijiet prinċipali involuti fil-proċedura ta' infurzar huma l-eżekutur (parti li titlob l-infurzar, il-kreditur), id-debitur (il-parti li kontriha qed tittieħed l-azzjoni ta' infurzar) u l-uffiċjal ġudizzjarju (l-uffiċjal pubbliku responsabbli għat-teħid ta' azzjoni ta' infurzar effettiv skont it-talba tal-eżekutur).

**Miżuri koerċittivi**

Il-miżura koerċittiva prinċipali hija s-sekwestru eżekutorju (*executoriaal beslag*). Dan huwa diskuss fid-dettall f'taqsima 2.1.

Miżuri koerċittivi oħrajn huma:

Il-ħlas ta' penali inkrementali (*dwangsom*);

rimandar l-ħabs minħabba nuqqas ta' konformità ma' ordni ġudizzjarju (*lijfsdwang/gijzeling*).

1. Il-ħlas ta' penali inkrementali hija somma monetarja stabbilita f'sentenza tal-qorti li l-parti kkundannata trid tħallas jekk tonqos milli tikkonforma mal-obbligu prinċipali li għandu jitwettaq. Din il-miżura tintuża prinċipalment fi proċedimenti interlokutorji bħala mezz sabiex jeżerċitaw pressjoni. Ħlas ta' penali inkrimentali tista' tkun marbuta biss ma' obbligu prinċipali li ma jinvolvix il-ħlas ta' somma monetarja.

2. Ir-rimandar il-ħabs għax wieħed jonqos milli jikkonforma ma' ordni ġudizzjarja hija miżura koerċittiva li tisforza lil xi parti biex tikkonforma ma' obbligu partikolari. Din il-miżura mhix imposta spiss mill-qrati u anke meta tkun, huwa rari li tiġi tassew infurzata. Huwa biss possibbli jekk ikun ordnat mill-qorti. Il-Qorti tista' tippermetti tali rimandar biex tinforza sentenzi u deċiżjonijiet fuq talba tal-kreditur, sakemm jirrigwardaw ordni li ma tinvolvix il-ħlas ta' somma monetarja. Ir-rimandar jista' jintuża wkoll, pereżempju, fil-każ ta' sentenzi, deċiżjonijiet u atti awtentiċi li taħthom hu dovut il-pagament ta' manteniment skont il-Ktieb 1 tal-Kodiċi Ċivili (*Burgerlijk Wetboek*), bħal pereżempju l-manteniment tat-tfal (l-Artikolu 585 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Wetboek van Burgerlijke Rechtsvordering*)).

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

Il-proċedura hija deskritta hawn taħt.

**Dokument infurzabbli**

Is-sentenzi mogħtija mill-qrati Olandiżi (sentenzi, deċiżjonijiet u ordnijiet), atti awtentiċi (l-atti notarili), kif ukoll ċerti dokumenti oħra huma kkunsidrati bħala dokumenti eżekuttivi. Dokumenti oħra ddikjarati mil-liġi bħala dokumenti eżekuttivi huma: mandati eżekuttivi maħruġa mid-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika (*Openbaar Ministerie*), mandati eżekuttivi maħruġa mill-awtoritajiet tat-taxxa, deċiżjonijiet wara arbitraġġ bil-permess għall-infurzar u reġistri uffiċjali ta' riżoluzzjoni amikevoli.

Ir-Reġistratur tal-qorti jipprovdi lir-rikorrent u lill-konvenut li dehru fil-proċeduri, b'kopja tas-sentenza. Jekk tkun sentenza finali li jkun fiha ordni tal-qorti, il-parti li hija awtorizzata biex tinforza d-deċiżjoni tirċievi kopja f'forma eżekuttiva. Il-partijiet huma maħruġa b'kopja ta' uffiċjal ġudizzjarju (*grosse*) tas-sentenza mingħajr ħlas. Din hija kopja awtentika tas-sentenza preċeduta bil-kliem 'F'isem ir-Re" (*'In naam der Koning'*). Il-kopja tal-uffiċjal ġudizzjarju tista' tiġi identifikata minn dawk il-kliem u għaldaqstant tkun sentenza tal-qorti maħruġa f'forma eżekuttiva. L-azzjoni ta' infurzar tista' tittieħed biss jekk tkun inħarġet il-kopja tal-uffiċjal ġudizzjarju. Tista' tinħareġ ukoll kopja tal-uffiċjal ġudizzjarju, jew l-ewwel kopja awtentikata, ta' att notarili. Billi tgħaddi dan id-dokument, inti tawtorizza lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jieħu azzjoni ta' infurzar.

Qabel l-infurzar l-uffiċjal ġudizzjarju jinnotifika d-dokument (il-kopja tal-uffiċjal ġudizzjarju/l-ewwel kopja awtentikata) fuq il-parti li kontra tagħha tkun se tittieħed l-azzjoni. L-għan tan-notifika huwa li s-sentenza tinġieb għall-attenzjoni tal-parti l-oħra u tinfurmaha li l-kreditur qed jeżiġi konformità magħha.

Għal informazzjoni dwar in-notifika ta' dokumenti eżekuttivi minn Stati Membri oħra tal-UE ara r-Regolament tal-UE ta' Servizz: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

**Uffiċjali gudizzjarji tal-qorti**

Ir-rwol fl-infurzar

L-uffiċjal ġudizzjarju huwa parti prinċipali involuta fl-eżekuzzjoni tas-sentenzi u dejjem jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-parti li titlob l-infurzar. Dawn l-istruzzjonijiet jingħataw permezz tal-għoti tal-kopja tal-uffiċjal ġudizzjarju (kopja awtentika tas-sentenza) lill-uffiċjal ġudizzjarju. B'mod ġenerali, l-uffiċjal ġudizzjarju ma jirrikjedi l-ebda awtorizzazzjoni separata.

L-atti li l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jwettaq fil-kuntest tal-eżekuzzjoni jinkludu:

jinnotika lill-parti li kontriha qed tittieħed l-azzjoni ta' infurzar bid-dokument infurzabbli;

jitlob għall-konformità mal-obbligu tat-twettiq, eż. jitlob il-ħlas ta' somma monetarja;

jirċievi l-ħlas jekk id-debitur jissodisfa l-obbligu ta' ħlas tiegħu;

jikkonfiska l-assi;

jitlob għal għajnuna mingħand il-pulizija, jekk meħtieġ (meta jikkonfiska l-assi, pereżempju).

**It-tariffi tal-uffiċjal ġudizzjarju**

L-atti uffiċjali mwettqa mill-uffiċjali ġudizzjarji huma soġġetti għal tariffi fissi, li jistgħu jiġu imposti fuq id-debitur. Ma hemm l-ebda spejjeż fissi għall-kreditur, li jfisser li dawn għandhom jiġu nnegozjati mal-uffiċjal ġudizzjarju. It-tariffi imposti mill-uffiċjal ġudizzjarju fuq id-debitur jistgħu jinsabu fid-Digriet tal-4 ta' Lulju 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar atti uffiċjali u t-tariffi tal-uffiċjali ġudizzjarji, magħruf ukoll bħala d-Digriet tat-Tariffi tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Besluit tarieven ambtshandelingen gerechtsdeurwaarders*). Għal aktar informazzjoni ara l-listi tat-tariffi għal atti uffiċjali (*Tarieven ambtshandelingen*) at www.kbvg.nl.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Iż-żewġ kundizzjonijiet ġenerali li jridu jiġu ssodisfati biex jipproċedu bl-infurzar huma:

il-pussess ta' dokumenti eżekuttivi;

In-notifika ta' dan id-dokument, qabel l-eżekuzzjoni, lill-parti li kontriha qed tittieħed azzjoni.

Kif imsemmi hawn fuq, is-sekwestru eżekutorju hija l-miżura prinċipali koerċittiva użata.

Hemm ukoll miżuri li jistgħu jittieħdu sakemm jinħareġ dokument eżekuttiv. Dawn jistgħu jintalbu qabel ma tkun ingħatat is-sentenza kif ukoll matul jew anki qabel il-proċedimenti. Dawn huma msemmija bħala miżuri protettivi (*conservatoire maatregelen*) u jiffunzjonaw bħala miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Miżuri protettivi jinkludu s-sekwestru kawtelatorju (*conservatoir beslag*), it-twaħħil tas-siġilli (*verzegeling*) u t-tfassil ta' inventarju (*boedelbeschrijving*). Din l-iskeda informattiva tittratta s-sekwestru ordni eżekutorju.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

L-għan u n-natura ta' miżuri ta' eżekuzzjoni jistgħu jvarjaw. Tista' ssir distinzjoni bejn il-miżuri intiżi biex jinkiseb il-ħlas ta' somma monetarja, iċ-ċessjoni tal-assi, l-att jew l-ommissjoni. L-aktar miżura komuni hija ordni għall-irkupru ta' flus (*verhaalsbeslag*).

Jekk l-obbligazzjoni tad-debitur tinvolvi azzjoni aktar milli l-ħlas ta' flus jew ċessjoni ta' assi, tista' titlob it-twettiq ta' "att attwali" (*feitelijke handeling*, att li jkollu konsegwenza legali, irrispettivament jekk dan kienx maħsub) jew att ġuridiku (*rechtshandeling*, att b'intenzjoni ta' konsegwenza legali). Jekk l-att ma jkunx

marbut ma' individwu, il-kreditur innifsu jkun jista' jitlob lill-qorti għal awtorizzazzjoni biex iġibu s-sitwazzjoni li kienet tirriżulta minn prestazzjoni. Jekk l-obbligazzjoni tad-debitur involviet it-twettiq ta' att ġuridiku, bħal pereżempju l-aċċetazzjoni ta' offerta, l-att jista' jiġi sostitwit b'sentenza tal-qorti. Il-Qorti tista' wkoll tordna lid-debitur sabiex iżomm lura minn ċerti azzjonijiet.

**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

Jista' jiġi ordnat sekwestru eżekutorju:

fuq proprjetà mobbli li ma tkunx suġġetta għal reġistrazzjoni. Proprjetà soġġetta għal reġistrazzjoni tkopri: proprjetà immobbli, bastimenti u inġenji tal-ajru;

fuq drittijiet tal-portaturi jew drittijiet ta' ordni, drittijiet ta' ishma reġistrati u drittijiet tat-titoli oħra reġistrati;

kontra parti terza, imsemmija bħala ordni b'sekwestru (*executoriaal derdenbeslag*);

fuq proprjetà immobbli;

fuq bastimenti;

fuq inġenji tal-ajru.

Bħala regola ġenerali, l-eżekutur huwa liberu li jagħżel l-assi li fuqhom jixtieq jimponi ordni.

Fil-prinċipju, tista' tiġi imposta ordni fuq il-proprjetà kollha tad-debitur. Madankollu, ċerti assi ma jistgħux ikunu koperti b'ordni, bħal ħtiġijiet bażiċi, eż ħwejjeġ, ikel, għodod tal-ħaddiema, letteratura speċjalizzata u prodotti użati għall-finijiet ta' edukazzjoni, l-arti u x-xjenza. Porzjon ta' paga, pagamenti tal-manteniment jew tal-benefiċċji huma eżenti minn ordni. F'dawn il-każijiet japplika livell protett ta' qligħ sabiex jiġi żgurat dħul suffiċjenti f'idejn id-debitur jipprovdi għal ħtiġijiet bażiċi.

Bl-istess mod, ma tistax tiġi imposta ordni fuq l-assi maħsuba għas-servizzi pubbliċi. L-eżekutur jista' jimponi ordni fuq assi differenti fl-istess ħin, eż. kemm fuq proprjetà mobbli u kemm fuq immobbli.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

**Konsegwenzi legali fuq l-ordni ta' proprjetà mobbli li ma tkunx suġġetta għal reġistrazzjoni.**

Konsegwenza waħda ta' ordni hi li kull att li d-debitur iwettaq wara l-ordni ma jistax jippreġudika d-drittijiet tal-parti li timponi l-ordni. Jekk, pereżempju, id-debitur ikollu jbigħ l-assi, ix-xerrej ma jistax, fil-prinċipju, jinvoka lill-kreditur li issa jkun is-sid. Konsegwenza oħra hija li kwalunkwe introjtu mill-assi jkun kopert ukoll mill-ordni.

**Il-konsegwenzi legali ta' ordni ta' ishma, titoli u assi oħrajn**

M'hemm l-ebda konsegwenzi legali speċifiċi. Id-dritt tal-vot jibqa' f'idejn il-persuna kontra min tkun qed tiġi imposta l-ordni għat-tul kollu tal-ordni.

**Il-konsegwenzi legali ta' ordni ta' sekwestru**

F'każ ta' ordni ta' sekwestru, il-kreditur (il-parti li timponi l-ordni) jimponi l-ordni fuq parti terza (jiġifieri mhux id-debitur), minħabba li din il-parti terza jkollha d-dejn mad-debitur jew tkun qed iżżomm proprjetà li tkun issejjaħ lid-debitur.

Il-parti li timponi ordni hi protetta kontra l-atti mwettqa mill-parti l-oħra. Wieħed ma jistax jorbot fuq l-atti ġuridiċi mwettqa wara ordni kontra l-parti li timponi l-ordni. Żewġ forom komuni ta' ordni ta' sekwestru huma s-sekwestru fuq kont tal-bank jew fuq il-paga ta' impjegat.

**Il-konsegwenzi legali ta' sekwestru fuq proprjetà immobbli**

Is-sekwestru ta' proprjetà immobbli jiġi rreġistrat fir-reġistri pubbliċi miżmuma mill-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet (*Kadaster*). Bastimenti u inġenji tal-ajru huma meqjusa bħala proprjetà immobbli ġaladarba jkunu ġew imdaħħla fir-reġistri. Fuq talba, l-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet jista' jfittex fir-reġistri pubbliċi tal-Proprjetà Immbobbli, il-Bastimenti u l-Inġenji tal-Ajru. Is-sekwestru jsir effettiv mill-mument li jiġi rreġistrat. Kwalunkwe rikavat minn proprjetà immobbli li jidħol wara s-sekwestru jkun kopert minnha. Il-parti li timponi s-sekwestru hi protetta kontra l-atti ġuridiċi mwettqa mid-debitur wara s-sekwestru. Wieħed ma jistax jistrieħ fuq id-disponiment (bejgħ) mill-proprjetà immobbli kontra l-persuna li timponi s-sekwestru.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Bħala regola ġenerali, l-awtorità ta' infurzar ta' sentenza tal-qorti ssir preskritta 20 sena mill-jum wara dak li fih tingħata s-sentenza. Jekk l-infurzar ta' sentenza tal-qorti hija soġġetta għal ċerti rekwiżiti, li l-issodisfar tagħhom ma jiddependix mir-rieda tal-persuna li tkun kisbet is-sentenza, allura l-awtorità sabiex tiġi infurzata s-sentenza ssir preskritta wara 20 sena mill-bidu tal-jum ta' wara dak li fih ir-rekwiżiti kienu ssodisfati.

Madankollu, il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin għal kull somma li s-sentenza tkun ordnat li jitħallsu fi żmien sena jew anqas. Fil-każ tal-imgħax, multi, penali inkrimentali u ordnijiet oħra addizzjonali tal-qorti, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mhux aktar tard mill-mument meta l-awtorità sabiex jinforza s-sentenza prinċipali ssir preskritta, sakemm il-perjodu ta' preskrizzjoni ma jkunx interrott jew estiż.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

**Kwistjonijiet ta' infurzar**

L-Artikolu 438 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fih regoli ġenerali dwar l-infurzar tat-tilwim (*executiegeschillen*). F'tali tilwima id-debitur jista' jipprova jevita l-infurzar. It-tilwim jista' jirrelata, pereżempju, mas-sinjifikat u l-portata tad-dokument eżekuttiv, l-impatt ta' fatti li rriżultaw wara s-sentenza (id-dokument eżekuttiv), il-validità ta' sekwestru jew il-kwistjoni dwar min huwa s-sid tal-assi ssekwestrati. Tilwima dwar l-infurzar tikkonċerna biss kwistjoni ta' infurzar. Is-sustanza tal-azzjoni prinċipali li fiha tkun diġà ingħatat sentenza ma terġax tiġi vvalutata.

F'tilwima ta' infurzar id-debitur jista' jargumenta li l-eżekutur qed jabbuża mid-drittijiet tiegħu jew li l-ordni tkun sproporzjonata għas-sentenza, pereżempju. Id-debitur (il-parti li kontriha qed tittieħed l-azzjoni) ma jista jressaq l-ebda oġġezzjonijiet sostantivi ulterjuri għas-sentenza f'dan l-istadju. Biex jagħmel dan, irid jistitwixxi oppożizzjoni (*verzet*), appell (*hoger beroep*) jew proċedimenti ta' kassazzjoni (*cassatie*), li huma rimedji legali.

**Ġurisdizzjoni territorjali**

Il-Qorti li għandha ġuriżdizzjoni territorjali hija l-qorti li hija kompetenti skont ir-regoli ġenerali tad-dritt dwar il-ġurisdizzjoni.

Din hija jew il-qorti fil-ġuriżdizzjoni territorjali li fi ħdana jkun ġie impost jew jkun se jiġi impost is-sekwestru, il-qorti fil-ġuriżdizzjoni territorjali li fiha tinsab il-proprjetà kkonċernata jew il-qorti fil-ġurisdizzjoni territorjali fejn ikun se jsir l-infurzar. Trid tinsab qorti kompetenti Olandiża għal kull azzjoni ta' infurzar li sseħħ fin-Netherlands.

**Il-qorti kompetenti**

Il-Qorti Distrettwali (*arrondissementsrechtbank*) għandha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' t-tilwimiet kollha tal-infurzar, irrispettivament mill-qorti li tat is-sentenza li għandha tiġi infurzata. Il-Qorti Distrettwali hija kompetenti anki jekk il-Qorti tal-Appell (*gerechtshof*) jew il-Qorti Suprema tan-Netherlands (*Hoge Raad der Nederlanden*) tat is-sentenza.

It-tilwim tal-infurzar ġeneralment jiġi solvut fil-proċedimenti interlokutorji (*kort geding*). Il-Qorti tista' tiddeċiedi li tissospendi l-infurzar għal ċertu żmien jew tneħħi s-sekwestru.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

L-aħħar aġġornament: 12/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Awstrija

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-eżekuzzjoni (magħrufa wkoll bħala "eżekuzzjoni" jew "infurzar obbligatorju" fl-Awstrija) tinsab fejn is-setgħa tal-Istat tintuża biex tasserixxi krediti u talbiet eżegwibbli.

Il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni jipprevedi diversi tipi ta' eżekuzzjoni:

L-eżekuzzjoni biex tirkupra krediti monetarji.

L-eżekuzzjoni biex tiżgura li jittieħdu jew ma jittiħdux azzjonijiet.

L-eżekuzzjoni biex tirkupra krediti monetarji:

Fl-eżekuzzjoni biex jiġu rkuprati krediti monetarji, it-talba ta' eżekuzzjoni tal-kreditur għandha tagħżel l-assi li għandhom jiġu sekwestrati (selezzjoni tal-mezz ta' eżekuzzjoni); hawnhekk huwa jista' jagħżel, *inter alia*, bejn eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, eżekuzzjoni fuq ammonti riċevibbli, b'mod partikolari eżekuzzjoni fuq salarju, u bejgħ forzat ta' proprjetà immobbli permezz ta' subbasta.

L-eżekuzzjoni li tiżgura li l-azzjonijiet jittieħdu jew le:

F'eżekuzzjonijiet biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet jittieħdu jew ma jittiħdux, il-kreditur irid jitlob il-mezz ta' eżekuzzjoni previst fil-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kreditu.

L-eżekuzzjoni għall-finijiet ta' rimedju b'mandat ta' inibizzjoni hija soġġetta għall-impożizzjoni ta' multa fuq talba tal-qorti tal-eżekuzzjoni meta tingħata l-eżekuzzjoni. Fil-każ ta' kwalunkwe ksur ulterjuri, jenħtieġ li l-qorti tal-eżekuzzjoni, meta tintalab, timponi multa ulterjuri jew piena ta' kustodja għal perjodu totali sa sena.

Sabiex azzjoni li tista' titwettaq minn parti terza tiġi inforzata, il-kreditur rikjedenti huwa awtorizzat, fuq talba tal-qorti, li l-azzjoni titwettaq għad-detriment tal-parti obbligata.

It-talba għal azzjoni, li ma tistax titwettaq minn parti terza u li l-eżekuzzjoni tagħha tiddependi b'mod esklussiv fl-istess ħin fuq ir-rieda tal-parti obbligata, hija infurzata permezz tal-impożizzjoni, fuq talba tal-qorti, ta' multa jew piena ta' kustodja għal perjodu totali sa sitt xhur fuq il-parti obbligata li teżegwixxi l-azzjoni.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

L-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni hija, fil-prinċipju, f'id il-qorti distrettwali adegwata (*Bezirksgericht*).

Qorti kompetenti:

L-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, l-eżekuzzjoni fuq ammonti riċevibbli:

Għall-eżekuzzjonijiet fuq ammonti riċevibbli, hija responsabbli l-qorti fil-ġurisdizzjoni ġenerali (residenza) tad-debitur; għall-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, jiddependi fuq fejn jinsabu l-oġġetti mobbli meta tibda l-eżekuzzjoni.

Bejgħ forzat ta' proprjetà immobbli permezz ta' subbasta:

Għall-eżekuzzjoni fuq proprjetà immobbli (irreġistrata fir-reġistru tal-artijiet), il-qorti ta' reġistru tal-artijiet (*Grundbuchsgericht*) għandha l-ġurisdizzjoni.

Ladarba l-eżekuzzjoni tkun awtorizzata, jenħtieġ li l-proċedimenti jkunu *ex officio*. Il-proċess ta' eżekuzzjoni jitwettaq permezz ta' imħallef (il-bejgħ forzat ta' proprjetà immobbli) jew minn uffiċjali tal-qorti (l-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli jew l-eżekuzzjoni fuq ammonti riċevibbli). L-uffiċjali tal-qorti huwa membru tal-persunal tal-ġudikatura mħarreġ b'mod speċjali.

Il-passi jiġu stipulati mill-uffiċjali ġudizzjarji, li huma persunal tal-ġudikatura fl-Awtrija li la jaħdmu bħala individwi għal rashom u lanqas bħala rappreżentanti jew aġenti maħtura tal-kreditur rikjedenti. Huma jaġixxu fil-parti l-kbira waħedhom sakemm ikun ċert is-suċċess jew il-falliment tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

Il-kreditur għandu jiġi mistieden jippreżenta l-applikazzjonijiet biss jekk il-qorti jew l-uffiċjal ġudizzjarju ma jkunx jista' jkompli l-proċedimenti mingħajrhom jew jekk il-proċedimenti jkunu jinvolvu l-ispejjeż. Madankollu, il-kreditur jista' diġà jipprovdi informazzjoni addizzjonali fl-applikazzjoni: pereżempju, fil-każ ta' eżekuzzjoni fuq salarju, huwa jista' jirrifjuta d-dikjarazzjoni mill-impjegatur rigward jekk jeżistix is-salarju u kemm hu; fil-każ ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, jista' jirrinunzja għall-ftuħ obbligatorju tal-post u jevita l-ispejjeż ta' ħaddied tas-serraturi, jekk id-debitur ma jinstabx.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

#### 3.1 Il-proċedura

L-eżekuzzjoni għall-irkupru ta' krediti ta' somom ta' flus:

Il-proċess ta' eżekuzzjoni huwa mqassam fi proċess ta' awtorizzazzjoni u proċess ta' eżekuzzjoni.

L-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni titlob applikazzjoni mill-kreditur, li fiha jagħżel il-mezz ta' eżekuzzjoni mixtieq għall-eżekuzzjoni. Jekk il-kreditur ikun jixtieq jirkupra l-kreditu minn intraprenditur, huwa normalment jagħżel l-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli u l-preżentazzjoni ta' lista ta' assijiet. Skont din il-proċedura, l-uffiċjal ġudizzjarju jipprova jirkupra l-pagament tal-kreditu, u jekk dan ma jirnexxix, l-oġġetti misjuba jiġu mirhuna. Jekk dawn ma jkoprux il-kreditu li jrid jiġi rkuprat, jenħtieġ li jitlob lid-debitur jippreżenta lista ta' assi li fihom id-debitur għandu jniżżel l-assi tiegħu b'mod sħiħ.

Jekk il-kreditur irid jirkupra l-kreditu minn konsumatur, huwa normalment jagħżel l-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, l-eżekuzzjoni fuq salarju u l-preżentazzjoni ta' lista ta' assi. Il-kreditur jista' jagħżel l-eżekuzzjoni fuq salarju indipendentement minn jekk jafx fejn id-debitur huwa impjegat jew mingħand min jirċievi s-salarju. Jekk huwa ma jkunx jaf dan, irid ikun jaf id-data ta' twelid tal-parti debitriċi. il-qorti tista' mbagħad tidentifika l-uffiċċju tal-pagament permezz tal-Assoċjazzjoni Prinċipali tal-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni Soċjali Awstrijaċi. L-ewwel pass huwa l-qbid u t-trasferiment tas-salarju tad-debitur. Jekk dan jirnexxi, l-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli sseħħ biss fuq it-talba tal-kreditur. Skont din il-proċedura, l-uffiċjal ġudizzjarji jipprova jirkupra l-pagament tal-kreditu; jekk dan ma jirnexxix, huwa jissekwestra l-oġġetti li jsib. Jekk dawn ma jkoprux il-kreditu li jiġi rkuprat, huwa jitlob lid-debitur jippreżenta lista ta' assi li jelenkaw l-assi tiegħu b'mod sħiħ.

Għat-talba għall-eżekuzzjoni, il-kreditur għandu juża l-formola (E-Form 1) jew iressaq talba fformattjata. L-ebda rappreżentazzjoni minn avukat ma hija meħtieġa sabiex issir applikazzjoni għall-eżekuzzjoni.

#### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex ikun jista' jeżegwixxi l-eżekuzzjoni, il-kreditur li qed jagħmel il-petizzjoni jrid ikollu deċiżjoni eżegwibbli ta' ordni ta' eżekuzzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, li tinħareġ mill-awtorità tal-ordni tal-infurzar fil-proċeduri tal-qorti. Il-kreditur irid ikun jaf ukoll l-indirizz tad-debitur; jeħtieġ jagħti biss id-data tat-twelid jekk ikun irid japplika għal eżekuzzjoni tas-salarji, iżda ma jkunx jaf l-uffiċċju tal-pagamenti.

### 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

#### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Id-debitur huwa responsabbli għall-obbligi fl-assi kollha tiegħu, sakemm dawn ma jkunux eżenti minn sekwestru. Madankollu, proċedura ta' eżekuzzjoni tkopri biss dawk l-assi li l-kreditur jixtieq jissekwestra u li huwa, għalhekk, jispeċifika fl-applikazzjoni tal-eżekuzzjoni. F'każ tal-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli,

huwa biżżejjed li ssir applikazzjoni għas-sekwestru tal-oġġetti kollha fil-pussess tad-debitur; f'każ ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti riċevibbli, il-kreditur irid jispeċifika t-terza parti debitriċi, filwaqt li fl-eżekuzzjoni fuq is-salarju hemm eċċezzjoni. Il-kreditur jista' jiddikjara li huwa ma jafx lit-terza parti debitriċi. Il-qorti tista' tikseb dan mill-Assoċjazzjoni Ewlenija tal-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni Soċjali Awstrijaċi jekk il-kreditur jipprovdi d-data ta' twelid tad-debitur.
Il-kreditur jista' juża wkoll l-istrumenti ta' eżekuzzjoni li ġejjin: l-ammonti riċevibbli għajr it-talbiet fuq salarju; jew is-sehem f'kumpanija limitata tad-debitur; jew, jekk id-debitur ikollu proprjetà immobbli, il-kreditur rikjedenti jista' jitlob il-ħolqien ta' rahan, l-amministrazzjoni forzata u l-bejgħ forzat permezz ta' subbasta.
L-assi tad-debitur li huma eżenti mill-eżekuzzjoni huma elenkati fis-subtaqsima "Restrizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni".

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

L-effetti tal-miżuri eżegwibbli jiddependu fuq l-istrument ta' eżekuzzjoni:
L-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli:
Dwar l-oġġetti li jistgħu jiġu ssekwestrati, l-uffiċjal ġudizzjarju jistabbilixxi rahan; dawk preċedenti huma rkantati.
L-eżekuzzjoni fuq l-ammonti riċevibbli, partikolarment l-eżekuzzjoni fuq salarju:
Jiġi stabbilit dritt ta' rahan fuq il-kreditu. Id-debitur jiġi pprojbit li jiddisponi mill-kreditu tiegħu jew, b'mod partikolari, li jiġbru. Il-kreditu, sakemm dan huwa sekwestrabbli, huwa ċedut lill-kreditur.
Il-bejgħ forzat ta' proprjetà immobbli permezz ta' subbasta:
Jiġi stabbilit dritt ta' rahan fuq il-proprjetà. Mill-punt fejn il-bidu tal-proċedimenti tas-subbasta jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-artijiet, azzjonijiet ġuridiċi mid-debitur rigward il-proprjetà u l-aċċessorji tagħha, li ma jappartjenux lill-amministrazzjoni ordinarja, mhumiex effettivi kontra l-kredituri u l-offerent. Jekk id-debitur ibigħ il-proprjetà, is-subbasta awtorizzata kontra x-xerrej tal-proprjetà tkompli.
Konsegwenzi kriminali huma previsti meta parti obbligata taħbi, tiddisponi, tbigħ jew tagħmel danni lil parti mill-assijiet tagħha, jew toħloq pretest jew tirrikonoxxi obbligazzjoni mhux eżistenti, jew inkella tnaqqas jew tidher li qed tnaqqas l-assi tagħha, u riżultat ta' dan timpedixxi jew tnaqqas is-sodisfazzjon tal-kreditur permezz ta' eżekuzzjoni jew proċedura ta' eżekuzzjoni pendenti. Bl-istess mod, parti obbligata hija punibbli jekk teqred, tagħmel danni, tagħmel inoperabbli jew tirtira, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-involviment ma' oġġett li ġie sekwestrat jew kien fil-pussess uffiċjalment.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

L-eżekuzzjoni jenħtieġ li tkompli saż-żmien fejn tkun ġiet konkluża b'suċċess jew terminata, pereżempju, għax id-debitur ikun ħallas id-dejn tiegħu lill-kreditur waqt il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni. B'mod eċċezzjonali, l-eżekuzzjoni tista' titwaqqaf qabel, bħal meta l-kreditur jagħżel l-eżekuzzjoni fuq salarju u d-debitur jibdel l-impjieg.
Il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni tippermetti wkoll li l-proċess ta' eżekuzzjoni jiġi pospost. Dan jista' jokkorri, b'mod partikolari, jekk tittieħed azzjoni kontra l-invalidità jew l-ineffettività tat-titolu tal-eżekuzzjoni, jekk tintalab it-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni, jekk jitressaq smigħ ta' oppożizzjoni quddiem il-qorti (ara taħt 4), jekk tiġi kkuntestata l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni maħruġa mill-qorti, jekk jitressaq ilment kontra l-att ta' eżekuzzjoni, jew jekk ikun hemm proċedimenti ta' rinunzja jew emenda tad-dikjarazzjoni legalment eżegwibbli.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Id-dritt tal-appell jingħata fuq l-awtorizzazzjoni ta' eżekuzzjoni (fl-Awstrija magħruf bħala awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni) Jenħtieġ li l-appell jiġi indirizzat lil qorti tal-appell (qorti reġjonali aktar għolja), iżda jitressaq mal-qorti tal-ewwel istanza (qorti distrettwali). L-appell għandu jitressaq fi żmien 14-il ġurnata. Ġeneralment, hija meħtieġa r-rappreżentazzjoni minn avukat. Il-proċess ta' appell hija proċedura purament bil-miktub li fiha tapplika l-interdizzjoni tan-novazzjoni.
Il-fatt li sadanittant, id-debitur ikun ħallas il-kreditu li jrid jiġi rkuprat jista' jkun invokat permezz ta' mozzjoni ta' oppożizzjoni jew azzjoni biex tiġi opposta l-eżekuzzjoni (u mhux b'appell kontra l-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni). Jenħtieġ li l-ilment jitressaq mal-qorti li tat l-eżekuzzjoni. Applikazzjoni għal diferiment tal-eżekuzzjoni tista' tiġi kkombinata ma' lment. Jekk il-kreditu jiġi infurzat legalment, jenħtieġ li l-infurzar jintemm *ex officio*.
Jekk l-eżekuzzjoni tingħata taħt proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata, dan isir biss fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-parti li tkun qed tagħmel il-petizzjoni. F'dan il-każ id-debitur jista' juri, permezz ta' appell, li t-titolu tal-eżekuzzjoni li jkopri l-eżekuzzjoni huwa nieqes, inkluż konferma tal-eżegwibilità, jew li t-titoli ta' eżekuzzjoni ma jikkorrispondix mal-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni għall-eżekuzzjoni. L-appell għandu jitressaq quddiem il-qorti li approvat l-eżekuzzjoni fl-ewwel istanza. Meta jitressaq l-appell, il-qorti teżamina jekk it-titolu ta' eżekuzzjoni li jkopri l-kreditu li jrid jiġi rkuprat huwiex disponibbli. Il-limitu ta' żmien għall-oġġezzjonijiet huwa ta' erbatax-il ġurnata.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

**Restrizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni**

B'mod ġenerali, ir-restrizzjoni applikabbli hija li l-eżekuzzjoni ma tistax titwettaq b'mod aktar estensiv minn dak meħtieġ għat-twettiq tal-kreditu dikjarat fl-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni.
Il-liġi tipprevedi ċerti restrizzjonijiet tal-eżekuzzjoni favur persuni speċifiċi jew assoċjazzjonijiet ta' persuni:
Il-proprjetà ta' stabbiliment fis-servizz tat-trasport pubbliku li huwa taħt il-kontroll tal-istat jista' jkun soġġett biss għal miżuri eżegwibbli adegwati li jfixklu s-servizzi tat-trasport pubbliku bil-kunsens tal-awtorità superviżorja tiegħu;
qabel l-eżekuzzjoni tal-infurzar kontra persuna li sservi fl-Armata Federali jew fil-Pulizija Federali, għandha tingħata notifika tal-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni lill-uffiċjal li jikkmanda dik il-persuna;
f'binjiet militari, l-eżekuzzjoni ta' infurzar titlob notifika minn qabel lill-kmandant tal-bini u konsultazzjoni tal-attaché militari tagħhom;
proċedimenti ta' eżekuzzjoni kontra persuni li jgawdu minn immunità fl-Awstrija fuq il-bażi tad-dritt internazzjonali, kif ukoll fuq oġġetti ta' eżekuzzjoni u fuq il-bini ta' dawn il-persuni jistgħu jitwettqu biss mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja bi ftehim mal-Ministeru Federali għall-Ewropa, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Esterni;
l-eżekuzzjoni kontra muniċipalità jew istituzzjoni pubblika jew ta' karità tista' tiġi awtorizzata għall-fini tal-irkupru ta' talbiet finanzjarji biss fir-rigward ta' dawk l-assi li jistgħu jintużaw biex jissodisfaw lill-kreditur mingħajr ma jaffettwaw l-interessi pubbliċi li għandhom jiġu protetti. Jekk l-infurzar iservi l-eżekuzzjoni ta' rahan kuntrattwali, din ir-restrizzjoni ma tapplikax.
Barra minn hekk, għall-protezzjoni tad-debitur, ċerti assi huma esklużi b'mod obbligatorju, pereżempju:
L-eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli:
L-oġġetti li jikkorrispondu ma' stil ta' ħajja modesta għal użu persunali jew domestiku;
oġġetti meħtieġa biex wieħed jitħarreġ għal professjoni u għal prattika professjonali, kif ukoll għajnuniet ta' tagħlim intiżi għall-iskola;
materjali tal-ikel u tat-tisħin biex ikopru l-ħtiġijiet tad-debitur u l-membri tal-familja li jgħixu miegħu fl-unità domestika komuni għal erba' ġimgħat;
annimali domestiċi;
ritratti tal-familja, ittri u karti oħrajn, kif ukoll iċ-ċurkett tat-tieġ tad-debitur;
għajnuniet biex jikkompensaw għal diżabbiltà u appoġġ għall-kura għad-debitur jew il-membri tal-familja li jgħixu miegħu fl-unità domestika komuni, kif ukoll sustanzi terapewtiċi u apparat ta' appoġġ li huma meħtieġa fil-kuntest tat-terapija medika;
oġġetti reliġjużi;

flus kontanti sal-ammont eżenti mill-ikkonfiskar sat-terminu ta' pagament li jmiss tas-salarju wara l-konfiskazzjoni, jekk l-introjtu tad-debitur ma jkunx jista' jiġi kkonfiskat legalment jew jiġi kkonfiskat biss sa ċertu estent.
L-uffiċjal ġudizzjarju jista' jżomm lura milli jikkonfiska l-oġġetti ta' valur baxx jekk ikun ovvju li r-rikavati mill-kontinwazzjoni jew l-infurzar tal-eżekuzzjoni mhux se jaqbeż il-kostijiet tal-eżekuzzjoni.
L-eżekuzzjoni ta' talbiet monetarji (eżekuzzjoni fuq salarju):
Ir-rimborż tal-ispejjeż sakemm dawn ikopru l-kostijiet żejda li jseħħu fl-eżerċitar tal-attività professjonali;
għajnuna statutorja li tingħata biex tkopri l-kostijiet żejda assoċjati ma' diżabbiltà jew kura fit-tul, eżempju allowance għall-kura;
għajnuna statutorja għall-pagamenti tal-kera jew biex tkopri spejjeż oħra għal akkomodazzjoni;
allowance tal-familja;
ċerti benefiċċji statutorji mogħtija fl-okkażjoni tat-twelid ta' tarbija, b'mod partikolari l-ammont fiss ta' allowance għall-kura tat-tfal;
ċerti tipi ta' għajnuna li jingħataw mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi;
ir-rimborż tal-kostijiet minn sigurtà soċjali statutorja.
B'mod partikolari, dawn li ġejjin ma jiġux ikkonfiskati:
Benefiċċji *in kind* provduti taħt liġijiet tas-sigurtà soċjali;
il-kreditu li kien għad-distribuzzjoni tal-proprjetà matrimonjali u t-tfaddil tal-miżżewġin, sakemm ma tkunx ġiet rikonoxxuta jew iġġudikata permezz ta' ftehim jew arranġament.
Il-qligħ mill-introjtu, il-benefiċċji tal-pensjoni u r-rinumerazzjoni statutorja, li jservu biex jikkompensaw għal qgħad temporanju jew tnaqqis fil-kapaċità ta' qligħ, jistgħu jiġu kkunfiskati fuq bażi limitata. Il-parti li ma tiġix ikkonfiskata ("il-livell minimu ta' sussistenza") jiddependi fuq l-ammont ta' introjtu u l-għadd ta' obbligi ta' manteniment tad-debitur. L-ammonti li ma jistgħux jiġu kkonfiskati, li huma miżjuda kull sena, huma murija fit-tabelli fuq is-sit web tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (http://www.justiz.gv.at/web2013/html/default/2c9484852308c2a60123ec387738064b.de.html). Il-liġi tieħu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet speċjali tad-debitur jew tal-kreditur tiegħu f'każijiet individwali, billi tippermetti, fuq talba, li l-allowance li ma tistax tiġi kkonfiskata tiżdied jew titnaqqas taħt ċerti ċirkostanzi. Fil-każ ta' eżekuzzjoni abbażi ta' kreditu għal manteniment stututorju, l-ammont tal-allowance li ma jistax jiġi kkonfiskat jitnaqqas b'25% b'mod ġenerali.
Barra minn hekk, l-Att dwar il-Kiri (MRG), fil-każ ta' titolu ta' eżukuzzjoni dwar l-evizzjoni minn appartament soġġetta għall-MRG, jipprevedi l-protezzjoni tad-debitur għax l-evizzjoni trid tiġi posposta jekk il-kerrej jaffaċċja li jisfa mingħajr dar riżultat ta' dan.
Skadenzi għall-eżekuzzjoni
Skadenzi li għandhom jiġu stabbiliti fi ħdan l-applikazzjonijiet għall-eżekuzzjoni mhumiex provduti, minbarra f'każijiet eċċezzjonali (ordni ta' żgumbrament skont it-Taqsima 575 tal-Kodiċi Awstrijaka tal-Proċedura Ċivili – ZPO). Madankollu, id-debitur jista' jmur kontra l-eżekuzzjoni bl-oġġezzjoni ta' statut ta' limitazzjonijiet li diġà daħal fis-seħħ. Il-perjodu statutorju ta' limitazzjoni għal krediti li għalihom hemm titolu legalment vinkolanti ta' eżekuzzjoni ("talbiet mogħtija permezz ta' sentenza eżegwibbli") ("*Judikatsschulden*") huwa ġeneralment ta' 30 sena mid-data tat-titolu ta' eżekuzzjoni li jidħol fis-seħħ. Jekk it-titolu ta' eżekuzzjoni jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-entitajiet legali mmexxija mid-dritt pubbliku jew privat, dan il-perjodu ta' limitazzjoni jiġi estiż għal 40 sena. Madankollu, hemm eċċezzjoni fir-rigward tas-servizzi li għandhom jitħallsu biss fil-futur, sakemm id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' limitazzjoni jistipulaw perjodu ta' limitazzjoni aktar qasir.
Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa interrott permezz ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' eżekuzzjoni legalment vinkolanti u jerġa' jibda mill-ġdid bl-aħħar pass ta' eżekuzzjoni jew bit-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni.
F'ċerti każijiet, huma pprovduti barrieri temporanji għal applikazzjoni ta' eżekuzzjoni ulterjuri jew għall-kontinwazzjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni:
F'każ li ma jinstab ebda oġġett li jista' jiġi kkonfisat f'eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli, għandha tingħata applikazzjoni permezz ta' kreditur ieħor rikjedenti għall-awtorizzazzjoni ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli jew awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni ġdida, iżda biss sitt xhur wara l-aħħar tentattiv ta' eżekuzzjoni bla suċċess, minbarra jekk huwa probabbli li tentattiv preċedenti jikseb riżultati;
Il-kreditur rikjedenti jenħtieġ li jkun intitolat li jressaq talba għal eżekuzzjoni fuq salarju kontra t-terza parti debitriċi wara l-approvazzjoni ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli jekk tkun għaddiet sena mill-awtorizzazzjoni; dan il-perjodu ta' blokkar ma japplikax jekk il-kreditur rikjedenti jipprova li kien biss wara l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tiegħu ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli li huwa sar jaf li d-debitur huwa intitolat għal talbiet ta' salarju mdaqqsa. Id-debitur huwa obbligat biss li jippreżenta lista aktar riċenti ta' assi jekk il-kreditu jipprova li d-debitur kiseb assi jew jekk għaddiet aktar minn sena mill-preżentazzjoni tal-lista ta' assi.
Il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni tirrikonoxxi wkoll skadenzi maħsuba biex jiżguraw saldu rapidu. L-uffiċjal ġudizzjarju, għalhekk, irid jiskeda l-ewwel azzjoni ta' eżekuzzjoni fi żmien erba' ġimgħat u jirrapporta lura lill-kreditur dwar l-implimentazzjoni tal-ostakli mhux aktar tard minn fi żmien erba' xhur. Ir-rahan għal ġbir forzat, li jingħata lill-kreditur fuq il-bażi ta' eżekuzzjoni fuq oġġetti mobbli tad-debitur, jiskadi wara sentejn jekk il-proċedura tal-bejgħ ma tkunx tkompliet kif dovut.
L-aħħar aġġornament: 22/08/2017
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Polonja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Ir-regoli dwar kif għandhom jiġu infurzati s-sentenzi fi proċedimenti ċivili, inklużi kwistjonijiet kummerċjali, huma speċifikati fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Pollakk (*Kodeks postępowania cywilnego*).
L-infurzar huwa l-użu ta' miżuri koerċittivi minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li huma stabbiliti fil-liġi biex jiġu rkuprati pagamenti dovuti lill-kredituri abbażi ta' titolu eżegwibbli.  Il-proċedimenti ta' infurzar jibdew meta titressaq talba għal infurzar.
It-titolu eżegwibbli iservi bħala l-bażi għall-infurzar. Bħala regola, it-titolu eżegwibbli huwa ordni ta' infurzar li jinkludi klawżola ta' infurzar (l-Artikolu 776 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Din il-klawżola mhijiex rikjesta għal xi ordnijiet mill-qrati maħruġa fil-livell ta' Stat Membru jew għal ftehimiet ta' soluzzjoni u dokumenti uffiċjali msemmija fl-Artikolu 115314 ta-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Jekk dawn is-sentenzi, ftehimiet ta' soluzzjoni u dokumenti uffiċjali jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, dawn jikkostitwixxu titolu eżegwibbli, li permezz tiegħu l-kredituri jkunu jistgħu jirrikorru direttament għall-awtorità ta' infurzar.
Hemm żewġ tipi ta' awtoritajiet li huma involuti fil-proċedimenti ta' infurzar:

korpi ġudizzjarji - fi proċedimenti biex tiġi inkorporata klawżola ta’ infurzar fl-ordni ta’ infurzar (l-imħallef presedenti; qorti distrettwali (*sąd rejonowy*), qorti reġjonali (*sąd okręgowy*) u qorti tal-appell);
awtoritajiet ta’ infurzar - fil-proċedimenti ta’ infurzar rilevanti, dawn huma qrati distrettwali u uffiċjali ġudizzjarji (l-Artikolu 758 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili).
Il-partijiet għad-dikjarazzjoni ta’ proċedimenti ta’ infurzabbiltà kif ukoll fi proċedimenti ta’ infurzar huma d-debitur u l-kreditur.
Il-liġi Pollakka tiddistingwi bejn it-tipi ta’ proċeduri ta’ infurzar li ġejjin:
Infurzar ta’ talbiet pekunarji li jirriżultaw minn:
assi mobbli
remunerazzjoni għax-xogħol
kontijiet tal-bank
talbiet oħrajn
drittijiet tal-proprjetà oħrajn
proprjetà immobbli
opri tal-baħar
Infurzar ta’ talbiet mhux pekunarji li jirriżultaw minn:
riċevituri
bejgħ ta’ negozju jew azjenda agrikola
pagamenti ta’ manteniment. Il-qorti tinkorpora l-klawżola ta’ infurzabbiltà fuq bażi *ex officio* f’titolu eżegwibbli. F’każijiet bħal dawn, it-titolu eżegwibbli jiġi notifikat lill-kreditur fuq bażi *ex officio.* F’każijiet fejn jiġi ordnat manteniment, il-proċedimenti ta’ infurzar jistgħu jibdew fuq bażi *ex officio* fuq talba tal-Qorti tal-Prim’Istanza li tisma’ l-kawża. Din it-talba tiġi ppreżentata lill-awtorità ta’ infurzar li jkollha l-kompetenza ġurizdizzjarja. L-uffiċjal ġudizzjarju jinvestiga biex jiddetermina d-dħul tad-debitur, l-assi u l-post ta’ residenza fuq bażi *ex officio*. Jekk dan ma jkunx effettiv, il-pulizija taġixxi fuq talba tal-uffiċjal ġudizzjarju, tieħu passi xierqa biex tiddetermina l-post ta’ residenza u x-xogħol tad-debitur. L-inkjesta msemmija fil-paragrafu1 jenħtieġ li ssir f’intervalli ta’ mhux aktar minn sitt (6) xhur. F’każ li l-inkjesta tonqos milli tiddetermina d-dħul jew l-assi tad-debitur, l-uffiċjal ġudizzjarju jitlob lill-qorti biex tordna lid-debitur biex jiżvela l-assi tiegħu. Jekk id-debitur ikun waqa’ lura fil-pagamenti għal aktar minn sitt (6) xhur, l-uffiċjal ġudizzjarju japplika fuq bażi *ex officio* lir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali (*Krajowy Rejestr Sądowy*) biex id-debitur jiġi inkluż fil-lista ta’ debituri insolventi. In-nuqqas li tiġi implimentata l-miżura ta’ infurzar ma jikkostitwixxix bażi għal sospensjoni tal-proċedimenti.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Skont l-Artikolu 758 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili, kwistjonijiet marbutin ma’ infurzar jaqgħu taħt il-kompetenza ta’ qrati distrettwali u l-uffiċjali ġudizzjarji jaġixxu f’isimhom.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Skont l-Artikolu 803 tal-Proċedura ta’ Kodiċi Ċivili, titolu eżegwibbli jservi bħala bażi għall-infurzar ta’ talba kollha kemm hi rigward il-kategoriji kollha tal-assi tad-debitur, sakemm mhux stipulat mod ieħor. L-awtorità li timplimenta mhijiex awtorizzata biex teżamina l-validità u l-applikabbiltà tat-titolu eżegwibbli, li għalih japplika dan l-obbligu.
Bħala regola, il-klawżola ta’ infurzar hija inkorporata fit-titolu eżegwibbli.
Skont l-Artikolu 777, dawn li ġejjin jiġu kkunsidrati bħala titoli li jistgħu jkunu infurzati:
sentenza tal-qorti finali jew infurzabbli immedjatament u ftehimiet ta’ soluzzjoni li jintlaħqu fil-qorti
deċiżjoni finali jew infurzabbli immedjatament minn skrivan ġudizzjarju anzjan (*referendarz sądowy*)
Sentenzi oħrajn, ftehimiet ta’ soluzzjoni u strumenti legali, li jiġu infurzati permezz ta’ uffiċjali ġudizzjarji ta’ infurzar
att notarili li permezz tiegħu d-debitur jikkonforma b’mod volontarju ma’ miżura ta’ infurzar, li tirrikjedi li jħallas ammont jew jagħti oġġetti speċifikati skont it-tip, fil-kwantità indikata fl-att, jew jagħti oġġetti speċifikati b’mod individwali, bil-kundizzjoni li l-att jiffissa data sa meta l-obbligu għandu jkun konformi mal-avveniment jew jidentifikah, li għandu jseħħ biex isir l-infurzar.
att notarili li permezz tiegħu d-debitur jikkonforma b’mod volontarju ma’ miżura ta’ infurzar, li tirrikjedi l-pagament tal-ammont speċifikat fl-att jew speċifikat bil-klawżola ta’ indiċjar, fejn l-att jidentifika l-avveniment li għandu jseħħ biex dan l-obbligu jiġi rrispettat u d-data sa meta l-kreditur jista’ japplika biex klawżola infurzabbli tiġi inkorporata f’dan l-att
l-att notarili speċifikat fil-paragrafi 4 u 5, li permezz tiegħu l-persuna li mhijiex debitur personali, u li l-proprjetà, it-talba jew id-dritt tagħha huma ggravati minn ipoteka jew rahan, hija konformi b’mod volontarju mal-azzjoni ta’ infurzar rigward il-proprjetà ipotekata jew mirhuna bil-għan li tiġi ssodisfata t-talba pekunarja garantita tal-kreditur.
Dikjarazzjoni tad-debitur ta’ sottomissjoni volontarja għal infurzar tista’ ssir ukoll f’att notarili separat.
Ordnijiet tal-qorti validi li jinkorporaw klawżola infurzabbli jew huma infurzabbli immedjatament biss (permezz ta’ ordni ta’ infurzar immedjata maħruġa fuq bażi *ex officio* jew it-talba ta’ kwalunkwe parti għall-proċedimenti) jistgħu jikkostitwixxu titolu eżegwibbli. Att notarili huwa meqjus ekwivalenti għal titolu eżegwibbli, jekk ikun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili u r-regoli notarili.
Titoli oħrajn li jistgħu jkunu infurzati jinkludu: estratt mil-lista ta’ talbiet fi proċeduri ta’ falliment; ħlas bankarju validu u legali; pjan biex jiġu allokati somom miksuba minn preklużjoni; titolu bankarju li jista’ jkun infurzat kif stabbilit fil-liġi bankarja, iżda wkoll wara li l-qorti tkun inkorporat klawżola ta’ infurzar; sentenzi mogħtija minn qrati barranin u ftehimiet ta’ soluzzjoni li ntlaħqu f’dawn il-qrati wara li jkunu ġew iddikjarati infurzabbli mill-qorti Pollakka. Sentenzi mogħtija mill-qrati ta’ pajjiżi oħrajn fi kwistjonijiet ċivili li huma infurzabbli permezz ta’ infurzar ġudizzjarju jitqiesu bħala titoli li jistgħu jkunu infurzati wara li jkunu ġew iddikjarati infurzabbli mill-qorti Pollakka. Dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà ssir jekk is-sentenza kkonċernata tkun infurzabbli fil-pajjiż ta’ oriġini u jekk ma jkunx hemm ostakoli bħal dawk speċifikati fl- Artikolu 1146(1) u (2).

### 3.1 Il-proċedura

It-titolu eżegwibbli iservi bħala l-bażi biex jibdew il-proċedimenti ta’ infurzar. Il-qorti tal-Prim’Istanza li tisma’ l-kawża tinkorpora l-klawżola ta’ infurzar f’titoli li jistgħu jkunu infurzati mogħtija minn qorti (Artikolu 781(1) tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili).
It-talbiet għal klawżola ta’ infurzar li għandha tiġi inkorporata jiġu eżaminati mill-qorti mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn tliet ijiem wara s-sottomissjoni lill-korp li jkollu l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 7811 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili). Klawżola ta’ infurzar hija inkorporata *ex officio* f’titoli maħruġa fil-proċedimenti li bdew jew setgħu bdew *ex officio.* Il-qorti tinkorpora klawżola ta’ infurzar f’ordnijiet ta’ pagament maħruġa fi proċedimenti b'rikors, li jsiru b’mod elettroniku fuq bażi *ex officio* immedjatament wara li jsiru finali (l-Artikolu 782 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili).
Bħala regola, azzjoni ta’ infurzar tista’ titressaq fuq talba. Fil-proċedimenti li jistgħu jibdew *ex officio*, il-proċedura ta’ infurzar tista’ tinbeda *ex officio* fuq talba tal-qorti tal-Prim’Istanza li tisma’ l-kawża ppreżentata lill-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 796(1) tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili).

Talba biex jibdew proċedimenti ta' infurzar tista' tiġi ppreżentata mill-kreditur fil-qorti distrettwali li għandha l-ġuriżdizzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju f'dik il-qorti. Din tista' tiġi ppreżentata wkoll minn awtoritajiet oħrajn (qorti jew prosekutur pubbliku fi kwistjonijiet marbutin ma' infurzar ta' multi, tariffi tal-qorti u spejjeż proċedurali dovuti lit-Teżor).

Bħala regola, it-talbiet biex jibdew proċedimenti ta' infurzar isiru bil-miktub. Għandu jiġi mehmuż titolu eżegwibbli.

Ir-regoli li jirregolaw il-ġbir u l-ammont ta' tariffi huma stabbiliti fl-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji u l-Infurzar (*Ustawa o komornikach sądowych i egzekucji*) tal-20 ta' Awwissu 1967. Skont l-Artikolu 43 ta' dan l-Att, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffi għall-eżekuzzjoni biex tiġi infurzata l-ordni tal-qorti u jsiru azzjonijiet speċifiċi oħrajn fl-Att.

Jinġabru t-tariffi għall-eżekuzzjoni li ġejjin:

biex tiġi infurzata ordni li tiggarantixxi talba pekunarja, it-tariffa hija 2% tal-valur tat-talba li tirrikjedi dawn il-miżuri, iżda ma tistax tkun anqas minn 3% tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar u mhux aktar minn ħames darbiet tal-ammont ta' din ir-remunerazzjoni. It-tariffa titħallas mill-kreditur meta tiġi ppreżentata t-talba għall-infurzar tal-ordni biex jiġi ggarantit il-pagament.  Fil-każ li l-pagament ma jsirx meta tiġi ppreżentata t-talba, l-uffiċjal ġudizzjarju jagħti struzzjonijiet lill-kreditur biex jikkonforma mal-ordni fi żmien sebat (7) ijiem. L-uffiċjal ma jinfurzax l-ordni sakemm it-tariffa ma titħallasx. (l-Artikolu 45 tal-Att).

Fi kwistjonijiet li jinvolvu infurzar ta' talbiet pekunarji, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal 15% tat-talba infurzata, iżda mhux anqas minn 1/10 u mhux aktar minn tletin darba tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar.  Madankollu, meta t-talba tiġi infurzata permezz ta' kontijiet tal-bank, remunerazzjoni, benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew pagamenti li jsiru taħt dispożizzjonijiet li jirregolaw il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, benefiċċji għall-qgħad, pagamenti ta' inċentiv, boroż ta' studju jew benefiċċji għal taħriġ, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal 8 % tal-valur tat-talba infurzata, iżda mhux anqas minn 1/20 u mhux aktar minn għaxar darbiet tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar (l-Artikolu 49 tal-Att).

Fi kwistjonijiet li jinvolvu infurzar ta' talbiet pekunarji li jirriżultaw mit-twaqqif ta' proċedimenti ta' infurzar fuq it-talba tal-kreditur u abbażi tal-Artikolu 823 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali lid-debitur ekwivalenti għal 5% tal-valur tat-talba pendenti, iżda mhux anqas minn 1/10 tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar u mhux aktar minn għaxar darbiet tal-ammont tar-remunerazzjoni. Madankollu, fil-każ ta' skontinwità tal-proċedimenti ta' infurzar fuq talba ppreżentata mill-kreditur qabel ma d-debitur jingħata notifika ta' proċedimenti ta' infurzar, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali lid-debitur ekwivalenti għal 1/10 tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar.

Biex jikseb l-infurzar billi jieħu kontroll tal-oġġetti, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa fissa ekwivalenti għal 50% tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar (l-Artikolu 50 tal-Att).

It-tariffa fissa hija ekwivalenti għal 40% tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar (l-Artikolu 51) u pagabbli fir-rigward ta':

ksib tal-pussess ta' proprjetà immobbli u tneħħija ta' kwalunkwe assi mobbli minnha; talba lin-negozji kummerċjali u industrijali biex iħallsu tariffa għal kull kamra tal-bini tal-kumpanija

ħatra ta' amministratur għall-proprjetà immobbli u indokratur biex jissorvelja l-proprjetà immobbli

tneħħija ta' oġġetti jew nies mill-bini, soġġetti għal pagament ta' tariffa separata għal kull kamra

L-ebda tariffa separata ma hija imposta għat-tneħħija ta' oġġetti jew persuni minn bini residenzjali bħal: entrati, alkovi, kurituri, verandi, kmamar tal-banju, dispensi, loġġi, eċċ

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Azzjoni ta' infurzar tittieħed permezz ta' rikors ippreżentat mill-kreditur b'titolu eżegwibbli mehmuż magħha. Ir-rikors għandu jagħti l-isem tad-debitur u jiddefinixxi l-mod ta' kif se jsir l-infurzar, jiġifieri billi jidentifika d-drittijiet tal-proprjetà inkwistjoni. Rigward talbiet ta' infurzar marbutin ma' proprjetà, għandu jiġi indikat ukoll ir-Reġistru tal-Artijiet. Fil-każ ta' infurzar li jinvolvi assi immobbli, ma hemm l-ebda identifikazzjoni dettaljata ta' kull assi mobbli, minħabba li l-infurzar japplika għall-assi mobbli kollha tad-debitur.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-oġġetti kollha jew it-tagħmir li huma inklużi mal-assi tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal azzjoni ta' infurzar, bħal: proprjetà mobbli, proprjetà immobbli, remunerazzjoni għal xogħol, kontijiet tal-bank, frazzjoni tal-proprjetà immobbli, opri tal-baħar u krediti u drittijiet tal-proprjetà oħrajn tad-debitur.

L-Artikoli 829 sa 831 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jimponu ċerti restrizzjonijiet dwar it-tip ta' oġġett jew it-tagħmir li jistgħu jkunu soġġetti għall-eżekuzzjoni. Taħt dawn id-dispożizzjonijiet, l-oġġetti jew it-tagħmir li ġejjin huma eżentati: oġġetti personali u domestiċi, bjankerija, ħwejjeġ ta' taħt u ħwejjeġ ta' kuljum kif jista' jkun meħtieġ b'mod raġonevoli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi domestiċi tad-debitur u l-membri tal-familja dipendenti, kif ukoll ħwejjeġ kif jista' jkun meħtieġ mid-debitur biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu pubbliċi u professjonali; ikel u provvisti ta' fjuwil kif jista' jkun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-debitur u l-membri tal-familja dipendenti tiegħu għal perjodu ta' xahar; għodod u strumenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għad-debitur biex iwettaq ix-xogħol bi ħlas, u materja prima kif jista' jkun meħtieġ għall-proċess ta' produzzjoni għal perjodu ta' ġimgħa, minbarra vetturi bil-mutur.

Minbarra l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, hemm regoli nazzjonali oħrajn li jiddefinixxu t-tipi ta' talbiet li huma eżentati mill-azzjoni ta' infurzar u sa liema punt din l-eżenzjoni tapplika (pereżempju l-Kodiċi tax-Xogħol (*Kodeks pracy*) jiddefinixxi sa liema punt pagament ta' remunerazzjoni għax-xogħol jista' jiġi infurzat).

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

It-titolu eżegwibbli iservi bħala bażi għall-infurzar tat-talba kollha kemm hi, rigward l-assi kollha tal-assi tad-debitur, sakemm mhux stipulat mod ieħor.

Id-debituri huma intitolati biex jimmaniġġjaw l-assi tagħhom, sakemm il-qorti ma ċċaħħadhomx minn dak id-dritt.

Ġaladarba l-proċedimenti ta' infurzar ikunu bdew rigward il-**proprjetà mobbli,** l-uffiċjal ġudizzjarju jissekwestra l-proprjetà u jirreġistra ordni ta' sekwestru. L-effett tas-sekwestru huwa tali li l-ġestjoni tal-proprjetà immobbli sekwestrata ma taffettwax il-proċess tal-proċedimenti u l-proċedimenti ta' infurzar rigward il-proprjetà immobbli ssekwestrata jistgħu jitressqu kontra x-xerrej. Madankollu minħabba raġunijiet importanti, f'kull stadju tal-proċedimenti l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jċedi l-kontroll tal-assi mobbli ssekwestrati lil persuna oħra, li jista' jkun ukoll il-kreditur.

Jekk azzjoni ta' infurzar titressaq għal **proprjetà immobbli**, l-uffiċjal ġudizzjarju l-ewwel jitlob lid-debitur biex iħallas id-dejn fi żmien ġimgħatejn, u fil-każ li jonqos li jagħmel dan jittieħdu miżuri bħal deskrizzjoni u stima tal-proprjetà. Il-ġestjoni tal-proprjetà immobbli wara s-sekwestru ma taffettwax il-proċess tal-proċedimenti aktar 'il quddiem. Ix-xerrej jista' jipparteċipa fil-proċedimenti bħala debitur.

Meta d-debitur ikun mitlub biex **iżomm lura** milli jieħu azzjoni jew jinterferixxi b'azzjoni li tkun ittieħdet mill-kreditur, fuq talba mill-kreditur, il-qorti timponi multa lid-debitur jekk dan jonqos milli jikkonforma ma' dan l-obbligu. Jekk id-debitur jonqos milli jħallas il-multa, jiġi detenut. Għaldaqstant f'dan il-każ, jekk id-debitur jonqos milli jħallas il-multa imposta bħala miżura koerċittiva, jista' jintbagħat il-ħabs.

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma tagħmilx ir-rikorsi għal infurzar soġġetti għal limitu ta' żmien. Madankollu, skont il-liġi Pollakka, talbiet stabbiliti b'sentenza finali tal-qorti jew korp ieħor maħtur biex jisma' kawżi bħal dawn, jew b'deċiżjoni tat-tribunal   ta' arbitraġġ, jew talbiet stabbiliti permezz ta' ftehim milħuq quddiem medjatur u approvat mill-qorti, se jkunu  preskritti wara perjodu ta' għaxar snin, anki jekk il-perjodu ta' limitu għal talbiet bħal dawn huwa iqsar (l-Artikolu 125(1) tal-Kodiċi Ċivili (*Kodeks cywilny*)). Jekk it-talba approvata tkopri l-obbligi perjodiċi, kull talba futura se tkun soġġetta għal preskrizzjoni ta' tliet snin.

It-talbiet għal infurzar jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit jekk ikunux konformi mar-rekwiżiti formali u l-kriterji ta' ammissibilità. In-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti speċifiċi jista' jwassal għar-rifjut tat-talba jew ta' skontinwità tal-proċedimenti ta' infurzar.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jappellaw kontra l-ordni tal-qorti biex tinkorpora klawżola ta' infurzar.

Dawn ir-rimedji li ġejjin huma disponibbli fil-proċedimenti ta' infurzar:

ilment kontra azzjoni ppreżentata mill-uffiċjal ġudizzjarju (fil-qorti distrettwali; dan japplika wkoll għal ommissjonijiet mill-uffiċjal ġudizzjarju. L-ilment jista' jiġi ppreżentat minn parti fil-proċedimenti jew il-persuna li d-drittijiet tagħha ġew miksura jew kompromessi minn tali azzjoni jew ommissjoni min-naħa tal-uffiċjal ġudizzjarju. Dan għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-jum li fih tressaq ir-rikors jew inkella meta l-parti jew il-persuna tkun saret taf bl-ommissjoni);

appell kontra ordni tal-qorti biex tiġi inkorporata klawżola ta' infurzar (l-Artikolu 795 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - il-limitu ta' żmien biex jitressaq l-appell jiġi kkalkulat, fil-każ ta' kreditur, mid-data li fiha l-kreditur ikun ħareġ it-titolu jew meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni ta' rifjut ta' infurzar, jew, fil-każ ta' debitur, mid-data li fiha tkun waslet in-notifika ta' tressiq għal proċeduri ta' infurzar);

appell kontra ordni tal-qorti, li tiddikjara li l-ordni ta' ħlas Ewropea tkun eżegwibbli (l-Artikolu 79577 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti f'każ ta' konkomitanza ta' infurzar amministrattiv u infurzar ġudizzjarju;

appell kontra ordni tal-qorti għal sospensjoni jew abbandun tal-proċedimenti (l-Artikolu 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti għal-limitazzjoni ta' infurzar (l-Artikolu 839 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

ordni tal-qorti għal limitazzjoni ta' infurzar u appell kontra din l-ordni (Artikolu 839 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

azzjonijiet imressqa mid-debitur biex jikkontesta l-miżuri ta' infurzar (l-Artikoli 840 sa 843 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

appelli kontra qorti għal rimborż tan-nefqa tal-indokratur (l-Artikolu 859 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti dwar id-deskrizzjoni u l-attivitajiet ta' stima matul il-preklużjoni;

ilment orali kontra azzjonijiet meħuda mill-uffiċjal ġudizzjarju fil-proċess ta' subbasta, ippreżentat quddiem il-korp superviżorju (l-Artikolu 986 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti għall-għoti ta' kuntratt (l-Artikolu 997 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

allegazzjonijiet rigward il-pjan ta' allokazzjoni għal ammonti rkuprati permezz ta' infurzar (fi żmien ġimagħtejn min-notifika lill-awtorità ta' infurzar li fasslet il-pjan (l-Artikolu 998 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili));

appell kontra ordni tal-qorti dwar allegazzjonijiet rigward il-pjan ta' allokazzjoni (l-Artikolu 1028 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti li jagħti struzzjoni lid-debitur biex jappella kontra ordni tal-qorti rigward l-eżenzjoni mis-sekwestru fi proċedimenti ta' infurzar li jinvolvu t-Teżor (l-Artikolu 1061(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

Skont l-Artikolu 829 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin huma eżenti:

1) oġġetti tad-dar, bjankerija, ħwejjeġ ta' taħt u ħwejjeġ ta' kuljum kif jista' jkun meħtieġ b'mod raġonevoli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi domestiċi tad-debitur u l-membri tal-familja dipendenti tiegħu, kif ukoll ħwejjeġ kif jista' ikun meħtieġ mid-debitur biex iwettaq id-dmirijiet professjonali jew pubbliċi tiegħu;

2) ikel u provvisti ta' fjuwil kif jista' jkun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tad-debitur u l-membri dipendenti tal-familja tiegħu għal perjodu ta' xahar;

3) baqra waħda, żewġ mogħżiet jew tliet nagħġiet meħtieġa għas-sussistenza tad-debitur u d-dipendenti tiegħu, bi provvista suffiċjenti ta' għalf u materjal għall-friex għal sovravivenza sal-ħsad li jmiss;

4) għodod u strumenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għall-użu personalment mid-debitur biex iwettaq xogħol bi ħlas, u materja prima kif jista' jkun meħtieġa għall-proċess ta' produzzjoni għal perjodu ta' ġimgħa, minbarra vetturi bil-mutur;

5) fil-każ li debitur jirċievi remunerazzjoni fissa fuq bażi perjodika - ammont ta' remunerazzjoni li jikkorrispondi għall-parti mir-remunerazzjoni li mhijiex soġġetta għal infurzar għall-perjodu sad-data tal-pagament li jmiss u fil-każ li debitur li ma jirċevix remunerazzjoni fissa - ammont li jikkorrispondi għal mezzi ta' sussistenza għad-debitur u l-membri tal-familja tiegħu għal perjodu ta' ġimagħtejn;

6) oġġetti jew tagħmir meħtieġa għal finijiet edukattivi, dokumenti personali, dekorazzjonijiet u oġġetti użati għal prattika reliġjuża, kif ukoll oġġetti ta' kuljum li jistgħu jinbiegħu biss bi prezz ħafna inqas tal-valur oriġinali tagħhom, iżda b'livell għoli ta' valur ta' utilità għad-debitur;

7) fondi miżmuma fil-kont imsemmi fl-Artikolu 36 (4a) (25) tal-Att ta' Organizzazzjoni tas-Suq tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib tal-20 ta' April 2004 (*Ustawa o organizacji rynku mleka i przetworów mlecznych*) (Ġurnal tal-Liġijiet 2013, punti 50 u 1272);

8) prodotti mediċinali fit-tifsira tal-Att tal-Farmaċewtika tas-6 ta' Settembru 2001 (*Prawo farmaceutyczne*) (Ġurnal tal-Liġijiet tal-2008, Nru 45, punt 271, kif emendat) meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb ta' entità tal-kura tas-saħħa fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet dwar l-attività medika għal perjodu ta' tliet xhur, u l-apparat mediku meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tiegħu skont it-tifsira tal-Att dwar it-Tagħmir Mediku tal-20 ta' Mejju 2010 (*Ustawa o wyrobach medycznych*) (Ġurnal tal-Liġijiet Nru 107, punt 679; 2011/102, punt 586; u 2011/113, punt 657);

9) oġġetti jew tagħmir ieħor meħtieġa minħabba diżabbiltà tad-debitur jew tal-membri tal-familja tiegħu.

Skont l-Artikolu 831(1), dawn li ġejjin huma eżenti:

1) il-ħlasijiet u l-benefiċċji *in natura* mwarrba biex ikopru l-ispejjeż jew l-ispejjeż tal-ivvjaġġar minħabba xogħol;

2) is-somom allokati mit-Teżor għal skopijiet speċjali (b'mod partikolari boroż ta' studju u skemi ta' appoġġ), sakemm it-talba infurzata ma tkunx stabbilita għal dawn l-għanijiet jew tkun riżultat ta' obbligi ta' manteniment;

3) ir-riżorsi mill-programmi ffinanzjati mill-fondi msemmija fl-Artikolu 5(1)(2) u (3) tal-Att dwar il-Finanzi Pubbliċi tas-27 ta' Awwissu 2009 (*Ustawa o finansach publicznych*) (Ġurnal tal-Liġijiet 2013, punti 885, 938 u 1646), sakemm it-talba infurzata ma tkunx ġiet stabbilita għall-implimentazzjoni tal-proġett li għalih dawn il-fondi ġew allokati;

4) drittijiet inaljenabbli, sakemm ma jsirux trasferibbli skont il-ftehim, u s-servizzi pprovduti jistgħu jiġu infurzati jew l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jista' jiġi fdat lil entità oħra;

5) benefiċċji ta' assigurazzjoni personali u talbiet ta' assigurazzjoni tal-proprjetà, fil-limiti definiti, permezz ta' regolament, mill-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Ġustizzja; dan ma japplikax għal miżuri ta' infurzar li jissodisfaw it-talbiet li jirriżultaw minn obbligi ta' manteniment;

6) għajnuna soċjali fit-tifsira tal-Att dwar l-Assistenza Soċjali tat-12 ta' Marzu 2004 (*Ustawa o pomocy społecznej*) (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-punt 182, kif emendat);

7) ammonti pagabbli lid-debitur mill-baġit tal-Istat jew il-Fond Nazzjonali tas-Saħħa għall-għoti ta' benefiċċji tal-kura tas-saħħa fit-tifsira tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa ffinanzjata Pubblikament tas-27 ta' Awwissu 2004 (*Ustawa o świadczeniach opieki zdrowotnej finansowanych ze środków publicznych*) (Ġurnal tal-Liġijiet 2008/164, punt 1027, kif emendat) qabel it-tmiem ta' tali benefiċċji, f'ammont li jikkorrispondi għal 75 % ta' kull pagament, sakemm dawn ma jkunux talbiet mill-impjegati tad-debitur jew fornituri tal-kura tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 5(41)(a) u (b) tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa ffinanzjata Pubblikament tas-27 ta' Awwissu 2004.

Skont l-Artikolu 833(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ir-remunerazzjoni għax-xogħol hija infurzata kif speċifikat fil-Kodiċi tax-Xogħol. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal benefiċċji tal-qgħad, ħlas ta' inċentiv, boroż ta' studju u benefiċċji għal taħriġ, pagabbli taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

Skont l-Artikolu 871(1)1 tal-Kodiċi tax-Xogħol, dawn l-ammonti ta' remunerazzjoni li ġejjin mhumiex soġġetti għal tnaqqis:

1) is-salarju minimu fiss stabbilit taħt dispożizzjonijiet separati, pagabbli lil persuni impjegati full-time, wara t-tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxi minn ras l-għajn, nieqes l-ammonti infurzati minn titoli li jistgħu jkunu infurzati biex isolvu t-talbiet minbarra ħlasijiet ta' manteniment;

2) il-75 % tar-remunerazzjoni speċifikat f'paragrafu 1 – wara tnaqqis ta' pagamenti fi flus kontanti bil-quddiem mogħtija lill-impjegat;

3) id-90 % tar-remunerazzjoni speċifikat f'paragrafu 1 – wara li jitnaqqsu l-multi previsti fl-Artikolu 108.

Jekk l-impjegat ikun qiegħed jaħdem fuq bażi part-time, l-ammonti msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kodiċi tax-Xogħol jitnaqqsu proporzjonalment skont il-ħin tax-xogħol.

L-aħħar aġġornament: 18/12/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Rumanija

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Id-dispożizzjonijiet ta' infurzar huma stabbiliti fl-Artikoli 622–913 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Il-proċedura ta' infurzar hija t-tieni fażi tal-proċedimenti ċivili u hija maħsuba prinċipalment biex jiġi żgurat l-eżerċizzju attwali tad-dritt rikonoxxut permezz ta' sentenza tal-qorti jew dokument eżekutorju ieħor. Billi jirrikorri għall-proċedura ta' infurzar, il-kreditur li jkun id-detentur ta' dritt rikonoxxut skont sentenza tal-qorti/dokument eżekutorju jobbliga lid-debitur biex jissodisfa dawk l-obbligi tiegħu bħala debitur li jkun irrifjuta li jilħaq b'mod volontarju.

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Rumena jistabbilixxi lista ta' miżuri ta' infurzar diretti u indiretti.

Miżuri diretti ta' infurzar huma dawk relatati mal-oġġett tad-dejn stabbilit f'dokument eżekutorju, b'mod aktar speċifiku sekwestru ta' proprjetà mobbli - l-Artikoli 892–894 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; sekwestru ta' proprjetà immobbli - l-Artikoli 895–901 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; u infurzar ta' obbligu biex tittieħed xi azzjoni jew li jinżamm lura milli tittieħed xi azzjoni - l-Artikoli 902–913 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (inklużi dispożizzjonijiet speċjali dwar l-infurzar ta' sentenzi rigward minorenni - l-Artikoli 909–913) u l-Artikoli 1527 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili. Rigward l-infurzar ta' obbligi biex tittieħed azzjoni, il-liġi tiddistingwi bejn obbligu li jista' jiġi eżegwit ukoll minn persuna oħra minbarra d-debitur u obbligu *intuitu personae*.

Infurzar indirett jirreferi għall-mezzi biex jinkiseb il-ħlas soġġett għad-dokument eżekutorju permezz tal-bejgħ obbligatorju tal-propjetà tad-debitur. Eżempji ta' miżuri ta' infurzar indirett jinkludu s-sekwestru ta' flus jew l-irkupru (segwit mill-bejgħ) ta' proprjetà. Miżura oħra hija l-irkupru ta' rikavat ġenerali minn proprjetà immobbli.

L-obbligi li x'aktarx ikunu soġġetti għall-infurzar huma obbligi li jsir ħlas, għal trasferiment ta' proprjetà jew l-użu tagħha, jew twaqqigħ jew ikklerjar ta' bini /pjantazzjonijiet/xogħlijiet, jew l-għoti ta' kustodja ta' minuri u l-istabbiliment tar-residenza tagħhom u l-iskeda ta' żjajjar.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Is-sentenzi tal-qorti u d-dokumenti eżekutorji l-oħrajn jiġu eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar (*executor judecătoresc*), li l-uffiċċju tiegħu ikun jinsab fiż-żona tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-appell fejn tinsab il-proprjetà immobbli, fil-każ ta' infurzar fir-rigward ta' oġġetti immobbli/frott mhux miġbur u fil-każ ta' infurzar dirett fir-rigward ta' proprjetà immobbli. L-irkupru infurzat ta' oġġetti mobbli u l-infurzar dirett ta' proprjetà mobbli jiġu eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, li l-uffiċċju tiegħu jkun jinsab fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-appell, fejn id-debitur ikollu r-residenza/l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew fejn tkun tinsab il-proprjetà. Jekk il-post ta' residenza/l-uffiċċju reġistrat tad-debitur ikun jinsab barra mill-pajjiż, kull uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar ikun kompetenti.

L-ordni ta' sekwestru tiġi eżegwita fuq talba tal-kreditur minn uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, li l-uffiċċju tiegħu jkun jinsab fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-appell, fejn id-debitur jew terza persuna soġġetta għal sekwestru għandha r-residenza/l-uffiċċju reġistrat tagħha. Jekk il-kontijiet bankarji ta' persuna fiżika jew legali ikunu ġew sekwestrati, il-kompetenza taqa' taħt l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, li l-uffiċċju tiegħu jinsab fil-kompetenza tal-qorti tal-appell fejn id-debitur għandu r-residenza/l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew meta l-bank, fejn il-bank fejn id-debitur fetaħ il-kont tiegħu, ikollu l-uffiċċju prinċipali/il-fergħa tiegħu. Jekk id-debitur ikollu diversi kontijiet miftuħa, il-kompetenza għas-sekwestru tal-kontijiet kollha taqa' f'idejn l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, fi kwalunkwe post fejn ikunu nfetħu. Il-qorti ta' infurzar hija l-qorti distrettwali (*judecătorie*), li fil-ġuriżdizzjoni tagħha jinsabu r-residenza/l-uffiċċju reġistrat tad-debitur, fid-data ta' riferiment quddiem il-qorti ta' infurzar. Jekk il-post ta' residenza tad-debitur/l-uffiċċju reġistrat ikunu fir-Rumanija, il-ġuriżdizzjoni taqa' f'idejn il-qorti distrettwali, li fil-ġuriżdizzjoni tagħha jkunu r-residenza/l-uffiċċju reġistrat tal-kreditur, u jekk din ir-residenza jew dan l-uffiċċju rreġistrat ma jkunux fir-Rumanija, il-qorti distrettwali li fil-ġuriżdizzjoni tagħha jkun l-uffiċċju rreġistrat tal-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, li ngħata s-setgħat mill-kreditur.

Il-qorti ta' infurzar tittratta t-talbiet b'applikazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' eżegwibbiltà, appelli kontra azzjonijiet ta' infurzar u kwalunkwe kwistjoni oħra li tinqala' matul il-proċess ta' infurzar, ħlief għal dawk li bil-liġi jkunu fil-ġuriżdizzjoni ta' qrati jew korpi oħra.

Il-ħlas ta' bolli għal applikazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' infurzar hija RON 20 għal kull dokument eżekutorju (l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80/2013 fuq il-ħlas ta' bolli legali, kif emendat u supplimentat sussegwentement).

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

#### 3.1 Il-proċedura

L-infurzar jista' jitwettaq biss taħt sentenza tal-qorti (sentenzi finali, deċiżjonijiet eżekutorji provviżorji) jew att ieħor meqjus bħala dokument eżekutorju skont il-liġi (atti awtentiċi notarili, titoli ta' dejn, l-għoti ta' arbitraġġ, eċċ.).

Hekk kif jirċievu t-talba għal infurzar ippreżentata mill-kreditur, l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar jordna biex din it-talba tiġi rreġistrata. L-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, permezz ta' deċiżjoni, joħroġ dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, mingħajr ma jsejjaħ lill-partijiet. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tippermetti lill-kreditur biex jitlob lill-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar kompetenti biex jagħmel użu, jew simultanjament jew suċċessivament, tal-mezzi ta' infurzar kollha disponibbli sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għall-kumpens tal-ispejjeż ta' infurzar. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha effett fil-pajjiż kollu u tkopri wkoll dokumenti eżekutorji, li jinħarġu mill-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar fil-kuntest tal-proċedura ta' infurzar approvata.

Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu nnotifikati mill-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, jew personalment inkella permezz tal-aġent proċedurali tiegħu u jekk dan ma jkunx possibbli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali dwar it-tħarrik u ta'notifika tal-atti proċedurali.

Hekk kif jirċievi t-talba għal infurzar, l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, permezz ta' deċiżjoni, jordna biex it-talba tiġi reġistrata u biex jinfetaħ il-fajl ta' infurzar, jew fejn applikabbli, jirrifjuta li jibda l-proċedura ta' infurzar, billi jagħti r-raġunijiet għal dan ir-rifjut. Il-kreditur jiġi mgħarraf minnufih b'din id-deċiżjoni. Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar jirrifjuta li jibda l-proċedura ta' infurzar, fi żmien 15-il mid-data tan-notifika, il-kreditur jista' jressaq ilment quddiem il-qorti, li jittratta l-proċedimenti ta' infurzar.

Fi żmien mhux aktar minn tlett ijiem minn meta tkun ġiet irreġistrata t-talba, l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar jitlob dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà mill-qorti li qed tittratta l-proċedimenti ta' infurzar u jippreżentaha lil din il-qorti, kopji ċertifikati kif imiss, it-talba tal-kreditur, id-dokument eżekutorju, il-forma ta' deċiżjoni mitluba u l-prova tal-ħlas tal-bolli legali.
Ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jinstema' mhux aktar tard minn sebat ijiem mir-reġistrazzjoni tagħha quddiem il-qorti b'ordni bil-magħluq, mingħajr ma l-partijiet jiġu mħarrka. Id-deċiżjoni jista' jkun li jkollha dewmien ta' mhux iżjed minn 48 siegħa, u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni għandhom jingħataw mhux aktar minn sebat ijiem minn din id-deċiżjoni.
Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tippermetti lill-kreditur biex jitlob lill-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, li talab id-dikjarazzjoni biex jagħmel użu, jew simultanjament jew suċċessivament, tal-mezzi kollha disponibbli ta' infurzar previsti mil-liġi sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għall-kumpens tal-spejjeż ta' infurzar. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha effett fil-pajjiż kollu, u tkopri wkoll dokumenti eżekutorji, li jinħarġu mill-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar, fil-kuntest tal-proċedura ta' infurzar approvata.
Il-qorti tista' tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà biss jekk: it-talba taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' korp ta' infurzar differenti minn dak li fil-fatt tressqet it-talba quddiemu; id-deċiżjoni jew, fejn applikabbli, id-dokument mhuwiex dokument eżekutorju; id-dokument, għajr deċiżjoni tal-qorti, ma jissodisfax ir-rekwiżiti formali kollha; id-dejn mhuwiex ċert, ta' ammont fiss u dovut; id-debitur igawdi minn immunità mill-infurzar; id-dokument jinkludi dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu ssodisfati permezz ta' infurzar; xkiel ieħor.
Id-deċiżjoni li biha l-qorti tilqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ma tistax tiġi appellata, iżda tista' tiġi rieżaminata jekk l-infurzar innifsu jiġi kkontestat. Deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tista' tiġi appellata esklużivament mill-kreditur u fi żmien 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni.
L-ordni għall-infurzar, li jaqra kif ġej, jiżdied mal-aħħar parti tad-deċiżjoni dwar id-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà:
"Il-firmatarju, il-President tar-Rumanija,
jagħti s-setgħat u l-istruzzjonijiet lill-uffiċjali ġudizzjarji ta' infurzar biex jinfurzaw it-titolu (hawnhekk jiddaħħlu d-dettalji ta' identifikazzjoni tat-titolu eżegwibbli) li għalih ħarġet din id-deċiżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà. Jordna lill-korpi pubbliċi tal-infurzar tal-liġi biex jappoġġaw l-applikazzjoni fil-pront u effettiva tal-azzjonijiet ta' infurzar kollha, u lill-prosekuturi biex jinsistu dwar il-konformità tat-titolu eżegwibbli skont il-liġi. (tiddaħħal: il-firma tal-president tal-bord ta' mħallfin u tal-iskrivan tal-qorti.)"
L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji ta' Infurzar (*Uniunea Naţională a Executorilor Judecătoreşti*) tistabbilixxi u taġġorna, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja, it-tariffi minimi għas-servizzi pprovduti minn uffiċċjali ġudizzjarji ta' infurzar. Dawn it-tariffi minimi u massimi li ġejjin għall-attivitajiet imwettqa ġew stabbiliti permezz tal-Ordni Nru 2550/2006 tal-14 ta' Novembru 2006 tal-Ministru tal-Ġustizzja:
*Komunikazzjoni u notifika tal-atti proċedurali – RON 20-400*
*Infurzar dirett*
evizzjonijiet: RON 150-2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika, RON 5 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
l-għoti ta' kustodja ta' minorenni jew l-istabbiliment tad-domiċilji tal-minorenni: RON 50-1 000
żjara lill-minuri – RON 50-500
tqegħid f'pussess, stabbiliment tal-limiti ta' proprjetà, servitujiet, trasferiment ta' proprjetà, eċċ.: RON 60-2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika u RON 5 200 f'każ li d- debitur ikun persuna ġuridika
approvazzjoni ta' xogħlijiet jew bini: RON 150-2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika u RON 5 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
*Infurzar indirett*

| tariffa minima | tariffa massima |
|---|---|
| għal dejn ta' anqas minn RON 50 000, 10 % tal-ammont u RON 75 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 1 000 | 10 % għal dejn sa RON 50 000 |
| għal dejn bejn RON 50 000 u RON 80 000, RON 1 175 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 50 000 | għal dejn bejn RON 50 000 u RON 80 000, RON 5 000 b'żieda ta' 3 % tal-ammont li jeċċedi RON 50 000 |
| għal dejn bejn RON 80 000 u RON 100 000, RON 1 775 b'żieda ta' 1 % tal-ammont li jeċċedi RON 80 000 | għal dejn bejn RON 80 000 u RON 100 000, RON 5 900 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 80 000 |
| għal dejn 'il fuq minn RON 100 000, RON 2 500 b'żieda ta' 1 % tal-ammont li jeċċedi RON 100 000 u RON 5 500 b'żieda ta' mhux aktar minn 0,5 % tal-ammont li jeċċedi RON 400 000 | għal dejn 'il fuq minn RON 100 000, RON 6 300 b' żieda ta' mhux aktar minn 1 % tal-ammont li jeċċedi l-valur ta' RON 100 000. |

*Anness*

| | |
|---|---|
| għal dejn ta' anqas minn RON 50 000, 10 % tal-ammont u RON 75 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 1 000 | 10 % għal dejn sa RON 50 000 |
| għal dejn bejn RON 50 000 u RON 80 000, RON 1 175 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 50 000 | għal dejn bejn RON 50 000 u RON 80 000, RON 5 000 b'żieda ta' 3 % tal-ammont li jeċċedi RON 50 000 |
| għal dejn bejn RON 80 000 u RON 100 000, RON 1 775 b'żieda ta' 1 % tal-ammont li jeċċedi RON 80 000 | għal dejn bejn RON 80 000 u RON 100 000, RON 5 900 b'żieda ta' 2 % tal-ammont li jeċċedi RON 80 000 |
| għal dejn 'il fuq minn RON 100 000, RON 2 500 b'żieda ta' 1 % tal-ammont li jeċċedi RON 100 000 u RON 5 500 b'żieda ta' mhux aktar minn 0,5 % tal-ammont li jeċċedi RON 400 000 | għal dejn 'il fuq minn RON 100 000, RON 6 300 b' żieda ta' mhux aktar minn 1 % tal-ammont li jeċċedi RON 100 000 |

*Rifjut ta' ħlas ta' kambjala, ċedola jew ċekk* RON 150–400
*Stabbiliment ta' fatti u inventarji ta' oġġetti*: RON 100-2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika, RON 5 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
*Bejgħ bis-subbasta ta' prodott soġġett għat-tqassim ġudizzjarju* RON 150–2 200
*Qbid kawtelatorju*: RON 100-1 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika, RON 2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
*Sekwestru ġudizzjarju*: RON 100-1 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika, RON 2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
*Sekwestru kawtelatorju*: RON 100-1 200 f'każ li d-debitur ikun persuna fiżika, RON 2 200 f'każ li d-debitur ikun persuna ġuridika
*Rekord ta' offerta ta' valur reali:* RON 50-350
*Konfiski* 10 % tar-rikavat (min.) — 10 % tar-rikavat (mass.)

*Parir għat-tħejjija ta' dokumenti eżekutorji*: RON 20-200

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Jekk jogħġbok ara r-risposta għall-Mistoqsija 2.1.

Il-kreditur u d-debitur jistgħu jaqblu li l-azzjoni ta' infurzar tittieħed kompletament/parzjalment kontra l-introjtu monetarju tad-debitur biss, li l-oġġetti soġġetti għal irkupru jinbiegħu bi ftehim jew li d-dejn jitħallas b'mezzi oħra ammissibbli skont il-liġi.

Għal deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija, hija meħtieġa proċedura addizzjonali, kif xieraq, jiġifieri deċiżjoni li tiddikjara l-infurzabbiltà (*exequatur*).

Id-dħul tad-debitur u l-oġġetti jistgħu jkunu soġġetti għall-infurzar jekk jistgħu jiġu rkuprati u sakemm ikun meħtieġ biss li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-kredituri.

Il-proprjetà soġġetta għal reġimi ta' ċirkolazzjoni speċjali tista' tiġi rkuprata biss skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi.

Fir-rigward tad-debitur, hemm kundizzjoni speċjali li permezz tagħha l-ebda proċedura ta' infurzar ma tinbeda jekk id-debitur ma jkunx ġie mħarrek kif xieraq għal kull forma ta' infurzar. Hemm ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn rigward id-debitur, bħalma huma dawk li jirrigwardaw id-debituri minuri jew id-debituri ewlenin iddikjarati bħala li ma għandhomx kapaċità ġuridika, li kontrihom ma tkunx tista' ssir azzjoni ta' infurzar, sakemm ma jkunx hemm it-tutur jew il-kustodju.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Id-dħul tad-debitur, inklużi dħul ġenerali minn bini, ammonti f'kontijiet bankarji, oġġetti mobbli u immobbli, eċċ. jista' jkun soġġett għall-infurzar. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-Mistoqsija 1.

### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Wara li l-oġġetti mobbli li huma proprjetà tad-debitur jew miżmuma minn partijiet terzi ikunu ġew identifikati, jiġu maqbuda. Fuq talba tal-uffiċjal ġudizzjarja ta' infurzar, il-qbid jista' jiġi rreġistrat fir-Reġistru tan-Negozju (*registrul comerţului*), Arkivju Elettroniku ta' Kollateral ta' Proprjetà Immobbli (*Arhiva Electronică de Garanţii Reale Mobiliare*), fil-ktieb ta' suċċessjoni (*registrul succesoral*) miżmum mill-Kamra tan-Nutara Pubbliċi (*camera notarilor publici*) jew f'reġistri pubbliċi oħrajn. Minn meta jsir il-qbid tal-oġġetti, dawn ma jibqgħux disponibbli għad-debitur għall-perjodu ta' infurzar, soġġetti għal penali mat-talba ta' multa ġudizzjarja ħlief meta l-att ikun jikkostitwixxi reat. Jekk l-ammont dovut ma jitħallasx, l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar ibigħ l-oġġetti maqbuda f'subbasta, jew permezz ta' bejgħ dirett, inkella permezz ta' mezzi oħra ammissibbli skont il-liġi (l-Artikolu 730 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Is-somom ta' flus, it-titoli jew assi oħra intanġibbli mobbli, li jistgħu jiġu rkuprati u li huma dovuti lid-debitur jew miżmuma f'isem terza persuna jew li l-parti terza jkollha tħallas lilu fil-futur taħt ir-relazzjonijiet legali attwali huma soġġetti għal sekwestru. Hekk kif tintbagħat l-ordni ta' sekwestru lill-parti terza soġġetta għal sekwestru, is-somom ta' flus u l-assi kollha ssekwestrati jiġu ffriżati. Minn meta jsir l-iffriżar sal-pagament sħiħ tal-obbligi ddikjarati fid-dokument eżekutorju, il-parti terza soġġetta għal sekwestru ma tagħmel l-ebda ħlas jew twettaq operazzjoni li jistgħu jnaqqsu l-assi ffriżati. Jekk il-parti terza soġġetta għal sekwestru tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward ta' talba għal sekwestru, il-kreditur li jkun qed jitlob ħlas, id-debitur jew l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar jistgħu jinnotifikaw il-qorti responsabbli mill-infurzar sabiex tivvalida s-sekwestru. Id-deċiżjoni finali ta' validazzjoni għandha l-effetti ta' ċessjoni tat-talba u tikkostitwixxi dokument eżekutorju kontra l-parti terza soġġetta għas-sekwestru. Wara li jiġi vvalidat is-sekwestru, il-parti terza soġġetta għal sekwestru tiddepożita jew tħallas somma, fil-limiti tal-ammont indikat espressament fid-deċiżjoni ta' validazzjoni. Jekk il-parti terza tonqos milli tissodisfa dawn l-obbligi, tista' tittieħed azzjoni ta' infurzar kontra t-terza persuna soġġetta għal sekwestru abbażi tad-deċiżjoni ta' validazzjoni (l-Artikolu 780 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar ta' proprjetà immobbli, jekk id-debitur ma jħallasx id-dejn tiegħu, l-uffiċjal ġudizzjarju ta' infurzar jiftaħ proċedura ta' bejgħ wara li ssir id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u tiddaħħal fir-reġistru tal-artijiet (l-Artikolu 812 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-miżuri jintemmu sitt xhur mid-data ta' konformità ma' kwalunkwe azzjoni ta' infurzar (l-Artikolu 696 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) jekk il-kreditur ikun ħalla dan il-perjodu jiskadi mingħajr ma ħa l-ebda azzjoni ta' rkupru.

Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' tliet snin (l-Artikolu 705 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Jista' jsir appell kontra l-azzjonijiet ta' infurzar attwali; jista' jsir appell fuq id-dokument eżekutorju għal kjarifika dwar it-tifsira, l-ambitu jew l-applikazzjoni tad-dokument. Jekk tittieħed azzjoni ta' infurzar skont sentenza tal-qorti, id-debitur ma jistax jikkontestaha billi jinvoka r-raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi li huwa seta' jippreżenta waqt il-proċess quddiem il-qorti tal-prim'istanza jew billi jagħmel appell kontra din is-sentenza. Appell ġdid ma jistax jiġi ppreżentat mill-istess parti għar-raġunijiet li kienu jeżistu fid-data tal-ewwel appell.

Il-Qorti kompetenti hija l-qorti ta' infurzar jew, għal kjarifika tat-tifsira, l-ambitu/l-applikazzjoni tad-dokument eżekutorju, il-qorti li tat is-sentenza li għandha tiġi infurzata.

L-appell jista' jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mid-:

data meta l-appellant ikun ġie mgħarraf b'din l-ordni ta' infurzar;

data li fiha l-parti interessata rilevanti tkun saret taf bl-impożizzjoni ta' sekwestru;

data meta d-debitur ikun ġie nnotifikat bit-taħrika jew id-data meta jkun ġie mgħarraf bl-ewwel miżura ta' infurzar.

Appell għal kjarifika tat-tifsira, l-ambitu jew l-applikazzjoni ta' dokument eżekutorju jista' jiġi ppreżentat fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' limitazzjoni tad-dritt ta' talba għal azzjoni ta' infurzar. Appell li permezz tiegħu parti terza ssostni li jkollha dritt ta' sjieda/dritt *in rem* fuq proprjetà irkuprata, jista' jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum minn bejgħ/data ta' trasferiment tal-proprjetà. In-nuqqas li jsir appell fil-limitu taż-żmien imsemmi hawn fuq ma jipprekludix lill-parti terza milli teżerċita d-dritt tagħha permezz ta' rikors separat.

Jekk iżżomm l-appell kontra l-infurzar, il-qorti, fejn applikabbli, tikkanċella l-ordni ta' infurzar jew toħroġ ordni għall-korrezzjoni, annullament jew tmiem tal-azzjoni ta' infurzar innifisha, l-annullament jew il-kjarifika tad-dokument eżekutorju jew it-teħid tal-konformità tal-pass ta' infurzar li permezz tiegħu ġie miċħud. Jekk l-appell jiġi miċħud, l-appellant jista' jiġi obbligat li jħallas kumpens, fuq talba, għal danni kkawżati mid-dewmien tal-infurzar u meta l-appell ikun ġie ppreżentat *in malafede*, huwa jkun obbligat li jħallas multa.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Ċerti oġġetti u proprjetà huma eżentati. Fir-rigward ta' proprjetà mobbli, din tinkludi: oġġetti għal użu personali jew tad-dar indispensabbli għall-għajxien tad-debitur u l-familja tiegħu; oġġetti reliġjużi; oġġetti indispensabbli għal persuni b'diżabbiltà u dawk maħsuba għall-kura ta' persuni morda; ikel meħtieġ għad-debitur u l-familja tiegħu għal tliet xhur u, jekk id-debitur ikun jgħix esklussivament fuq il-biedja, l-ikel meħtieġ sal-ħsad li jmiss; annimali maħsuba biex jinkisbu l-mezzi ta' għajxien, u l-għalf meħtieġ għal dawn l-annimali sal-ħsad li jmiss; fjuwil meħtieġ għad-debitur u l-familja tiegħu għal tliet xhur tax-xitwa; ittri personali jew familjari, ritratti, pitturi, eċċ.

Barra minn hekk, is-salarju tad-debitur/il-pensjoni jistgħu jiġu rkuprati biss sa nofs il-paga mensili netti tiegħu, fil-każ ta' ammonti dovuti bħala obbligu ta' manteniment, u sa terz tal-pagi mensili netti biss għal tipi oħra ta' obbligu.

Jekk id-dħul mix-xogħol jew somom ta' flus imħallsa regolarment lid-debitur li jiżguraw l-għajxien tiegħu jammontaw għal anqas mill-paga minima nazzjonali netta, l-irkupru jista' jsir biss fuq l-ammont ta' aktar minn nofs il-paga minima.

Kategorija waħda ta' dħul li hija eskluża mill-infurzar, tikkonsisti f'benefiċċji tal-gvern, benefiċċji għat-tfal, pagamenti għall-kura ta' tfal morda, benefiċċji għat-tqala, mewt, boroż ta' studju mogħtija mill-Istat, sussistenza ta' kuljum, eċċ.

**Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba għall-Mistoqsija 4.3.**

**Links rilevanti**

http://www.executori.ro/ http://www.just.ro/

L-aħħar aġġornament: 24/08/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna sl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Slovenja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Fir-Repubblika tas-Slovenja, l-infurzar huwa regolat b'mod uniformi mill-Att dwar l-Infurzar u l-Assigurazzjoni ta' Pretensjonijiet Ċivili (*Zakon o izvršbi in zavarovanju* – ZIZ). Infurzar tfisser l-eżekuzzjoni sfurzata ta' titolu li jista' jkun infurzat minn qorti, li tordna t-twettiq ta' talba (l-għoti, it-twettiq, il-waqfien jew l-għoti ta' permess). L-infurzar ta' pretensjoni monetarja huwa permess ukoll abbażi ta' dokument awtentiku. B'mod eċċezzjonali, l-infurzar fi kwistjonijiet familjari jista' jinvolvi l-infurzar ta' talbiet fir-rigward ta' relazzjonijiet.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-qrati, speċifikament il-qrati lokali (*okrajna sodišča*), huma kompetenti biex jippermettu u jesegwixxu l-infurzar.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Qorti tippermetti infurzar abbażi ta' titolu li jista' jkun infurzat.

**Titoli li jistgħu jkunu infurzati jinkludu:**

deċiżjoni eżegwibbli tal-qorti (sentenza jew deċiżjoni arbitrali, deċiżjoni, ħlas jew ordni oħra tal-qorti jew arbitraġġ) u soluzzjoni bil-qorti (konkluża quddiem qorti);

rekord notarili eżegwibbli; u

deċiżjoni eżegwibbli oħra jew dokument li bil-liġi huwa speċifikat bħala titolu li jista' jkun infurzat, trattat internazzjonali rratifikat u ppubblikat jew att legali tal-Unjoni Ewropea direttament applikabbli fir-Repubblika tas-Slovenja.

Titolu li jista' jkun infurzat jista' jiġi infurzat jekk ikun fih informazzjoni dwar il-kreditur, id-debitur u s-suġġett, it-tip, il-kamp ta' applikazzjoni u ż-żmien għat-twettiq tal-obbligu (l-Artikolu 21(1) taż-ZIZ). Meta titolu li jista' jkun infurzat ikun deċiżjoni li ma tistabbilixxix it-terminu perentorju għat-twettiq volontarju tal-obbligu, it-terminu perentorju jiġi determinat minn qorti fid-deċiżjoni ta' infurzar tagħha.

### 3.1 Il-proċedura

Proċedimenti dwar infurzar u proċedimenti dwar interess ta' garanzija jibdew fuq talba ta' kreditur. It-talba tista' tiġi ppreżentata direttament minn kreditur, peress li r-rappreżentazzjoni permezz ta' avukat mhijiex obbligatorja. Normalment dawn it-talbiet għal infurzar jiġu ppreżentati permezz ta' avukat li jkollu għarfien legali rilevanti. Qorti lokali hija kompetenti biex tisma dawn il-każijiet. Minkejja d-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni territorjali, talbiet għal infurzar ibbażati fuq dokument awtentiku jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Lokali f'Ljubljana (*Okrajno sodišče vs. Ljubljani*), li tiddeċiedi dwarhom. Rigward il-possibbiltà jew in-neċessità ta' preżentata elettronika ta' applikazzjonijiet fi proċedimenti ta' infurzar, jekk jogħġbok ara t-taqsima dwar l-'ipproċessar awtomatiku'.

Id-dritt tal-qorti għandu jitħallas fil-ħin li tiġi ppreżentata talba għal infurzar, oġġezzjoni jew appell kontrih. Id-dritt tal-qorti għandu jitħallas fi żmien 8 ijiem wara n-notifika tal-ordni għall-ħlas tad-dritt tal-qorti. Jekk id-dritt tal-qorti ma jitħallasx f'dan il-limitu ta' żmien u ma jkunx hemm kundizzjonijiet li jippermettu r-rinunzja jew id-differiment tal-ħlas jew il-ħlas tad-dritt f'pagamenti akkont, il-preżentata titqies bħala rtirata.

Meta qorti tirċievi talba għal infurzar, tivverifika jekk it-talba jkunx fiha l-elementi kollha meħtieġa u mbagħad toħroġ deċiżjoni dwar l-infurzar li permezz tagħha tippermetti l-infurzar jew tiċħad it-talba għall-infurzar (minħabba li ma tkunx ġustifikata fil-mertu) jew tiċħad it-talba għall-infurzar (għal raġunijiet proċedurali). Il-qorti tinnotifika d-deċiżjoni dwar l-infurzar lill-kreditur u lid-debitur meta l-infurzar jiġi permess u lill-kreditur biss meta din tiġi miċħuda. Id-deċiżjoni dwar l-infurzar li permezz tagħha jinħatar aġent tal-infurzar jew deċiżjoni dwar il-ħatra ta' aġent tal-infurzar tiġi nnotifikata mill-qorti lill-aġent tal-infurzar, flimkien ma' kopji tad-dokumenti kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-infurzar.

Il-qorti tista' tippermetti l-infurzar ta' pretensjoni monetarja permezz tal-metodi u fuq dawk il-beni li huma ddikjarati fit-talba għall-infurzar. Qabel jintemmu l-proċedimenti ta' infurzar, il-qorti tista', fuq talba tal-kreditur, tippermetti infurzar permezz ta' metodi addizzjonali u ta' oġġetti differenti.

Il-qorti tista' tordna l-infurzar permezz ta' metodu differenti minn dak mitlub minn kreditur meta l-metodu alternattiv ikun biżżejjed biex tħallas il-pretensjoni. L-ebda appell ma jista' jiġi ppreżentat kontra deċiżjoni li tiċħad talba ta' kreditur għall-infurzar.

L-infurzar isir legalment effettiv qabel issir finali d-deċiżjoni dwar l-infurzar, sakemm il-liġi ma tistabbilixxix mod ieħor għal miżuri speċifiċi ta' infurzar.Il-kreditur ma jistax jitħallas qabel ma deċiżjoni dwar l-infurzar issir finali ħlief f'każ ta' infurzar ibbażat fuq titolu li jista' jkun infurzat kontra l-flus tad-debitur miżmuma f' istituzzjoni tal-ħlas (infurzar ibbażat fuq titolu li jista' jkun infurzat), sakemm it-titolu li jista' jkun infurzat jkun mehmuż mat-talba għall-infurzar.

Il-qorti taħtar aġent tal-infurzar fid-deċiżjonijiet tagħha li jippermettu infurzar li jkun jeħtieġ miżuri diretti ta' infurzar.

**L-aġenti tal-infurzar**

L-aġenti tal-infurzar huma persuni li jwettqu miżuri diretti ta' infurzar u ta' sigurtà (iwettqu fiżikament l-infurzar – jiġifieri jissekwestraw proprjetà, jispeċifikaw il-garanzija, eċċ.). Aġenti tal-infurzar jinħatru mill-ministru responsabbli għall-ġustizzja. L-għadd tagħhom u l-post fejn ikunu stabbiliti jiġu determinati mill-ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex f'kull territorju ta' qorti distrettwali (*okrožno sodišče*) ikun hemm talanqas aġent wieħed tal-infurzar, filwaqt li l-aġenti tal-infurzar li jifdal jiġu assenjati fit-territorji tal-qrati distrettwali skont l-għadd ta' każijiet ta' infurzar quddiem il-qrati lokali fi ħdan kull territorju tal-qorti distrettwali. F'każijiet ta' infurzar individwali, aġent tal-infurzar jiġi maħtur b'deċiżjoni ta' qorti, iżda l-kreditur għandu d-dritt li jinnomina aġent tal-infurzar partikolari. Fi kwalunkwe każ partikolari, aġent tal-infurzar jista' jwettaq miżuri fir-Repubblika tas-Slovenja kollha. Is-servizz ta' aġenti tal-infurzar huwa servizz pubbliku, li jwettqu bħala attività indipendenti.

L-aġenti tal-infurzar huma responsabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw meta jwettqu l-miżuri ta' infurzar u ta' sigurtà bl-azzjonijiet tagħhom jew minħabba li jkunu naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-liġi, skont ir-regolamenti implimentattivi tagħha u l-ordnijiet tal-qorti.

Fil-każ ta' ksur serju tal-obbligi tagħhom, l-aġenti tal-infurzar jistgħu jitneħħew mill-ministru responsabbli għall-ġustizzja.

**L-ispejjeż tal-infurzar**

L-ispejjeż tal-infurzar jitħallsu l-ewwel mill-kreditur. Il-kreditur għandu jħallas ukoll somma bil-quddiem għall-ispejjeż tal-miżuri ta' infurzar, skont l-ammont u t-termini perentorji stabbiliti mill-qorti. Fejn il-kreditur ma jħallasx il-garanzija, il-qorti tissospendi l-infurzar. Id-debitur għandu jħallas lura l-ispejjeż tal-kreditur fuq talba tal-kreditur meta l-ispejjeż kienu meħtieġa għall-infurzar, inklużi l-ispejjeż għal tfittxijiet relatati mal-proprjetà tad-debitur, u l-ispejjeż għal proċedimenti mibdija ex officio. Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż fi żmien tmint ijiem mill-wasla ta' talba.
Biex jiġi żgurat ħlas għax-xogħol u għall-irkupru tal-ispejjeż, l-aġent tal-infurzar jista' titlob lill-kreditur għal ħlas għal garanzija fi ħdan terminu perentorju u fl-ammont stabbilit fit-tariffa. L-aġent tal-infurzar għandu jinnotifika personalment l-avviż ta' ħlas ta' garanzija lill-kreditur, li għandu jkun fih ukoll twissija dwar il-konsegwenzi jekk il-garanzija ma titħallasx fil-ħin u jekk l-aġent tal-infurzar ma jingħatax evidenza ta' ħlas. L-aġent tal-infurzar għandu jinkludi wkoll avviż dwar id-dritt tiegħu jew tagħha li t/jitlob lill-qorti sabiex tiddeċiedi dwar il-garanzija.
Fejn il-kreditur ma jaqbilx mal-metodu ta' ħlas, mal-limitu ta' żmien, jew mal-ammont tal-garanzija, il-kreditur jista' fi żmien tmint ijiem minn meta jirċievi l-avviż jippreżenta talba lill-aġent tal-infurzar sabiex il-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni. L-aġent tal-infurzar għandu minnufih jibgħat it-talba lill-qorti, li għandha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni fi żmien tmint ijiem minn meta tirċeviha.
Meta l-kreditur ma jħallasx il-garanzija permezz tal-metodu u fit-terminu perentorju determinat mill-aġent tal-infurzar jew mill-qorti, jew ma jippreżentax prova ta' ħlas, l-aġent tal-infurzar għandu jinforma lill-qorti, u din tissospendi l-infurzar.

**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

**L-ewwel kundizzjoni** biex jiġi permess infurzar huwa **li jkun hemm bażi għall-infurzar. Dan jista' jkun titolu li jista' jkun infurzat jew dokument awtentiku,** skont il-liġi.

**L-eżegwibbiltà ta' deċiżjonijiet tal-qorti:**

Deċiżjoni tal-qorti hija eżegwibbli ladarba din issir finali u meta jkun skada t-terminu perentorju għat-twettiq volontarju tal-obbligi tad-debitur. It-terminu perentorju għat-twettiq volontarju tal-obbligu jibda jiddekorri fil-jum wara li d-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lid-debitur. Huwa possibbli li l-qorti tippermetti l-infurzar ta' parti biss minn deċiżjoni, meta dik il-parti ssir eżegwibbli. Il-qorti tippermetti infurzar abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti li tkun għadha mhijiex finali meta l-liġi tipprovdi li appell ma jissospendix l-infurzar tagħha.

**L-eżegwibbiltà ta' soluzzjoni bil-qorti:**

Soluzzjoni bil-qorti hija eżegwibbli jekk il-pretensjoni fis-soluzzjoni tkun dovuta għall-ħlas. Il-maturità tal-pretensjoni għandha tintwera fir-rekord tas-soluzzjoni, f'dokument pubbliku jew f'dokument ċertifikat skont il-liġi. Jekk il-maturità ma tkunx tista' tintwera b'dan il-mod, tintwera permezz ta' deċiżjoni finali maħruġa fi proċedimenti ċivili fejn tkun qed tiġi stabbilita l-maturità tal-pretensjoni.

**Rekord notarili eżegwibbli:**

Rekord notarili huwa eżegwibbli jekk id-debitur kien qabel dwar l-eżegwibbiltà tiegħu fir-rekord u jekk il-pretensjoni stabbilita fir-rekord notarili tkun dovuta għall-ħlas. Il-maturità tal-pretensjoni tintwera f'rekord notarili, f'dokument pubbliku jew f'dokument ċertifikat skont il-liġi. Meta l-maturità tal-pretensjoni ma tiddependix fuq l-iskadenza ta' terminu perentorju, iżda pjuttost fuq fatt ieħor iddikjarat fir-rekord notarili, in-nutar għandu jinnotifika lill-partijiet dwar liema evidenza hija bżżejjed sabiex jintwera li l-pretensjoni hija dovuta: id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-kreditur lid-debitur, li tiddikjara d-data tal-maturità u evidenza ta' kunsinna tad-dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-maturità tal-pretensjoni lid-debitur. In-nutar għandu jinnotifika lill-partijiet li minflok ma jippreżentaw evidenza ta' kunsinna ta' dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-maturità tal-pretensjoni lid-debitur jistgħu jawtorizzaw lin-nutar sabiex jinforma lid-debitur dwar il-maturità tal-pretensjoni. Id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-kreditur jew in-notifika tan-nutar jiġu nnotifikati permezz ta' posta rreġistrata.

**It-tieni kundizzjoni** sabiex qorti tippermetti infurzar **hija l-preżentata ta' talba għal infurzar**, li għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-kreditur u d-debitur, fosthom informazzjoni li tidentifikahom rispettivament, titolu li jista' jkun infurzat jew dokument awtentiku, l-obbligu tad-debitur, il-metodu u l-oġġett ta' infurzar, u informazzjoni oħra meħtieġa biex jitwettaq l-infurzar (talba għal infurzar ibbażata fuq dokument awtentiku għandha tinkludi wkoll talba li l-qorti tordna lid-debitur sabiex iħallas il-pretensjoni, flimkien mal-kostijiet ivvalutati, fi żmien tmint ijiem jew fi żmien tlitt ijiem f'każ ta' tilwim dwar kambjali jew ċekkijiet, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni). Fit-talba għal infurzar, kreditur għandu jispjega b'mod ċar it-titolu li jista' jkun infurzat li abbażi tiegħu jkun qiegħed jintalab l-infurzar u jiddikjara li tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.
It-talba għandha tkun dovuta għall-ħlas u l-limitu perentorju għat-twettiq volontarju tal-obbligu għandu jkunu skada (limitu perentorju volontarju).
Id-debitur għandu jkun identifikat b'mod ċar fit-titolu li jista' jkun infurzat jew fid-dokument awtentiku. Fit-talba għall-infurzar, id-debitur għandu jiġi identifikat ukoll permezz tal-isem u tal-indirizz (jew il-post stabbilit tan-negozju). It-talba għall-infurzar għandha tiddikjara b'mod ċar l-informazzjoni li tidentifika lid-debitur (u lill-kreditur), li tvarja skont jekk humiex persuni naturali, persuni ġuridiċi, imprendituri jew individwi privati.
Id-debitur għandu jkun entità eżistenti (ma jistax ikun mejjet jew maqtugħ mir-reġistru tal-qorti). Fejn it-talba għall-infurzar tiġi ppreżentata kontra entità li ma teżistix, din għandha tiġi miċħuda, u entità li tkun waqfet teżisti matul il-proċedimenti ta' infurzar hija raġuni għaliex bil-liġi l-proċedimenti għandhom jiġu sospiżi (u ma hemmx bżonn li tinħareġ deċiżjoni speċjali).

**Il-preżunzjonijiet japplikaw** (kapaċità ġuridika) bl-istess mod kemm għad-debitur kif ukoll għall-kreditur fi proċeduri ta' infurzar, peress li huma stabbiliti fi proċedimenti ċivili skont l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o pravdnem postopku*), b'referenza għall-Artikolu 15 taż-ZIZ.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

L-għan tal-miżuri ta' infurzar huwa li titħallas il-pretensjoni tal-kreditur.

**Miżuri ta' infurzar għall-ħlas ta' pretensjonijiet monetarji huma**: il-bejgħ tal-beni mobbli tad-debitur, il-bejgħ ta' beni immobbli, it-trasferiment tal-pretensjoni monetarja tad-debitur, il-fidwa ta' drittijiet ta' proprjetà jew materjali oħra u titoli b'entrata fil-kotba, il-bejgħ ta' sehem ta' membru fil-kumpanija u t-trasferiment ta' flus miżmuma f'istituzzjoni tal-ħlas (jiġifieri banek).

**Miżuri ta' infurzar għall-ħlas ta' pretensjonijiet mhux monetarji huma**: it-teħid u l-kunsinna ta' beni mobbli, it-tbattil u t-teħid ta' beni immobbli, is-sostituzzjoni ta' servizz għas-spejjeż tad-debitur, il-koerċizzjoni tad-debitur li jaġixxi permezz ta' penali finanzjarji, ir-ritorn ta' ħaddiem lura għax-xogħol, id-distribuzzjoni ta' beni mobbli, dikjarazzjoni ta' intenzjoni, u t-teħid ta' wild.

**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

Il-miżuri ta' infurzar elenkati hawn fuq jippermettu infurzar kontra kwalunkwe oġġett ta' infurzar (għal kwalunkwe beni jew dritt proprjetarju jew materjali tad-debitur) sakemm bil-liġi beni ma jkunx eżenti mill-infurzar jew l-infurzar kontra xi beni jkun limitat bil-liġi - l-Artikolu 32 taż-ZIZ.

**Is-suġġett ta' infurzar ma jistax jinkludi**:

beni li ma jiġux negozjati;
riżorsi minerali u riżorsi naturali oħra;
faċilitajiet, apparat u beni oħra essenzjali għall-Istat jew għal komunità lokali awtonoma għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, u beni mobbli u immobbli użati għad-difiża nazzjonali;
faċilitajiet, apparat u beni oħra essenzjali għad-debitur sabiex iwettaq servizz pubbliku; u
beni u drittijiet oħra stabbiliti bil-liġi (pereżempju, flus maħsuba għall-manteniment ta' wild, beni strettament personali, dħul minn assistenza soċjali, benefiċċju tal-ġenituri, benefiċċju tat-tfal, benefiċċju tad-diżabilità, ikel, fjuwil għat-tisħin, annimali tax-xogħol u għat-tnissil, ordnijiet, midalji, għajnuniet għal persuna b' diżabilità, art agrikola u faċilitajiet tal-bdiewa meta dawn ikunu meħtieġa għas-sostenn proprju, eċċ.).

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

L-għan tal-miżuri kollha ta' infurzar huwa l-ħlas tal-pretensjoni tal-kreditur. L-effetti tal-miżuri ta' infurzar jiddependu fuq it-tip ta' miżura ta' infurzar użata.

INFURZAR GĦAL PRETENZJONIJIET MONETARJI

**L-infurzar kontra beni mobbli** jsir permezz tas-sekwestru u l-bejgħ tal-beni mobbli. Il-kreditur jikseb rahan fuq il-beni sekwestrati.

**L-infurzar kontra l-flus riċevibbli tad-debitur** isir permezz tas-sekwestru u t-trasferiment tar-riċevibbli. Permezz tad-deċiżjoni, li fiha jiġi permess is-sekwestru ta' flus riċevibbli (deċiżjoni dwar is-sekwestru), il-qorti tipprojbixxi lid-debitur tad-debitur milli jħallas id-dejn lid-debitur u li d-debitur jitlob l-ammonti riċevibbli, inkluż mir-rahan mogħti bħala garanzija, jew li b'xi mod ieħor jiddisponi mir-riċevibbli. Is-sekwestru jidħol fis-seħħ fil-jum li fih id-debitur tad-debitur jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni ta' sekwestru. Permezz tas-sekwestru tar-riċevibbli tad-debitur awtorizzati mill-qorti fuq talba tal-kreditur, il-kreditur jikseb rahan fuq ir-riċevibbli sekwestrati.

**Infurzar kontra l-flus tad-debitur miżmuma f'organizzazzjoni tal-ħlas:** Permezz ta' deċiżjoni dwar infurzar kontra l-flus miżmuma mid-debitur ma' organizzazzjoni tal-ħlas, il-qorti tordna lill-organizzazzjoni tal-ħlas sabiex tiffriża l-flus tad-debitur fil-kontijiet kollha, sal-ammont pagabbli skont id-deċiżjoni ta' infurzar, u wara li d-deċiżjoni ssir finali, sabiex tħallas dak l-ammont lill-kreditur. Id-deċiżjoni għandha l-effett ta' sekwestru u t-trasferiment għall-irkupru. Meta d-deċiżjoni dwar l-infurzar issir finali, il-qorti tinforma lill-organizzazzjoni tal-ħlas. L-organizzazzjoni tal-ħlas tinforma minnufih lill-qorti wara li tkun ħallset lill-kreditur.

**L-infurzar għal riċevibbli li l-beni mobbli jkunu ttieħdu jew li jkunu ġew fornuti jew li l-beni immobbli jkunu ġew ikkonsenjati** jsir permezz tas-sekwestru ta' dak ir-riċevibbli u t-trasferiment tiegħu lill-kreditur, segwit mill-bejgħ tiegħu. It-trasferiment tar-riċevibbli sekwestrati tad-debitur għandu l-effett ta' trasferiment tar-riċevibbli monetarju tad-debitur.

**L-infurzar kontra drittijiet propjetarji jew materjali oħra** jsir permezz tas-sekwestru ta' dak id-dritt u r-realizzazzjoni tal-**beni mobbli**. Is-sekwestru jidħol fis-seħħ fil-jum li fih id-debitur jiġi nnotifikat dwar id-deċiżjoni ta' sekwestru. Fid-deċiżjoni ta' infurzar, li permezz tagħha jiġi permess is-sekwestru, il-qorti tipprojbixxi lid-debitur milli jiddisponi mid-dritt. Malli d-dritt jiġi sekwestrat, kreditur jikseb rahan.

**Infurzar kontra titoli b'entrata fil-kotba:** L-infurzar ta' titoli b'entrata fil-kotba nnegozjati fil-borża jsir permezz tas-sekwestru u l-bejgħ ta' titoli b'entrata fil-kotba u permezz tal-ħlas lill-kreditur mill-ammont miksub mill-bejgħ. Is-sekwestru jidħol fis-seħħ fil-jum li fih id-deċiżjoni dwar is-sekwestru tiġi rreġistrata fir-reġistru ċentrali tat-titoli b'entrata fil-kotba.

**L-infurzar kontra s-sehem ta' membru f'kumpanija** jsir permezz tar-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni ta' infurzar, permezz tal-bejgħ tas-sehem u l-ħlas tal-ammont miksub mill-bejgħ lill-kreditur. Permezz tad-deċiżjoni dwar l-infurzar, il-qorti tipprojbixxi lil membru milli jiddisponi mis-sehem tiegħu. Il-qorti tinnotifika d-deċiżjoni ta' infurzar lill-kumpanija u tirreġistraha fir-reġistru tal-qorti. Permezz ta' din ir-reġistrazzjoni, il-kreditur jikseb rahan fuq is-sehem tal-membru, li għandu effett ukoll kontra kwalunkwe persuna li sussegwentement takkwista dak is-sehem.

**L-infurzar kontra beni immobbli** jseħħ permezz tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni ta' infurzar fir-reġistru tal-artijiet, permezz tad-determinazzjoni tal-valur tal-beni immobbli, il-bejgħ tiegħu u l-ħlas tal-ammont miksub mill-bejgħ lill-kreditur. Il-qorti tirreġistra d-deċiżjoni ta' infurzar kontra l-beni immobbli fir-reġistru tal-artijiet. Permezz ta' din ir-reġistrazzjoni, il-kreditur jikseb rahan fuq il-beni immobbli, li għandu effett kontra kwalunkwe persuna li sussegwentement takkwista drittijiet ta' proprjetà fiha. Kreditur li jitlob l-infurzar iżda li ma jkunx għadu kiseb rahan jew art b'ipoteka, permezz tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni ta' infurzar, jakkwista d-dritt li jitħallas mill-beni immobbli qabel persuna li aktar tard tkun akkwistat rahan jew art b'ipoteka.

INFURZAR GĦAL PRETENZJONIJIET MHUX MONETARJI

**Il-proċess ta' kunsinna u ta' forniment ta' beni mobbli** jitwettaq minn aġent tal-infurzar li jieħu l-oġġett mingħand id-debitur u jagħtih lill-kreditur mingħand min jingħata riċevuta.

**Il-proċess ta' tbattil u ta' teħid ta' beni immobbli** jitwettaq minn aġent tal-infurzar li jieħu l-beni immobbli għall-pussess tal-kreditur wara li jkun ġie żvujtjat minn persuni u beni. L-iżvujtar u t-teħid tal-beni immobbli jista' jsir tmint ijiem wara li d-deċiżjoni tal-infurzar tiġi notifikata lid-debitur.

**Il-proċess tal-obbligu ta' twettiq, tal-permess jew tal-waqfien ta' xi ħaġa** jista' jsir f'kooperazzjoni ma' aġent tal-infurzar permezz tal-metodu determinat mill-qorti. Abbażi ta' titolu li jista' jkun infurzat, li taħtu d-debitur irid jagħmel xi ħaġa li tista' ssir minn xi ħadd ieħor, l-infurzar jitwettaq mill-qorti li tawtorizza lill-kreditur sabiex jafda l-kompitu lil xi ħadd ieħor għas-spejjeż tad-debitur jew li jwettaq dan huwa stess (**servizz ta' sostituzzjoni għas-spejjeż tad-debitur**). Meta skont it-titolu li jista' jkun infurzat id-debitur ikollu obbligu li jagħmel xi ħaġa li ma tistax issir minn xi ħadd ieħor, fid-deċiżjoni ta' infurzar il-qorti tistabbilixxi terminu perentorju xieraq għat-twettiq ta' dan l-obbligu, u toħroġ multa jekk id-debitur ma jwettaqx l-obbligu fit-terminu perentorju (**l-isfurzar ta' debitur permezz ta' multa**).

**Il-proċess tar-ritorn ta' ħaddiem lura għax-xogħol** jitwettaq mill-qorti li tistabbilixxi terminu perentorju xieraq għat-twettiq tal-obbligi fid-deċiżjoni ta' infurzar. Fid-deċiżjoni dwar l-infurzar, il-qorti toħroġ ukoll multa jekk id-debitur ma jwettaqx l-obbligu fi żmien it-terminu perentorju.

**Il-proċess tad-distribuzzjoni ta' oġġett** jista' jsir permezz tad-distribuzzjoni fiżika attwali meta tali distribuzzjoni tiġi determinata bit-titolu li jista' jkun infurzat jew permezz ta' bejgħ tal-beni.

**Il-proċess ta' dikjarazzjoni ta' intenzjoni** huwa obbligu tal-għoti ta' reġistru tal-artijiet jew tip ieħor ta' dikjarazzjoni ta' intenzjoni, kif stabbilit fid-deċiżjoni li hija titolu li jista' jkun infurzat, li jitqies li jkun sar ladarba dik id-deċiżjoni tkun finali.

**Il-proċess ta' infurzar f'każijiet dwar il-kustodja jew it-trobbija tat-tfal u kuntatti personali mat-tfal** huwa fejn, fid-deċiżjoni ta' infurzar, il-qorti tistipula li persuna għandha tgħaddi r-responsabiltà ta' wild. Il-qorti tistabbilixxi terminu perentorju li matulu għandha tingħadda r-responsabiltà ta' wild jew tiddeċiedi li r-responsabiltà ta' wild tingħadda minnufih. Permezz tad-deċiżjoni ta' infurzar, l-obbligu li tingħadda r-responsabiltà ta' wild jiġi ordnat fuq il-persuna li għaliha jirreferi t-titolu li jista' jkun infurzat, fuq il-persuna li fuqha tiddependi l-intenzjoni li tingħadda r-responsabiltà tal-wild u fuq il-persuna li tkun mal-wild fiż-żmien li fih tkun inħarġet id-deċiżjoni. Fid-deċiżjoni ta' infurzar, il-qorti tordna li l-obbligu li tingħadda r-responsabiltà tal-wild jidħol fis-seħħ kontra kwalunkwe persuna li magħha jkun il-wild fil-ħin tal-eżekuzzjoni tal-infurzar.

Qorti tal-infurzar tista' toħroġ multa kontra debitur li jaġixxi kontra d-deċiżjoni tal-qorti, bħal pereżempju billi jaħbi, jagħmel ħsara jew jeqred il-proprjetà tiegħu, iwettaq atti li jistgħu jikkawżaw ħsara irreparabbli lill-kreditur jew ħsara li tkun diffiċli li tissewwa, ifixkel lil aġent tal-infurzar fit-twettiq ta' miżuri ta' infurzar jew ta' sigurtà tagħhom, jaġixxi kontra deċiżjoni dwar sigurtà, ifixkel lil espert fil-ħidma tiegħu jew lil organizzazzjoni tal-ħlas, ifixkel lil min iħaddem jew lil eżekutur ieħor tad-deċiżjoni ta' infurzar fit-twettiq tal-infurzar, jew jimpedixxi jew jipprojbixxi l-ispezzjoni u l-valutazzjoni tal-beni immobbli.

Fejn id-debitur jaġixxi kontra d-deċiżjoni ta' infurzar u jiddisponi mill-proprjetà tiegħu, tali tranżazzjoni hija valida biss jekk l-att legali kien b'titolu oneruż u jekk il-parti l-oħra tkun aġixxiet *in bona fide* (jiġifieri ma kinitx taf jew ma setgħetx tkun taf li d-debitur ma kellux id-dritt jiddisponi mill-proprjetà tiegħu) fil-ħin tat-trasferiment jew tal-gravami.

Debitur li jeqred, jagħmel ħsara, jittrasferixxi jew jaħbi parti mill-proprjetà tiegħu bl-intenzjoni li jimpedixxi ħlas lil kreditur, u permezz ta' dan jagħmel ħsara lill-kreditur, huwa kriminalment responsabbli u jiġi mmultat jew jirċievi sentenza ta' ħabs ta' mhux aktar minn sena.

Bank għandu, fuq talba tal-qorti, iforni spjegazzjoni u dokumentazzjoni li turi jekk u kif ikun eżegwixxa d-deċiżjoni ta' infurzar tal-qorti u kif ikun applika l-ordni ta' ħlas lura ta' pretensjonijiet kif obbligat mil-liġi. Il-bank għandu jibgħat ukoll informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tad-debitur lill-kredituri u lill-qorti. Abbażi ta' deċiżjoni ta' infurzar, bank għandu jiffriża l-flus tad-debitur miżmuma fil-bank skont l-ammont stabbilit fid-deċiżjoni ta' infurzar u mbagħad iħallas dan l-ammont lill-kreditur.

Fuq talba tal-kreditur, qorti tista' tordna lil bank, li kuntrarjament għad-deċiżjoni tal-qorti ma jkunx eżegwixxa s-sekwestru, it-trasferiment jew il-ħlas tal-ammont dovut, sabiex iħallas dan l-ammont lill-kreditur minflok lid-debitur mill-assi proprji tal-bank. F'każ bħal dan, il-bank huwa responsabbli lejn il-kreditur għal danni kkawżati minħabba li ma jkunx aġixxa skont id-deċiżjoni ta' infurzar jew minħabba li jkun kiser id-dispożizzjonijiet statutorji dwar l-obbligu li jiżvela informazzjoni, jew minħabba li ma jkunx irrispetta l-ordni tas-sekwenza ta' ħlas, dwar l-ammont u dwar il-mod tal-ħlas tal-obbligu skont id-deċiżjoni ta' infurzar. Abbażi ta' deċiżjoni ta' infurzar, l-impjegatur tad-debitur irid iħallas lill-kreditur somma sħiħa ta' flus jew iħallas regolarment lill-kreditur is-somom ta' flus li għalihom id-debitur kien ikun altrimenti intitolat bħala salarju. Madankollu, id-debitur għandu jirċievi mhux inqas minn 70 % tas-salarju minimu fix-xahar. Fuq talba tal-kreditur, il-qorti tista' tordna lil min iħaddem, li kuntrarjament għad-deċiżjoni tal-qorti ma jkunx żamm u ħallas l-ammonti dovuti, sabiex iħallas dawn l-ammonti lill-kreditur minflok lid-debitur mill-assi proprji tal-impjegatur. F'każ bħal dan, min iħaddem huwa responsabbli lejn il-kreditur għal danni kkawżati minħabba li ma jkunx aġixxa skont id-deċiżjoni ta' infurzar.

Debitur ta' debitur għandu jiddikjara jekk jirrikonoxxix riċevibbli sekwestrat u f'liema ammont, u jekk l-obbligu tiegħu għall-ħlas tar-riċevibbli tad-debitur huwiex kondizzjonali fuq it-twettiq ta' xi obbligu ieħor. Jekk ma jagħmilx dikjarazzjoni jew ma jiddikjarax il-verità, huwa responsabbli lejn il-kreditur għad-danni.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Il-validità taż-żmien ta' miżura partikolari ta' qorti tal-infurzar tiddependi fuq in-natura tal-miżura. Proċedimenti ta' infurzar (u l-effetti ta' deċiżjoni li tippermetti l-infurzar) ġeneralment jissolvew meta tiġi ssodisfata l-pretensjoni tal-kreditur. Jekk għal raġunijiet legali jew fattwali l-infurzar ma jkunx fattibbli, għandu jiġi riżolt permezz tas-sospensjoni tal-infurzar, li l-effett tagħha huwa li jiġu annullati l-miżuri kollha ta' infurzar ħlief meta din is-sospensjoni tinterferixxi mad-drittijiet li jkunu kisbu partijiet terzi (pereżempju, id-drittijiet tax-xerrejja għall-beni mobbli sekwestrati). Il-kreditur jista' jitlob li l-infurzar jiġi differit għal massimu ta' sena u f'dan il-każ, id-deċiżjoni li tippermetti l-infurzar tibqa' fis-seħħ anke meta d-debitur ma jkollu l-ebda proprjetà fiż-żmien tal-ħruġ tad-deċiżjoni (jiġifieri l-eżistenza ta' ostakli fattwali li jwaqqfu r-realizzazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur).

Meta ma jkunx hemm flus disponibbli, fil-każ ta' infurzar kontra r-riċevibbli tad-debitur mill-kontijiet bankarji tad-debitur, jew id-debitur ma jkunx jista' jaċċessa l-flus, il-bank għandu jżomm id-deċiżjoni ta' infurzar fir-reġistri tiegħu għal sena u jħallas lill-kreditur meta jkun hemm il-flus disponibbli fil-kont tad-debitur jew meta d-debitur jikseb id-dritt li jiddisponi mill-flus. Sadanittant, l-infurzar ma jistax jiġi sospiż.

Meta, matul is-sekwestru ta' beni mobbli, aġent tal-infurzar ma jsib l-ebda ass li jista' jkun is-suġġett ta' infurzar, jew l-assi sekwestrati ma jkunx adegwati biex titħallas il-pretensjoni tal-kreditur, jew l-aġent tal-infurzar ma jkunx jista' jesegwixxi s-sekwestru minħabba li d-debitur ma jkunx preżenti jew ma jipprovdix aċċess għall-bini, il-kreditur jista', fi żmien tliet xhur mill-ewwel tentattiv ta' sekwestru, jitlob lill-aġent tal-infurzar biex jerġa' jipprova s-sekwestru. Sadanittant, l-infurzar ma jistax jiġi sospiż.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Id-debitur, il-kreditur, kwalunkwe parti terza bi dritt għall-oġġett ta' infurzar li timpedixxi l-infurzar, u kwalunkwe xerrej ta' oġġett mixtri fil-proċedimenti, kollha għandhom id-dritt li jippreżentaw rimedji legali kontra d-deċiżjonijiet tal-qorti ta' infurzar.

Ir-rimedju legali tipiku kontra deċiżjoni tal-prim'istanza huwa appell. B'mod eċċezzjonali, debitur jew parti terza li jkollhom dritt għall-oġġett ta' infurzar jistgħu jippreżentaw oġġezzjoni kontra deċiżjoni ta' infurzar li timpedixxi l-infurzar. L-oġġezzjoni għandha tkun iġġustifikata. Fl-oġġezzjoni, id-debitur jew il-parti terza għandhom jiddikjaraw il-fatti kollha u jippreżentaw evidenza li abbażi tagħha l-oġġezzjoni għandha tkun iġġustifikata (oġġezzjoni tad-debitur). Il-kreditur għandu d-dritt li jwieġeb għall-oġġezzjoni fi żmien 8 ijiem. Deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tista' tiġi appellata.

Kull min juri li x'aktarx għandu dritt għall-oġġett ta' infurzar li jimpedixxi l-infurzar jista' jippreżenta oġġezzjoni kontra d-deċiżjoni ta' infurzar u jitlob li l-qorti tiddikjara li l-infurzar kontra dak il-beni mhuwiex permess (oġġezzjoni ta' parti terza). L-oġġezzjoni tista' tiġi ppreżentata sal-aħħar tal-proċedimenti ta' infurzar. Fejn il-kreditur ma jweġibx għall-oġġezzjoni fit-terminu perentorju jew jiddikjara li ma jopponix l-oġġezzjoni, il-qorti tannulla d-deċiżjoni ta' infurzar b' mod sħiħ jew parzjalment u tissospendi l-infurzar, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Fejn il-kreditur jiddikjara li jopponi l-oġġezzjoni matul it-terminu perentorju, il-qorti tirrifjuta l-oġġezzjoni. Il-parti terza li tkun ippreżentat l-oġġezzjoni tista' tiftaħ kawża fi żmien 30 jum wara li d-deċiżjoni ssir finali biex jiġi stabbilit jekk l-infurzar huwiex permess fuq il-beni.

Jistgħu jiġu ppreżentati appell u oġġezzjoni quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li kontra tagħha jkun qiegħed jintalab rimedju legali. Bħala regola ġenerali, l-istess qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni ta' infurzar tiddeċiedi dwar oġġezzjoni, u l-qorti tat-tieni istanza tiddeċiedi dwar appell. Deċiżjoni dwar l-appell hija finali.

L-oġġezzjoni u l-appell għandhom jiġu ppreżentat fi żmien tmint ijiem min-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti tal-prim'istanza. B'mod eċċezzjonali, oġġezzjoni tista' tiġi ppreżentata wara dan it-terminu perentorju, sal-aħħar tal-proċedimenti ta' infurzar, meta l-oġġezzjoni tkun ibbażata fuq fatt dwar il-pretensjoni attwali u dan il-fatt ikun qam wara l-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni u ma kienx possibbli li jiġi affermat waqt it-terminu perentorju inizjali.

Oġġezzjoni u appell ma jissospendux l-eżekuzzjoni ta' miżuri ta' infurzar fi proċedimenti ta' infurzar ħlief fil-fażi ta' ħlas. Bħala regola ġenerali, il-kreditur ma jistax jitħallas sakemm id-deċiżjoni dwar l-infurzar tkun finali. Il-kreditur jista' jitħallas qabel id-deċiżjoni dwar l-infurzar issir finali biss f'każ ta' infurzar ibbażat fuq titolu li jista' jkun infurzat meta l-infurzar ikun għall-flus tad-debitur miżmuma f'istituzzjoni tal-ħlas (infurzar ibbażat fuq titolu li jista' jkun infurzat), sakemm it-titolu li jista' jkun infurzat ikun mehmuż mat-talba għall-infurzar, ħlief fi kwistjonijiet kummerċjali fejn ma hemmx bżonn li t-titolu li jista' jkun infurzat jkun mehmuż.

Fi proċedimenti ta' infurzar, rimedji legali eċċezzjonali huma limitati.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

L-infurzar għal talbiet monetarji u biex jiġu garantiti tali pretensjonijiet mhuwiex permissibbli fuq beni u drittijiet li huma essenzjali għall-ħtiġijiet bażiċi ta' għajxien tad-debitur u tal-persuni li bil-liġi d-debitur ikun obbligat li jsostni, jew li huma essenzjali għall-insegwiment tal-attività professjonali tad-debitur. Fuq uħud minn dawn il-beni u d-drittijiet, l-infurzar huwa permess biss sa ċertu punt.

**Links relatati**

http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov

http://www.mp.gov.si/si/obrazci_evidence_mnenja_storitve/uporabni_seznami_imeniki_in_evidence/

http://www.sodisce.si/

https://www.uradni-list.si/glasilo-uradni-list-rs

http://pisrs.si/

L-aħħar aġġornament: 25/08/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Slovakkja

**1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?**

Skont it-Taqsima 232(1) tal-Att Nru 160/2015, tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża (*Civilný sporový poriadok*), l-eżegwibilità hija attribut ta' deċiżjoni tal-qorti li tistabbilixxi obbligu ta' konformità mad-deċiżjoni; din tikkonsisti fl-opzjoni ta' eżegwibilità diretta u immedjata tad-deċiżjoni permezz ta' mezzi legali. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet li jinvolvu l-minuri, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali hija kontrollata bl-Att Nru 233/1995 dwar aġenti tal-eżekuzzjoni u proċedimenti tal-eżekuzzjoni, li jemenda ċertu liġijiet, kif emendat (il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni) (*Exekučný poriadok*), li skontu hija deċiżjoni li għandha l-attribut tal-eżegwibilità biss li hija titolu li jista' jkun infurzat. Il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni jiddefinixxi deċiżjoni tal-qorti li tista' tkun infurzata bħala titolu li jista' jkun infurzat jekk din tagħti dritt, tistabbilixxi obbligu jew taffettwa l-assi. It-Taqsima 45 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni ssemmi wkoll titoli oħra li jistgħu jkunu infurzati li fuq il-bażi tagħhom tista' titwettaq eżekuzzjoni, inklużi titoli li jistgħu jiġu infurzati minn pajjiżi oħra u minn atti notarili.

L-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-każijiet li jinvolvu minuri hija kontrollata minn normi ġuridiċi differenti u ma taqax taħt il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni. Din hija koperta mit-Taqsima 370 et seq. tal-Att Nru 161/2015, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża (*Civilný mimosporový poriadok*). Din il-leġiżlazzjoni tapplika għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet:

- dwar il-kustodja ta' minuri, id-drittijiet taż-żjara, jew l-obbligi rigward il-minuri minbarra obbligi finanzjarji;
- dwar ir-ritorn ta' minuri barra mill-pajjiż fil-każ ta' tneħħija jew żamma inġusta;
- jekk kwalunkwe leġiżlazzjoni speċifika jew trattat internazzjonali li r-Repubblika Slovakka hija marbuta bih jinkludi l-eżegwibilità ta' ftehim jew strument awtentiku li jikkontrolla l-kustodja ta' minuri, id-drittijiet taż-żjara, jew obbligi rigward il-minuri minbarra l-obbligi finanzjarji.

Il-kont li ġej, għalhekk, sejjer jagħmel distinzjoni bejn l-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni u l-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża.

## 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

**L-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni**

L-eżekuzzjoni titwettaq minn aġent tal-eżekuzzjoni, li huwa persuna maħtura u awtorizzata mill-istat biex twettaq proċedimenti tal-eżekuzzjoni; proċedimenti bħal dawn jikkostitwixxu l-eżerċizzju tas-setgħa pubblika. L-eżekuzzjoni titwettaq minn aġent tal-eżekuzzjoni awtorizzat minn qorti: il-qorti tassenja każijiet billi toħroġ awtorizzazzjoni għal eżekuzzjoni lil aġenti tal-eżekuzzjoni individwali magħżula b'mod każwali bl-użu ta' teknoloġija u softwer approvati mill-Ministeru sabiex tiġi prekluża l-possibbiltà li l-assenjazzjoni tal-każijiet tiġi influwenzata b'xi mod. L-aġenti tal-eżekuzzjoni huma elenkati fuq is-sit web http://www.ske.sk/. Il-Qorti Distrettwali ta' Banská (*Okresný súd Banská Bystrica*) hija kompetenti għall-proċedimenti tal-eżekuzzjoni, jiġifieri r-rikorsi għall-eżekuzzjoni jridu jiġu diretti lil din il-qorti biss, irrispettivament mill-post ta' domiċilju / residenza permanenti tal-obbligatur jew l-obbligant (jiġifieri l-kreditur jew id-debitur). Essenzjalment, madankollu, il-qorti se talloka każ lil aġent tal-eżekuzzjoni maħtur għall-qorti reġjonali li fil-ġurisdizzjoni tagħha jinsab l-indirizz tal-obbligant.

**L-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża**

L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni f'każ li jinvolvi minuri tista' titwettaq biss minn qorti; il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali hija essenzjalment il-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha l-minuri għandu l-post tad-domiċilju, kif maqbul mill-ġenituri jew b'mod legali ieħor. Jekk il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali mhijiex magħrufa, jew ma tistax tintervjeni fi żmien xieraq, il-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha l-minuri joqgħod attwalment se tordna u twettaq l-eżekuzzjoni. Il-qorti li għandha ġurisdizzjoni territorjali għall-eżekuzzjoni ta' miżura urġenti hija l-qorti li ordnat il-miżura; jekk miżura urġenti tiġi ordnata minn qorti tal-appell, il-qorti tal-prim'istanza għandha l-ġurisdizzjoni territorjali. Il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-ritorn ta' minuri li huwa barra mill-pajjiż fil-każ ta' tneħħija jew żamma inġusta hija l-qorti tal-prim'istanza.

Id-deċiżjoni għalhekk tiġi eżegwita mill-imħallef stess, iżda l-imħallef jista' jawtorizza uffiċjal ġudizzjarju biex jagħmel l-arranġamenti għat-tneħħija tal-minuri. Meta jeżegwixxi d-deċiżjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju awtorizzat, għandu skont il-liġi, l-istess awtorità bħall-imħallef.

## 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

### 3.1 Il-proċedura

**Il-proċedura skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni**

Skont it-Taqsima 48 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni l-obbligatur (jiġifieri l-obbligatur minn titolu eżegwibbli; l-entità li jingħatalha pretensjoni għall-ħlas minn deċiżjoni eżegwibbli) jippreżenta rikors għall-eżekuzzjoni jekk l-obbligant ma jikkonformax b'mod volontarju mad-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni. Il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għalhekk jibdew bħala reazzjoni għal rikors mill-parti li hija intitolata li titlob ħlas tal-pretensjoni mit-titolu li jista' jkun infurzat.

Kif iddikjarat hawn fuq, rikors għall-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica b'mod elettroniku, jiġifieri tintbagħat lill-kaxxa tal-posta elettronika tal-qorti fuq il-formola elettronika speċifikata, li hija disponibbli mis-sit web tal-Ministeru. Ir-rikors irid jiġi awtorizzat; jekk le, dan jiġi injorat. Jekk l-obbligatur jew ir-rappreżentant tiegħu ma għandhomx kaxxa tal-posta elettronika attivata, ir-rikors għall-eżekuzzjoni jista' jiġi ppreżentat minn kwalunkwe aġent tal-eżekuzzjoni. F'dan il-każ, l-aġent tal-eżekuzzjoni huwa rappreżentant awtorizzat tal-obbligatur għas-servizz sakemm tinħareġ l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni, u għal dan, l-aġent tal-eżekuzzjoni huwa intitolat għal remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż; l-ammont tal-ispejjeż u kif dawn jiġu kkalkulati huwa stabbilit mill-Ministeru f'att ta' applikazzjoni ġenerali. Ir-rikors għall-eżekuzzjoni jrid jiddikjara d-dettalji li ġejjin:

(a) il-qorti li lilha hija indirizzata;
(b) l-obbligatur u l-obbligant, jekk dan tal-aħħar huwa parti fil-proċedimenti;
(c) ir-rappreżentant tal-obbligatur, u jekk ir-rikors jiġi ppreżentat minn diversi obbligaturi, ir-rappreżentant komuni tal-obbligaturi (dan jirreferi għall-obbligu li jinħatar rappreżentant komuni);
(d) l-aġent tal-eżekuzzjoni, jekk ir-rikors għall-eżekuzzjoni huwa ppreżentat minn aġent tal-eżekuzzjoni;
(e) it-titolu li jista' jkun infurzat li fuq il-bażi tiegħu tista' titwettaq l-eżekuzzjoni, u li jistabbilixxi l-awtorizzazzjoni li jiġi ppreżentat rikors għall-eżekuzzjoni kontra l-obbligant; jekk dan jikkonċerna s-suċċessjoni legali, irid jingħata rendikont tal-fatti li jistabbilixxi s-suċċessjoni legali;
(f) rendikont tal-fatti prinċipali u indikazzjoni tal-evidenza li tikkonċerna r-relazzjoni mal-obbligant, jekk l-eżekuzzjoni titwettaq fuq il-bażi ta' titolu li jista' jkun infurzat li jkun ta l-pretensjoni minn kambjali jew ċedola kontra l-obbligant, li huwa persuna fiżika; dan japplika wkoll jekk l-awtorizzazzjoni li jiġi ppreżentat rikors għall-eżekuzzjoni tkun ġiet stabbilita permezz ta' sensiela kontinwa ta' ġiri tal-kambjali;
(g) il-pretensjoni; jekk din hija pretensjoni għall-ħlas din għandha tiġi diviża f'kapital, inċidenti kapitalizzati, il-penali kuntrattwali u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni tal-obbligatur;
(h) il-kont tal-bank tal-obbligatur li fih għandu jitħallas il-pagament infurzat;
(i) l-indirizz tal-posta elettronika tal-obbligatur għall-komunikazzjonijiet elettroniċi mal-aġent tal-eżekuzzjoni, jekk l-obbligatur ma għandux kaxxa tal-posta elettronika attivata;
(j) dikjarazzjoni mill-obbligatur dwar is-sodisfazzjon ta' kundizzjoni jew obbligu reċiproku jekk, dak li t-titolu li jista' jkun infurzat jordna lill-obbligant jagħmel, huwa marbut mas-sodisfazzjon ta' kundizzjoni jew obbligu reċiproku, u indikazzjoni tal-evidenza;
(k) dikjarazzjoni mill-obbligatur li l-obbligu taħt it-titolu li jista' jkun infurzat ma ġiex rilaxxat volontarjament; jekk parti mill-obbligu ma ġietx rilaxxata, din il-parti għandha tiġi ddikjarata fil-jum meta jiġi ppreżentat ir-rikors għall-eżekuzzjoni;
(l) id-data tal-preżentata tar-rikors.

Dawn li ġejjin għandhom jiġu mehmuża mar-rikors għall-eżekuzzjoni:

(a) kopja doppja tat-titolu li jista' jkun infurzat u konferma tal-eżegwibilità tiegħu, jekk meħtieġ; kull ordni ta' ħlas maħruġa fil-proċedimenti tal-pretensjoni jridu jkunu mehmuża;
(b) dokument li jistabbilixxi s-suċċessjoni legali; jekk is-suċċessjoni legali hija stabbilita bil-liġi jew bir-Reġistru Kummerċjali (*Obchodný register*) huwa biżżejjed li ssir referenza għalihom;
(c) dokument li minnu huwa evidenti li ġiet sodisfatta kundizzjoni jew obbligu reċiproku, jekk dan huwa meħtieġ mit-titolu li jista' jkun infurzat;
(d) kuntratt tal-konsumatur u d-dokumenti kuntrattwali l-oħrajn kollha relatati mal-kuntratt konkluż minn konsumatur, inklużi d-dokumenti li l-kuntratt konkluż minn konsumatur jirreferi għalihom, jekk dan jikkonċerna l-eżekuzzjoni fuq il-bażi ta' titolu li jista' jkun infurzat li jagħti pretensjoni minn kuntratt konkluż minn konsumatur; dan ma japplikax jekk it-titolu li jista' jkun infurzat huwa ordni ta' ħlas maħruġa fi proċedimenti ta' pretensjoni.
Jekk isir rikors għall-eżekuzzjoni fuq il-bażi ta' titolu li jista' jkun infurzat minn pajjiż ieħor, l-obbligatur għandu jehmeż ukoll dokumenti b'konformità mat-tip ta' titolu li jista' jkun infurzat (it-Taqsima 48(5) tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni).
Meta tirċievi rikors għall-eżekuzzjoni, il-qorti teżaminah u, jekk jissodisfa r-rekwiżiti statutorji, toħroġ awtorizzazzjoni u tagħtiha lil aġent tal-eżekuzzjoni li jagħmel l-arranġamenti għall-eżekuzzjoni.

**Il-proċedura kont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża**

Il-partijiet fil-proċedimenti dwar l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni huma l-minuri, u l-obbligatur u l-obbligant taħt it-titolu li jista' jkun infurzat. Jekk l-obbligant ma jikkonformax b'mod volontarju mat-titolu li jista' jkun infurzat, l-obbligatur jista' jippreżenta rikors għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni; madankollu, skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża, il-qorti tista' tibda proċedimenti minn jeddha. Id-deċiżjoni tista' tiġi infurzata biss meta tinħareġ ordni dwar l-eżekuzzjoni tagħha, u l-eżekuzzjoni tista' tipproċedi mingħajr ma l-ordni tingħata lill-partijiet. Fl-infurzar tad-deċiżjoni, il-qorti tneħħi l-minuri mill-persuna li l-minuri mhux suppost ikun magħha skont id-deċiżjoni, u tagħmel arranġamenti biex il-minuri jingħata lill-persuna li d-deċiżjoni tkun fdata bil-minuri, jew il-persuna li lilha d-deċiżjoni tagħti dritt li jkollha kuntatt mal-minuri għal perjodu ta' żmien limitat, jew persuna awtorizzata biex tirċievi minuri li tneħħa jew inżamm inġustament.

**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

**Il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni**

Il-kundizzjonijiet għall-proċedimenti tal-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni huma l-eżistenza ta' titolu li jista' jkun infurzat, il-preżentata ta' rikors għall-eżekuzzjoni, u l-ħlas ta' tariffa tal-qorti (EUR 16,50). It-tariffa tal-qorti hija dovuta mal-preżentata tar-rikors, u din tista' titħallas biss bi trasferiment postali jew bi trasferiment bankarju. Id-data tal-kont għall-ħlas ta' din it-tariffa tiġi kkomunikata b'mod awtomatiku. Il-qorti ma tordnax il-ħlas tat-tariffa; jekk din ma titħallasx fi żmien 15-il ġurnata wara l-preżentata tar-rikors, ir-rikors jiġi injorat; dan ma japplikax jekk l-obbligatur huwa eżentat mit-tariffi tal-qorti, u l-qorti tinforma lill-obbligatur b'dan il-fatt.
Wara li l-eżekuzzjoni ta' dritt ta' twettiq, minbarra l-ħlas ta' somma ta' flus, tkun bdiet, l-aġent tal-eżekuzzjoni tal-obbligatur jista' jitlob ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-proċedimenti; dan ma japplikax jekk l-obbligatur huwa eżentat mit-tariffi tal-qorti. Jekk l-obbligatur ma jħallasx dan il-ħlas bil-quddiem mat-talba tal-aġent tal-eżekuzzjoni fil-limitu taż-żmien speċifikat mill-aġent, li ma jistax ikun inqas minn 15-il ġurnata, l-aġent tal-eżekuzzjoni se joħroġ notifika tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni.
Skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni, titolu li jista' jkun infurzat huwa deċiżjoni tal-qorti li tista' tkun infurzata jekk din tagħti dritt, tistabbilixxi obbligu jew taffettwa l-assi. Titolu li jista' jkun infurzat jista' jkun ukoll:
(a) deċiżjoni minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni Ewropea;
(b) titolu li jista' jkun infurzat minn pajjiż ieħor li jista' jiġi infurzat fis-Slovakkja;
(c) att notarili li fih obbligu legali u li jispeċifika l-obbligatur u l-obbligant, ir-raġunijiet legali, is-suġġett u ż-żmien tat-twettiq, jekk l-obbligant fl-att notarili jkun ta l-kunsens għall-eżegwibilità;
(d) deċiżjoni li tista' tiġi infurzata maħruġa fi proċedimenti ta' arbitraġġ, inkluża l-konċiljazzjoni approvata fihom;
(e) deċiżjoni dwar wirt;
(f) deċiżjoni li tista' tiġi infurzata minn amministrazzjoni pubblika jew korp tal-gvern awtononu reġjonali, inkluż avviż għal penali li ma tħallsitx fuq il-post;
(g) valutazzjoni tal-ħlas, dikjarazzjoni tal-arretrati għat-taxxi u t-tariffi, u konċiljazzjoni approvata mill-korp xieraq;
(h) deċiżjoni li tista' tiġi infurzata u dikjarazzjoni tal-arretrati għas-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni soċjali, l-iskema tal-pensjoni tax-xjuħija u l-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika;
(i) deċiżjoni oħra li tista' tiġi infurzata, dikjarazzjoni tal-arretrati jew konċiljazzjoni approvata li hija eżegwibbli bil-liġi;
(j) dokument maħruġ skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fi Stat Membru ieħor tal-UE, jekk dan jikkonċerna l-irkupru ta' riċevibbli kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni rilevanti;
(k) notifika tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u talba għall-ħlas tal-ispejjeż tal-eżekuzzjoni;
(l) titolu li jista' jkun infurzat speċifikat fil-leġiżlazzjoni rilevanti.

**Il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża**

L-unika kundizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni huwa t-titolu li jista' jkun infurzat stess, għaliex il-qorti tista' tibda proċedimenti minn jeddha; il-qorti tista' tordna l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni minn jeddha, u l-proċedura għall-infurzar ta' miżura urġenti dejjem tiġi ordnata mill-qorti stess. L-obbligatur ma jħallas ebda tariffa tal-qorti għar-rikors, għaliex dawn il-proċedimenti huma eżenti mit-tariffi tal-qorti.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

**Assi soġġetti għall-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni**

Jekk il-bażi għall-eżekuzzjoni hija titolu li jista' jkun infurzat li jistabbilixxi obbligu li titħallas somma ta' flus, l-eżekuzzjoni tista' titwettaq permezz ta':
(a) ordni ta' sekwestru tal-qligħ;
(b) ordni għal ħlas;
(c) bejgħ ta' proprjetà mobbli;
(d) bejgħ ta' titoli;
(e) bejgħ ta' proprjetà immobbli;
(f) bejgħ ta' impriża;
(g) ordni biex tiġi sospiża liċenzja tas-sewqan.
Jekk dan jikkonċerna l-eżekuzzjoni biex tiġi rkuprata riċevibbli li, mingħajr l-inċidentali, fil-jum meta jiġi nnotifikat ir-rikors għall-eżekuzzjoni ma tkunx ogħla minn EUR 2 000 ("eżekuzzjoni b'valur baxx"), l-eżekuzzjoni ma tistax titwettaq bil-bejgħ tal-proprjetà immobbli li fiha l-obbligant għandu r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu; dan huwa mingħajr ħsara għad-dritt li jitpoġġa rahan fuq il-proprjetà immobbli. L-eżekuzzjoni għall-irkupru ta' riċevibbli għall-manteniment mhijiex meqjusa bħala eżekuzzjoni b'valur baxx.

L-eżekuzzjoni permezz tal-bejgħ tal-proprjetà immobbli li fiha l-obbligant għandu residenza permanenti jew temporanja tista' titwettaq biss bl-approvazzjoni tal-qorti jekk hemm diversi proċedimenti ta' eżekuzzjoni kontra l-obbligant għall-irkupru ta' riċevibbli li bħala total jaqbżu l-EUR 2 000 u l-aġent tal-eżekuzzjoni jista' juri li r-riċevibbli ma tistax tiġi rkuprata fi kwalunkwe mod ieħor. Ir-rikors għall-approvazzjoni tal-bejgħ tal-proprjetà immobbli msemmija fis-sentenza preċedenti jista' jiġi ppreżentat mill-aġent tal-eżekuzzjoni li jkun poġġa rahan fuq il-proprjetà immobbli minn tal-ewwel, kif ukoll bil-kunsens bil-miktub ta' dan l-aġent, minn aġent tal-eżekuzzjoni li r-rahan tiegħu tpoġġa f'data suċċessiva.
Jekk il-bażi għall-eżekuzzjoni huwa titolu li jista' jkun infurzat li jimponi obbligu, minbarra l-ħlas ta' somma tal-flus, il-metodu tal-eżekuzzjoni huwa kkontrollat min-natura tal-obbligu. Din tista' titwettaq permezz ta':
(a) ħruġ għal kollox mill-proprjetà;
(b) konfiska jew qerda ta' oġġetti bi spejjeż għall-obbligant;
(c) diviżjoni ta' oġġett kondiviż;
(d) twettiq ta' xogħol u servizzi.
Il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni ma jistgħux jaffettwaw l-assi jew id-drittijiet li skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni jew leġiżlazzjoni speċifika mhumiex soġġetti għal eżekuzzjoni, jew huma esklużi mill-eżekuzzjoni, jew mhumiex ammissibbli għall-eżekuzzjoni. L-eżekuzzjoni għalhekk tista' titwettaq biss fuq rahan jekk l-obbligatur huwa l-kreditur tar-rahan, jew jekk il-kreditur tar-rahan jagħti l-kunsens għall-eżekuzzjoni. L-eżekuzzjoni tista' titwettaq biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pretensjoni elenkata fl-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni; dan ma japplikax jekk l-eżekuzzjoni titwettaq permezz tal-bejgħ ta' proprjetà mobbli li ma tkunx tista' tiġi kondiviża, jew permezz tal-bejgħ ta' proprjetà immobbli meta l-obbligant ma jkollux biżżejjed assi alternattivi li bihom jista' jissodisfa l-pretensjoni.
Dawn li ġejjin mhumiex soġġetti għal eżekuzzjoni:
(a) proprjetà immobbli tal-istat u taħt l-amministrazzjoni ta' amministratur skont leġiżlazzjoni speċifika, minbarra proprjetà immobbli taħt amministrazzjoni temporanja skont leġiżlazzjoni speċifika;
(b) dħul tal-baġit tal-istat, flus fuq il-kont kurrenti ta' organizzazzjoni ffinanzjata mill-istat u riċevibbli mir-relazzjonijiet legali li jistabbilixxu t-tali dħul;
(c) titoli tal-istat, u l-ekwità tal-istat f'persuni ġuridiċi;
(d) flus maħsuba biex ikopru d-defiċit tal-baġit tal-istat u d-dejn nazzjonali;
(e) assi oħra tal-istat, kif ipprovdut minn leġiżlazzjoni speċifika;
Assi oħra tal-istat u l-assi tal-Bank tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni tar-Repubblika Slovakka (*Exportnoimportná banka Slovenskej republiky*) mhumiex soġġetti għal eżekuzzjoni jekk dawn ikunu ġew esklużi mill-eżekuzzjoni minħabba li huma essenzjali għat-twettiq tax-xogħol tal-istat, jew għal skop ta' benefiċċju pubbliku, jew li l-assi tal-Bank tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni huma essenzjali għall-ħidma tiegħu. F'każijiet bħal dawn jista' jiġi ppreżentat rikors biex jiġu esklużi xi oġġetti mill-eżekuzzjoni fi żmien 60 jum mill-għoti tan-notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni. Il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni fuq assi tal-istat bħal dawn jistgħu jitwettqu biss fuq assi tal-istat taħt l-amministrazzjoni ta' amministratur tal-assi tal-istat, li mill-attività tiegħu ġiet stabbilita l-pretensjoni tal-obbligatur.

**L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża**

Il-qorti tneħħi lill-minuri mill-persuna li l-minuri mhux suppost qiegħed magħha skont id-deċiżjoni, u tagħmel arranġamenti biex il-minuri jingħata lill-persuna li lilha d-deċiżjoni tafda l-minuri, jew il-persuna li lilha d-deċiżjoni tagħti dritt li jkollha kuntatt mal-minuri għal perjodu ta' żmien limitat, jew persuna awtorizzata biex tirċievi minuri li jkun tneħħa jew inżamm inġustament. L-imħallef jista' jawtorizza lil uffiċjal ġudizzjarju biex jagħmel arranġamenti għat-tneħħija tal-minuri. Meta jeżegwixxi d-deċiżjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju awtorizzat, għandu skont il-liġi, l-istess awtorità bħall-imħallef.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

Meta tinbeda l-eżekuzzjoni, l-aġent tal-eżekuzzjoni jinnotifika lill-obbligant u lill-obbligatur bil-bidu tagħha u kif din se titwettaq, jekk dan jista' jiġi stabbilit (qabel il-ħruġ ta' ordni ta' eżekuzzjoni), u jitlob lill-obbligant jissodisfa l-pretensjoni. In-notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni tinkludi l-ispejjeż fil-każ li l-obbligu jiġi ssodisfat fi żmien 15-il ġurnata wara li tingħata din in-notifika, kif ukoll l-ispejjeż wara li jiskorru l-15-il ġurnata wara li tingħata n-notifika jekk l-obbligant ma jkunx issodisfa l-obbligu f'dan il-limitu taż-żmien.

**L-effetti tan-notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni**

**Atti legali ta' rutina**

Wara li tingħata notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni, l-obbligant għandu jillimita ruħu għall-atti legali regolari fl-ambitu li fih dawn jistgħu jkunu raġonevolment rikjesti minnu minħabba l-ammont u s-sinifikat tal-pretensjoni. Għal persuna ġuridika jew kummerċjant waħdieni, l-atti legali ta' rutina huma atti legali li huma essenzjali għat-twettiq tal-attivitajiet li huma s-suġġett tal-ħidma jew tan-negozju tiegħu. Għal persuni fiżiċi oħra, l-atti legali regolari huma atti legali li huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ordinarji tagħhom jiġu ssodisfati, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' dawk li l-persuna fiżika hija obbligata tħallas il-manteniment tagħhom.
B'mod partikolari, dawn li ġejjin mhumiex meqjusin bħala atti legali regolari:
(a) l-istabbiliment ta' negozju, kooperattiva jew entità ġuridika oħra;
(b) l-akkwist jew it-trasferiment ta' ekwità f'negozju, kooperattiva jew entità ġuridika oħra;
(c) it-trasferiment jew il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli, jew l-ipoteka tagħha bi dritt ta' parti terza;
(d) it-twettiq ta' att legali mingħajr remunerazzjoni adegwata.

**Id-disponiment tal-assi soġġetti għall-eżekuzzjoni**

Wara l-għoti tan-notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni, mhuwiex possibbli li jsir disponiment tal-assi soġġetti għall-eżekuzzjoni mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-aġent tal-eżekuzzjoni, bl-eċċezzjoni ta' atti legali regolari. Id-disponiment tal-assi li jmur kontra din il-projbizzjoni ma jaffettwax il-validità ta' att legali, iżda t-tali att legali huwa mingħajr effett għall-obbligatur, u l-pretensjoni tal-obbligatur tista' tiġi ssodisfata fl-eżekuzzjoni minn dak li jkun intilef, u mingħajr il-ħtieġa li jiġi kkontestat l-att legali jekk dan jikkonċerna d-disponiment tal-assi għall-benefiċċju tal-persuni elenkati fit-Taqsima 42a(3) u (4) tal-Kodiċi Ċivili (*Občiansky zákonník*) li kienu jafu bil-proċedimenti tal-eżekuzzjoni jew li kieku kienu jkunu jafu kieku ħadu d-diliġenza dovuta kollha.

**Tpaċija tal-pretensjonijiet**

Wara li tkun inbdiet l-eżekuzzjoni, it-tpaċija unilaterali tal-pretensjoni tal-obbligant kontra l-obbligatur tiġi injorata, sakemm din ma tkunx permessa minn titolu li jista' jkun infurzat li fuq il-bażi tiegħu l-obbligant jista' jwettaq l-eżekuzzjoni.

**L-effetti tas-sodisfazzjon ta' pretensjoni**

Wara li tingħata n-notifika tal-bidu tal-proċedimenti tal-eżekuzzjoni, l-effetti tas-sodisfazzjon tal-pretensjoni jirriżultaw biss jekk l-aġent tal-eżekuzzjoni jirċievi l-ħlas tal-ammont dovut. Jekk isir il-ħlas għall-pretensjoni qabel ma tingħata n-notifika tal-bidu tal-proċedimenti tal-eżekuzzjoni, l-obbligatur għandu jinforma lill-aġent tal-eżekuzzjoni bit-tali ħlas mingħajr dewmien żejjed.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Il-validità ta' dawn il-miżuri mhijiex soġġetta għal kwalunkwe limitu taż-żmien.

**5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

**Sospensjoni tal-eżekuzzjoni u waqfien tal-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni**

L-obbligant jista' jissospendi l-eżekuzzjoni billi jitlob lill-aġent tal-eżekuzzjoni għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni (l-aġent imbagħad joħroġ notifika tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni), b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin min-naħa tal-obbligant:

(a) ġiet ippreżentata azzjoni speċjali (*vylučovacia žaloba*), jew qed jitwettqu proċedimenti biex tiġi determinata s-sjieda, jekk dan jikkonċerna l-assi soġġetti għall-eżekuzzjoni;

(b) l-obbligant, li huwa persuna fiżika, ikun għamel rikors għal ħlas parzjali, u dan ikun ittieħed kont tiegħu;

(c) l-obbligant, li huwa persuna fiżika, għamel rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u ddikjara li mingħajr ebda tort tiegħu, jinsab temporanjament f' sitwazzjoni fejn l-eżekuzzjoni immedjata jista' jkollha konsegwenzi serji ħafna għalih jew għall-membri tal-familja tiegħu;

(d) fl-eżekuzzjoni għall-irkupru tal-manteniment, l-obbligant ħallas il-manteniment dovut, inklużi l-ispejjeż tal-obbligatur u tal-aġent tal-eżekuzzjoni, ikun għamel rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u ddikjara li se jkompli b'mod volontarju jħallas il-manteniment regolari permezz tal-aġent tal-eżekuzzjoni;

(e) l-obbligant, li ppreżenta rikors għall-waqfien tal-eżekuzzjoni, ħallas garanzija ugwali għall-valur tal-pretensjoni lil kont speċjali li l-aġent tal-eżekuzzjoni fetaħ għal dan il-għan.

L-obbligant jista' jitlob ukoll lill-qorti għal waqfien tal-eżekuzzjoni, għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) iċ-ċirkostanzi sa mill-bidu tat-titolu li jista' jkun infurzat irriżultaw fl-estinzjoni tal-pretensjoni;

(b) it-titolu li jista' jkun infurzat ġie revokat;

c) skont leġiżlazzjoni speċifika hemm raġunijiet li għalihom ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' titolu li jista' jkun infurzat hija inammissibbli, sakemm it-titolu ma setax jiġi applikat aktar kmieni fil-proċedimenti;

(d) hemm fatturi oħrajn li qed jostakolaw l-eżekuzzjoni tat-titolu li jista' jkun infurzat.

L-obbligant jista' jippreżenta rikors li jkollu effett sospensiv mal-aġent tal-eżekuzzjoni biss fi żmien 15-il ġurnata wara li tingħata n-notifika tal-bidu tal-eżekuzzjoni. Fir-rikorsi għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni ppreżentati sussegwentement (li ma għandhomx effett sospensiv), l-obbligant jista' jinvoka biss fatturi li jkunu qamu sa minn meta jkun skada dak il-perjodu. F'rikorsi sussegwenti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, l-obbligant jista' jinvoka biss fatturi li jkunu rriżultaw sa minn meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors preċedenti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni. Il-limitazzjonijiet imsemmija fl-ewwel żewġ sentenzi ma japplikawx jekk hemm ukoll fatturi li l-obbligant, bl-ebda tort tiegħu, ma seta' japplika qabel. Jekk l-obbligatur jagħti l-kunsens tiegħu biex titwaqqaf l-eżekuzzjoni, l-aġent tal-eżekuzzjoni joħroġ notifika tal-waqfien tal-eżekuzzjoni, li tingħata lill-partijiet għall-proċedimenti u l-qorti; inkella fi żmien ħamest ijiem xogħol wara d-data tal-iskadenza għal rispons, l-aġent tal-eżekuzzjoni tal-obbligatur jippreżenta rikors għall-waqfien tal-eżekuzzjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-aġent u kwalunkwe dikjarazzjoni mill-obbligatur, lill-qorti li tiddeċiedi dwar ir-rikors.

Fil-prinċipju, l-ebda "appell" ma jista' jiġi ppreżentat kontra deċiżjonijiet sussegwenti mill-aġent tal-infurzar u l-qorti fil-proċedimenti tal-eżekuzzjoni, minbarra għall-eżenzjonijiet legali skont il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni.

**L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża**

Appell huwa ammissibbli kontra ordni għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni, u kontra ordni li jiċħad rikors għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni. Appell kontra ordni għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jista' jkun biss għar-raġunijiet li t-titolu li jista' jkun infurzat ma jistax jiġi invokat, jew li ċ-ċirkostanzi li qamu sa mill-bidu tat-titolu li jista' jkun infurzat irriżultaw fl-estinzjoni tal-obbligu. Appell kontra ordni għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mhuwiex ostakolu għall-qorti tal-prim'istanza li tinforza d-deċiżjoni.

Il-Qorti tista' tipposponi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni fuq inizjattiva proprja jekk il-ħajja, is-saħħa jew l-iżvilupp tal-minuri jitpoġġew f'periklu serju mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni. Bħala rispons għal rikors, il-qorti tista' tipposponi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni minn pajjiż ieħor jekk din tiġi kkontestata fil-pajjiż emittenti, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-appell. Il-Qorti se tipposponi wkoll l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jekk din hija meħtieġa minn leġiżlazzjoni speċifika.

Il-Qorti se twaqqaf ukoll il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni fuq inizjattiva proprja jekk:

(a) it-titolu li jista' jkun infurzat ikun għadu ma ġiex infurzat;

(b) it-titolu li jista' jkun infurzat ikun ġie revokat minn meta ġiet ordnata l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni; jekk it-titolu li jista' jkun infurzat ikun ġie emendat, il-qorti tista' tkompli tinforza d-deċiżjoni skont it-titolu li jista' jkun infurzat emendat;

(c) il-qorti tkun iddikjarat l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni bħala inammissibbli minħabba li jkun hemm raġuni oħra għaliex id-deċiżjoni ma tistax tiġi infurzata;

(d) iċ-ċirkostanzi li rriżultaw sa mill-bidu tat-titolu li jista' jkun infurzat irriżultaw fl-estinzjoni tal-obbligu;

(e) l-obbligu ġie rilaxxat;

(f) id-deċiżjoni ġiet infurzata.

**6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?**

Ara l-punti 4 u 5. L-aġent tal-eżekuzzjoni huwa responsabbli biex jiddeċiedi dwar metodu ta' eżekuzzjoni li huwa xieraq għall-obbligu infurzat, u fejn il-valur tal-assi tal-obbligant jikkorrispondi għall-valur tal-obbligu. L-eżekuzzjoni tista' titwettaq biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pretensjoni elenkata fl-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni; dan ma japplikax jekk l-eżekuzzjoni titwettaq permezz tal-bejgħ ta' proprjetà mobbli li ma tkunx tista' tiġi kondiviża, jew permezz tal-bejgħ ta' proprjetà immobbli meta l-obbligant ma jkollux biżżejjed assi alternattivi li bihom jista' jissodisfa l-pretensjoni.

Il-Qorti tista' tiċħad ukoll rikors għall-eżekuzzjoni jekk:

(a) ir-rikors jew it-titolu li jista' jkun infurzat jikser il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni;

(b) hemm raġunijiet li minħabba fihom l-eżekuzzjoni trid titwaqqaf;

(c) l-obbligatur jew l-obbligant mhuwiex is-suċċessur legali għall-persuna elenkata fit-titolu li jista' jkun infurzat;

(d) l-eżekuzzjoni hija proposta fuq il-bażi ta' titolu li jista' jkun infurzat maħruġ fi proċedimenti li fihom kien hemm pretensjoni minn kambjala jew ċedola u jidher li l-pretensjoni rriżultat b'konnessjoni ma' kuntratt konkluż minn konsumatur fejn ma ngħatatx kunsiderazzjoni għal kundizzjonijiet kuntrattwali inaċċettabbli, jew għal restrizzjoni fuq jew l-inammissibiltà tal-użu ta' kambjala jew ċedola, jew għall-fatt li l-kuntratt kiser il-prinċipji aċċettati tal-moralità, u dan jaffettwa l-pretensjoni;

(e) it-titolu li jista' jkun infurzat ikun inħareġ fi proċedimenti li fihom ma kienx possibbli li tiġi kkontestata jew riveduta kwalunkwe kundizzjoni kuntrattwali mhux aċċettabbli, u l-eżistenza ta' kundizzjoni mhux aċċettabbli għandha influwenza fuq il-pretensjoni infurzata li rriżultat b'konnessjoni ma' kuntratt konkluż minn konsumatur;

(f) l-eżekuzzjoni trid titmexxa fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa f'tilwim ta' konsumatur, u:

1. il-ftehim tal-arbitraġġ tal-konsumatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti f'leġiżlazzjoni speċifika;
2. id-deċiżjoni tal-arbitraġġ fit-tilwim tal-konsumatur ma nħarġitx minn arbitru li fiż-żmien tal-proċedimenti tal-arbitraġġ kien irreġistrat fil-lista tal-arbitri awtorizzati biex jiddeċiedu dwar it-tilwimiet tal-konsumaturi;
3. id-deċiżjoni tal-arbitraġġ fit-tilwim tal-konsumatur ma nħarġitx minn qorti tal-arbitraġġ stabbilita li fiż-żmien tal-proċedimenti tal-arbitraġġ kienet liċenzjata biex tiddeċiedi dwar tilwimiet tal-konsumaturi;
4. id-deċiżjoni tal-arbitraġġ ma tissodisfax id-dettalji stabbiliti f'leġiżlazzjoni speċifika, jew mhijiex eżegwibbli;

(g) ir-rikors jinkludi pretensjoni għal inċidentali rikorrenti u ġiet ippreżentata iżjed minn tliet snin qabel ma t-titolu li jista'jkun infurzat sar eżegwibbli u mingħajr ma l-obbligant ikun intalab iħallas id-dejn fl-aħħar tliet xhur qabel il-preżentata tar-rikors għall-eżekuzzjoni, jew mingħajr ma jkun ġie konkluż ftehim mal-obbligant fuq il-ħlas gradwali tar-riċevibbli mogħtija mit-titolu li jista' jkun infurzat matul it-tliet snin sa minn meta t-titolu li jista' jkun infurzat ikun sar eżegwibbli;
(h) l-eżekuzzjoni hija proposta fuq il-bażi ta' titolu li jista' jkun infurzat li huwa att notarili li ma jissodisfax ir-rekwiżiti statutorji, jew l-obbligu li hemm fih jikser il-liġi jew il-prinċipji ta' moralità aċċettati.
Matul l-eżekuzzjoni, il-qorti hija intitolata titlob lill-aġent tal-eżekuzzjoni jagħti spjegazzjonijiet jew rapporti dwar il-progress ta' kull każ ta' eżekuzzjoni assenjat lill-aġent, u l-aġent huwa obbligat li jipprovdi dawn lill-qorti fil-limitu ta' żmien stipulat. Il-qorti tista' tissostitwixxi wkoll l-aġent fuq inizjattiva proprja jekk l-aġent iwettaq ksur ripetut jew gravi ta' obbligu stabbilit fil-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni jew fid-deċiżjoni tal-qorti. Qabel ma tiddeċiedi li tissostitwixxi l-aġent, il-qorti tista' tikkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-partijiet fil-proċedimenti u l-aġent tal-eżekuzzjoni.
Meta l-eżekuzzjoni titwettaq fuq ordni ta' sekwestru tal-qligħ, ma jistax jitnaqqas ammont bażiku mill-paga ta' kull xahar jew dħul ieħor tal-obbligant; il-Gvern jiddefinixxi l-metodi għall-kalkolu ta' dan l-ammont bażiku f'regolament. Jekk din tikkonċerna l-manteniment għal minuri, l-ammont bażiku li ma jistax jitnaqqas mill-paga ta' kull xahar tal-obbligant huwa 70 % tal-ammont bażiku kif imsemmi fl-ewwel sentenza. Jekk din tikkonċerna persuna li taħdem barra mill-pajjiż u li l-paga jew is-salarju tagħha huwa kkalkulat għal dan l-iskop bl-użu ta' koeffiċjent tas-salarju jew metodu analogu, il-metodu għall-kalkolu tal-ammont bażiku huwa mfassal bl-istess mod u bl-istess proporzjon bħal din il-paga jew salarju.
Il-fondi f'kont tal-bank sa EUR 165 u l-fondi li l-obbligant jiddikjara espliċitament li huma maħsubin biex iħallsu l-pagi tal-impjegati tiegħu, mhumiex soġġetti għal eżekuzzjoni permezz ta' ordni ta' ħlas mill-kont tal-bank. Jekk l-obbligant għandu diversi kontijiet, fondi sa EUR 165 f'kont tal-bank wieħed biss mhumiex soġġetti għall-eżekuzzjoni.
Mill-oġġetti fis-sjieda tal-obbligant, l-eżekuzzjoni ma tistax tapplika għal dawk li l-obbligant jeħtieġ biex jissodisfa l-ħtiġijiet materjali tiegħu stess u tal-familja tiegħu, jew għax-xogħol jew l-intrapriża tiegħu, u lanqas ma tista' tapplika għall-oġġetti li l-bejgħ tagħhom jikser il-prinċipji ta' moralità aċċettati.
Il-prodotti li ġejjin huma esklużi mill-proċedimenti tal-eżekuzzjoni:
(a) oġġetti ordinarji ta' lbies, ħwejjeġ ta' taħt u xedd tas-saqajn;
(b) tagħmir tad-dar essenzjali, jiġifieri s-sodod tal-obbligant u l-membri tal-familja tiegħu, mejda, siġġijiet skont kemm hemm membri tal-familja, friġġ, kuker, hotplate, ħijter, karburant, magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ, kwilts u bjankerija tas-sodda, għodda normali tal-kċina, radju;
(c) annimali domestiċi, minbarra dawk li jservu għall-intrapriża;
(d) oġġetti li jappartjenu għall-obbligant li jservu għax-xogħol jew l-intrapriża tiegħu, sal-ammont ta' EUR 331,94;
(e) provvisti tal-mediċini u oġġetti oħra li l-obbligant jeħtieġ minħabba mard jew diżabilità fiżika;
(f) oġġetti li għalihom ġew ipprovduti benefiċċji għal ħtiġijiet materjali u benefiċċji skont leġiżlazzjoni speċifika; kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti skont leġiżlazzjoni speċifika bħala kumpens għal diżabilità serja, u miżuri protettivi għat-tifel / tifla ta' natura finanzjarja pprovduti skont leġiżlazzjoni speċifika;
(g) vettura bil-mutur li l-obbligant, li huwa persuna fiżika, għandu bżonn għat-trasport privat u biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' persuna fiżika b'diżabilità serja u l-ħtiġijiet tal-familja tiegħu jew tal-membri tad-dar tiegħu;
(h) ċrieket tal-għerusija u tat-tieġ;
(i) flus kontanti sa EUR 165;
(j) kotba tal-iskola u ġugarelli.
Esklużi wkoll mill-proċedimenti tal-eżekuzzjoni huma oġġetti li jappartjenu għal kummerċjant waħdieni li jaħdem l-art jekk it-telf tagħhom jipperikola l-ħdim tal-art agrikola jew l-operat kontinwu tal-produzzjoni tal-pjanti u tal-annimali skont leġiżlazzjoni speċifika, u annimali għat-tnissil, jiġifieri, baqar tal-ħalib, erħiet, barrin tar-razza, ħnieżer tar-razza, ċingjali tar-razza, nagħaġ u mtaten tar-razza.
Jiġu esklużi mill-proċedimenti tal-eżekuzzjoni ż-żamma tal-assi ta' min qed ifaddal f'fond tal-pensjoni, u ż-żamma tal-assi tal-parteċipant f'fond tal-pensjoni supplimentari, li jikkorrispondu għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsin mill-impjegatur għal dan il-parteċipant u d-dħul mill-investimenti tagħhom.
Fis-seħħ b'effett mill-**1 ta' April 2017**
L-aħħar aġġornament: 18/02/2019
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza - Svezja

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (*utsökningsbalken*)**
L-eżekuzzjoni hija meta awtorità eżekuttiva timponi konformità ma' obbligu li ġie deċiż minn qorti jew korp ieħor. L-eżekuzzjoni ġeneralment hija marbuta ma' obbligu ta' ħlas jew biex persuna titlaq 'l barra minn dar. Tip ieħor ta' eżekuzzjoni huwa marbut mas-sekwestru jew ma' miżuri ta' sigurtà oħra.
L-eżekuzzjoni li hija marbuta ma' obbligu ta' ħlas hija implimentata permezz ta' ordni ta' sekwestru. L-ordni ta' sekwestru tippermetti l-ħtif ta' beni li jkunu jappartjenu lid-debitur. Jekk l-obbligu jirrikjedi li persuna tiċċaqlaq, pereżempju titlaq minn dar, l-eżekuzzjoni sseħħ permezz ta' żgumbrament. Inkella, l-eżekuzzjoni ġeneralment tieħu l-forma li tagħtiha l-awtorità eżekuttiva li tordna lill-persuna, li fil-konfront tagħha ntalbet eżekuzzjoni, biex taġixxi jew biex tikkonforma mal-inibizzjoni jew ma' xi sentenza oħra. L-awtorità eżekuttiva tista' timponi multa.
**Il-każijiet ta' eżekuzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri (*föräldrabalken*)**
L-eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri hija marbuta ma' miżuri sabiex fil-prattika titwettaq azzjoni permezz ta' deċiżjoni jew ta' ftehim fuq il-kustodja, ir-residenza, il-kuntatt mat-tfal jew il-konsenja tagħhom. Il-qorti li tiddeċiedi l-eżekuzzjoni tista' timponi multa jew tordna biex il-pulizija jiġbru lill-persuna. L-istess regoli ta' eżekuzzjoni japplikaw meta deċiżjonijiet barranin jiġu eżegwiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 (ir-Regolament Brussell II), jekk l-eżekuzzjoni tirrigwarda lill-persuna tal-wild. Madankollu, jekk l-eżekuzzjoni tirrigwarda l-beni jew l-ispejjeż legali tal-wild, il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni japplika.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

L-eżekuzzjoni titwettaq mis-Servizz Svediż ta' Eżekuzzjoni (*Kronofogdemyndigheten*). Is-Servizz ta' Eżekuzzjoni għaldaqstant jiddeċiedi dwar pereżempju, ordni ta' sekwestru. Uffiċjal għoli ta' eżekuzzjoni jerfa' r-responsabbiltà legali kollha tar-rikors, filwaqt li l-eżekuzzjoni effettiva tiġi ttrattata minn uffiċjali oħra (amministraturi tal-eżekuzzjoni).

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

#### 3.1 Il-proċedura

**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**
Biex isseħħ eżekuzzjoni, irid ikun hemm sentenza jew titolu eżekuttiv ieħor.
It-titoli eżekuttivi li ġejjin, jistgħu jiffurmaw il-bażi tal-eżekuzzjoni:

sentenza tal-qorti, verdett jew deċiżjoni,
saldu li jiġi kkonfermat mill-qorti, jew ftehim ta' medjazzjoni li ġie ddikjarat eżegwibbli mill-qorti
digriet approvat dwar piena kriminali, inibizzjoni dwar pagament approvata jew ordni approvata sabiex titħallas multa għall-ksur tar-regolamenti,
deċiżjoni arbitrali,
impenn bil-miktub, b'żewġ persuni bħala xhieda, li jirrigwarda pagament ta' manteniment skont il-Kodiċi taż-Żwieġ (*äktenskapsbalken*) u skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri (*föräldrabalken*),
deċiżjoni minn awtorità amministrattiva li għandha tiġi eżegwita skont dispożizzjoni speċifika,
dokument li huwa eżegwibbli skont dispożizzjoni speċifika,
verdett jew deċiżjoni mis-Servizz ta' Eżekuzzjoni rigward ordni ta' ħlas jew assistenza għall-eżekuzzjoni, u ordnijiet ta' ħlas Ewropej li ġew iddikjarati eżegwibbli mis-Servizz ta' Eżekuzzjoni.
Ladarba jinħareġ titolu eżekuttiv, mhix meħtieġa xi deċiżjoni oħra tal-qorti jew ta' awtorità oħra sabiex titnieda l-eżekuzzjoni.
Il-biċċa l-kbira tax-xogħol tas-Servizz ta' Eżekuzzjoni jikkonsisti fil-ġbir ta' informazzjoni dwar l-assi tad-debitur. Id-debitur huwa obbligat jipprovdi d-dettalji tal-assi tiegħu u jikkonferma f'dikjarazzjoni jew meta mistoqsi taħt akkużi kriminali, li l-informazzjoni li ta hija preċiża. L-awtorità tista' tordna lid-debitur biex jipprovdi din l-informazzjoni u fin-nuqqas ta' dan tiġi imposta multa. Il-multa tiġi deċiża mill-qorti distrettwali fuq talba tas-Servizz ta' Eżekuzzjoni.
Ir-rikors għall-eżekuzzjoni jista' jsir bil-fomm jew bil-miktub. Rikors bil-miktub jobbliga lir-rikorrent (il-persuna li qed titlob l-eżekuzzjoni) biex jidher quddiem is-Servizz ta' Eżekuzzjoni. Ir-rikors bil-miktub irid jiġi ffirmat mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu.
L-ispejjeż tal-Istat fil-każijiet ta' eżekuzzjoni (l-ispejjeż ta' amministrazzjoni) huma koperti minn tariffi (it-tariffi ta' eżekuzzjoni). L-ispejjeż ta' amministrazjoni huma ġeneralment mitfugħa fuq il-konvenut (il-kontroparti tar-rikorrent) meta l-eżekuzzjoni titwettaq u meta dan ikun possibbli. Madankollu, ir-rikorrent, fir-rigward tal-ispejjeż, huwa ġeneralment obbligat lejn l-Istat. Tista' ssir eċċezzjoni għar-regola dwar l-obbligu tar-rikorrent, pereżempju għal ħafna mit-talbiet għall-ħlas ta' manteniment.
Ir-regola ġenerali hija li ssir tariffa bażika fuq kull titolu li jista' jkun infurzat, li għalih tintalab eżekuzzjoni. F'każ ta' eżekuzzjoni marbuta ma' pretensjoni skont il-liġi privata, it-tariffa bażika hija ta' SEK 600.
Tariffi oħrajn li jistgħu japplikaw huma t-tariffi ta' tħejjija, it-tariffi ta' bejgħ u t-tariffi speċjali.
**Il-każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri**
L-eżekuzzjoni tista' tkun ibbażata fuq deċiżjoni ta' qorti ordinarja fir-rigward tal-kustodja, tar-residenza, tal-kuntatt jew l-għoti tat-tfal. L-eżekuzzjoni tista' tkun ibbażata wkoll fuq ftehim dwar il-kustodja, ir-residenza jew il-kuntatt, li daħlu għalih il-ġenituri u li ġie approvat mill-bord tas-servizzi soċjali. Deċiżjonijiet barranin jistgħu ukoll jiġu eżegwiti fl-Iżvezja, pereżempju deċiżjoni li hija eżegwibbli skont ir-Regolament Brussell II.
Deċiżjonijiet dwar l-eżegwibbiltà jittieħdu mill-qrati distrettwali. Ir-rikors għall-eżekuzzjoni jsir għand il-qorti distrettwali li tinsab fil-post fejn joqgħod il-wild. Jekk il-wild ma jkunx residenti fl-Iżvezja, ir-rikors irid isir fil-qorti distrettwali ta' Stokkolma (*Stockholms tingsrätt*).
Ir-rikors jista' jiġi ppreżentat minn, pereżempju, ġenitur li se jkollu kuntatt mal-wild jew li l-wild se jmur joqgħod għandu.
Filwaqt li tkun qed titratta l-każ, il-qorti tista' toħroġ istruzzjoni speċjali lil xi ħadd fis-servizzi soċjali, sabiex tipprova tikkonvinċi lill-persuna li tieħu ħsieb il-wild, biex tagħmel b'mod volontarju dak li hemm speċifikat fid-deċiżjoni jew fil-ftehim. Jekk il-kwistjoni tkun urġenti, il-qorti jew il-pulizija jistgħu jiddeċiedu li l-wild għandu jieħu ħsiebu xi ħadd. Il-qorti tista' timponi multa jew tordna li jinġabar mill-pulizija sabiex l-eżekuzzjoni titwettaq.
Ma jsir l-ebda ħlas għar-rikors għall-infurzar skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri. Kull naħa tista' madankollu, tintalab tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra f'dan il-każ. Parti, li minħabba fiha jkunu nħolqu spejjeż sabiex xi ħadd jieħu ħsieb il-wild jew jiġbru, tista' tiġi mġiegħla tħallas dawn l-ispejjeż lill-Istat.
**3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**
**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**
F'xi każijiet, jista' jkun hemm impedimenti għall-infurzar. Dan isseħħ pereżempju jekk it-titolu li jista' jkun infurzat, ikun tant vag, li ma jistax jintuża bħala bażi tal-eżekuzzjoni.
Xenarju ieħor jista' jkun meta l-persuna ordnata li twettaq xi azzjoni permezz ta' sentenza, ma taqdix l-obbligu impost mis-sentenza, pereżempju li tħallas ammont partikolari.
Każ ieħor jista' jkun meta persuna ordnata li twettaq xi azzjoni tagħmel kontrotalba kontra r-rikorrent, jiġifieri titfa' oġġezzjoni ta' tpaċija. It-tpaċija tikkostitwixxi impediment għall-eżekuzzjoni jekk is-servizz ta' eżekuzzjoni jsib li l-kontrotalba tpoġġiet permezz ta' titolu ta' infurzar validu jew hija bbażata fuq iċ-ċertifikat tal-pretensjoni bil-miktub.
Jekk id-debitur jasserixxi li xi kwistjoni oħra bejn il-partijiet tikkostitwixxi impediment għall-eżekuzzjoni u din l-objezzjoni ma tistax tiġi miċħuda, l-eżekuzzjoni ukoll ma tistax isseħħ. Eżempju jista' jkun l-oġġezzjonijiet għal perjodu ta' limitazzjoni.
Jekk titolu li jista' jkun infurzat jiġi rrevokat minn qorti, l-eżekuzzjoni trid titwaqqaf immedjatament.
F'xi każijiet, qorti tista' wkoll tordna li proċedura ta' eżekuzzjoni li tkun għadha għaddejja għandha tiġi rtirata (din hija magħrufa bħala inibizzjoni).
**Il-każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri**
Is-suppożizzjoni hija li dak li huwa stipulat f'deċiżjoni jew fi ftehim huwa fl-aħjar interess tal-wild. Il-qorti ma tistax terġa' teżamina d-deċiżjoni jew il-ftehim bħala parti mir-rieżami ta' eżekuzzjoni, u l-alternattiva prinċipali hija li sseħħ konformità b'mod volontarju. Jekk tkun meħtieġa miżura obbligatorja, l-impożizzjoni ta' multa hija l-opzjoni l-aktar probabbli. Il-ġbir fiżiku jista' jintuża biss bħala l-aħħar għażla.
Jista' xi drabi jkun hemm impedimenti għall-infurzar, bħal meta l-wild ikun marid.
Jekk il-wild jkun leħaq l-età u l-livell ta' maturità meta x-xewqat tiegħu għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, l-eżekuzzjoni ma tistax isseħħ kontra l-volontà tal-wild ħlief meta l-qorti tikkonkludi li din hija fl-aħjar interess tal-wild. Il-qorti għandha tiċħad ukoll l-eżekuzzjoni, jekk ikun ċar li din tmur kontra l-aħjar interess tal-wild.
**4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi**
**4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**
**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**
Sabiex il-beni jinħarġilhom ordni ta' sekwestru, ċerti kundizzjonijiet iridu jintlaħqu. Il-beni jridu
jkunu tad-debitur;
jkunu trasferibbli;
ikollhom xi valur monetarju.
L-ordni ta' sekwestru tista' tintuża sabiex jittieħed kull tip ta' ben. Ir-regoli dwar il-beni benefiċjarji ġeneralment japplikaw biss għall-persuni fiżiċi. Kemm il-beni immobbli kif ukoll dawk mobbli jistgħu jiġu sekwestrati.
Il-beni mobbli ma jfissrux biss l-affarijiet personali (pereżempju l-karozzi, id-dgħajjes u affarijiet oħra), iżda assi (bħal kontijiet il-bank) u drittijiet ta' natura differenti (pereżempju, id-drittijiet għall-użu tal-patrimonu tal-mejjet jew għal partijiet minnu).
Dħul, pensjonijiet eċċ jistgħu ukoll ikunu suġġetti għal sekwestru.

Xi beni ma jistgħux jiġu ssekwestrati. Dan huwa l-każ tal-beni benefiċjarji. Ir-regoli dwar il-beni benefiċjarji ġeneralment japplikaw biss għall-persuni fiżiċi. Il-beni benefiċjarji jirreferu għal pereżempju

Ħwejjeġ u affarijiet oħra għall-użu personali tad-debitur, ta' valur raġonevoli,

għamara, apparat domestiku u tagħmir ieħor meħtieġ għall-funzjonament u għall-manutenzjoni ta' dar,

L-għodda u tagħmir ieħor meħtieġ għall-għajxien tad-debitur, u biex iwettaq taħriġ professjonali,

oġġetti personali bħal medalji u trofej sportivi li tant għandhom valur personali kbir għad-debitur, li ma jkunx ġust li jiġu ssekwestrati.

Il-beni jistgħu ukoll jiġu protetti kontra sekwestru permezz ta' regolamenti speċifiċi. Dan jista' jkun il-każ pereżempju ta' kumpens.

L-ordni ta' sekwestru ta' qligħ tista' tapplika biss fuq l-ammont żejjed minn dak li d-debitur għandu bżonn biex imantni lilu nnifsu u lil familtu.

F'dan ir-rigward, xi pretensjonijiet ikollhom preċedent fuq oħrajn. Pretensjoni marbuta mal-pagamenti ta' manteniment tieħu preċedenza fuq pretensjonijiet oħrajn.

**4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**

Ladarba l-beni jkunu ġew ssekwestrati, id-debitur ma jkollux l-istess kontroll fuqhom bħal qabel. Id-debitur ma jkunx jista' juża l-beni għad-detriment tar-rikorrent permezz ta' trasferiment jew b'xi mod ieħor, ħlief biss meta l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni tkun ippermettiet dan għal raġunijiet speċifiċi wara li tkun ikkonsultat lir-rikorrent.

Kull min jagħmel użu mhux skont il-liġi minn beni ssekwestrati jista' jiffaċċja pieni kriminali.

Deċiżjoni dwar ordni ta' sekwestru tagħti drittijiet prijoritarji fuq il-beni.

F'każ ta' eżekuzzjoni, parti terza trid tiddikjara jekk id-debitur għandux pretensjonijiet magħha jew affarijiet oħra li jistgħu jkunu rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk id-debitur għandux beni sekwestrabbli. Id-dmir tal-iżvelar japplika ukoll għal kull parti terza li għandha fil-pussess tagħha beni tad-debitur permezz ta', pereżempju, rahan jew iddepożitar. Bank huwa obbligat pereżempju li jagħti d-dettalji tal-kontijiet tal-bank tad-debitur, tal-kaxxi tad-depożitu jew ta' beni oħra, li l-bank ikollu l-kustodja tagħhom. Il-qraba u l-ħbieb tad-debitur għandhom id-dmir ukoll li jiżvelaw l-informazzjoni.

L-informazzjoni minn partijiet terzi tista' tintalab bil-fomm jew bil-miktub, u jekk ikun meħtieġ, partijiet terzi jistgħu jiġu interrogati. Jekk ma jikkonformawx ma' din l-obbligazzjoni, tista' tiġi imposta multa fuqhom jew jingħataw priġunerija.

Il-proprjetà ssekwestrata tista' tinbiegħ bla telf ta' żmien mill-Awtorità ta' Eżekuzzjoni. Il-bejgħ forzat ġeneralment isir permezz ta' subbasti pubbliċi, iżda xi drabi jista' jsir privatament.

Flejjes li jaslu f'każijiet ta' eżekuzzjoni jridu jiġu rrappurtati u mogħtija lir-rikorrent malajr kemm jista' jkun.

**4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**

Ma hemmx terminu preskrittiv massimu rigward il-validità ta' deċiżjoni dwar ordni ta' sekwestru. Il-leġiżlazzjoni tqis madankollu, li l-proprjetà ssekwestrata tinbiegħ bla telf ta' żmien. ara 3.2.

Jekk ikun possibbli, l-iżgumbrament għandu jseħħ fi żmien erba' ġimgħat minn meta d-dokumenti meħtieġa jaslu għand l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni.

**Il-każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri**

Deċiżjoni ta' eżekuzzjoni tidħol fis-seħħ immedjatament, jekk ma jiġix iddikjarat mod ieħor. Tapplika sakemm ma jiġix iddeterminat mod ieħor. L-ordni ta' multa tindika li jrid jittieħed rikors f'ċertu żmien, pereżempju l-wild irid jingħata lir-rikorrent. Deċiżjoni ta' eżekuzzjoni rigward il-kuntatt ġeneralment tindika meta l-kuntatt jista' jseħħ, u normalment tapplika għax-xhur suċċessivi.

Deċiżjoni fil-kwistjoni tal-eżekuzzjoni ma twaqqafx milli jiġi eżaminat rikors ġdid.

## 5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

**Każijiet ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni**

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Eżekuzjoni huma ġeneralment suġġetti għall-appell. Appell lill-qorti distrettwali għandu jiġi ppreżentat lill-Awtorità ta' Eżekuzzjoni. Il-persuna li tkun tirrigwardaha d-deċiżjoni tista' tappella kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Eżekuzzjoni jekk din tkun kontriha. Deċiżjoni dwar is-sekwestru fuq qligħ tista' tiġi appellata mingħajr terminu preskrittiv partikolari. Deċiżjoni dwar is-sekwestru ta' assi oħra tista' tiġi appellata fi żmien tliet ġimgħat minn meta tingħata. Partijiet terzi jistgħu jappellaw kontra ordni ta' sekwestru mingħajr terminu preskrittiv partikolari.

Il-qorti distrettwali tista' tiddeċiedi li fil-mument, ma għandu jittieħed l-ebda rikors ta' eżekuzzjoni (din tissejjaħ inibizzjoni) jew, jekk ikun hemm raġunijiet speċifiċi għalih, tista' tiddeċiedi li rikors li diġà ttieħed jista' jitħassar.

**Il-każijiet ta' eżekuzjoni skont il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri**

Id-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni, ta' qorti distrettwali, tista' titressaq quddiem il-qorti tal-appell. L-appelli jridu jiddaħħlu bil-miktub u jiġu ppreżentati lill-qorti distrettwali. It-terminu preskrittiv għall-appelli huwa ta' tliet ġimgħat.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Il-kodiċi ta' eżekuzzjoni għandu dispożizzjonijiet li jillimitaw il-possibilità ta' eżekuzzjoni, pereżempju biex jiġi protett id-debitur. Sa ċertu punt, id-debitur jista' jżomm lill-eżekuzzjoni milli sseħħ, billi joġġezzjona għaliha, pereżempju għax issa ġiet preskritta. L-aktar eżempji komuni ta' restrizzjonijiet fl-eżekuzzjoni huma ta' xi beni u xi assi li jiġu esklużi mill-ordni ta' sekwestru meta jitqiesu l-bżonnijiet tad-debitur. L-ordni ta' sekwestru ta' beni materjali jista' pereżempju jeskludi dak li huwa magħruf bħala "*beneficium*" ("beni mhux sekwestrabbli") bħal appartament li huwa r-residenza permanenti tad-debitur u flus li d-debitur għandu bżonn immedjatament biex iżomm lilu nnifsu. L-ordni ta' sekwestru fuq qligħ teskludi "l-ammont ta' riżerva" sabiex jiġu koperti l-ispejjeż normali tal-għajxien u l-ispejjeż ta' abitazzjoni tad-debitur.

L-aħħar aġġornament: 15/12/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.